SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

8 ta' Settembru 2016*

"Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-prodotti mediċinali ta' kontra d-depressjoni li jinkludu l-ingredjent farmaċewtiku attiv citalopram — Kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni 'minħabba l-għan' — Kompetizzjoni potenzjali — Prodotti mediċinali ġeneriċi — Barrieri għad-dħul fis-suq li jirriżultaw mill-eżistenza ta' privattivi — Ftehimiet konklużi bejn il-proprjetarju ta' privattivi u impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi — Artikolu 101(1) u (3) TFUE — Żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Ċertezza legali — Multi"

Fil-Kawża T-472/13,

H. Lundbeck A/S, stabbilita f'Valby (id-Danimarka),

u

Lundbeck Ltd, stabbilita f'Milton Keynes (ir-Renju Unit),

irrappreżentati minn R. Subiotto, QC, u T. Kuhn, avukat,

rikorrenti,

sostnuti minn

European Federation of Pharmaceutical Industries and Associations (EFPIA), stabbilita f'Genève (l-Isvizzera), irrappreżentata minn F. Carlin, barrister, u M. Healy, solicitor,

intervenjenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentata minn J. Bourke, F. Castilla Contreras, B. Mongin, T. Vecchi u C. Vollrath, sussegwentement minn F. Castilla Contreras, M. Mongin, T. Vecchi, C. Vollrath u T. Christoforou, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2013) 3803 final, tad-19 ta' Ġunju 2013, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39226 – Lundbeck), u talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz ta' din id-deċiżjoni,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn G. Berardis (Relatur), President, O. Czúcz u A. Popescu, Imħallfin

Reġistratur: L. Grzegorczyk, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tas-26 ta' Novembru 2015,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

I – *Kumpanniji inkwistjoni fil-kawża ineżami*

1 H. Lundbeck A/S (iktar 'il quddiem "Lundbeck") hija kumpannija rregolata mid-dritt Daniż li tikkontrolla grupp ta' kumpanniji, fosthom Lundbeck Ltd, stabbilita fir-Renju Unit, speċjalizzat fir-riċerka, fl-iżvilupp, fil-produzzjoni, fil-kummerċjalizzazzjoni, fil-bejgħ u fid-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi għat-trattament ta' patoloġiji li jaffettwaw is-sistema nervuża ċentrali, fosthom id-depressjoni.

2 Lundbeck hija laboratorju ta' oriġini, jiġifieri, impriża li tikkonċentra l-attività tagħha fuq ir-riċerka ta' prodotti mediċinali ġodda u fuq il-kummerċjalizzazzjoni tagħhom.

3 Merck KGaA (iktar 'il quddiem "Merck") hija kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż speċjalizzata fil-qasam farmaċewtiku li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet ikkonċernati, kellha, indirettament permezz tal-grupp Merck Generics Holding GmbH (iktar 'il quddiem "Merck Generics"), kontroll ta' 100 % fuq is-sussidjarja tagħha Generics UK Limited (iktar 'il quddiem "GUK"), kumpannija responsabbli għall-iżvilupp u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi ġeneriċi fir-Renju Unit.

4 Il-Kummissjoni Ewropea qieset li Merck u GUK kienu jikkostitwixxu impriża waħda fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni fiż-żmien tal-fatti rilevanti [iktar 'il quddiem "Merck (GUK)"].

5 Arrow Group A/S, li minn Awwissu 2003 bdiet tissejjaħ Arrow Group ApS (iktar 'il quddiem, mingħajr distinzjoni, "Arrow Group"), hija kumpannija rregolata mid-dritt Daniż li tikkontrolla grupp ta' kumpanniji, bi preżenza f'diversi Stati Membri u li ilu attiv mill-2001 fl-iżvilupp u fil-bejgħ ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

6 Arrow Generics Ltd hija kumpannija rregolata mid-dritt tar-Renju Unit li, inizjalment, kienet sussidjarja 100 % u mbagħad, minn Frar 2002, 76 %, ta' Arrow Group.

7 Resolution Chemicals Ltd hija kumpannija rregolata mid-dritt tar-Renju Unit speċjalizzata fil-produzzjoni ta' ingredjenti farmaċewtiċi attivi (iktar 'il quddiem l-"IFA") għal prodotti mediċinali ġeneriċi. Sa Settembru 2002, hija kienet ikkontrollata minn Arrow Group.

8 Il-Kummissjoni qieset li Arrow Group, Arrow Generics Ltd u Resolution Chemicals Ltd kienu jikkostitwixxi impriża waħda (iktar 'il quddiem "Arrow") fiż-żmien tal-fatti rilevanti.

9 Alpharma Inc. kienet kumpannija rregolata mid-dritt Amerikan attiva fuq livell mondjali fis-settur farmaċewtiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti mediċinali ġeneriċi. Sa Diċembru 2008, hija kienet ikkontrollata mill-kumpannija rregolata mid-dritt Norveġiż A.L. Industrier AS. Sussegwentement, hija kienet inxtrat minn impriża farmaċewtika tar-Renju Unit li, min-naħa tagħha, inxtrat minn impriża farmaċewtika mill-Istati Uniti. Fil-kuntest ta' dawn ir-ristrutturazzjonijiet, Alpharma Inc. saret, inizjalment, f'April 2010, Alpharma, LLC, u mbagħad, fil-15 ta' April 2013, Zoetis Products LLC.

10 Alpharma ApS kienet kumpannija rregolata mid-dritt Daniż ikkontrollata indirettament 100 % minn Alpharma Inc. Hija kellha diversi sussidjarja fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Wara diversi ristrutturazzjonijiet ta' kumpanniji, fil-31 ta' Marzu 2008, Alpharma ApS saret Axellia Pharmaceuticals ApS, li mill-2010 bdiet tissejjaħ Xellia Pharmaceuticals ApS (iktar 'il quddiem "Xellia").

11 Il-Kummissjoni qieset li Alpharma Inc., A.L. Industrier AS u Alpharma ApS kienu jikkostitwixxu impriża waħda (iktar 'il quddiem "Alpharma") fiż-żmien tal-fatti rilevanti.

12 Ranbaxy Laboratories Ltd hija kumpannija rregolata mid-dritt Indjan speċjalizzata fl-iżvilupp u fil-produzzjoni ta' IFA kif ukoll ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

13 Ranbaxy (UK) Ltd hija kumpannija rregolata mid-dritt Ingliż, sussidjarja ta' Ranbaxy Laboratories, li hija responsabbli għall-bejgħ tal-prodotti ta' din tal-aħħar fir-Renju Unit.

14 Il-Kummissjoni qieset li Ranbaxy Laboratories Ltd u Ranbaxy (UK) Ltd kienu jikkostitwixxu impriża waħda (iktar 'il quddiem "Ranbaxy") fiż-żmien tal-fatti rilevanti.

II – *Il-prodott ikkonċernat u l-privattivi li jikkonċernawh*

15 Il-prodott ikkonċernat minn din il-kawża huwa l-prodott mediċinali kontra d-depressjoni li jinkludi l-IFA msejjaħ citalopram.

16 Fl-1977, Lundbeck ippreżentat, fid-Danimarka, applikazzjoni għal privattiva dwar l-IFA citalopram kif ukoll dwar iż-żewġ proċessi ta' alkylation u ta' cyanation użati sabiex jiġi prodott l-imsemmi IFA. Privattivi li jkopru dan l-IFA u dawn iż-żewġ proċessi (iktar 'il quddiem il-"privattivi oriġinali") inħarġu fid-Danimarka u f'diversi pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent bejn l-1977 u l-1985.

17 Fir-rigward taż-ŻEE, il-protezzjoni li tirriżulta mill-privattivi oriġinali kif ukoll, skont il-każ, miċ-ċertifikati komplementari ta' protezzjoni (iktar 'il quddiem iċ-"ĊKP"), previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1768/92, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar il-ħolqien ta' ċertifikat ta' protezzjoni supplementari għal prodotti mediċinali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 11, p. 200), intemmet bejn l-1994 (fir-rigward tal-Ġermanja) u l-2003 (fir-rigward tal-Awstrija). B'mod partikolari, fir-rigward tar-Renju Unit, il-privattivi oriġinali skadew f'Jannar 2002.

18 Matul is-snin, Lundbeck żviluppat proċessi oħra iktar effikaċi sabiex tipproduċi s-citalopram, li għalihom applikat għal, u ħafna drabi kisbet, privattivi f'diversi pajjiżi taż-ŻEE kif ukoll mingħand l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) u mingħand l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO) (iktar 'il quddiem il-"privattivi l-ġodda ta' Lundbeck").

19 B'mod partikolari, l-ewwel nett, fl-1998 u fl-1999, Lundbeck ippreżentat quddiem l-EPO żewġ applikazzjonijiet għal privattivi fir-rigward tal-produzzjoni tas-citalopram minn proċessi li jużaw rispettivament il-jodju u l-amid. L-EPO ħareġ favur Lundbeck privattiva li tipproteġi l-proċess li juża l-amid (iktar 'il quddiem il-"privattiva dwar l-amid") fid-19 ta' Settembru 2001 u privattiva li tipproteġi l-proċess li juża l-jodju (iktar 'il quddiem il-"privattiva dwar il-jodju") fis-26 ta' Marzu 2003.

20 It-tieni nett, fit-13 ta' Marzu 2000, Lundbeck ippreżentat applikazzjoni għal privattiva quddiem l-awtoritajiet Daniżi fir-rigward ta' proċess ta' produzzjoni tas-citalopram li kien jipprevedi metodu ta' purifikazzjoni tal-imluħa użati permezz ta' kristalizzazzjoni. Applikazzjonijiet analogi kienu ġew ippreżentati f'pajjiżi oħra taż-ŻEE kif ukoll quddiem il-WIPO u l-EPO. Lundbeck kisbet privattivi li jipproteġu l-proċess li juża l-kristallizzazzjoni f'diversi Stati Membri matul l-ewwel nofs tas-sena 2002, b'mod partikolari fit-30 ta' Jannar 2002 fir-rigward tar-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"privattiva dwar il-kristallizzazzjoni"). L-EPO ħareġ privattiva dwar il-kristallizzazzjoni fl-4 ta' Settembru 2002. Barra minn hekk, fil-Pajjiżi l-Baxxi, Lundbeck kienet diġà kisbet, fis-6 ta' Novembru 2000, mudell ta' utilità fir-rigward ta' dan il-proċess (iktar 'il quddiem il-"mudell ta' utilità ta' Lundbeck"), jiġifieri privattiva valida għal sitt snin mogħtija mingħajr eżami minn qabel fil-veru sens tal-kelma.

21 It-tielet nett, fit-12 ta' Marzu 2001, Lundbeck ippreżentat applikazzjoni għal privattiva quddiem l-awtoritajiet tar-Renju Unit fir-rigward ta' proċess ta' produzzjoni tas-citalopram li kien jipprevedi metodu ta' purifikazzjoni tal-imluħa użati permezz ta' distillazzjoni f'film. L-awtoritajiet tar-Renju Unit ħarġu favur Lundbeck privattiva li tkopri l-imsemmi metodu ta' distillazzjoni f'film fit-3 ta' Ottubru 2001 (iktar 'il quddiem il-"privattiva dwar id-distillazzjoni f'film"). Madankollu, din il-privattiva ġiet irrevokata fit-23 ta' Ġunju 2004 minħabba nuqqas ta' innovazzjoni fil-konfront ta' privattiva oħra ta' Lundbeck. Lundbeck kisbet privattiva analoga fid-Danimarka fid-29 ta' Ġunju 2002.

22 Fl-aħħar nett, Lundbeck kellha l-intenzjoni li tniedi prodott mediċinali kontra d-depressjoni ġdid, is-Cipralex, ibbażat fuq l-IFA msejjaħ escitalopram (jew S-citalopram), lejn l-aħħar tas-sena 2002 jew il-bidu tas-sena 2003. Dan il-prodott mediċinali ġdid kien indirizzat lejn l-istess pazjenti bħal dawk li setgħu jiġu ttrattati permezz tal-prodott mediċinali protett bi privattiva Cipramil ta' Lundbeck, ibbażat fuq l-IFA citalopram. L-IFA escitalopram kien protett permezz ta' privattivi li kienu validi, minn tal-inqas, sal-2012.

III – *Il-ftehimiet kontenzjużi*

23 Matul is-sena 2002, Lundbeck ikkonkludiet sitt ftehimiet dwar is-citalopram (iktar 'il quddiem il-"ftehimiet kontenzjużi") ma' erba' impriżi attivi fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, jiġifieri Merck (GUK), Alpharma, Arrow u Ranbaxy (iktar 'il quddiem l-"impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi").

A – *Il-ftehimiet ma' Merck (GUK)*

24 Lundbeck ikkonkludiet żewġ ftehimiet ma' Merck (GUK).

25 L-ewwel ftehim daħal fis-seħħ fl-24 ta' Jannar 2002, inizjalment għal perijodu ta' sena, u kien ikopri biss it-territorju tar-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"ftehim GUK għar-Renju Unit"). Dan ġie ffirmat mis-sussidjarja fir-Renju Unit ta' Lundbeck, jiġifieri l-kumpannija rregolata mid-dritt tar-Renju Unit Lundbeck Ltd. Sussegwentement, dan il-ftehim ġie estiż għal perijodu ta' sitt xhur sal-31 ta' Lulju 2003. Wara dan, sussegwentement għal dħul qasir minn Merck (GUK) fis-suq bejn l-1 u l-4 ta' Awwissu, fis-6 ta' Awwissu 2003 ġiet iffirmata t-tieni estensjoni tal-ftehim bejn il-partijiet, għal perijodu massimu ta' sitt xhur li iżda seta' jitqassar fil-każ li Lundbeck ma tressaqx kawża kontra impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi oħra li setgħu jipprovaw jidħlu fis-suq jew mat-tmiem tat-tilwima bejn Lundbeck u Lagap Pharmaceuticals Ltd, impriża oħra ta' prodotti mediċinali ġeneriċi (iktar 'il quddiem it-"tilwima Lagap").

26 Skont dan il-ftehim, il-partijiet jipprevedu b'mod partikolari li:

— hemm riskju li ċerti azzjonijiet ippjanati minn GUK fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-bejgħ tal-"Prodotti" jistgħu jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck u jistgħu jagħtu lok għal pretensjonijiet min-naħa tagħha

(punt 2.1 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit), fejn dawn il-"Prodotti" huma ddefiniti fil-punt 1.1 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit bħala l-"prodotti ta' citalopram żviluppati minn GUK fil-forma ta' materja prima, mingħajr forma jew fil-forma ta' pilloli kif speċifikati fl-Anness u mmanifatturati inkonformità mal-ispeċifikazzjoni ta' prodotti kif ipprovduti minn GUK fid-data tal-firma, mehmuża fl-Anness 2";

— fid-dawl tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet, Lundbeck ser tħallas lil GUK ammont ta' 2 miljun lira sterlina (GBP), bħala korrispettiv għall-kunsinna tal-"Prodotti", fil-kwantitajiet previsti fil-ftehim, sal-31 ta' Jannar 2002 (punt 2.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit);

— barra minn hekk, GUK timpenja ruħha li, bħala korrispettiv għal ħlas supplimentari ta' GBP 1 miljun, tikkunsinna l-"Prodotti" kif speċifikati fl-anness sat-2 ta' April 2002 (punt 2.3 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit);

— il-ħlasijiet imwettqa u l-kunsinna tal-"Prodotti" minn GUK skont il-punti 2.2 u 2.3 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit ser jikkostitwixxu riżoluzzjoni kompleta u finali ta' kwalunkwe pretensjoni li Lundbeck seta' jkollha kontra GUK minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħha fir-rigward tal-"Prodotti" kkunsinnati minn GUK sa dik id-data (punt 2.4 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit);

— Lundbeck timpenja ruħha li tbigħ il-"Prodotti Lesti" tagħha lil GUK u GUK timpenja ruħha li tixtri esklużivament dawn il-"Prodotti Lesti" mingħand Lundbeck fid-dawl tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom minn GUK u mis-sussidjarji tagħha fir-Renju Unit għall-perijodu u skont it-termini tal-ftehim (punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit), fejn dawn il-"Prodotti Lesti" huma ddefiniti fil-punt 1.1 tal-ftehim bħala "l-prodotti li jinkludu s-citalopram fil-forma ta' prodotti lest sabiex jiġu pprovduti minn [Lundbeck] lil GUK konformement ma' dan il-ftehim";

— Lundbeck timpenja ruħha li tħallas ammont ta' GBP 5 miljun bħala profitti netti ggarantiti lil GUK, bil-kundizzjoni li GUK tordnalha l-volum ta' "Prodotti Lesti" miftiehem matul il-perijodu tal-ftehim (jew ammont inqas li għandu jiġi kkalkolat proporzjonalment mal-ordnijiet imwettqa) (punt 6.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit).

27 L-ewwel estensjoni tal-ftehim kienet tipprevedi b'mod partikolari l-ħlas ta' ammont ta' GBP 400 000 fix-xahar għall-eżekuzzjoni minn GUK tal-punt 6.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, u kienet temenda d-definizzjoni ta' "profitti netti".

28 It-tieni estensjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit kienet tipprevedi b'mod partikolari l-ħlas ta' ammont ta' GBP 750 000 fix-xahar għall-eżekuzzjoni minn GUK tal-Artikolu 6.2 ta' dan il-ftehim.

29 Il-ftehim GUK għar-Renju Unit skada fl-1 ta' Novembru 2003, b'konsegwenza tal-fatt li ntlaħaq ftehim bonarju fir-rigward tat-tilwima Lagap. Kollox ma' kollox, matul il-perijodu tal-ftehim, Lundbeck ittrasferixxiet lil GUK l-ekwivalenti ta' EUR 19.4-il miljun.

30 Fit-22 ta' Ottubru 2002 ġie konkluż it-tieni ftehim bejn Lundbeck u GUK li kien ikopri ż-ŻEE, bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"ftehim GUK għaż-ŻEE"). Dan il-ftehim kien jipprevedi l-ħlas ta' ammont ta' EUR 12-il miljun, li bħala korrispettiv għalih GUK kienet qiegħda timpenja ruħha li la tbigħ u lanqas ma tipprovdi prodotti farmaċewtiċi li jinkludu s-citalopram fit-territorju kollu taż-ŻEE (bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit) u li twettaq l-isforzi raġonevoli kollha sabiex Natco Pharma Ltd (iktar 'il quddiem "Natco"), il-produttur tal-IFA citalopram użat minn Merck (GUK) sabiex tikkummerċjalizza l-verżjoni tagħha tas-citalopram ġeneriku (iktar 'il quddiem l-"IFA ta' Natco" jew is-"citalopram ta' Natco"), ma tibqax tipprovdi s-citalopram jew prodotti li jinkludu s-citalopram fiż-ŻEE matul il-perijodu tal-ftehim (punti 1.1 u 1.2 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE). Lundbeck impenjat ruħha li ma tressaqx kawżi kontra GUK, bil-kundizzjoni li din tosserva l-obbligi tagħha taħt il-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE (punt 1.3 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE).

31 Il-ftehim GUK għaż-ŻEE skada fit-22 ta' Ottubru 2003. Kollox ma' kollox, Lundbeck ittrasferixxiet l-ekwivalenti ta' EUR 12-il miljun lil GUK bis-saħħa ta' dan il-ftehim.

B – *Il-ftehimiet ma' Arrow*

32 Lundbeck iffirmat żewġ ftehimiet ma' Arrow.

33 L-ewwel wieħed minnhom, dwar it-territorju tar-Renju Unit, ġie konkluż fl-24 ta' Jannar 2002 bejn Lundbeck, minn naħa, u Arrow Generics u Resolution Chemicals (iktar 'il quddiem, flimkien, "Arrow UK"), min-naħa l-oħra (iktar 'il quddiem il-"ftehim Arrow UK").

34 Inizjalment, il-ftehim Arrow UK kellu japplika għall-perijodu sal-31 ta' Diċembru 2002 jew, fil-każ li tiġi qabel, sad-data li fiha tingħata deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret *res judicata* fil-kawża li Lundbeck kellha l-intenzjoni li tressaq kontra Arrow UK quddiem il-qrati tar-Renju Unit fir-rigward tal-allegata vjolazzjoni mwettqa minn din tal-aħħar tal-privattivi tagħha (iktar 'il quddiem il-"kawża dwar vjolazzjoni Arrow") (punt 4.1 tal-ftehim Arrow UK). Sussegwentement, dan il-ftehim ġie estiż darbtejn bl-iffirmar ta' addenda. L-ewwel estensjoni kienet tkopri l-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Jannar u l-1 ta' Marzu 2003 (punt 3.1 tal-ewwel addendum mal-ftehim Arrow UK), filwaqt li t-tieni waħda kienet tipprevedi li dan il-ftehim kellu jintemm jew fil-31 ta' Jannar 2004, jew sebat ijiem wara l-iffirmar tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tagħlaq it-tilwima Lagap (punt 4.1 tat-tieni addendum mal-ftehim Arrow UK). Peress li din it-tilwima ntemmet permezz ta' ftehim bonarju fit-13 ta' Ottubru 2003, il-ftehim Arrow UK intemm fl-20 ta' Ottubru ta' wara. Minn dan isegwi li t-tul globali ta' dan il-ftehim kien jestendi mill-24 ta' Jannar 2002 sal-20 ta' Ottubru 2003 (iktar 'il quddiem it-"tul tal-ftehim Arrow UK").

35 Fir-rigward tal-kontenut tal-ftehim Arrow UK, għandu jiġi osservat li:

— l-ewwel premessa tal-preambolu ta' dan il-ftehim (iktar 'il quddiem il-"preambolu Arrow UK") tirreferi b'mod partikolari għall-fatt li Lundbeck hija l-proprjetarju tal-privattivi dwar il-kristallizzazzjoni u dwar id-distillazzjoni f'film;

— ir-raba' premessa tal-preambolu Arrow UK tispeċifika li "Arrow [UK] kisbet liċenzja mingħand terz sabiex timporta fir-Renju Unit is-citalopram mhux iffabbrikat minn Lundbeck jew bl-awtorizzazzjoni ta' Lundbeck ('l-imsemmi Citalopram', fejn tali definizzjoni, sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, tinkludi biss is-Citalopram intiż għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-bejgħ fir-Renju Unit u teskludi dak intiż għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-bejgħ f'pajjiżi oħra)";

— is-sitt premessa tal-preambolu Arrow UK tindika li Lundbeck issuġġettat "l-imsemmi Citalopram" għal testijiet fil-laboratorju li minnhom irriżultaw raġunijiet sostanzjali sabiex temmen li dan kien jikkostitwixxi vjolazzjoni b'mod partikolari tal-privattivi msemmija fl-ewwel inċiż iktar 'il fuq;

— is-seba' premessa tal-preambolu Arrow UK tindika li Arrow UK ma hijiex tirrikonoxxi li wettqet vjolazzjoni ta' dawn il-privattivi u lanqas li dawn huma validi, iżda taċċetta li Lundbeck għandha tali konvinzjonijiet, li Arrow UK ma tistax tikkonfuta permezz ta' provi li ma jistgħux jiġu kkontestati;

— it-tmien premessa tal-preambolu Arrow UK tfakkar li Lundbeck heddet li titlob l-adozzjoni ta' ordni provviżorja u li għandha l-intenzjoni tressaq il-kawża dwar vjolazzjoni Arrow;

— il-punt 1.1 ta' dan il-ftehim jipprovdi li "Arrow [UK], f'isimha stess u f'isem l-entitajiet assoċjati u relatati kollha, timpenja ruħha li, matul [it-tul tal-ftehim Arrow UK] u fit-territorju tar-Renju Unit, ma tiffabbrikax, ma tittrasferixxix, ma tipproponix li tittrasferixxi, ma tużax jew, wara t-tieni data ta' kunsinna, ma timportax u ma żżommx għal finijiet ta' trasferiment jew għal finijiet oħra, (1) ['']l-imsemmi Citalopram['] jew (2) kwalunkwe citalopram ieħor li, skont Lundbeck, jikkostitwixxi

vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà [intellettwali] tagħha, u, sabiex tippermetti lil Lundbeck tiddetermina jekk hemmx vjolazzjoni jew le, li tipprovdilha, matul [it-tul tal-ftehim Arrow UK] biżżejjed kampjuni għall-finijiet ta' analiżi, minn tal-inqas xahar qabel kwalunkwe fabbrikazzjoni, importazzjoni, bejgħ jew offerta ta' bejgħ li Arrow [UK] thedded li twettaq fl-istennija ta' deċiżjoni finali li ma tkunx suġġetta għal rikors fil-[kuntest tal-kawża dwar vjolazzjoni Arrow] [...]";

— il-punt 1.2 ta' dan il-ftehim jinnota l-kunsens min-naħa ta' Arrow UK għar-riproduzzjoni, f'digriet li Lundbeck kellha titlob l-adozzjoni tiegħu mill-qorti tar-Renju Unit kompetenti, tal-impenji meħuda minn Arrow UK u msemmija fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK;

— il-punt 2.1 ta' dan il-ftehim ifakkar li Lundbeck kellha tressaq il-kawża dwar vjolazzjoni Arrow kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2002;

— il-punt 2.2 ta' dan il-ftehim jipprovdi li, fid-dawl tal-impenji previsti fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK u fid-dawl tal-fatt li Arrow UK ma kinitx ser titlob "cross-undertaking in damages" (ammont li, konformement mad-dritt Ingliż, Lundbeck kellha tippreżenta quddiem il-qorti jekk hija kienet talbet l-adozzjoni ta' ordni fil-kuntest tal-kawża dwar vjolazzjoni Arrow), Lundbeck ħallset lil Arrow UK GBP 5 miljun, maqsumin f'erba' ħlasijiet, liema somma kienet sussegwentement miżjuda b'GBP 450 000, skont il-punt 2.1 tal-ewwel addendum mal-ftehim Arrow UK, u b'GBP 1.350 miljun, skont il-punti 2.1 u 3 tat-tieni addendum ma' dan il-ftehim;

— il-punt 2.3 ta' dan il-ftehim jistabbilixxi li, fil-każ li deċiżjoni finali fil-kuntest tal-kawża dwar vjolazzjoni Arrow tikkonstata li Arrow UK ma kinitx wettqet vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck, l-ammont previst fil-punt 2.2 ta' dan il-ftehim jikkostitwixxi l-kumpens sħiħ li Arrow UK tista' tikseb mingħand Lundbeck għat-telf li hija tkun ġarrbet minħabba l-obbligi li jirriżultaw mill-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK;

— il-punt 3.4 tal-ftehim jipprevedi li Arrow UK għandha tikkunsinna lil Lundbeck l-istokk tagħha "tal-imsemmi citalopram" fuq żewġ fażijiet, fejn l-ewwel fażi, li tkopri madwar 3 975 miljun pillola f'kaxxi, kellha sseħħ sa mhux iktar tard mis-6 ta' Frar 2002 u t-tieni waħda, li tkopri madwar 1.1 miljun pillola mhux ippakkjata, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Frar 2002.

36 Barra minn hekk, għandu jiġi speċifikat li, fis-6 ta' Frar 2002, Lundbeck kisbet id-digriet imsemmi fil-punt 1.2 tal-ftehim Arrow UK (iktar 'il quddiem id-"digriet ibbażat fuq kunsens Arrow").

37 It-tieni ftehim, li kien jikkonċerna t-territorju tad-Danimarka, kien ġie konkluż fit-3 ta' Ġunju 2002 bejn Lundbeck u Arrow Group (iktar 'il quddiem il-"ftehim Arrow Daniż").

38 Il-ftehim Arrow Daniż kien maħsub għal perijodu li kellu jestendi mid-data tal-iffirmar tiegħu, fit-3 ta' Ġunju 2002, sal-1 ta' April 2003 jew, fil-każ li tiġi qabel, sad-data li fiha tingħata deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret *res judicata* fil-kawża dwar vjolazzjoni Arrow. Peress li tali deċiżjoni ma ngħatatx, l-imsemmi ftehim kien fis-seħħ mit-3 ta' Ġunju 2002 sal-1 ta' April 2003 (iktar 'il quddiem it-"tul tal-ftehim Arrow Daniż").

39 Fir-rigward tal-kontenut tal-ftehim Arrow Daniż, għandu jiġi osservat li:

— l-ewwel, it-tielet u l-ħames sad-disa' premessi tal-preambolu tiegħu jikkorrispondu, essenzjalment, għall-ewwel, għar-raba' u għas-sitt sat-tmien premessi tal-preambolu Arrow UK, fejn id-disa' premessa tal-preambolu Arrow Daniż tirreferi għad-digriet ibbażat fuq kunsens Arrow;

— il-punt 1.1 ta' dan il-ftehim jipprovdi li "Arrow [Group] jaċċetta li jannulla u li jwaqqaf kwalunkwe importazzjoni, fabbrikazzjoni, produzzjoni, bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni oħra ta' prodotti li jinkludu s-citalopram li, skont Lundbeck, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck fit-territorju [Daniż] matul it-tul [tal-ftehim Arrow Daniż]";

— il-punt 2.1 ta' dan il-ftehim jipprovdi li, bħala kumpens għall-impenji meħuda minn Arrow Group, Lundbeck għandha tħallas lil dan tal-aħħar is-somma ta' 500 000 dollaru Amerikan (USD);

— il-punt 2.2 ta' dan il-ftehim jistabbilixxi li, fil-każ li deċiżjoni finali fil-kuntest tal-kawża dwar vjolazzjoni Arrow tikkonstata li Arrow Group ma kinitx wettqet vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck, l-ammont previst fil-punt 2.1 ta' dan il-ftehim jikkostitwixxi l-kumpens sħiħ li Arrow Group jista' jikseb mingħand Lundbeck għat-telf li huwa jkun ġarrab minħabba l-obbligi li jirriżultaw mill-punt 1.1 tal-ftehim Arrow Daniż;

— il-punt 3.1 ta' dan il-ftehim iżid li Lundbeck qiegħda tixtri bil-prezz ta' USD 147 000 l-istokk ta' citalopram ta' Arrow Group, li jikkonsisti f'madwar 1 miljun pillola.

C – *Il-ftehim ma' Alpharma*

40 Lundbeck iffirmat ftehim ma' Alpharma fit-22 ta' Frar 2002 (iktar 'il quddiem il-"ftehim Alpharma"), għall-perijodu bejn din id-data u t-30 ta' Ġunju 2003 (iktar 'il quddiem it-"tul tal-ftehim Alpharma").

41 Qabel il-konklużjoni ta' dan il-ftehim, f'Jannar 2002, Alpharma kienet xtrat mingħand Alfred E. Tiefenbacher GmbH & Co. (iktar 'il quddiem "Tiefenbacher") stokk ta' pilloli ta' citalopram ġeneriku żviluppat mill-IFA citalopram, prodotti mill-kumpannija Indjana Cipla permezz tal-proċessi tagħha (iktar 'il quddiem is-"citalopram ta' Cipla" jew l-"IFA ta' Cipla"), u kienet ordnat iktar.

42 Fir-rigward tal-preambolu tal-ftehim Alpharma, għandu jiġi osservat, b'mod partikolari, li:

— l-ewwel premessa tfakkar li "Lundbeck hija l-proprjetarju ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jinkludu, b'mod partikolari, privattivi dwar il-produzzjoni [...] tal-IFA tas-'Citalopram' [miktuba b'c' kapitali fit-test kollu tal-ftehim], li jinkludu l-privattivi riprodotti fl-Anness A [...]" ta' dan il-ftehim (iktar 'il quddiem l-"Anness A");

— it-tieni premessa tindika li Lundbeck tipproduċi u tbigħ prodotti farmaċewtiċi li jinkludu s-"Citalopram" fl-Istati Membri kollha kif ukoll fin-Norveġja u fl-Isvizzera, u dawn il-pajjiżi huma ddefiniti, flimkien, bħala t-"Territorju";

— it-tielet u r-raba' premessi jsemmu l-fatt li Alpharma pproduċiet jew xtrat prodotti farmaċewtiċi li jinkludu s-"Citalopram" fit-"Territorju", u dan mingħajr il-kunsens ta' Lundbeck;

— il-ħames u s-sitt premessi jsemmu l-fatt li l-prodotti ta' Alpharma kienu suġġetti minn Lundbeck għal testijiet fil-laboratorju li r-riżultati tagħhom taw lil Lundbeck raġunijiet sostanzjali sabiex temmen li l-metodi ta' produzzjoni użati sabiex jinħolqu dawn il-prodotti kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħha;

— is-seba' premessa tfakkar li, fil-31 ta' Jannar 2002, Lundbeck ressqet kawża quddiem qorti tar-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"kawża dwar vjolazzjoni Alpharma") sabiex tikseb ordni "kontra l-bejgħ minn Alpharma ta' prodotti li jinkludu s-Citalopram minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck";

— it-tmien premessa tindika li Alpharma tirrikonoxxi li l-konstatazzjonijiet ta' Lundbeck huma korretti u timpenja ruħha li ma tqegħidx fis-suq "tali prodotti";

— id-disa' u l-għaxar premessi jispeċifikaw li Lundbeck:

  — "taqbel li tħallas lil Alpharma kumpens sabiex tkun tista' tevita tilwima fil-qasam tal-privattivi" li l-eżitu tagħha ma jistax jiġi previst b'ċertezza assoluta u li ser tkun tirrikjedi ħafna riżorsi f'termini ta' flus u ħin;

  — "taqbel, sabiex issolvi t-tilwima, li tixtri mingħand Alpharma l-istokk kollu tagħha ta' prodotti li jinkludu s-Citalopram u li tħallasha kumpens għal dawn il-prodotti".

43 Fir-rigward tat-test prinċipali tal-ftehim Alpharma, għandu jiġi osservat, b'mod partikolari, li:

— il-punt 1.1 jipprovdi li Alpharma u s-sussidjarji tagħha qegħdin "jannullaw, iwaqqfu u jastjenu minn kwalunkwe importazzjoni, [...] produzzjoni [...] jew bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi li jinkludu s-Citalopram fit-Territorju [...] matul il-[perijodu rilevanti]" u li Lundbeck qiegħda tirtira l-kawża dwar vjolazzjoni Alpharma;

— dan l-istess punt jippreċiża li ma japplikax għall-escitalopram;

— il-punt 1.2 jipprevedi li, "[f]il-każ ta' kwalunkwe ksur tal-obbligu stabbilit [fil-punt 1.1] jew fuq talba minn Lundbeck, Alpharma [...] ser tissuġġetta ruħha b'mod volontarju għal ordni provviżorja min-naħa ta' kwalunkwe qorti kompetenti fi kwalunkwe pajjiż tat-Territorju" u li Lundbeck tista' tikseb tali ordni mingħajr ma tiddepożita garanzija;

— il-punt 1.3 jispeċifika li, bħala kumpens għall-obbligi previsti f'dan il-ftehim u sabiex jiġu evitati l-ispejjeż u ż-żmien ta' kawża kontenzjuża, Lundbeck għandha tħallas lil Alpharma s-somma ta' USD 12-il miljun, li 11-il miljun minnhom jirrigwardaw il-prodotti ta' Alpharma li jinkludu s-"Citalopram", u dan fi tliet ħlasijiet ta' 4 miljun kull wieħed, li għandhom isiru rispettivament fil-31 ta' Marzu 2002, fil-31 ta' Diċembru 2002 u fit-30 ta' Ġunju 2003;

— il-punt 2.2 jistabbilixxi li, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2002, Alpharma għandha tikkunsinna lil Lundbeck l-istokk kollu tagħha ta' prodotti li jinkludu s-"Citalopram" li hija jkollha fil-pussess tagħha f'dik id-data, jiġifieri d-9.4 miljun pillola li diġà jinsabu fil-pussess tagħha mal-konklużjoni tal-ftehim Alpharma u s-16-il miljun pillola li hija kienet ordnat.

44 L-Anness A jinkludi lista ta' 28 applikazzjoni għal drittijiet tal-proprjetà intellettwali ppreżentati minn Lundbeck qabel l-iffirmar ta' dan l-anness, li disgħa minnhom kienu diġà ntlaqgħu fl-imsemmija data. Dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kienu jikkonċernaw il-proċessi sabiex jiġi prodott l-IFA tas-citalopram koperti mill-privattivi dwar il-kristallizzazzjoni u dwar id-distillazzjoni f'film.

45 Barra minn hekk, għandu jiġi speċifikat li, fit-2 ta' Mejju 2002, qorti tar-Renju Unit tat digriet ibbażat fuq kunsens li kien jipprevedi li l-proċedura fil-kawża dwar vjolazzjoni Alpharma kellha tiġi sospiża minħabba l-konklużjoni ta' ftehim bejn Lundbeck u, b'mod partikolari, Alpharma, li kien jipprovdi li din tal-aħħar u s-sussidjarji tagħha "[kellhom] jannullaw, iwaqqfu u jastjenu minn kwalunkwe importazzjoni, [...] produzzjoni [...] jew bejgħ, [fl-Istati Membri], fin-Norveġja u fl-Isvizzera ('it-Territorji Rilevanti'), ta' prodotti farmaċewtiċi li jinkludu s-citalopram iffabbrikat bl-użu tal-proċessi koperti [mill-privattivi dwar il-kristallizzazzjoni u dwar id-distillazzjoni f'film mogħtija mill-awtoritajiet tar-Renju Unit] jew minn kwalunkwe privattiva ekwivalenti oħra miksuba jew mitluba fit-Territorji Rilevanti sat-30 ta' Ġunju 2002" (iktar 'il quddiem id-"digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma").

D – *Il-ftehim ma' Ranbaxy*

46 Lundbeck iffirmat ftehim ma' Ranbaxy Laboratories fis-16 ta' Ġunju 2002 (iktar 'il quddiem il-"ftehim Ranbaxy"), għal tul ta' 360 jum. Skont addendum iffirmat fid-19 ta' Frar 2003 (iktar 'il quddiem l-"addendum Ranbaxy"), dan il-ftehim ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2003. It-tul global ta' dan il-ftehim huwa, għalhekk, mis-16 ta' Ġunju 2002 sal-31 ta' Diċembru 2003 (iktar 'il quddiem it-"tul tal-ftehim Ranbaxy").

47 Skont il-preambolu tal-ftehim Ranbaxy (iktar 'il quddiem il-"preambolu Ranbaxy"):

— Ranbaxy Laboratories applikat, fl-Indja, għal żewġ privattivi ta' proċess dwar is-citalopram u pproduċiet prodotti mediċinali li jinkludu s-citalopram bl-intenzjoni li tqegħidhom fis-suq b'mod partikolari fiż-ŻEE (it-tieni u t-tielet premessi tal-preambolu Ranbaxy kif ukoll Anness A tal-ftehim Ranbaxy);

— Lundbeck issuġġettat dan is-citalopram għal testijiet fil-laboratorju u minn dawn it-testijiet ikkonkludiet li l-proċessi użati jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattiva dwar l-amid u tal-privattiva dwar il-jodju, meta din tal-aħħar kienet għadha ma ngħatatx (ara l-punt 19 iktar 'il fuq), filwaqt li Ranbaxy Laboratories tikkontesta l-eżistenza ta' tali vjolazzjonijiet (il-ħames sat-tmien premessi tal-preambolu Ranbaxy);

— Lundbeck u Ranbaxy Laboratories waslu għal ftehim sabiex jevitaw tilwima fil-qasam tal-privattiva li tkun tirrikjedi ħafna riżorsi f'termini ta' flus u ħin u li l-eżitu tagħha ma setax jiġi previst b'ċertezza assoluta (id-disa' premessa tal-preambolu).

48 Skont il-ftehim Ranbaxy, b'mod partikolari huwa indikat dan li ġej:

— "[b]la ħsara għall-kundizzjonijiet u għall-ħlasijiet min-naħa ta' Lundbeck previsti [f'dan il-ftehim] Ranbaxy Laboratories ma ser tinvoka ebda dritt fuq l-[a]pplikazzjoni għal [p]rivattiva [imsemmija fil-preambolu ta' dan il-ftehim] jew fuq kwalunkwe metodu ta' produzzjoni użat minn Ranbaxy Laboratories u għanda tannulla, twaqqaf u tirrinunzja għall-fabbrikazzjoni jew għall-bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi bbażati fuqhom [b'mod partikolari fiż-ŻEE] matul it-tul ta' dan il-ftehim" (punt 1.1 tal-ftehim Ranbaxy u punt 1.0 tal-addendum Ranbaxy);

— "fil-każ ta' ksur tal-obbligi previsti fil-punt 1.1 jew fuq talba minn Lundbeck", Ranbaxy Laboratories u Ranbaxy (UK) jaċċettaw li jissuġġettaw ruħhom għall-ordnijiet provviżorji adottati mill-qrati nazzjonali kompetenti mingħajr ma Lundbeck tkun meħtieġa tippreżenta xi garanzija jew xi impenn ieħor għajr dawk li jirriżultaw minn dan il-ftehim (punt 1.2 tal-ftehim Ranbaxy);

— fid-dawl tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet, Lundbeck għandha tħallas lil Ranbaxy Laboratories ammont ta' USD 9.5 miljun, fi ħlasijiet mifruxa matul il-perijodu rilevanti (punt 1.3 tal-ftehim Ranbaxy u punt 2.0 tal-addendum Ranbaxy);

— Lundbeck għandha tbigħ lil Ranbaxy Laboratories jew lil Ranbaxy (UK) pilloli ta' citalopram, bi tnaqqis ta' 40 % fuq il-prezz *ex works* sabiex dawn ibigħuhom fis-suq tar-Renju Unit (punt 1.3 u Anness B tal-ftehim Ranbaxy);

— Lundbeck u Ranbaxy Laboratories jimpenjaw ruħhom li ma jressqux kawżi ġudizzjarja kontra xulxin fuq il-bażi ta' xi waħda mill-privattivi msemmija iktar 'il fuq fil-ftehim stess (punt 1.4 tal-ftehim Ranbaxy).

IV – *Passi meħuda mill-Kummissjoni fis-settur farmaċewtiku u l-proċedura amministrattiva*

49 F'Ottubru 2003, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ġiet informata mill-Konkurrence- og Forbrugerstyrelsen (KFST, awtorità tal-kompetizzjoni u tal-konsumaturi Daniża) dwar l-eżistenza tal-ftehimiet inkwistjoni.

50 Peress li l-parti l-kbira ta' dawn il-ftehimiet kienu jikkonċernaw iż-ŻEE kollha jew, fi kwalunkwe każ, Stati Membri oħra minbarra r-Renju tad-Danimarka, ġie miftiehem li l-Kummissjoni kellha teżamina l-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-kompetizzjoni filwaqt li l-KFST ma kellhiex tkompli tistħarreġ din il-kwistjoni.

51 Bejn l-2003 u l-2006, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), għand Lundbeck u għand kumpanniji oħra attivi fis-settur farmaċewtiku. Hija bagħtet ukoll, lil Lundbeck u lil kumpannija oħra, talbiet għal informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 18(2) tal-imsemmi regolament.

52 Fil-15 ta' Jannar 2008, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni li tiftaħ investigazzjoni dwar is-settur farmaċewtiku konformement mal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1/2003 (Każ COMP/D2/39514). L-uniku artikolu ta' din id-deċiżjoni kien jippreċiża li l-investigazzjoni li kellha titwettaq kellha tikkonċerna l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti mediċinali innovattivi u ġeneriċi għall-użu mill-bniedem.

53 Fit-8 ta' Lulju 2009, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li kellha bħala suġġett sinteżi tar-rapport ta' investigazzjoni tagħha dwar is-settur farmaċewtiku. Din il-komunikazzjoni kienet tinkludi, f'anness tekniku, il-verżjoni sħiħa tal-imsemmi rapport ta' investigazzjoni, fil-forma ta' dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni, disponibbli biss bl-Ingliż.

54 Fis-7 ta' Jannar 2010, il-Kummissjoni bdiet il-proċedura formali fil-konfront ta' Lundbeck.

55 Matul is-sena 2010 u matul l-ewwel semestru tas-sena 2011, il-Kummissjoni bagħtet talbiet għal informazzjoni lil Lundbeck u, b'mod partikolari, lill-kumpanniji l-oħra li kienu partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi.

56 Fl-24 ta' Lulju 2012, il-Kummissjoni bdiet proċedura fil-konfront tal-kumpanniji li kienu partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi u bagħtitilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, kif ukoll lil Lundbeck.

57 Id-destinatarji kollha ta' din id-dikjarazzjoni li kienu għamlu talba f'dan is-sens instemgħu fis-smigħ li nżamm fl-14 u fil-15 ta' Marzu 2013.

58 Fit-12 ta' April 2013, il-Kummissjoni bagħtet espożizzjoni tal-fatti lid-destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

59 L-uffiċjal tas-seduta ħareġ ir-rapport finali tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2013.

60 Fid-19 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2013) 3803 final, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39226 – Lundbeck) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

V – *Id-deċiżjoni kkontestata*

61 Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jikkostitwixxu restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE [Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata].

62 Iż-żewġ ftehimiet konklużi bejn Merck (GUK) u Lundbeck tqiesu li kienu jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu li kien ikopri l-perijodu bejn l-24 ta' Jannar 2002 u l-1 ta' Novembru 2003.

63 Kif jirriżulta mis-sunt li jinsab fil-premessi 824 u 874 tad-deċiżjoni kkontestata, f'dan ir-rigward il-Kummissjoni bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq l-elementi segwenti:

— fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet, Lundbeck u Merck (GUK) kienu minn tal-inqas kompetituri potenzjali fir-Renju Unit u fiż-ŻEE, u kompetituri effettivi fir-Renju Unit qabel it-tieni estensjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit;

— Lundbeck wettqet trasferiment ta' valur sostanzjali favur Merck (GUK) bis-saħħa ta' dawn il-ftehimiet;

— dan it-trasferiment ta' valur kien marbut mal-aċċettazzjoni minn Merck (GUK) ta' limitazzjonijiet għad-dħul fis-suq previsti fl-imsemmija ftehimiet, b'mod partikolari mal-impenn tagħha li ma tbigħx is-citalopram ta' Natco jew kwalunkwe citalopram ġeneriku ieħor fir-Renju Unit u fiż-ŻEE matul it-tul rilevanti ta' dawn il-ftehimiet;

— dan it-trasferiment ta' valur kien jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għall-profitti li Merck (GUK) xtaqet tiġġenera li kieku daħlet b'suċċess fis-suq;

— Lundbeck ma setgħetx tikseb tali limitazzjonijiet billi tinvoka l-privattivi ta' proċess tagħha peress li l-obbligi imposti fuq Merck (GUK) skont dawn il-ftehimiet kienu jmorru lil hinn mid-drittijiet mogħtija lill-proprjetarji ta' privattivi ta' proċess;

— dawn il-ftehimiet ma kienu jipprevedu ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck li tastjeni milli tressaq kawżi dwar vjolazzjoni kontra Merck (GUK) fil-każ li din tal-aħħar tidħol fis-suq bis-citalopram ġeneriku wara l-iskadenza tagħhom.

64 Iż-żewġ ftehimiet konklużi bejn Arrow u Lundbeck tqiesu li kienu jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu li kien ikopri l-perijodu bejn l-24 ta' Jannar 2002 u l-20 ta' Ottubru 2003.

65 Kif jirriżulta mis-sunti li jinsabu fil-premessi 962 u 1013 tad-deċiżjoni kkontestata, li jikkonċernaw rispettivament il-ftehim Arrow UK u l-ftehim Arrow Daniż, il-Kummissjoni bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq l-elementi segwenti:

— fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet, Lundbeck u Arrow kienu kompetituri minn tal-inqas potenzjali fir-Renju Unit u fid-Danimarka;

— Lundbeck wettqet trasferiment ta' valur sostanzjali favur Arrow bis-saħħa ta' dawn il-ftehimiet;

— dan it-trasferiment ta' valur kien marbut mal-aċċettazzjoni minn Arrow ta' limitazzjonijiet għad-dħul tagħha fis-suq tas-citalopram fir-Renju Unit u fid-Danimarka, previsti fl-imsemmija ftehimiet, b'mod partikolari mal-impenn ta' Arrow li ma tbigħx citalopram ġeneriku li Lundbeck kienet tqis li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħha, u dan matul it-tul rispettiv ta' dawn il-ftehimiet;

— dan it-trasferiment ta' valur kien jikkorrispondi essenzjalment għall-profitti li Arrow setgħet tikseb li kieku daħlet fis-suq b'suċċess;

— Lundbeck ma setgħetx tikseb tali limitazzjonijiet bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-privattivi l-ġodda tagħha, peress li l-obbligi imposti fuq Arrow skont dawn il-ftehimiet kienu jmorru lil hinn mid-drittijiet mogħtija lill-proprjetarji ta' privattivi ta' proċess;

— dawn il-ftehimiet ma kienu jipprevedu ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck li tastjeni milli tressaq kawżi dwar vjolazzjoni kontra Arrow fil-każ li din tal-aħħar, wara l-iskadenza ta' wieħed jew l-ieħor minn dawn il-ftehimiet, tidħol fis-suq tar-Renju Unit jew f'dak tad-Danimarka bis-citalopram ġeneriku.

66 Fir-rigward tal-ftehim Alpharma, kif jirriżulta mis-sunt li jinsab fil-premessa 1087 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq l-elementi segwenti:

— fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim, Lundbeck u Alpharma kienu kompetituri minn tal-inqas potenzjali f'diversi pajjiżi taż-ŻEE;

— Lundbeck wettqet trasferiment ta' valur sostanzjali favur Alpharma bis-saħħa ta' dan il-ftehim;

— dan it-trasferiment ta' valur kien marbut mal-aċċettazzjoni minn Alpharma ta' limitazzjonijiet fir-rigward tad-dħul fis-suq tagħha previsti fl-imsemmi ftehim, b'mod partikolari mal-impenn ta' Alpharma li ma tbigħ ebda citalopram ġeneriku fiż-ŻEE matul il-perijodu rilevanti;

— dan it-trasferiment ta' valur kien jikkorrispondi essenzjalment għall-profitti li Alpharma setgħet tikseb li kieku daħlet fis-suq b'suċċess;

— Lundbeck ma setgħetx tikseb tali limitazzjonijiet bis-saħħa tal-applikazzjoni tal-privattivi dwar il-kristallizzazzjoni u dwar id-distillazzjoni f'film, peress li l-obbligi imposti fuq Alpharma skont dan il-ftehim kienu jmorru lil hinn mid-drittijiet mogħtija lill-proprjetarju ta' privattivi ta' proċess;

— il-ftehim ma kien jipprevedi ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck li tastjeni milli tressaq kawżi dwar vjolazzjoni Alpharma fil-każ li din tal-aħħar tidħol fis-suq bis-citalopram ġeneriku wara l-iskadenza ta' dan il-ftehim.

67 Fir-rigward tal-ftehim Ranbaxy, kif jirriżulta mis-sunt li jinsab fil-premessa 1174 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq l-elementi segwenti:

— fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim, Lundbeck u Ranbaxy kienu kompetituri minn tal-inqas potenzjali fi ħdan iż-ŻEE;

— Lundbeck wettqet trasferiment ta' valur sostanzjali favur Ranbaxy bis-saħħa ta' dan il-ftehim;

— dan it-trasferiment ta' valur kien marbut mal-aċċettazzjoni minn Ranbaxy ta' limitazzjonijiet għad-dħul fis-suq tagħha previsti fl-imsemmi ftehim, b'mod partikolari mal-impenn ta' Ranbaxy li la tipproduċi u lanqas ma tbigħ is-citalopram tagħha fiż-ŻEE matul il-perijodu rilevanti, la permezz tas-sussidjarji tagħha u lanqas permezz ta' terzi;

— dan it-trasferiment ta' valur kien jeċċedi b'mod kunsiderevoli l-profitti li Ranbaxy setgħet tikseb permezz tal-bejgħ tas-citalopram ġeneriku li hija kienet ipproduċiet sa dak iż-żmien;

— Lundbeck ma setgħetx tikseb tali limitazzjonijiet billi tinvoka l-privattivi ta' proċess tagħha, peress li l-obbligi imposti fuq Ranbaxy skont dan il-ftehim kienu jmorru lil hinn mid-drittijiet mogħtija lill-proprjetarju ta' privattivi ta' proċess;

— il-ftehim ma kien jipprevedi ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck li tastjeni milli tressaq kawżi dwar vjolazzjoni kontra Ranbaxy fil-każ li din tal-aħħar tidħol fis-suq bis-citalopram ġeneriku tagħha wara l-iskadenza tal-ftehim kontenzjuż.

68 Il-Kummissjoni imponiet ukoll multi fuq il-partijiet kollha fil-ftehimiet kontenzjużi. Għal dan il-għan, hija użat il-Linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-2006"). Fir-rigward ta' Lundbeck, il-Kummissjoni segwiet il-metodoloġija ġenerali deskritta fil-Linji gwida tal-2006, ibbażata fuq il-valur tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat iġġenerat minn kull parteċipant f'akkordju (premessi 1316 sa 1358 tad-deċiżjoni kkontestata). Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-partijiet l-oħra fil-ftehimiet kontenzjużi, jiġifieri fir-rigward tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, hija użat il-possibbiltà, prevista fil-punt 37 tal-imsemmija linji gwida, li ma timxix ma' din il-metodoloġija fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-każ fir-rigward ta' dawn il-partijiet (premessa 1359 tad-deċiżjoni kkontestata).

69 B'hekk, fir-rigward tal-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi minbarra Lundbeck, il-Kummissjoni qieset li, sabiex tiddetermina l-ammont bażiku tal-multa u sabiex tiżgura li din il-multa jkollha effett suffiċjentement dissważiv, kien hemm lok li tieħu inkunsiderazzjoni l-valur tas-somom li Lundbeck kienet ittrasferitilhom bis-saħħa ta' dawn il-ftehimiet, u dan mingħajr ma tintroduċi distinzjoni bejn il-ksur fuq il-bażi tan-natura jew tal-portata ġeografika ta' kull ksur, jew skont l-ishma tas-suq tal-impriżi kkonċernati, fatturi li fid-deċiżjoni kkontestata ssemmew biss għal finijiet ta' kompletezza (premessa 1361 tad-deċiżjoni kkontestata).

70 Għall-kuntrarju, fir-rigward ta' Lundbeck, il-Kummissjoni applikat il-metodu ġenerali deskritt fil-Linji gwida tal-2006, billi bbażat ruħha fuq il-valur tal-bejgħ fis-suq ikkonċernat. Peress li l-bejgħ ta' citalopram ta' Lundbeck kien naqas kunsiderevolment matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi u peress li dawn ma kinux ikopru sena ta' kontabbiltà sħiħa, il-Kummissjoni kkalkolat valur medju annwali tal-bejgħ. Għal dan il-għan, hija bdiet billi kkalkolat il-valur medju fix-xahar tal-bejgħ ta' citalopram minn Lundbeck matul it-tul ta' kull wieħed mill-ftehimiet kontenzjużi, u mbagħad immultiplikat dan il-valur bi tnax (premessa 1326 u nota ta' qiegħ il-paġna numru 2215 tad-deċiżjoni kkontestata).

71 Barra minn hekk, il-Kummissjoni imponiet erba' multi separati fuq Lundbeck, peress li s-sitt ftehimiet kontenzjużi tqiesu li kienu jagħtu lok għal erba' istanzi ta' ksur distinti, sa fejn iż-żewġ ftehimiet bejn Lundbeck u Merck (GUK) taw lok għal ksur uniku u kontinwu, bħal fil-każ ukoll taż-żewġ ftehimiet bejn Lundbeck u Arrow. Madankollu, sabiex ma tasalx għal multa sproporzjonata, il-Kummissjoni applikat fattur ta' korrezzjoni li jwassal għal tnaqqis fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, ibbażat fuq metodu li jirrifletti l-koinċidenzi ġeografiċi u temporali bejn id-diversi istanzi ta' ksur (premessa 1329 tad-deċiżjoni kkontestata). Dan il-metodu wassal għal tnaqqis ta' 15 % għal kull ksur li fir-rigward tiegħu kienu ġew ikkonstatati tali koinċidenzi (nota ta' qiegħ il-paġna numru 2218 tad-deċiżjoni kkontestata).

72 Fid-dawl tal-gravità tal-istanzi ta' ksur ikkonstatati, li l-Kummissjoni kklassifikat bħala "gravi" peress li kienu jimplikaw esklużjoni tas-suq, fid-dawl tas-sehem għoli tas-suq ta' Lundbeck fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dawn l-istanzi ta' ksur, tal-portata ġeografika wiesgħa ħafna tal-ftehimiet kontenzjużi u tal-fatt li dawn il-ftehimiet kollha kienu ġew implementati, il-Kummissjoni qieset li l-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li kellu jiġi applikat kellu jiġi ffissat għal 11 % għall-istanzi ta' ksur li l-portata ġeografika tagħhom kienet iż-ŻEE kollha u għal 10 % għall-istanzi l-oħra (premessi 1331 u 1332 tad-deċiżjoni kkontestata).

73 Il-Kummissjoni applikat koeffiċjent multiplikatur għal dan l-ammont sabiex tieħu inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur (premessi 1334 sa 1337 tad-deċiżjoni kkontestata) u ammont supplimentari ta' 10 % għall-ewwel ksur imwettaq, jiġifieri l-ksur li jikkonċerna l-ftehimiet konklużi ma' Arrow, skont il-punt 25 tal-Linji gwida tal-2006, sabiex tiżgura li l-multi imposti fuq ir-rikorrenti jkollhom effett suffiċjentement dissważiv (premessa 1340 tad-deċiżjoni kkontestata).

74 Fid-dawl tat-tul totali tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni tat, madankollu, tnaqqis ta' 10 % tal-ammont tal-multi imposti fuq id-destinatarji kollha tad-deċiżjoni kkontestata (premessi 1349 u 1380 tad-deċiżjoni kkontestata).

75 Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u fid-dawl tal-fatt li l-ftehim GUK għar-Renju Unit kien ġie ffirmat minn Lundbeck Ltd, il-Kummissjoni imponiet multa totali ta' ammont ta' EUR 93 766 00 fuq Lundbeck A/S, li EUR 5 306 000 minnhom huma dovuti *in solidum* ma' Lundbeck Ltd, li hija komposta b'dan il-mod (premessi 1238, 1358 u Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata):

— EUR 19 893 000 għall-ftehimiet konklużi ma' Merck (GUK), li EUR 5 306 000 huma dovuti *in solidum* ma' Lundbeck Ltd;

— EUR 12 951 000 għall-ftehimiet konklużi ma' Arrow;

— EUR 31 968 000 għall-ftehim konkluż ma' Alpharma;

— EUR 28 954 000 għall-ftehim konkluż ma' Ranbaxy.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

76 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Awwissu 2013, ir-rikorrenti, Lundbeck A/S u Lundbeck Ltd, ippreżentaw ir-rikors ineżami.

77 Permezz ta' digriet tal-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Mejju 2014, il-European Federation of Pharmaceutical Industries and Associations (iktar 'il quddiem l-"EFPIA" jew l-"intervenjenti") tħalliet tintervjeni fil-proċedura ineżami insostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

78 Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991, il-partijiet prinċipali ġew mistiedna sabiex jieħdu pożizzjoni bil-miktub, fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota għal intervent tal-EFPIA, dwar il-konsegwenzi li jista' jkollha għal din il-kawża s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni (C-67/13 P, Ġabra, EU:C:2014:2204).

79 Il-partijiet prinċipali kkomunikaw l-osservazzjonijiet tagħhom fit-terminu mogħti permezz ta' noti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Jannar 2015.

80 Il-fażi bil-miktub tal-proċedura ngħalqet fl-istess jum.

81 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, għamlet numru ta' mistoqsijiet lill-partijiet sabiex iwiġbuhom bil-miktub.

82 Dawn il-partijiet wieġbu għal dawn il-mistoqsijiet fit-terminu mogħti permezz ta' noti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Ottubru 2015.

83 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2015.

84 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tadotta miżura istruttorja sabiex il-Kummissjoni tipproduċi verżjonijiet mhux iċċensurati tal-korrispondenza tagħha mal-KFST;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tħassar l-ammont tal-multi li kienu ġew imposti fuqhom skont din id-deċiżjoni;

— b'mod iktar sussidjarju, tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-imsemmija multi;

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħhom;

— tadotta kwalunkwe miżura li hija tqis opportuna.

85 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala infondat;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż, ħlief għal dawk tal-intervenjenti;

— tiddeċiedi li l-intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess.

86 L-intervenjenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-intervenjenti.

87 Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti għall-adozzjoni mill-Qorti Ġenerali ta' miżura istruttorja sabiex il-Kummissjoni tipproduċi verżjonijiet mhux iċċensurati tal-korrispondenza tagħha mal-KFST, għandu jiġi osservat li, wara l-komunikazzjoni volontarja ta' dawn id-dokumenti fil-kuntest tar-rikors ineżami, ir-rikorrenti kkonfermaw waqt is-seduta li ma xtaqux jinsistu fuq din it-talba.

Id-dritt

88 Insostenn tar-rikors tagħhom ir-rikorrenti qegħdin iressqu għaxar motivi. Dawn għandhom jiġu eżaminati fl-ordni li fihom ġew ippreżentati mir-rikorrenti.

I – *Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni mwettqa sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tqis li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u Lundbeck kienu minn tal-inqas kompetituri potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi*

89 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tinterpreta b'mod żbaljat il-ġurisprudenza rilevanti sabiex jiġi stabbilit jekk ftehim jillimitax il-kompetizzjoni potenzjali, li jeħtieġ l-eżistenza ta' possibbiltajiet reali u konkreti ta' dħul fis-suq fl-assenza ta' ftehim, u jqisu li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni fatti essenzjali f'dan ir-rigward.

90 Qabel jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti, għandhom jitfakkru fil-qosor il-ġurisprudenza rilevanti kif ukoll l-approċċ adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

A – *Analiżi dwar il-kompetizzjoni potenzjali fid-deċiżjoni kkontestata*

91 Fil-premessi 615 sa 620 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indirizzat il-karatteristiċi partikolari tas-settur farmaċewtiku u għamlet distinzjoni bejn żewġ fażijiet li matulhom il-kompetizzjoni potenzjali setgħet tiġi espressa f'dan is-settur.

92 L-ewwel fażi tista' tibda diversi snin qabel l-iskadenza tal-privattiva dwar IFA, meta l-produtturi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jkunu jixtiequ jintroduċu verżjoni ġenerika tal-prodott mediċinali kkonċernat jibdew jiżviluppaw proċessi ta' produzzjoni vijabbli li jwasslu għal prodott li jissodisfa r-rekwiżiti leġiżlattivi. Sussegwentement, fit-tieni fażi, sabiex tipprepara għad-dħul effettiv tagħha fis-suq, ikun meħtieġ li l-impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi tikseb awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq (iktar 'il quddiem "ATS") b'applikazzjoni tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), takkwista pilloli mingħand produttur, wieħed jew iktar, ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jew tipproduċihom hija stess, tfittex distributuri jew tistabbilixxi n-netwerk ta' distribuzzjoni tagħha stess, jiġifieri, din l-impriża jkollha twettaq sensiela ta' passi preliminari li mingħajrhom qatt ma jkun hemm kompetizzjoni effettiva fis-suq.

93 Għaldaqstant, il-fatt li privattiva dwar IFA tkun waslet sabiex tiskadi jiġġenera proċess kompetittiv dinamiku, li matulu d-diversi impriżi li jipproduċu prodotti mediċinali ġeneriċi jikkompetu bejniethom sabiex ikunu l-ewwel li jidħlu fis-suq. Fil-fatt, l-ewwel waħda minn dawn l-impriżi li jirnexxilha tidħol fis-suq tista' tiġġenera profitti kbar, qabel ma l-kompetizzjoni tintensifika u l-prezzijiet jonqsu drastikament. Huwa għalhekk li dawn l-impriżi huma lesti li jwettqu investimenti kunsiderevoli u li jieħdu riskji kbar sabiex ikunu l-ewwel li jidħlu fis-suq tal-prodott ikkonċernat hekk kif tiskadi l-privattiva dwar l-IFA kkonċernata.

94 Fil-kuntest ta' dawn iż-żewġ fażijiet tal-kompetizzjoni potenzjali, l-impriżi li jipproduċu prodotti mediċinali ġeneriċi jew li jkollhom l-intenzjoni li jbigħuhom ħafna drabi jħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet ta' dritt tal-privattivi u tal-proprjetà intellettwali. Madankollu, b'mod ġenerali huma jsibu mezz sabiex jevitaw kwalunkwe vjolazzjoni ta' privattivi eżistenti, bħalma huma l-privattivi ta' proċess. Fil-fatt, f'dan ir-rigward, huma għandhom diversi alternattivi, bħalma huma l-possibbiltà li jitolbu dikjarazzjoni ta' assenza ta' vjolazzjoni jew ta' "tneħħija tal-ostakoli" billi jinformaw lil-laboratorju ta' oriġini dwar l-intenzjoni tagħhom li jidħlu fis-suq. Huma jistgħu wkoll jintroduċu l-prodotti "b'riskju" tagħhom, filwaqt li jiddefendu ruħhom kontra l-allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni li jista' jkun hemm jew billi jippreżentaw talba inċidentali sabiex jikkontestaw il-validità tal-privattivi invokati insostenn ta' kawża dwar vjolazzjoni. Fl-aħħar nett, huma jistgħu wkoll jikkollaboraw mal-fornitur ta' IFA tagħhom sabiex jemendaw il-proċess ta' produzzjoni jew sabiex inaqqsu r-riskji ta' vjolazzjoni jew inkella jużaw produttur ieħor ta' IFA sabiex jiġi evitat tali riskju.

95 Fil-premessi 621 sa 623 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni fakkret li, fil-każ ineżami, il-privattivi oriġinali ta' Lundbeck kienu skadew f'Jannar 2002 fil-parti l-kbira tal-pajjiżi taż-ŻEE. Dan kien iġġenera proċess kompetittiv dinamiku, fejn diversi impriżi li jipproduċu jew li jbigħu prodotti mediċinali ġeneriċi kienu wettqu passi sabiex ikunu l-ewwel li jidħlu fis-suq. Lundbeck kienet indunat b'din it-theddida sa minn Diċembru 1999, meta kitbet fil-pjan strateġiku tagħha għas-sena 2000 li, "minn issa sal-2002, [kien] probabbli l-prodotti mediċinali ġeneriċi jkunu kisbu sehem tas-suq sostanzjali tal-bejgħ ta' Cipramil". Bl-istess mod, f'Diċembru 2001, Lundbeck kitbet, fil-pjan strateġiku tagħha għas-sena 2002, li hija kienet qiegħda tistenna li s-suq tar-Renju Unit b'mod partikolari jintlaqat b'mod serju ħafna mill-kompetizzjoni minn prodotti mediċinali ġeneriċi. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu qegħdin jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

96 Barra minn hekk, fil-premessi 624 sa 633 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni osservat li l-fatt li jiġu kkontestati privattivi kien espressjoni tal-kompetizzjoni potenzjali fis-settur farmaċewtiku. F'dan ir-rigward, hija fakkret li, fiż-ŻEE, l-impriżi li xtaqu jbigħu prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux meħtieġa jistabbilixxu li l-prodotti tagħhom ma jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' ebda privattiva sabiex ikunu jistgħu jiksbu ATS jew sabiex jibdew jikkummerċjalizzawhom. Huwa l-laboratorju ta' oriġini li għandu jistabbilixxi li dawn il-prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni, minn tal-inqas *prima facie*, ta' waħda mill-privattivi tiegħu, sabiex qorti tkun tista' tordna lill-impriża kkonċernata sabiex twaqqaf il-bejgħ tal-prodotti tagħha fis-suq. Issa, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni qieset, filwaqt li bbażat ruħha b'mod

partikolari fuq l-evalwazzjonijiet tal-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi, li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, li fuqha Lundbeck kienet qiegħda essenzjalment tibbaża ruħha sabiex twaqqaf id-dħul fis-suq tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fir-Renju Unit, kellha sa 60 % possibbiltà li tiġi invalidata minn qorti u li din il-privattiva tqieset mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li hija privattiva ftit innovattiva. F'tali ċirkustanzi, il-Kummissjoni qieset li l-fatt li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jidħlu "b'riskju" fis-suq u li jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' kawżi dwar vjolazzjoni mressqa minn Lundbeck jikkostitwixxi l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-privattivi ta' proċessi ta' Lundbeck ma kinux jippermettulha twaqqaf il-possibbiltajiet kollha li kellhom l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jidħlu fis-suq.

97 Fil-premessa 635 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni identifikat f'dan il-każ tmien possibbiltajiet ta' aċċess għas-suq ineżami:

— l-ewwel nett, tnedija tal-prodott "b'riskju" filwaqt li jiġu ffaċċjati l-kawżi dwar vjolazzjoni li jistgħu jitressqu min-naħa ta' Lundbeck;

— it-tieni nett, twettiq ta' sforzi sabiex "jitneħħew l-ostakoli" mal-laboratorju ta' oriġini, qabel id-dħul fis-suq, b'mod partikolari fir-Renju Unit;

— it-tielet nett, talba għal dikjarazzjoni ta' assenza ta' vjolazzjoni quddiem qorti nazzjonali, qabel id-dħul fis-suq;

— ir-raba' nett, invokazzjoni tal-invalidità ta' privattiva quddiem qorti nazzjonali, fil-kuntest ta' talba inċidentali sussegwentement għal kawża dwar vjolazzjoni mressqa mil-laboratorju ta' oriġini;

— il-ħames nett, kontestazzjoni ta' privattiva quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew quddiem l-EPO, fejn tintalab ir-revoka jew il-limitazzjoni ta' din il-privattiva;

— is-sitt nett, kollaborazzjoni mal-produttur ta' IFA attwali jew mal-fornitur tiegħu – fil-każ ta' Merck (GUK) Schweizerhall Pharma International GmbH (iktar 'il quddiem "Schweizerhall") – sabiex jiġi emendat il-proċess tal-produttur IFA b'mod li jiġi eliminat jew imnaqqas ir-riskju ta' vjolazzjoni tal-privattivi ta' proċess tal-laboratorju ta' oriġini;

— is-seba' nett, użu ta' produttur ta' IFA ieħor fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista eżistenti;

— it-tmien nett, użu ta' produttur ta' IFA ieħor, mhux fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista eżistenti, jew minħabba li l-imsemmi kuntratt jawtorizza dawn jew inkella, potenzjalment, minħabba li kuntratt ta' provvista esklużiv jista' jiġi invalidat fil-każ li jiġi ddikjarat li l-IFA jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck.

B – *Il-prinċipji u l-ġurisprudenza applikabbli*

1. Fuq il-kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali

98 Għandu jiġi osservat, qabel kollox, li l-Artikolu 101(1) TFUE huwa applikabbli biss fis-setturi li huma miftuħa għall-kompetizzjoni, fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan it-test dwar l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u dwar l-impatti fuq il-kompetizzjoni (ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2012, E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, T-360/09, Ġabra, EU:T:2012:332, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 Skont il-ġurisprudenza, l-eżami tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni f'suq partikolari ma għandux ikun ibbażat biss fuq il-kompetizzjoni attwali bejn l-impriżi diġà preżenti fis-suq inkwistjoni iżda għandu jkun ibbażat ukoll fuq il-kompetizzjoni potenzjali sabiex ikun magħruf jekk, fid-dawl tal-istruttura

tas-suq u tal-kuntest ekonomiku u legali li jirregola l-funzjonament tas-suq, jeżistux possibbiltajiet reali u konkreti li l-impriżi kkonċernati jikkompetu bejniethom jew li kompetitur ġdid ikun jista' jidħol fis-suq inkwistjoni u jikkompeti mal-impriżi stabbiliti (sentenzi tal-15 ta' Settembru 1998, European Night Services *et* vs Il-Kummissjoni, T-374/94, T-375/94, T-384/94 u T-388/94, Ġabra, EU:T:1998:198, punt 137, tal-14 ta' April 2011, Visa Europe u Visa International Service vs Il-Kummissjoni, T-461/07, Ġabra, EU:T:2011:181, punt 68, u E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punt 85).

100 Sabiex jiġi vverifikat jekk impriża tikkostitwixxix kompetitur potenzjali f'suq, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tivverifika jekk, fl-assenza tal-konklużjoni tal-ftehim li tkun qiegħda teżamina, kinux jeżistu possibbiltajiet reali u konkreti li din tidħol fl-imsemmi suq u tikkompeti mal-impriżi li kienu stabbiliti f'dan is-suq. Tali prova ma għandhiex tkun ibbażata fuq sempliċi ipoteżi, iżda għandha tiġi ssostanzjata permezz ta' punti ta' fatt jew ta' analiżi tal-istrutturi tas-suq rilevanti. B'hekk, impriża ma tistax tiġi kklassifikata bħala kompetitur potenzjali jekk id-dħul tagħha fis-suq ma jikkorrispondix għal strateġija ekonomika vijabbli (ara s-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

101 Minn dan jirriżulta neċessarjament li, għalkemm l-intenzjoni ta' impriża li tidħol f'suq hija eventwalment rilevanti għall-finijiet tal-verifika dwar jekk hija tistax titqies li hija kompetitur potenzjali fl-imsemmi suq, l-element essenzjali li fuqu għandha tkun ibbażata tali klassifikazzjoni huwa madankollu kkostitwit mill-kapaċità tagħha li tidħol fl-imsemmi suq (ara s-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li restrizzjoni tal-kompetizzjoni potenzjali, li tista' tikkostitwixxi s-sempliċi eżistenza ta' impriża barra minn dan is-suq, ma tistax tkun suġġetta għall-prova tal-intenzjoni ta' din l-impriża li tidħol fi żmien qasir fl-imsemmi suq. Fil-fatt, bis-sempliċi eżistenza tagħha, din tista' tikkawża pressjoni kompetittiva fuq l-impriżi li f'dak il-mument kienu joperaw f'dan is-suq, pressjoni kkostitwita mir-riskju tad-dħul ta' kompetitur ġdid fil-każ li jkun hemm żvilupp fl-attrazzjoni tas-suq (sentenza Visa Europe u Visa International Service vs Il-Kummissjoni, punt 99 iktar 'il fuq, EU:T:2011:181, punt 169).

103 Barra minn hekk, il-ġurisprudenza speċifikat ukoll li l-fatt stess li impriża diġà preżenti f'suq tipprova tikkonkludi ftehimiet jew tipprova tistabbilixxi mekkaniżmi għall-iskambju ta' informazzjoni ma' impriżi oħra li ma kinux preżenti f'dan is-suq huma indizji serji tal-fatt li dan is-suq ma kienx inpenetrabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2011, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, T-112/07, Ġabra, EU:T:2011:342, punt 226, u tal-21 ta' Mejju 2014, Toshiba vs Il-Kummissjoni, T-519/09, EU:T:2014:263, punt 231).

104 Għalkemm minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq il-perċezzjoni tal-impriża preżenti fis-suq sabiex tevalwa jekk impriżi oħra humiex kompetituri potenzjali tagħha, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-possibbiltà purament teoretika ta' dħul fis-suq ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha turi, permezz ta' punti ta' fatt jew ta' analiżi tal-istrutturi tas-suq rilevanti, li d-dħul fis-suq jista' jitwettaq b'mod suffiċjentement malajr sabiex it-theddida ta' dħul potenzjali jkollha impatt fuq l-aġir tal-parteċipanti fis-suq permezz ta' spejjeż li jkunu ekonomikament vijabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punti 106 u 114).

2. Fuq l-oneru tal-prova

105 Il-ġurisprudenza tipprovdi, bħalma jagħmel l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003, li hija l-parti jew l-awtorità li tallega ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li għandha tipproduċi l-prova tiegħu. B'hekk, fil-każ ta' tilwima dwar l-eżistenza ta' ksur, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova tal-ksur

ikkonstatat minnha u li għandha tistabbilixxi l-provi li jistabbilixxu, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (ara s-sentenza tat-12 ta' April 2013, CISAC vs Il-Kummissjoni, T-442/08, Ġabra, EU:T:2013:188, punt 91 u l-ġurisprudenza ċċitata).

106 F'dan il-kuntest, l-eżistenza ta' dubju f'moħħ il-qorti għandha tibbenefika lill-impriża destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur. Għaldaqstant, il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-Kummissjoni stabbilixxiet l-eżistenza tal-ksur inkwistjoni b'mod suffiċjenti fid-dritt jekk jibqa' dubju f'moħħ il-qorti dwar din il-kwistjoni, b'mod partikolari fil-kuntest ta' rikors għall-annullament ta' deċiżjoni li timponi multa (ara s-sentenza CISAC vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar 'il fuq, EU:T:2013:188, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

107 Fil-fatt, huwa meħtieġ li tittieħed inkunsiderazzjoni l-preżunzjoni ta' innoċenza, kif tirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u tal-grad ta' gravità tas-sanzjonijiet li jistgħu jkunu marbuta ma' dan il-ksur, il-preżunzjoni ta' innoċenza tapplika b'mod partikolari għall-proċeduri dwar ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi li jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti ta' penalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CISAC vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar 'il fuq, EU:T:2013:188, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 Barra minn hekk, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-ħsara mhux negliġibbli għar-reputazzjoni li tikkostitwixxi, għal persuna fiżika jew ġuridika, il-konstatazzjoni li din il-persuna kienet involuta fi ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza CISAC vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar 'il fuq, EU:T:2013:188, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

109 B'hekk, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tipproduċi provi preċiżi u konkordanti sabiex tistabbilixxi l-eżistenza tal-ksur u sabiex tibbaża l-konvinzjoni ferma li l-ksur allegat jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE (ara s-sentenza CISAC vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar 'il fuq, EU:T:2013:188, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li kull waħda mill-provi mressqa mill-Kummissjoni ma għandhiex neċessarjament tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element tal-ksur. Huwa suffiċjenti li s-sensiela ta' indizji invokati mill-istituzzjoni, evalwati globalment, jissodisfaw dan ir-rekwiżit (ara s-sentenza CISAC vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar 'il fuq, EU:T:2013:188, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

111 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, meta l-Kummissjoni tistabbilixxi li impriża inkwistjoni pparteċipat f'miżura antikompetittiva, hija din l-impriża li jkollha tipprovdi, billi tuża mhux biss dokumenti mhux żvelati iżda wkoll il-mezzi kollha li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, spjegazzjoni differenti tal-aġir tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra, EU:C:2004:6, punti 79 u 132).

112 Madankollu, meta l-Kummissjoni jkollha provi dokumentali ta' prassi antikompetittiva, l-impriżi kkonċernati ma jistgħux sempliċement jinvokaw ċirkustanzi li jixħtu dawl differenti fuq il-fatti stabbiliti mill-Kummissjoni u li jippermettu b'hekk li tingħata spjegazzjoni tal-fatti differenti minn dik mogħtija mill-Kummissjoni. Fil-fatt, fil-preżenza ta' provi dokumentali, l-imsemmija impriżi ma għandhomx sempliċement jippreżentaw allegata spjegazzjoni oħra tal-fatti kkonstatati mill-Kummissjoni iżda għandhom effettivament jikkontestaw l-eżistenza ta' dawn il-fatti stabbiliti fid-dawl tal-provi prodotti mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CISAC vs Il-Kummissjoni, punt 105 iktar 'il fuq, EU:T:2013:188, punti 99 u 102 u l-ġurisprudenza ċċitata).

3. Fuq il-portata tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali

113 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 263 TFUE jimplika li l-qorti tal-Unjoni għandha teżerċita stħarriġ, kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt, fir-rigward tal-argumenti invokati mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni kkontestata u li din il-qorti għandha s-setgħa li tevalwa l-provi u li tannulla l-imsemmija deċiżjoni. Għalhekk, għalkemm f'oqsma li jagħtu lok għal evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi l-Kummissjoni għandha marġni diskrezzjonali, dan ma jimplikax li l-qorti tal-Unjoni għandha tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, mill-Kummissjoni, ta' informazzjoni ta' natura ekonomika. Fil-fatt, il-qorti tal-Unjoni għandha, b'mod partikolari, mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha tivverifika wkoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet misluta minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, Ġabra, EU:C:2014:2062, punti 53 u 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

114 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti fir-rigward tal-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejnhom u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

C – Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-argument li l-introduzzjoni ta' prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' terzi ma tikkostitwixxix l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali taħt l-Artikolu 101 TFUE

115 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żball ta' liġi sa fejn tqis li l-introduzzjoni ta' prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' terzi hija l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali taħt l-Artikolu 101 TFUE. Il-fatt li l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali tkun ibbażata fuq l-ipoteżi ta' introduzzjoni ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, bir-riskju ta' kawża dwar vjolazzjoni fuq il-bażi tal-privattivi tagħhom, huwa inkompatibbli mal-protezzjoni mogħtija lill-privattivi u mad-drittijiet esklużivi li jirriżultaw minnhom. L-Artikolu 101 TFUE jipproteġi biss il-kompetizzjoni legali u din ma tistax teżisti meta dritt esklużiv, bħalma huwa privattiva, jipprekludi, fid-dritt u fil-fatt, id-dħul fis-suq.

116 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

117 Għandu jitfakkar li l-għan speċifiku tal-proprjetà industrijali huwa b'mod partikolari li l-proprjetarju jiġi żgurat, sabiex jiġi rrikumpensat l-isforz kreattiv tal-inventur, id-dritt esklużiv li juża invenzjoni bil-għan tal-fabbrikazzjoni u tal-ewwel tqegħid fis-suq ta' prodotti industrijali, jew direttament, jew bl-għoti ta' liċenzji lil terzi, kif ukoll id-dritt li joġġezzjona għal kwalunkwe vjolazzjoni (sentenza tal-31 ta' Ottubru 1974, Centrafarm u de Peijper, 15/74, Ġabra, EU:C:1974:114, punt 9).

118 Madankollu, il-ġurisprudenza bl-ebda mod ma teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE għall-ftehimiet bonarji li jistgħu jiġu konklużi fil-qasam tal-privattivi. Għall-kuntrarju, il-ġurisprudenza tipprovdi li, għalkemm id-drittijiet irrikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru fil-qasam tal-proprjetà industrijali ma humiex milquta, fir-rigward tal-eżistenza tagħhom, mill-imsemmi artikolu, il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħhom jistgħu madankollu jaqgħu taħt il-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu. Dan jista' jkun il-każ kull meta l-eżerċizzju ta' tali dritt jidher li huwa l-għan, il-mezz jew il-konsegwenza ta' akkordju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Centrafarm u de Peijper, punt 117 iktar 'il fuq, EU:C:1974:114, punti 39 u 40).

119 Bl-istess mod, skont il-ġurisprudenza, għalkemm ma huwiex il-kompitu tal-Kummissjoni li tiddefinixxi l-portata ta' privattiva, hija ma tistax tasjetni minn kwalunkwe inizjattiva meta l-portata ta' privattiva tkun rilevanti għall-evalwazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE (sentenza tal-25 ta' Frar 1986, Windsurfing International vs Il-Kummissjoni, 193/83, Ġabra, EU:C:1986:75, iktar 'il

quddiem is-"sentenza Windsurfing", EU:C:1986:75, punt 26). Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-għan speċifiku tal-privattiva ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jiggarantixxi protezzjoni wkoll kontra l-azzjonijiet intiżi sabiex tiġi kkontestata l-validità ta' privattiva, fid-dawl tal-fatt li huwa fl-interess pubbliku li jiġi eliminat kwalunkwe ostakolu għall-attività ekonomika, li jista' jirriżulta minn privattiva mogħtija indebitament (sentenza Windsurfing, iċċitata iktar 'il fuq, EU:C:1986:75, punt 92).

120 Issa, fil-kawża ineżami, l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata, minn naħa, li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu qegħdin iwettqu mingħajr ebda dubju vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom u, min-naħa l-oħra, li dawn il-privattivi kienu ser jirreżistu ċertament għall-eċċezzjonijiet ta' invalidità li dawn l-impriżi setgħu jqajmu fil-kuntest ta' eventwali kawżi dwar vjolazzjoni.

121 Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li l-privattivi huma preżunti li huma validi sakemm jiġu espliċitament irrevokati jew invalidati minn awtorità jew minn qorti li jkollha kompetenza f'dan ir-rigward, tali preżunzjoni ta' validità ma tistax titqies li hija ekwivalenti għal preżunzjoni ta' illegalità tal-prodotti ġeneriċi mqiegħda fis-suq b'mod validu li l-proprjetarju ta' privattiva jqis li jikkostitwixxu vjolazzjoni tagħha.

122 Kif issostni ġustament il-Kummissjoni u mingħajr ma dan ġie kkontestat mir-rikorrenti, fil-kawża ineżami, huma r-rikorrenti li għandhom jistabbilixxu quddiem il-qrati nazzjonali, fil-każ tad-dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, li dawn jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi waħda jew oħra mill-privattivi ta' proċess tagħhom, sa fejn dħul b'riskju ma huwiex illegali fih innifsu. Barra minn hekk, fil-każ ta' kawża dwar vjolazzjoni mressqa minn Lundbeck kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġenerali, kien ikun possibbli għal dawn tal-aħħar li jikkontestaw il-validità tal-privattiva invokata minn Lundbeck, permezz ta' kawża inċidentali. Tali kawżi huma fil-fatt frekwenti fil-qasam tal-privattivi u jwasslu, f'diversi każijiet, għal dikjarazzjoni ta' invalidità tal-privattiva ta' proċess invokata mill-proprjetarju ta' privattiva (ara l-premessi 75 u 76 tad-deċiżjoni kkontestata). B'hekk, mill-provi li jinsabu fil-premessi 157 u 745 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Lundbeck kienet tistma hija stess li din il-probabbiltà kienet ta' bejn 50 u 60 % fir-rigward tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

123 Barra minn, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li, sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali f'dan il-każ, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza żviluppata permezz tas-sentenzi European Night Services *et* vs Il-Kummissjoni, punt 99 iktar 'il fuq (EU:T:1998:198), kif ukoll Visa Europe u Visa International Service vs Il-Kummissjoni, punt 99 iktar 'il fuq (EU:T:2011:181), ġurisprudenza li minnha jirriżulta li għandu jiġi eżaminat jekk, fid-dawl tal-istruttura tas-suq u tal-kuntest ekonomiku u legali li jirregola l-funzjonament tiegħu, jeżistux possibbiltajiet reali u konkreti li l-impriżi kkonċernati jikkompetu bejniethom jew li kompetitur ġdid ikun jista' jidħol fis-suq inkwistjoni u jikkompeti mal-impriżi stabbiliti (premessi 610 u 611 tad-deċiżjoni kkontestata).

124 F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-elementi mfakkra fil-punt 122 iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta qieset li l-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck ma kinux jikkostitwixxu neċessarjament barrieri li ma setgħux jingħelbu għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Toshiba vs Il-Kummissjoni, punt 103 iktar 'il fuq, EU:T:2014:263, punt 230), li xtaqu u li kienu lesti jidħlu fis-suq tas-citalopram, u li kienu diġà wettqu investimenti kunsiderevoli għal dan il-għan fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

125 Huwa minnu li huwa possibbli li, f'ċerti każijiet, ir-rikorrenti setgħu jirbħu l-kawża tagħhom quddiem il-qrati kompetenti billi jiksbu ordnijiet jew danni kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi. Madankollu, mill-provi inklużi fid-deċiżjoni kkontestata għal kull waħda mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jirriżulta li f'dak iż-żmien tali possibbiltà ma kinitx ipperċepita bħala theddida suffiċjentement kredibbli għalihom. B'hekk, Merck (GUK) kienet qieset, pereżempju, wara l-pubblikazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ta' Lundbeck, li s-citalopram ta' Natco "ma

kienx kontenzjuż", li "ebda waħda mill-applikazzjonijiet għal privattiva ppubblikati [...] ma kienet tikkawża problema" u li, fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet tal-esperti, ma kien hemm "assolutament l-ebda problema fil-qasam tal-privattivi" (premessi 237, 248 u 334 tad-deċiżjoni kkontestata).

126 Barra minn hekk, ma kien hemm ebda ċertezza dwar il-fatt li r-rikorrenti kienu effettivament ser iressqu kawżi ġudizzjarji fil-każ ta' dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq. Huwa minnu li d-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li r-rikorrenti kienu implementaw strateġija ġenerali li kienet tikkonsisti fil-formulazzjoni ta' theddid ta' kawżi dwar vjolazzjoni jew fit-tressiq ta' tali kawżi fuq il-bażi tal-privattivi ta' proċess tagħhom. Madankollu, kwalunkwe deċiżjoni li titressaq kawża ġudizzjarja kienet tiddependi mill-perspettiva tar-rikorrenti fir-rigward tal-probabbiltà li rikors ikollu eżitu pożittiv u li prodott ġeneriku kkummerċjalizzat jitqies li jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' waħda mill-privattivi tagħhom. Issa, huma kienu jafu sew li l-"fabbrikanti ta' prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu jipproduċu s-citalopram bl-applikazzjoni tal-proċess deskritt fil-privattiva oriġinali [tagħhom] li tipproteġi l-IFA [...] jew li setgħu jinvestu fl-iżvilupp ta' proċess kompletament ġdid" (premessa 150 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, fil-każ li jkollha taffaċċja talbiet inċidentali li setgħu jitressqu, Lundbeck kienet taf li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ma kinitx "l-iktar privattiva solida" u li wħud mir-rivali tagħha kienu jqisuha bħala "kimika tal-iskola sekondarja" (premessa 149 tad-deċiżjoni kkontestata).

127 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, fil-kawża ineżami, il-privattivi oriġinali ta' Lundbeck kienu diġà skadew fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, u li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni kienet għadha ma ngħatatx b'mod definittiv fir-Renju Unit, fis-sens tal-Artikolu 25 tal-UK Patents Act 1977 (Liġi tar-Renju Unit dwar il-privattivi tal-1977), fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit u tal-ftehim Arrow UK. L-għoti ta' miżuri provviżorji favur Lundbeck fir-Renju Unit kontra Merck (GUK) u Arrow kien ikun għalhekk, jekk mhux impossibbli, minn tal-inqas ftit probabbli fil-każ tad-dħul fis-suq fir-Renju Unit minn dawn l-impriżi qabel id-data tal-għoti ta' din il-privattiva. Għaldaqstant, ftit huwa probabbli li Lundbeck kien ser jirnexxilha tikseb ordnijiet kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kollha, anki li kieku kienet ressqet sistematikament kawżi ġudizzjarji kontrihom. Bl-istess mod, kien biss fis-26 ta' Marzu 2003 li ngħatat il-privattiva dwar il-jodju.

128 Għaldaqstant, bħalma għamlet il-Kummissjoni fil-premessa 635 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li, b'mod ġenerali, kienu jeżistu diversi mezzi li jikkostitwixxu possibbiltajiet konkreti u realisti ta' dħul fis-suq għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (punt 97 iktar 'il fuq). Fosthom tinsab, b'mod partikolari, l-introduzzjoni tal-prodott ġenerali "b'riskju", bil-possibbiltà ta' kontestazzjoni minn Lundbeck fil-kuntest ta' eventwali tilwimiet.

129 Tali possibbiltà tirrappreżenta effettivament l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali, f'sitwazjoni bħal dik ineżami fejn il-privattivi oriġinali ta' Lundbeck, li jikkonċernaw kemm l-IFA citalopram u kemm il-proċess ta' produzzjoni ta' alklyation u ta' cyanation, kienu skadew u fejn kienu jeżistu proċessi oħra li kienu jippermettu li jiġi prodott citalopram ġeneriku u li fir-rigward tagħhom ma kienx stabbilit li jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' privattivi oħra ta' Lundbeck, kif ir-rikorrenti stess ammettew fit-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Barra minn hekk, il-passi u l-investimenti mwettqa mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bl-intenzjoni li jidħlu fis-suq tas-citalopram qabel ma kkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi, kif esposti mill-Kummissjoni fir-rigward ta' kull waħda mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fid-deċiżjoni kkontestata [ara l-premessi 738 sa 743 u 827 sa 832 għal Merck (GUK), il-premessi 877 sa 883 u 965 sa 969 għal Arrow, il-premessi 1016 sa 1018 għal Alpharma u l-premessi 1090 sa 1102 għal Ranbaxy] u li l-eżistenza stess tagħhom ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti, juru li dawn kienu lesti sabiex jidħlu fis-suq u sabiex jassumu r-riskji li kien jimplika tali dħul.

130 Fl-aħħar nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tar-rikorrenti fis-sens li dħul b'riskju mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kien ikun illegali, b'tali mod li dan id-dħul ma jistax jitqies li huwa l-eżerċizzju legali ta' kompetizzjoni reali jew potenzjali.

131 Fil-fatt, il-ġurisprudenza teżiġi biss li jiġi stabbilit il-fatt li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom possibbiltajiet reali u konkreti u l-kapaċità li jidħlu fis-suq, li jkun ċertament il-każ meta dawn ikunu wettqu investimenti sostanzjali sabiex jidħlu fis-suq u meta jkunu diġà kisbu ATS jew għamlu l-passi neċessarji sabiex jiksbu waħda f'terminu raġonevoli. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li wħud minnhom kien saħansitra rnexxielhom jidħlu, b'riskju tagħhom stess, fis-suq qabel jew wara l-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. B'hekk, NM Pharma, id-distributur ta' Merck (GUK) fl-Isvezja, kienet wettqet bejgħ "inkoraġġanti ferm" matul kważi ħames xhur fis-suq Svediż, qabel il-konklużjoni tal-ftehim għaż-ŻEE, mingħajr ma kienet impedita minn Lundbeck (premessa 837 tad-deċiżjoni kkontestata). Merck (GUK) kien ukoll irnexxielha tbigħ pilloli ta' citalopram ġeneriku b'valur ta' GPB 3.3 miljun fir-Renju Unit f'Awwissu 2003, qabel ma kisbet it-tieni estensjoni, iktar interessanti f'termini ta' qligħ, tal-ftehim GUK għar-Renju Unit. Jekk tiġi aċċettata t-teżi tar-rikorrenti jkun qiegħed jiġi aċċettat li lanqas tali dħul effettiv fis-suq ma jikkostitwixxi l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali għas-sempliċi raġuni li r-rikorrenti kienu konvinti min-natura illegali ta' dan id-dħul u li huma setgħu eventwalment jipprovaw joġġezzjonawh fuq il-bażi tal-privattivi ta' proċess tagħhom fil-kuntest ta' kawżi dwar vjolazzjoni. Issa, għar-raġunijiet esposti fil-punti 120 sa 122 iktar 'il fuq, tali linja ta' argument għandha tiġi miċħuda.

132 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jqisu li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-preżunzjoni tal-validità tal-privattivi tagħhom u d-drittijiet ta' proprjetà marbuta magħhom meta kklassifikat id-dħul "b'riskju" mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġenerali fis-suq bħala l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u dawn tal-aħħar fil-każ ineżami.

133 Għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

D – *Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-argument li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq evalwazzjonijiet suġġettivi sabiex ikkonkludiet li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri reali jew potenzjali ta' Lundbeck*

134 Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball sa fejn hija bbażata fuq l-evalwazzjoni suġġettiva mwettqa mill-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi dwar il-validità ta' privattiva u dwar jekk prodott jikkostitwixxi vjolazzjoni jew le sabiex tiddetermina jekk dawn il-partijiet kinux jikkostitwixxu kompetituri potenzjali.

135 Fl-ewwel lok, huma jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma tipprovax b'mod suffiċjenti li l-evalwazzjoni suġġettiva tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienet li huma kienu jqisu li kienet teżisti possibbiltà reali li qorti tiddeċiedi li l-privattivi ta' Lundbeck kienu nulli u/jew ma kinux is-suġġett ta' vjolazzjoni. Issa, skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003, hija l-Kummissjoni li għandha tipprova li dħul li ma jikkostitwixxix ksur kien possibbli matul il-perijodi koperti mill-ftehimiet kontenzjużi. Barra minn hekk, tali evalwazzjoni hija bbażata fuq informazzjoni insuffiċjenti u li ma kinitx baqgħat kostanti, b'tali mod li din l-informazzjoni ma tistax tintuża sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi.

136 Fit-tieni lok, id-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-elementi oġġettivi li jikkonfermaw id-diffikultà li kellhom l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jidħlu fis-suq, bħalma huma l-elementi xjentifiċi mogħtija minn Lundbeck li jipprovaw l-eżistenza ta' vjolazzjoni, il-konferma, kemm mill-Bord tal-Appell tal-EPO u kemm mill-uffiċċju tal-privattivi tal-Pajjiżi l-Baxxi, tal-validità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni fir-rigward tal-aspetti rilevanti kollha tagħha, jew inkella l-fatt li Lundbeck kienet ingħatat ordnijiet preliminari jew forom oħra ta' miżuri provviżorji f'iktar minn 50 % tal-proċeduri mressqa minnha matul is-snin 2002-2003. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix b'mod suffiċjenti l-kapaċità tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jidħlu fis-suq u ma taqtax il-kwistjoni ta' jekk il-privattivi ta' Lundbeck kinux validi u jekk kinux is-suġġett ta' vjolazzjoni fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, li hija kwistjoni oġġettiva.

137 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

138 Preliminarjament, għandu jiġi kkonfermat l-approċċ tal-Kummissjoni, kif jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata kollha, li jikkonsisti fit-teħid inkunsiderazzjoni prinċipalment tal-provi preċedenti jew kontemporanji għad-data tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2014, Esso *et* vs Il-Kummissjoni, T-540/08, Ġabra, EU:T:2014:630, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).

139 Fil-fatt, minn naħa, il-Kummissjoni ma tistax tikkostitwixxi mill-ġdid il-passat billi timmaġina l-avvenimenti li jkunu seħħew u li ma jkunux seħħew preċiżament minħabba dawn il-ftehimiet. Min-naħa l-oħra, il-partijiet f'dawn il-ftehimiet issa għandhom kull interess li jsostnu argumenti intiżi li juru li huma ma kellhom ebda perspettiva realistika li jidħlu fis-suq jew li huma kienu jaħsbu li l-prodotti tagħhom kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi privattiva jew oħra ta' Lundbeck. Madankollu, huwa biss fuq il-bażi tal-informazzjoni li huma kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom f'dak iż-żmien u tal-perċezzjoni tagħhom tas-suq f'dak il-mument li huma ddeċidew li jadottaw aġir partikolari u li jikkonkludu l-ftehimiet kontenzjużi.

140 Barra minn hekk, tali approċċ huwa konformi ma' dak li tgħallem is-sentenza Windsurfing, punt 119 iktar 'il fuq (EU:C:1986:75, punt 26), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma kienx ir-rwol tal-Kummissjoni li tiddefinixxi l-portata ta' privattiva iżda li l-Kummissjoni ma tistax tastjeni minn kwalunkwe inizjattiva meta l-portata ta' privattiva kienet rilevanti għall-evalwazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE.

141 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta bbażat ruħha fuq dokumenti oġġettivi li jirriflettu l-perċezzjoni li kellhom il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi dwar is-saħħa tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tagħhom (ara b'mod partikolari l-premessa 669 tad-deċiżjoni kkontestata) sabiex tevalwa s-sitwazzjoni kompetittiva bejn dawn il-partijiet, u dan filwaqt li jiġi ppreċiżat li provi sussegwenti jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni sakemm jippermettu li jiġi stabbilit aħjar x'kienet il-pożizzjoni tagħhom f'dak iż-żmien, li jikkonfermaw jew li jegħlbu t-teżijiet tagħhom f'dan ir-rigward kif ukoll li jinftiehem aħjar il-funzjonament tas-suq ikkonċernat. Fi kwalunkwe każ, dawn l-elementi ma jistgħux ikunu deċiżivi għall-finijiet tal-eżami tal-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi.

142 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jallegaw li l-Kummissjoni bbażat ruħha "kważi esklużivament" fuq tali evalwazzjonijiet suġġettivi sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejniethom u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, il-Kummissjoni wettqet eżami fid-dettall, għal kull waħda mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kkonċernata, tal-possibbiltajiet reali u konkreti tagħhom li jidħlu fis-suq, u dan billi bbażat ruħha fuq elementi oġġettivi bħalma huma l-investimenti li kienu diġà saru, il-passi mwettqa sabiex tinkiseb ATS u l-kuntratti ta' provvista konklużi mal-fornituri tagħhom ta' IFA b'mod partikolari. Barra minn hekk, dawn id-diversi elementi ġew ikkontestati espliċitament mir-rikorrenti, fir-rigward ta' kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, u ser jiġu eżaminati taħt is-sitt sad-disa' partijiet iktar 'il quddiem.

143 Bl-istess mod, ir-rikorrenti lanqas ma għandhom raġun meta jsostnu li l-Kummissjoni ma ħaditx suffiċjentement inkunsiderazzjoni l-provi prodotti minnhom, li skonthom juru l-eżistenza ta' vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jew il-validità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, li skonthom kienet ikkonfermata b'mod partikolari mill-EPO fir-rigward tal-elementi tagħha kollha fl-2009.

144 Minn naħa, għalkemm dikjarazzjonijiet oħra kontemporanji għall-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi jistgħu jagħtu l-impressjoni li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom dubju dwar jekk il-prodotti tagħhom kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni, jew li Lundbeck kienet konvinta mill-validità tal-privattivi tagħha, dawn id-dikjarazzjonijiet ma humiex suffiċjenti sabiex tiddaħħal inkwistjoni

l-konklużjoni li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu pperċepiti bħala theddida potenzjali għal Lundbeck u kienu jistgħu, sempliċement minħabba l-eżistenza tagħhom, jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuqha u fuq l-impriżi li joperaw fl-istess suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Visa Europe u Visa International Service vs Il-Kummissjoni, punt 99 iktar 'il fuq, EU:T:2011:181, punt 169). L-iktar element probatorju f'dan ir-rigward jinsab fil-fatt stess li Lundbeck ikkonkludiet ftehimiet mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex toħloq dewmien fir-rigward tad-dħul fis-suq tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Toshiba vs Il-Kummissjoni, punt 103 iktar 'il fuq, EU:T:2014:263, punt 231).

145 Min-naħa l-oħra, il-provi invokati mir-rikorrenti, li huma sussegwenti għall-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi ma jistgħux jkunu determinanti sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-imsemmija ftehimiet. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-EPO kien ikkonferma l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni fir-rigward tal-aspetti rilevanti kollha tagħha fl-2009 (ara l-premessa 166 tad-deċiżjoni kkontestata), xorta waħda jibqa' l-fatt li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kif ukoll Lundbeck stess kellhom dubji dwar il-validità ta' din il-privattiva u li ma kienx eskluż li qorti nazzjonali setgħet tiddikjaraha invalida, kif barra minn hekk ġara inizjalment quddiem l-EPO (premessi 151 u 166 tad-deċiżjoni kkontestata).

146 Barra minn hekk, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, Lundbeck ma kienet kisbet l-ebda miżura provviżorja, la kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, bħalma hija Merck (GUK), li jużaw is-citalopram ta' Natco, la kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, bħalma huma Arrow u Alpharma, li jużaw is-citalopram ta' Cipla jew is-citalopram ġeneriku żviluppat fuq il-bażi tal-IFA citalopram prodott mill-kumpannija Indjana Matrix (iktar 'il quddiem is-"citalopram de Matrix" jew l-"IFA ta' Matrix"), u lanqas kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jużaw is-citalopram ġeneriku żviluppat fuq il-bażi tal-IFA citalopram prodott minn Ranbaxy (iktar 'il quddiem is-"citalopram ta' Ranbaxy" jew l-"IFA ta' Ranbaxy"), u ebda qorti taż-ŻEE ma kienet ikkonstatat il-vjolazzjoni tal-privattivi dwar il-kristallizzazzjoni, dwar l-amid jew dwar il-jodju.

147 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-Kummissjoni kienet essenzjalment ibbażat ruħha fuq evalwazzjonijiet suġġettivi sabiex tikkonstata li Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

148 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

E – *Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq l-argument li l-kontestazzjoni ta' privattiva valida ma tikkostitwixxix possibbiltà reali u konkreta ta' dħul fis-suq*

149 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-kontestazzjoni ta' privattiva valida tikkostitwixxi possibbiltà reali u konkreta ta' dħul fis-suq. Huma jikkontestaw b'mod partikolari l-fatt li t-talba għal dikjarazzjoni ta' assenza ta' vjolazzjoni, l-invokazzjoni tan-nullità ta' privattiva jew l-oppożizzjoni għal privattiva quddiem l-istanzi nazzjonali fil-qasam tal-privattivi jew quddiem l-EPO jistgħu jikkostitwixxu mezzi adegwati sabiex jippermettu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġenerali jidħlu fis-suq, minkejja l-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck.

150 Fl-ewwel lok, huma jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma tagħmilx distinzjoni bejn dħul fis-suq u l-investimenti li jippermettu tali dħul, u li din id-deċiżjoni testendi b'mod esaġerat il-fruntieri tal-kompetizzjoni potenzjali. Il-ġurisprudenza teżiġi li possibbiltajiet reali u konkreti ta' dħul fis-suq ikunu stabbiliti u li dan id-dħul ikun jista' jitwettaq b'mod suffiċjentement rapidu sabiex it-theddida ta' dħul potenzjali tinfluwenza l-aġir tal-parteċipanti fis-suq. Issa, l-istabbiliment ta' possibbiltajiet reali u konkreti li jitwettqu investimenti li, fil-każ ta' suċċess, jippermettu d-dħul fis-suq, ma jissodisfax dan il-kriterju.

151 Fit-tieni lok, il-preżunzjoni ta' validità marbuta mal-privattivi tipprekludi li jitqies li l-possibbiltà li tiġi kkontestata l-validità ta' din il-privattiva tikkostitwixxi possibbiltà reali u konkreta ta' dħul fis-suq. L-approċċ adottat mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward huwa, skont ir-rikorrenti, kuntrarju għas-sentenza tal-15 ta' Settembru 1998, European Night Services *et* vs Il-Kummissjoni, punt 99 iktar 'il fuq (EU:T:1998:198, punt 139).

152 Fit-tieni lok, anki jekk jitqies li l-kontestazzjonijiet ta' privattivi setgħu jikkostitwixxu possibbiltà reali u konkreta għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jidħlu fis-suq, dawn il-kontestazzjonijiet ma kinux jippermettu dħul fis-suq b'mod suffiċjentement rapidu. Fil-fatt, skont ma qalet il-Kummissjoni fl-investigazzjoni tagħha dwar is-settur farmaċewtiku, il-kontestazzjoni ta' privattiva tieħu bħala medja kważi tliet snin, u dan ma kienx jippermetti lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġenerali li jidħlu b'mod suffiċjentement rapidu. Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija vaga f'dan ir-rigward filwaqt li, jekk l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġenerali ma setgħux jidħlu fis-suq b'mod legali matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, dawn ma kien jista' jkollhom l-ebda impatt fuq il-kompetizzjoni.

153 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jqisu li, anki jekk wieħed jaċċetta t-teżi tal-Kummissjoni, id-deċiżjoni kkontestata kien imissha minn tal-inqas stabbilixxiet li, mingħajr il-ftehimiet kontenzjużi, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jressqu kawżi ġudizzjarji u kienu probabbilment jirbħu dawn il-kawżi quddiem il-qrati nazzjonali jew, minn tal-inqas, li kellhom possibbiltà li jirbħu l-kawża fil-każ ta' kontestazzjoni tal-privattivi.

154 Fl-aħħar lok, ir-rikorrenti jsostnu li t-teżi tal-Kummissjoni hija bbażata fuq preġudizzju mhux ġustifikat fir-rigward tal-privattivi ta' proċessi meta mqabbla mal-privattivi dwar il-molekuli.

155 L-intervenjenti ssostni wkoll li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni twettaq żball sa fejn tqis li Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri potenzjali. Tali konklużjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-preżunzjoni ta' validità tal-privattivi ta' Lundbeck u tal-fatt li miżuri provviżorji kienu ser jikkostitwixxu ostakolu li ma jistax jingħeleb għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ li jipprovaw jidħlu fis-suq. Barra minn hekk, hija toġġezzjona għat-teżi li l-kontestazzjoni tal-validità tal-privattivi tagħmel parti integrali mill-proċess tal-kompetizzjoni.

156 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

157 Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma qisitx li s-sempliċi possibbiltà li tiġi kkontestata l-validità ta' privattiva permezz ta' kawża ġudizzjarja jew quddiem l-awtoritajiet kompetenti kienet suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali. Fil-fatt, sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u Lundbeck f'dan il-każ, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni diversi elementi, bħalma huma l-investimenti u l-isforzi kunsiderevoli diġà mwettqa mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jippreparaw għad-dħul fis-suq tagħhom, il-fatt li kienu diġà kisbu ATS jew kienu ħadu l-passi neċessarji sabiex jiksbu waħda f'terminu raġonevoli, il-fatt li r-rikorrenti kienu rrikonoxxew li kien hemm ċertu numru ta' proċessi disponibbli sabiex jiġi prodott is-citalopram mingħajr ma titwettaq vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, il-fatt li fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi ebda qorti ma kienet ikkonstatat li l-prodotti ġeneriċi kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni u l-fatt li kien hemm riskju mhux negliġibbli li ċerti privattivi ta' proċess ta' Lundbeck setgħu jiġu ddikjarati invalidi. Barra minn hekk, impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, jiġifieri Merck (GUK), kien saħansitra rnexxielha tidħol fis-suq qabel u matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi. Fl-aħħar nett, il-fatt li r-rikorrenti kienu ddeċidew li jħallsu somom kbar lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex iżommuhom barra mis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi juri wkoll li dawn tal-aħħar kienu kompetituri potenzjali, peress li kienu pperċepiti mir-rikorrenti bħala theddida li kienet teżerċita pressjoni kompetittiva fuq il-pożizzjoni tagħhom fis-suq (punti 103 u 144 iktar 'il fuq)

158 Ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma huwa ta' natura li jdaħħal inkwistjoni din il-konklużjoni.

159 Fil-fatt, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-investimenti mwettqa mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jippreparaw għad-dħul fis-suq tagħhom, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni qatt ma qieset li tali investimenti kienu suffiċjenti waħedhom sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejnhom u r-rikorrenti. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq sett sħiħ ta' elementi rilevanti, għal kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, f'dan ir-rigward (ara l-punt 157 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali ma teżiġix li jiġi stabbilit li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu ser jidħlu b'ċertezza fis-suq u li tali dħul kien ser iwassal mingħajr ebda dubju għal suċċess, iżda teżiġi li jiġi stabbilit biss li dawn kellhom possibbiltajiet reali u konkreti f'dan ir-rigward. Jekk jingħad il-kuntrarju, dan iwassal sabiex tiġi nnegata kwalunkwe distinzjoni bejn kompetizzjoni reali u kompetizzjoni potenzjali.

160 Huwa minnu li l-ġurisprudenza tispeċifika li l-possibbiltà purament teoretika ta' dħul fis-suq ma hijiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali u li l-Kummissjoni għandha turi, permezz ta' elementi ta' fatt jew ta' analiżi tal-istrutturi tas-suq rilevanti, li d-dħul fis-suq kien seta' jitwettaq b'mod suffiċjentement rapidu sabiex it-theddida ta' dħul potenzjali tinfluwenza l-aġir tal-parteċipanti fis-suq permezz ta' spejjeż li kienu jkunu ekonomikament vijabbli (punt 104 iktar 'il fuq).

161 Madankollu, ma jidhirx li l-Kummissjoni naqset milli tosserva din il-ġurisprudenza f'dan il-każ sa fejn, l-analiżi tas-settur farmaċewtiku mwettqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll is-sitwazzjoni partikolari ta' kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (punt 129 iktar 'il fuq), juru b'mod suffiċjenti li d-dħul tagħhom fis-suq tas-citalopram ma kienx sempliċi possibbiltà teoretika iżda kellhom possibbiltajiet reali u konkreti f'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-eżami tas-sitt sa disa' partijiet iktar 'il quddiem. Barra minn hekk, ikun pjuttost sorprendenti li impriża ta' esperjenza bħalma hija Lundbeck taċċetta li tħallas diversi miljuni ta' euro lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bi skambju għall-impenn tagħhom li ma jidħlux fis-suq għal ċertu żmien li kieku l-possibbiltà ta' dawn tal-aħħar li jidħlu fis-suq kienet waħda teoretika biss.

162 It-tieni nett, is-sentenza European Night Services *et* vs Il-Kummissjoni, punt 99 iktar 'il fuq (EU:T:1998:198, punt 139), invokata mir-rikorrenti, ma tipprekludix l-approċċ segwit mill-Kummissjoni f'dan il-każ. Fil-fatt, għalkemm f'dik is-sentenza l-Qorti Ġenerali semmiet l-eżistenza ta' drittijiet esklużivi li jipprekludu, fid-dritt u fil-fatt, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, il-provvista ta' servizzi ta' trasport internazzjonali ta' passiġġieri kif ukoll l-aċċess għall-infrastruttura, qabel l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341), tali sitwazzjoni ma tistax tiġi ttrasposta għall-kawża ineżami peress li l-privattivi ta' proċessi ta' Lundbeck fl-ebda każ ma jistgħu jitqabblu mad-drittijiet esklużivi li kienu jgawdu l-impriżi tal-ferroviji qabel l-adozzjoni ta' din id-direttiva u peress li s-swieq ikkonċernati għandhom differenzi sostanzjali. Barra minn hekk, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, fil-kawża li wasslet għall-imsemmija sentenza, il-Qorti Ġenerali kienet ikkritikat lill-Kummissjoni talli ma wettqitx analiżi ddettaljata tas-suq sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali u talli kienet ibbażat ruħha fuq ipoteżijiet li ma kienu ssostanzjati minn ebda element ta' fatt jew minn analiżi tal-istrutturi tas-suq rilevanti. F'dan il-każ, għall-kuntrarju, ir-rikorrenti ma jistgħux isostnu b'mod validu li ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, kif imqassra fil-punt 157 iktar 'il fuq u żviluppati fid-dettall fid-deċiżjoni kkontestata, għal kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, jirriżultaw minn spekulazzjonijiet purament teoretiċi li ma humiex issostanzjati minn analiżi ddettaljata tal-karatteristiċi tas-suq rilevanti.

163 It-tielet nett, għandu jitfakkar li l-ġurisprudenza teħtieġ biss, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali, li d-dħul fis-suq iseħħ f'terminu raġonevoli, mingħajr ma tiffissa limitu preċiż f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li l-Kummissjoni turi li d-dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq kien ser iseħħ b'ċertezza qabel l-iskadenza tal-ftehimiet kontenzjużi sabiex tkun tista' tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali f'dan il-każ, u dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat, fis-settur farmaċewtiku b'mod partikolari, il-kompetizzjoni potenzjali tista' tkun eżerċitata ferm qabel l-iskadenza ta' privattiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, C-457/10 P, Ġabra, EU:C:2012:770, punt 108).

164 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-kumment tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-fatt li tista' tiġi eżerċitata kompetizzjoni potenzjali qabel l-iskadenza ta' privattiva huwa indipendenti mill-fatt li ċ-ĊKP inkwistjoni kienu nkisbu b'mod frawdolenti jew irregolari. Fil-fatt, fil-kawża li tat lok għas-sentenza AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, punt 163 iktar 'il fuq (EU:C:2012:770, punt 108), kien inkwistjoni b'mod partikolari abbuż minn pożizzjoni dominanti mwettaq minn impriża li kienet ippreżentat dikjarazzjonijiet qarrieqa sabiex tingħata, mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ĊKP li kienu jippermettulha, anki wara l-iskadenza futura tal-privattivi li jipproteġu l-prodott mediċinali tagħha, toġġezzjona għad-dħul fis-suq ta' verżjonijiet ġeneriċi ta' dan il-prodott mediċinali. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment qieset li n-natura antikompetittiva tal-imsemmija dikjarazzjonijiet ma kinitx affettwata mill-fatt li dawn iċ-ĊKP kienu ntalbu bejn ħames u sitt snin qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom u li, sa dak il-mument, id-drittijiet tar-rikorrenti kienu protetti minn privattivi regolari. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali ĊKP irregolari mhux biss kienu jimplikaw effett ta' esklużjoni sostanzjali wara l-iskadenza tal-privattivi bażiċi iżda setgħu wkoll jibdlu l-istruttura tas-suq b'tali mod li jippreġudikaw il-kompetizzjoni potenzjali saħansitra qabel din l-iskadenza. Għaldaqstant, din il-ġurisprudenza tikkonferma li l-kompetizzjoni potenzjali teżisti diġà qabel l-iskadenza tal-privattivi li jipproteġu prodott mediċinali u li l-passi mwettqa qabel din l-iskadenza huma rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk din il-kompetizzjoni kinitx ġiet limitata.

165 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-Kummissjoni kien imissha stabbilixxiet li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom iressqu kawżi ġudizzjarja u li kienu ser jirbħu dawn il-kawżi quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti. Fil-fatt, mill-premessi 624 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux meħtieġa jistabbilixxu li l-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħhom ma kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' ebda privattiva sabiex ikun jistgħu jiksbu ATS u jikkummerċjalizzaw dawn il-prodotti fis-suq, punt dan li barra minn hekk ma ġiex ikkontestat mir-rikorrenti. B'hekk, Merck (GUK) irnexxielha tidħol fis-suq permezz tad-distributur tagħha NM Pharma, fl-Isvezja, f'Mejju 2002, mingħajr ma kellha tikseb dikjarazzjoni ta' assenza ta' vjolazzjoni u mingħajr ma kienet is-suġġett ta' kawżi ġudizzjarji mressqa minn Lundbeck. Huwa l-laboratorju ta' oriġini, jiġifieri, f'din il-kawża, Lundbeck, li għandu jistabbilixxi li dawn il-prodotti jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' waħda mill-privattivi tiegħu, punt dan li, skont l-evalwazzjonijiet ta' Lundbeck stess, kien partikolarment diffiċli li jiġi stabbilit fir-rigward ta' privattivi ta' proċess (ara l-premessa 629 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, kif issostni l-Kummissjoni, ma huwiex ċert li Lundbeck kienet neċessarjament ser tressaq kawżi ġudizzjarji kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ li dawn jidħlu fis-suq (ara l-punt 126 iktar 'il fuq). Huwa saħansitra inqas ċert li Lundbeck kienet ser tirbaħ dawn il-kawżi li kieku ddeċidiet li tressaqhom (ara l-punt 122 iktar 'il fuq u l-premessi 75 u 76 tad-deċiżjoni kkontestata).

166 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ma naqsitx milli tieħu inkunsiderazzjoni l-preżunzjoni ta' validità marbuta mal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck (punti 121 sa 132 iktar 'il fuq). Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux jargumentaw li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq preġudizzju negattiv kontra tali privattivi. Fil-fatt, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' dawn il-privattivi iżda qieset, mingħajr ma wettqet żball ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward, li dawn il-privattivi ma kinux jippermettu li jitwaqqaf kull dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

167 Għaldaqstant, it-tielet parti għandha tiġi miċħuda.

F – *Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq l-argument li l-assenza ta' ATS tipprekludi l-eżistenza ta' kompetizzjoni reali jew potenzjali*

168 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonkludiet li kien hemm kompetizzjoni potenzjali minkejja l-assenza ta' ATS għal ċerti impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, għas-sempliċi raġuni li dawn kienu wettqu sforzi sabiex jiksbuhom qabel ikkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi (premessa 620 tad-deċiżjoni kkontestata). Skonthom, din il-konklużjoni tinsab f'kontradizzjoni ma' ċerti siltiet tad-deċiżjoni kkontestata (b'mod partikolari fil-premessa 85) kif ukoll mal-konklużjonijiet tal-investigazzjoni dwar is-settur farmaċewtiku u mal-osservazzjonijiet individwali tal-partijiet ikkonċernati dwar it-terminu meħtieġ sabiex tinkiseb ATS, li huwa ta' mill-inqas erbatax-il xahar u li jista' jdum sa ħamsa u għoxrin xahar f'ċerti pajjiżi taż-ŻEE. Skonthom, kien ikun aħjar li kieku d-deċiżjoni kkontestata evalwat b'mod konkret jekk kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhiex possibbiltajiet reali u konkreti li tikseb ATS matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, u dan f'kull pajjiż ikkonċernat, peress li kull pajjiż kien jikkostitwixxi suq ġeografiku distint u peress li ċerti ftehimiet kienu jkopru pajjiżi individwali. Fi kwalunkwe każ, l-ATS ma jippermettux dħul immedjat fis-suq peress li għal dan il-għan ikunu meħtieġa fażijiet preparatorji supplimentari.

169 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

170 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, li l-Kummissjoni evalwat, għal kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, jekk din kellhiex ATS fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi jew jekk setax ikollha ATS f'futur suffiċjentement qarib.

171 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-kompetizzjoni potenzjali tinkludi b'mod partikolari l-attivitajiet tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi maħsuba sabiex jinkisbu l-ATS neċessarji, kif ukoll sabiex jitwettqu l-passi amministrattivi u kummerċjali indispensabbli sabiex issir preparazzjoni għad-dħul fis-suq (ara l-punti 91 sa 94 iktar 'il fuq). Din il-kompetizzjoni potenzjali hija protetta mill-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, fil-każ li jkun possibbli li, mingħajr ma jitwettaq ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, wieħed iħallas lill-impriżi li jkunu qegħdin iwettqu l-passi indispensabbli sabiex jippreparaw għall-introduzzjoni ta' prodott mediċinali ġeneriku, fosthom il-kisba ta' ATS, u li jkunu wettqu investimenti sostanzjali għal dan il-għan, sabiex iwaqqfu jew sempliċement itawlu dan il-proċess, qatt ma jkun hemm kompetizzjoni effettiva jew inkella ġġarrab dewmien sinjifikattiv, u dan għad-detriment tal-konsumaturi, jiġifieri, f'dan il-każ, għall-pazjenti jew għall-assigurazzjonijiet nazzjonali għall-mard.

172 B'hekk, fir-rigward ta' Merck (GUK), il-Kummissjoni kkonstatat li din kienet kisbet ATS fir-Renju Unit fid-9 ta' Jannar 2002, u li d-distributur tagħha NM Pharma kellha wkoll ATS fl-Isvezja sa minn Mejju 2002. Merck (GUK) u NM Pharma kellhom l-intenzjoni li jużaw il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku ta' 90 jum prevista fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2001/83 sabiex jiksbu ATS fil-pajjiżi l-oħra taż-ŻEE (premessa 326 tad-deċiżjoni kkontestata).

173 Fir-rigward tal-pożizzjoni ta' Arrow fir-Renju Unit, fil-premessi 878 sa 881 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni osservat li din l-impriża kienet ikkonkludiet ftehim ma' Tiefenbacher sabiex tkun tista' tuża l-ATS li din tal-aħħar kienet talbet fir-Renju Unit, fuq il-bażi tal-ATS li din kellha diġà fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li, fil-fażi immedjatament qabel l-iffirmar tal-ftehim Arrow UK, kien mistenni li l-awtoritajiet tar-Renju Unit jagħtu din l-ATS fi żmien qasir ħafna u li d-dewmien li kien hemm sussegwentement kien dovut għall-kontestazzjoni mir-rikorrenti tal-ATS maħruġa fil-Pajjiżi l-Baxxi.

174 Fir-rigward tal-pożizzjoni ta' Arrow fid-Danimarka, fil-premessi 967 u 968 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni enfasizzat il-fatt li l-preambolu tal-ftehim Arrow Daniż kien jgħid li din l-impriża kienet waslet sabiex tikseb "liċenzja" minn terz u li kopja tal-ATS ta' dan it-terz kienet mehmuża fl-anness. Kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, il-fatt li Arrow fl-aħħar mill-aħħar ma xtratx din l-ATS ma jfissirx li ma kellhiex possibbiltà reali u konkreta li tidħol fis-suq fil-mument tal-konklużjoni tal-imsemmi ftehim.

175 Fir-rigward ta' Alpharma, b'mod partikolari mill-premessi 476, 485, 520 u 530 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li din l-impriża setgħet tuża l-ATS mogħtija lil Tiefenbacher, bis-saħħa tal-kuntratt ta' provvista tagħha ma' din tal-aħħar, minn tal-inqas fil-Pajjiżi l-Baxxi u fil-Ġermanja, u setgħet jew titlob hija stess ATS għall-Istati Membri l-oħra taż-ŻEE, jew setgħet titlob lil Tiefenbacher sabiex testendi l-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku għal dawn il-pajjiżi l-oħra.

176 Barra minn hekk, f'Ottubru 2001, Alpharma kienet qiegħda tistenna li tikseb ATS u li tintroduċi s-citalopram ġeneriku, f'diversi dati fl-2002, fl-Awstrija, fid-Danimarka, fil-Finlandja, fil-Ġermanja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fin-Norveġja, fl-Isvezja u fir-Renju Unit. Bl-istess mod, fil-mument li ġie ffirmat il-ftehim Alpharma, erba' ATS kienu diġà ngħataw (fid-Danimarka, fil-Finlandja, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fl-Isvezja), filwaqt li l-ATS għar-Renju Unit kienet mistennija b'mod imminenti (ara l-punt 281 iktar 'il quddiem). Barra minn hekk, matul it-tul ta' dan il-ftehim, Alpharma rċeviet ATS għal erba' pajjiżi oħra taż-ŻEE (in-Norveġja, il-Ġermanja, l-Awstrija u r-Renju Unit).

177 Fir-rigward ta' Ranbaxy, fil-premessa 1094 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni osservat essenzjalment li din l-impriża kienet ippreżentat il-fajl komprensiv dwar il-prodott mediċinali (Drug Master File, iktar 'il quddiem id-"DMF") dwar l-IFA tagħha tas-citalopram quddiem l-awtorità tar-Renju Unit kompetenti f'Ġunju 2002. Dan il-pass, għalkemm ma kienx indispensabbli sabiex tinkiseb ATS, kien jiffaċilita l-proċedura li tippermetti lil impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kellha diġà ATS fir-rigward ta' pilloli ta' citalopram ġeneriku prodotti minn IFA differenti minn dak ta' Ranbaxy sabiex titlob bidla tal-ATS tagħha sabiex din tinkludi wkoll is-citalopram ta' Ranbaxy. Fil-fatt, il-preżentata ta' DMF quddiem l-awtoritajiet kompetenti tippermetti lill-fabbrikant ta' IFA sabiex ma jiżvelax informazzjoni kunfidenzjali lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jixtru l-IFA tiegħu u li jkunu jixtiequ jippreżentaw applikazzjoni għal ATS fir-rigward tal-prodotti mediċinali li huma jipproduċu fuq il-bażi ta' dan l-IFA.

178 Barra minn hekk, fil-premessa 1095 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-fatt li, waqt laqgħa li nżammet f'April 2002, Ranbaxy kienet informat lil Lundbeck li hija setgħet tikseb ATS f'terminu ta' tmien xhur u li kienet fil-proċess li tiddiskuti ma' xerrej potenzjali tas-citalopram tagħha, xerrej li seta' jidħol fis-suq b'dan is-citalopram fi żmien tlieta sa' erba' xhur, sussegwentement għal bidla tal-ATS li huwa kellu diġà. It-teżi tar-rikorrenti fis-sens li tali dikjarazzjonijiet kienu jikkostitwixxu biss "ftaħir" ser tiġi eżaminata f'iktar dettall fil-kuntest tad-disa' parti ta' dan il-motiv iktar 'il quddiem.

179 Dawn l-elementi juru li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kkonċernati kienu jew kisbu diġà ATS fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, jew kienu fil-proċess li jwettqu l-passi meħtieġa sabiex jiksbu waħda fi żmien qasir jew medju, jew setgħu jagħmlu arranġamenti sabiex il-prodotti tagħhom ikunu jistgħu jkunu koperti minn ATS oħra. Għalkemm, f'ċerti każijiet, il-kisba ta' ATS setgħet fl-aħħar mill-aħħar ħadet iktar żmien milli kien mistenni, xorta waħda jibqa' l-fatt li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom possibbiltajiet reali u konkreti li jiksbu dawn l-ATS f'terminu suffiċjentement qasir u setgħu jidħlu fis-suq tas-citalopram f'diversi pajjiżi taż-ŻEE billi jinvokaw il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2001/83, b'tali mod li b'hekk kienu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq Lundbeck. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, f'dan il-każ, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu bdew bil-preparazzjonijiet tagħhom sabiex jidħlu fis-suq tas-citalopram fi żmien ta' bejn sena u tliet snin wara l-iskadenza tal-privattivi oriġinali ta' Lundbeck (ara

l-premessi 219, 373, 476, u 549 tad-deċiżjoni kkontestata), u li kienu qegħdin jipparteċipaw f'tellieqa intensa sabiex ikunu l-ewwel li jidħlu fis-suq hekk kif jiskadu dawn il-privattivi (ara l-premessa 622 tad-deċiżjoni kkontestata).

180 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonstatat, fil-premessa 620 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-assenza ta' ATS ma kinitx tipprekludi li l-prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu jidħlu fis-suq fil-futur qarib, u dan sakemm l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu baqgħu għaddejjin bil-passi tagħhom sabiex jiksbu l-awtorizzazzjonijiet neċessarji f'dan ir-rigward qabel ikkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi ma' Lundbeck.

181 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, minkejja li dan huwa element importanti f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma bbażatx ruħha biss fuq il-possibbiltà għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jiksbu ATS sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn dawn l-impriżi u Lundbeck fid-deċiżjoni kkontestata, iżda bbażat ruħha fuq sett sħiħ ta' fatturi li jieħdu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni speċifika ta' kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur farmaċewtiku (ara l-punti 91 sa 96 u 157 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-fatt stess li Lundbeck iddeċidiet li tikkonkludi ftehimiet mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jikkostitwixxi indizju importanti tal-fatt li hija kienet tipperċepixxi lil dawn l-impriżi bħala theddida potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Toshiba vs Il-Kummissjoni, punt 103 iktar 'il fuq, EU:T:2014:263, punt 231).

182 Għaldaqstant, ir-raba' parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

G – Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq l-argument li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma setgħux jużaw proċessi oħra u/jew produtturi ta' IFA oħra matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi

183 Ir-rikorrenti jikkontestaw il-konklużjoni tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens li, fost il-mezzi ta' aċċess possibbli għas-suq (premessa 635 tad-deċiżjoni kkontestata), jinsabu b'mod partikolari kollaborazzjoni tal-impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi mal-produttur ta' IFA tagħha sabiex jiġi emendat il-proċess ta' dan il-produttur, jew il-bidla lejn produttur ta' IFA ieħor. Dawn huma soluzzjonijiet alternattivi teoretiċi peress li, minn naħa, ma kien jeżisti ebda metodu kummerċjali vijabbli ieħor sabiex jiġi prodott is-citalopram li kien jippermetti dħul legali fis-suq fiż-ŻEE fl-2002 u fl-2003 u, min-naħa l-oħra, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kellhomx biżżejjed ħin sabiex jibdlu l-produttur ta' IFA qabel l-iskadenza tal-ftehimiet kontenzjużi.

184 L-ewwel nett, ma kien jeżisti ebda indizju serju li jippermetti li jingħelbu l-provi prodotti minn Lundbeck li juru li ebda proċess kummerċjalment vijabbli li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni ma kien jippermetti dħul fis-suq fl-2002 u fl-2003. Ebda wieħed mill-elementi invokati fid-deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' Merck (GUK), Alpharma, Arrow u Ranbaxy ma huwa suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit il-kuntrarju.

185 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata b'mod żbaljat fuq dikjarazzjonijiet ta' Lundbeck sabiex jintwera li kien hemm proċessi oħra li ma jikkostitwixxux vjolazzjonijiet fiż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (premessa 634 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Kummissjoni qieset, b'mod żbaljat, li l-proċessi kollha msemmija minn Lundbeck f'waħda mid-dikjarazzjonijiet tagħha ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni u kienu kummerċjalment effikaċi u kienu josservaw ir-rekwiżiti leġiżlattivi taż-ŻEE, meta ebda wieħed minn dawn il-proċessi ma kien jippermetti dħul fis-suq fl-2002-2003 bi prodotti mediċinali affidabbli u li ma jikkostitwixxux vjolazzjoni. Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tinjora diversi provi li juru li l-proċessi oriġinarji ta' cyanation u ta' alkylation ma setgħux jintużaw sabiex jiġi prodott is-citalopram b'mod vijabbli.

186 It-tieni nett, fi kwalunkwe każ, skont ir-rikorrenti, anki li kieku citalopram ġeneriku li jkun prodott minn proċess li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni u li jkun kummerċjalment vijabbli kien ser ikun disponibbli matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi (li ma kienx il-każ), l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser ikunu jistgħu jużawh matul ix-xhur koperti mill-ftehimiet kontenzjużi jew, minn tal-inqas mhux b'mod "suffiċjentement rapidu" sabiex it-theddida ta' dħul potenzjali teżerċita pressjoni kompetittiva effettiva matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi.

187 Fil-fatt, tali bidla kienet tirrikjedi li tintalab bidla maġġuri, msejħa tat-tip II, fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 541/95, tal-10 ta' Marzu 1995, dwar l-eżami tal-bidliet fit-termini ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali maħruġa mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru (ĠU L 55, p. 7, iktar 'il quddiem il-"bidla tat-tip II"), li hija l-proċedura użata għall-bidla ta' ATS eżistenti, minħabba bidla fil-produttur ta' IFA. Issa, bidla tat-tip II hija l-iktar bidla diffiċli sabiex tinkiseb, permezz ta' proċedura ekwivalenti għal dik li tikkonċerna l-preżentata ta' applikazzjoni ġdida ta' ATS. It-tul totali ta' din il-proċedura jista' jestendi sa dsatax-il xahar. Barra minn hekk, mal-perijodu meħtieġ sabiex tinkiseb tali bidla wieħed għandu jżid il-perijodu meħtieġ għar-riċerka u għall-iżvilupp tal-proċess il-ġdid, għar-reġistrazzjoni tal-prodott mediċinali għall-finijiet ta' rimbors, għall-kisba tal-approvazzjoni ta' dan ir-rimbors, u għall-produzzjoni u għall-bidu tal-bejgħ tal-prodott mediċinali.

188 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

189 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jqisu li ebda proċess li kien kummerċjalment vijabbli u li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni ma kien jippermetti dħul fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi.

190 Fil-fatt, inizjalment Lundbeck stess qieset, bi tweġiba għat-talbiet għal informazzjoni tal-Kummissjoni magħmula qabel id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, deskritta fil-premessa 150 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu jipproduċu s-citalopram ġeneriku bl-użu tal-proċessi deskritti fil-privattivi oriġinali tagħha (jiġifieri l-proċessi ta' cyanation u ta' alkylation) jew bl-invenzjoni ta' tip ieħor ta' proċess, b'tali mod li l-privattivi tagħha ma kinux ta' natura li jipprekludu kull kompetizzjoni min-naħa tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

191 Barra minn hekk, Lundbeck stess ikkonfermat li l-privattivi ta' proċess il-ġodda tagħha ma kinux kapaċi jostakolaw il-possibbiltajiet kollha ta' dħul fis-suq, għalkemm il-proċess ibbażat fuq il-kristallizzazzjoni kien jidher l-iktar wieħed effikaċi. B'hekk, bħala eżempju, il-Kummissjoni tosserva, fil-premessa 163 tad-deċiżjoni kkontestata, li Niche Generics Ltd daħlet fis-suq billi kisbet dikjarazzjoni ta' assenza ta' vjolazzjoni għas-citalopram ġeneriku ta' Sekhsaria, produttur Indjan ieħor ta' IFA. Barra minn hekk, mill-provi msemmija fil-premessa 634 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, f'Marzu 2002, l-esperti fil-qasam tal-privattivi ta' Lundbeck iddikjaraw li "kien possibbli li jiġi prodott IFA li probabbilment ma [kienx ser] jeħtieġ il-kristallizzazzjoni tal-bażi ħielsa", jiġifieri li ma kienx ibbażat fuq il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ta' Lundbeck. Il-viċi president ta' Lundbeck iddikjara wkoll, fi stqarrija għall-istampa tad-9 ta' Novembru 2002, li "ma [kienx] għaqli li wieħed jaħseb li ma [kienx] possibbli għall-produtturi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jipproduċu Cipramil mingħajr ma jwettqu vjolazzjoni tal-privattiva [tagħhom]" (premessa 634 tad-deċiżjoni kkontestata).

192 Madankollu, ir-rikorrenti jsostnu li huma qatt ma rrikonoxxew li proċessi oħra setgħu jintużaw sabiex wieħed jidħol fis-suq tas-citalopram mingħajr ma titwettaq vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, minn naħa, jew bi prodotti mediċinali affidabbli, prodotti fuq skala industrijali, min-naħa l-oħra.

193 Għaldaqstant, għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, ebda qorti taż-ŻEE ma kienet tat deċiżjoni fuq jekk il-prodotti żviluppati mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni (ara l-punt 146 iktar 'il fuq). Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħux isostnu b'mod validu li l-prodotti mediċinali ġeneriċi żviluppati mill-impriżi

ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi ta' proċess tagħha meta dawn kienu, l-iktar l-iktar, jikkostitwixxu potenzjalment vjolazzjoni fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

194 It-tieni nett, kif issostni l-Kummissjoni, id-dikjarazzjoni li ma kienet teżisti ebda verżjoni li ma tikkostitwixxix vjolazzjoni tas-citalopram ġeneriku li setgħet tiġi żviluppata fuq skala industrijali ma hijiex ikkorroborata mill-fatti. Minn naħa, għandu jitfakkar li kull produttur ta' IFA seta' jibbaża ruħu fuq il-proċessi oriġinarji ta' cyanation u ta' alkylation kif ippubblikati fil-privattiva dwar l-IFA citalopram ta' Lundbeck, li kienet skadiet (punt 16 iktar 'il fuq). B'hekk, mill-premessa 158 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, fil-kuntest tat-tilwima Lagap, li kienet tikkonċerna s-citalopram ta' Matrix, konsulent ta' Lundbeck irrikonoxxa li kien possibbli li l-proċessi inklużi fil-privattivi oriġinali tagħha setgħu jiġu żviluppati ekonomikament, mingħajr ma ppreċiża l-inqas dettall f'dan ir-rigward, li kollox kien jiddependi mill-mod kif wieħed iwettaq is-cyanation u li Matrix "kienet tagħmel is-cyanation b'mod iktar effikaċi minn kif kienu qegħdin jaħsbu sa dak iż-żmien", u dan juri li kien possibbli li s-citalopram ġeneriku jiġu prodott fuq skala industrijali fuq il-bażi tal-privattivi oriġinali ta' Lundbeck.

195 Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni kkontestata tistabbilixxi b'mod suffiċjenti li kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellha, jew seta' jkollha f'terminu suffiċjentement qasir, verżjoni ġenerika tas-citalopram ibbażata fuq prodotti li fir-rigward tagħhom ma kienx stabbilit li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi privattiva ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

196 B'hekk, fir-rigward tas-citalopram ta' Natco, użat minn Merck (GUK), dan kien ibbażat fuq proċessi koperti mill-privattivi oriġinali ta' Lundbeck, li kienu skadew, jew fuq proċessi oħra li l-privattivi tagħhom kienu skadew ukoll (premessi 228 u 281 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-kuntratt ta' provvista konkluż bejn Merck (GUK) u Schweizerhall kien jipprevedi espliċitament li l-IFA ta' Natco ma kienx, sa fejn kienu jafu, jikkostitwixxi vjolazzjoni (premessa 235 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, fl-24 ta' Jannar 2002, il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ma kinitx għadha ngħatat, la fir-Renju Unit, u lanqas fiż-ŻEE kollha (ara l-punt 20 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, il-kwistjoni ta' jekk il-proċess ta' Natco kienx jikkostitwixxi potenzjalment vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ma kinitx kwistjoni ipotetika fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim. Għalkemm huwa minnu li meta ġie konkluż il-ftehim GUK għaż-ŻEE, il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ta' Lundbeck kienet diġà ngħatat mill-EPO, xorta waħda ma kien hemm ebda ċertezza dwar jekk l-IFA ta' Natco kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni u lanqas dwar jekk il-validità ta' din il-privattiva kinitx ser tiġi kkonfermata fil-każ ta' tilwima (ara l-punt 122 iktar 'il fuq).

197 Barra minn hekk, anki li kieku Merck (GUK) kienet is-suġġett ta' kawżi dwar vjolazzjoni mressqa minn Lundbeck u li kieku l-prodotti tagħha rriżultaw li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni, hija setgħet mingħajr ebda dubju, minkejja kollox, takkwista s-citalopram minn sorsi oħra, li fir-rigward tagħhom ma kienx stabbilit li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni, f'terminu raġonevoli. Fil-fatt, għalkemm Merck (GUK) kienet ikkonkludiet ftehim ta' provvista ma' Schweizerhall għal perijodu ta' tmien snin, dan il-ftehim kien ibbażat fuq l-ipoteżi tal-assenza ta' vjolazzjoni tal-prodott ta' Natco (premessa 235 tad-deċiżjoni kkontestata), b'tali mod li Merck (GUK) setgħet mingħajr dubju xxolji dan il-ftehim fil-każ ta' vjolazzjoni, kemm fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet espliċiti ta' dan il-ftehim u kemm fuq il-bażi tad-dritt Ġermaniż, li kien id-dritt applikabbli għal dan il-kuntratt. Issa, b'mod partikolari mill-premessi 248 u 351 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li kien hemm sorsi oħra ta' citalopram ġeneriku fis-suq, li Merck (GUK) kienet taf bihom, permezz b'mod partikolari ta' Merck dura GmbH, is-sussidjarja ta' Merck fil-Ġermanja. Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li Merck (GUK) kienet obbligata, taħt il-ftehim Schweizerhall, li takkwista l-provvisti tagħha esklużivament mingħand Natco u li s-citalopram ġeneriku prodott minn din tal-aħħar kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, ma huwiex eskluż li Natco setgħet tipproduċi l-IFA citalopram fuq il-bażi ta' proċessi oħra li ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni, kif osservat ġustament il-Kummissjoni fil-premessa 746 tad-deċiżjoni kkontestata.

198 Fir-rigward tas-citalopram ġeneriku pprovdut minn Tiefenbacher lil Arrow u lil Alpharma, għandu jiġi osservat li, minkejja li dan kien inizjalment prodott fuq il-bażi tal-proċess inizjali ta' Cipla (iktar 'il quddiem il-"proċess Cipla I"), li fir-rigward tiegħu kien hemm riskju ta' vjolazzjoni, Tiefenbacher setgħet faċilment tibda tuża s-citalopram ta' Matrix, prodott inizjalment immanifatturat skont il-proċess inizjali ta' Matrix (iktar 'il quddiem il-"proċess Matrix I"), u mbagħad skont il-proċess il-ġdid użat minn Matrix (iktar 'il quddiem il-"proċess Matrix II"). Issa, għandu jitfakkar li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, ebda qorti taż-ŻEE ma kienet stabbilixxiet li l-proċessi Cipla I u Matrix I kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni (punt 146 iktar 'il fuq).

199 Fir-rigward tal-proċess Matrix II, li seta' jintuża sabiex jiġi prodott is-citalopram ġeneriku li għalihom Arrow u Alpharma seta' jkollhom ukoll aċċess permezz ta' Tiefenbacher, mill-premessi 154, 155, 421 u 674 kif ukoll min-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1828 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dan il-proċess kien diġà ġie żviluppat f'Mejju 2002, sabiex ikompli jitnaqqas ir-riskju li s-citalopram ta' Matrix jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni. Fil-kuntest tat-tilwima Lagap, sussegwentement għal spezzjoni fil-bini ta' Matrix fl-Indja, Lundbeck ammettiet li l-proċess Matrix II ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħha. Għaldaqstant, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, ftit huwa importanti li, qabel l-imsemmija ammissjoni, numru ta' qrati nazzjonali kienu laqgħu t-talbiet għal miżuri provviżorji mressqa minn Lundbeck fir-rigward ta' dan il-proċess. Bl-istess mod, ebda konklużjoni ma tista' tinstilet mill-fatt li, sabiex tiżgura li l-ATS tagħha tkopri wkoll il-proċess Matrix II, Tiefenbacher setgħet sempliċement tintroduċi talba għal bidla ta' importanza żgħira, imsejħa tat-tip I, fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 541/95 (iktar 'il quddiem il-"bidla tat-tip I"), li hija l-proċedura użata b'mod partikolari għall-bidla ta' ATS eżistenti minħabba bidla fil-proċess użat mill-istess produttur tal-IFA. Fil-fatt, dan il-fatt ma jdaħħalx inkwistjoni l-ammissjoni min-naħa ta' Lundbeck, fil-kuntest tat-tilwima Lagap, dwar il-fatt li dan il-proċess, li, mill-bqija, intuża sussegwentement minn diversi impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi mingħajr reazzjoni min-naħa ta' Lundbeck, ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni.

200 Osservazzjonijiet analogi jistgħu jsiru fir-rigward tal-proċess il-ġdid użat minn Cipla sabiex tipproduċi s-citalopram ġeneriku (iktar 'il quddiem il-"proċess Cipla II"), li wkoll kien bħala prinċipju aċċessibbli permezz ta' Tiefenbacher. Fil-fatt, il-Kummissjoni enfasizzat, b'mod partikolari fil-premessa 898 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li dan il-proċess, żviluppat matul il-perijodu kopert mill-ftehimiet kontenzjużi, potenzjalment ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni u kien is-suġġett ta' talba għal bidla tat-tip I ta' ATS f'Settembru 2002. B'hekk, Arrow u Alpharma setgħu jipprovaw ibigħu s-citalopram prodott bl-użu ta' dan il-proċess, kif kienet għamlet Neolab, mingħajr ma Lundbeck setgħet toġġezzjona utilment, kif indikat il-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1671 tad-deċiżjoni kkontestata.

201 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proċess użat minn Ranbaxy, għandu jiġi osservat li Lundbeck, anki wara li kienet eżaminat il-pjanijiet ta' reazzjoni ta' din l-impriża, xtaqet tikkonkludi ftehim magħha li kien jipprevedi pagamenti bil-maqlub, mingħajr ma taġixxi quddiem il-qrati nazzjonali sabiex tikseb ordnijiet. Minn dan isegwi li Lundbeck ma kinitx ċerta dwar jekk l-IFA prodott skont l-imsemmi proċess kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni, kif jirriżulta mill-premessi 564 u 1109 tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, Ranbaxy sostniet, kemm fir-rigward ta' Lundbeck u kemm fir-rigward ta' impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi potenzjalment interessati fix-xiri tal-IFA tagħha, li dan tal-aħħar ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni, kif enfasizzat il-Kummissjoni b'mod partikolari fil-premessa 1105 tad-deċiżjoni kkontestata.

202 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, jekk jitqies li l-prodotti kkummerċjalizzati mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi waħda jew oħra mill-privattivi ta' Lundbeck, punt dan li ma kienx stabbilit fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi f'din il-kawża, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jistgħu wkoll jikkontestaw il-validità ta' dawn il-privattivi quddiem il-qrati nazzjonali (ara l-punt 122 iktar 'il fuq).

203 Fit-tieni lok, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti fis-sens li l-Kummissjoni kien imissha stabbilixxiet li l-bidla lejn proċess ieħor jew lejn produttur ta' IFA ieħor kienet seħħet matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi. Fil-fatt, sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u Lundbeck, il-Kummissjoni kienet meħtieġa tistabbilixxi biss li dawn kellhom possibbiltajiet reali u konkreti sabiex jidħlu fis-suq f'terminu suffiċjentement qasir sabiex jeżerċitaw pressjoni kompetittiva effettiva fuq Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. Il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tistabbilixxi li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu, mingħajr ebda dubju, jakkwistaw proċess kummerċjalment vijabbli u li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, iżda biss li huma kellhom possibbiltajiet reali u konkreti f'dan ir-rigward, fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehim, mingħajr ma dawn il-possibbiltajiet ma jkunu biss teoretiċi.

204 Issa, ir-rikorrenti ma jiċħdux li kien possibbli, għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, li jibdlu ATS eżistenti jew li jirrikorru għal produttur ieħor ta' IFA fil-każ ta' riskju serju ta' vjolazzjoni, iżda jsostnu li dan kien ser jieħu diversi xhur, jekk mhux ukoll iktar żmien mit-tul tal-ftehimiet kontenzjużi. Madankollu, huma ma jistgħux jeżiġu li l-Kummissjoni tistabbilixxi dak li kien ser iseħħ fl-assenza tal-ftehimiet kontenzjużi, f'kuntest fejn l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom diversi alternattivi sabiex jidħlu fis-suq, fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet. Il-possibbiltà li ssir bidla f'ATS eżistenti jew li jiġi akkwistat l-IFA ta' fornitur ieħor ma kinitx possibbiltà teoretika, kif jistabbilixxu l-provi msemmija fid-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward ta' kull impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, f'dan ir-rigward (ara s-sitt sad-disa' partijiet iktar 'il quddiem). Ir-rikorrenti stess ammettew, pereżempju, li Tiefenbacher, bħala intermedjarju għal Arrow u Alpharma, setgħet tikseb bidla tat-tip I tal-ATS tagħha miksuba fir-rigward tas-citalopram ta' Matrix fi żmien xahrejn u nofs biss fil-Pajjiżi l-Baxxi (premessa 418 tad-deċiżjoni kkontestata).

205 Fi kwalunkwe każ, mingħajr dubju, tali possibbiltà lanqas biss ma kienet neċessarja għall-parti l-kbira tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex dawn ikunu jistgħu jidħlu fis-suq, u wisq inqas sabiex jeżerċitaw pressjoni kompetittiva fuq Lundbeck, peress li dawn kienu fil-proċess li jwettqu l-passi neċessarji u, f'ċerti każijiet, kienu saħansitra diġà kisbu ATS sabiex jidħlu fis-suq bis-citalopram ġeneriku tal-fornitur tagħhom (jew bis-citalopram ġeneriku tagħha stess fil-każ ta' Ranbaxy), u li dan is-citalopram ġeneriku ma kien ġie ddikjarat li jikkostitwixxi vjolazzjoni minn ebda qorti fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. Barra minn hekk, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 181 iktar 'il fuq, il-fatt stess li Lundbeck ikkonkludiet il-ftehimiet kontenzjużi mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jikkostitwixxi indizju importanti tal-fatt li hija kienet tipperċepixxihom bħala theddida potenzjali li teżerċita pressjoni kompetittiva fuq il-pożizzjoni tagħha fis-suq.

206 Għaldaqstant, il-ħames parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

H – *Fuq is-sitt parti, ibbażata fuq l-argument li ma kienx hemm kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Merck (GUK) fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi*

207 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet, b'mod żbaljat, li Merck (GUK) kienet tikkostitwixxi kompetitur potenzjali ta' Lundbeck fir-Renju Unit u, *mutatis mutandis*, fiż-ŻEE, fiż-żmien tal-ksur allegat.

208 Skont ir-rikorrenti, għalkemm jista' jkun rilevanti li jkun magħruf li Merck (GUK) kellha l-intenzjoni li tidħol fis-suq, il-kriterju essenzjali jibqa' li jiġi ddeterminat jekk din kellhiex tali kapaċità. Issa, id-deċiżjoni kkontestata taħbi l-fatt li Merck (GUK) kellha aċċess biss għas-citalopram ta' Natco, li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ta' Lundbeck, fatt li kien jimplika li Merck (GUK) ma kellhiex il-kapaċità li tidħol fis-suq legalment.

209 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet b'mod żbaljat, fil-premessa 754, filwaqt li bbażat ruħha fuq dokumenti kontemporanji għall-fatti, li Merck (GUK) kienet ċerta ħafna mill-pożizzjoni tagħha fil-qasam tal-privattivi. Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni ċċitat dawn id-dokumenti b'mod selettiv u iżolathom mill-kuntest tagħhom.

210 Mill-bqija, skont ir-rikorrenti, Merck (GUK) ma kinitx kompetitur potenzjali ta' Lundbeck peress li ma setgħetx iddur fuq IFA oħra prodotti skont proċessi li ma jikkostitwixxux vjolazzjoni matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi. Fil-fatt, fl-2003, ma kien jeżisti ebda prodott mediċinali ġeneriku ieħor kummerċjalment vijabbli u li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni. Fi kwalunkwe każ, jekk jitqies li Merck (GUK) setgħet iddur lejn produtturi oħra ta' IFA li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni, akkwist ta' citalopram minn Merck (GUK) mingħand terzi kien jikser il-punt 1.3 tal-ftehim konkluż bejnha u Schweizerhall, li kien jipprovdi li Merck (GUK) kellha tkopri 100 % tad-domanda annwali tagħha tal-IFA citalopram mingħand Schweizerhall (premessa 235 tad-deċiżjoni kkontestata).

211 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma timmotivax il-konklużjoni tagħha fis-sens li Merck (GUK) kienet kompetitur potenzjali ta' Lundbeck fiż-ŻEE (bl-esklużjoni tar-Renju Unit) fiż-żmien tal-ksur allegat. Peress li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tal-multa imposta fuq Lundbeck billi bbażat ruħha fuq il-valur tal-bejgħ ta' citalopram fiż-ŻEE kollha, dan l-element huwa biżżejjed, waħdu, sabiex jinvalida d-deċiżjoni kkontestata.

212 Fir-rigward tal-bejgħ ta' citalopram fl-Isvezja permezz ta' NM Pharma (premessi 836 sa 838 tad-deċiżjoni kkontestata), li wassal lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li Merck (GUK) kienet kompetitur potenzjali serju, inkluż fis-swieq l-oħra taż-ŻEE (premessa 840 tad-deċiżjoni kkontestata), ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li huma kienu għażlu li jressqu kawżi ġudizzjarji b'mod selettiv fl-Isvezja, mingħajr ma implikaw lil NM Pharma, ma jipprovax li Merck (GUK) kellha l-kapaċità jew possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fi swieq oħra taż-ŻEE. Id-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix b'mod suffiċjenti li Merck (GUK) kienet tikkostitwixxi kompetitur reali jew potenzjali ta' Lundbeck fil-pajjiżi kollha taż-ŻEE peress li ma kellhiex ATS ħlief fl-Isvezja qabel il-konklużjoni tal-ftehim GUK għaż-ŻEE. Fil-Ġermanja, fl-Italja, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fi Spanja, kien biss wara l-iskadenza tal-ftehim GUK għaż-ŻEE li Merck (GUK) kisbet ATS u, f'pajjiżi oħra, matul it-tul ta' dan il-ftehim.

213 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

214 Qabel ma jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti, għandu jitfakkar fil-qosor l-eżami tal-kompetizzjoni potenzjali bejn Merck (GUK) u Lundbeck imwettaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn is-sitwazzjoni li kienet tipprevali fir-Renju Unit u s-sitwazzjoni li kienet tipprevali fiż-ŻEE fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, minn naħa, u tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, min-naħa l-oħra.

1. Is-sitwazzjoni fir-Renju Unit

215 Fir-rigward, l-ewwel nett, tas-sitwazzjoni kompetittiva fir-Renju Unit, il-Kummissjoni qieset li, matul il-perijodu qabel l-24 ta' Jannar 2002, id-data tal-iffirmar tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, Lundbeck kienet l-unika impriża li kienet tbigħ is-citalopram fir-Renju Unit. Fil-5 ta' Jannar 2002, il-privattivi oriġinali ta' Lundbeck skadew fir-Renju Unit. B'effett minn dik id-data, għalhekk, is-suq tas-citalopram fir-Renju Unit kien bħala prinċipju miftuħ għall-prodotti mediċinali ġeneriċi, bil-kundizzjoni li dawn josservaw l-obbligi legali fil-qasam ta' kwalità, ta' sigurtà, u ta' effikaċja, kif ikkonfermati permezz ta' ATS. Għaldaqstant, l-impriżi li kienu jiffabbrikaw jew li kellhom l-intenzjoni li jbigħu prodotti mediċinali ġeneriċi li jkun fihom is-citalopram fir-Renju Unit, li kellhom perspettivi realistiċi li jkollhom provvisti tas-citalopram ġeneriku u li jiksbu ATS f'futur qarib setgħu jitqiesu li kienu kompetituri potenzjali ta' Lundbeck. Kien iktar minn probabbli li d-dħul fis-suq tal-prodotti mediċinali

ġeneriċi, b'mod partikolari fil-każ tad-dħul ta' diversi impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fl-istess ħin, kien ser jikkawża proċess intensiv ta' kompetizzjoni fuq il-prezzijiet li kien ser inaqqas il-prezz tas-citalopram b'mod rapidu u kunsiderevoli (premessa 738 tad-deċiżjoni kkontestata).

216 Merck (GUK), wara li informat lil Lundbeck bl-intenzjoni tagħha li tidħol fis-suq tas-citalopram, kienet l-ewwel impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kisbet ATS għas-suq tar-Renju Unit, fid-9 ta' Jannar 2002. Matul dan il-perijodu, Merck (GUK) kienet akkumulat stokk ta' 8 miljun pilloli ta' citalopram, ibbażati fuq l-IFA ta' Natco, li kienu lesti sabiex jinbiegħu fir-Renju Unit (premessa 741 tad-deċiżjoni kkontestata).

217 Sussegwentement għall-ftehim GUK għar-Renju Unit, iffirmat ma' Lundbeck fl-24 ta' Jannar 2002, Merck (GUK) astjeniet milli tintroduċi s-citalopram ġeneriku fis-suq, sat-tmiem tat-tul tal-ftehim, li kien inizjalment previst għal Lulju 2003. Madankollu, bejn l-1 u l-4 ta' Awwissu 2003, qabel ma l-ftehim ġie estiż għat-tieni darba fis-6 ta' Awwissu 2003, Merck (GUK) kienet effettivament biegħet is-citalopram ġeneriku tagħha fir-Renju Unit għal valur ta' GBP 3.3 miljun (premessa 742 tad-deċiżjoni kkontestata).

218 Fil-premessa 743 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn il-fatti kienu juru b'mod suffiċjenti li Merck (GUK) kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq tas-citalopram fir-Renju Unit fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim GUK għar-Renju Unit. Barra minn hekk, il-fatt li Merck (GUK) kienet effettivament daħlet fis-suq, għal żmien qasir, f'Awwissu 2003 juri b'mod suffiċjenti li Merck (GUK) u Lundbeck kienu kompetituri potenzjali fil-mument tal-iffirmar tal-ftehimiet kontenzjużi f'Jannar 2002. Barra minn hekk, il-fatt stess li Lundbeck kienet qablet li tagħmel trasferiment ta' valur sostanzjali lil Merck (GUK) bis-saħħa ta' dawn il-ftehimiet juri b'mod suffiċjenti li Lundbeck kienet tipperċepixxi lil Merck (GUK) bħala kompetitur potenzjali, li d-dħul fis-suq tagħha kien plawżibbli u li kien jikkostitwixxi theddida fil-konfront tal-pożizzjoni tagħha fis-suq fil-mument tal-iffirmar tal-ftehimiet kontenzjużi.

219 Madankollu, ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li dawn l-elementi huma suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejnhom u Merck (GUK) u jqisu li l-Kummissjoni kien imissha stabbilixxiet, qabel kollox, il-kapaċità ta' din tal-aħħar li tidħol fis-suq minflok ma ħadet inkunsiderazzjoni l-intenzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Huma jikkontestaw ukoll diversi dikjarazzjonijiet użati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata li, skonthom, ġew iċċitati barra mill-kuntest tagħhom u ma jippermettux li jiġi stabbilit li l-IFA ta' Natco ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' xi waħda mill-privattivi ta' Lundbeck u, b'mod partikolari, tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

220 Madankollu, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha biss fuq l-evalwazzjonijiet suġġettivi ta' Merck (GUK) u ta' Lundbeck sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejniethom, iżda fuq elementi oġġettivi, bħalma huma l-fatt li Merck (GUK) kienet, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, ikkonkludiet kuntratt ta' provvista ma' Schweizerhall, intiż sabiex takkwista s-citalopram ta' Natco, il-fatt li hija kienet diġà bniet stokk kbir ta' citalopram ġeneriku, u l-fatt li kienet kisbet ATS fir-Renju Unit fid-9 ta' Jannar 2002.

221 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jallegaw xorta waħda li Merck (GUK) ma setgħetx tintroduċi l-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha fis-suq mingħajr ma twettaq vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom. Madankollu, din hija, għal darba oħra, l-evalwazzjoni suġġettiva tagħhom peress li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, ebda qorti taż-ŻEE ma kienet iddikjarat li l-IFA ta' Natco, użat minn Merck (GUK) sabiex tipproduċi s-citalopram ġeneriku tagħha, kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' xi waħda mill-privattivi ta' Lundbeck. Barra minn hekk, fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim, il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ta' Lundbeck lanqas biss ma kienet għadha ngħatat fir-Renju Unit. Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li Merck (GUK) ma kinitx meħtieġa tipprova li l-prodotti tagħha ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni sabiex tkun tista' tikkummerċjalizzahom fir-Renju Unit (ara l-punt 122 iktar 'il fuq). L-iktar l-iktar, hija kienet qiegħda tassumi r-riskju li jkollha twieġeb għal

talbiet għal ordnijiet jew għal kawżi dwar vjolazzjoni min-naħa ta' Lundbeck, mingħajr ebda garanzija madankollu li din kienet ser tirbaħ il-kawża peress li, skont l-evalwazzjonijiet ta' Lundbeck stess, l-eżistenza ta' vjolazzjoni kienet partikolarment diffiċli li tiġi stabbilita fir-rigward ta' privattivi ta' proċess (premessa 629 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, fil-każ ta' tilwima, hija setgħet tqajjem il-kwistjoni tal-validità tal-privattivi ta' Lundbeck, permezz ta' talba inċidentali (ara l-punt 122 iktar 'il fuq).

222 Għall-kuntrarju ta' dak li jqisu r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tistabbilixxi b'ċertezza li Merck (GUK) kienet ser tidħol fis-suq, matul it-tul tal-ftehimiet, permezz ta' IFA li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' xi waħda mill-privattivi ta' Lundbeck. Il-Kummissjoni kienet meħtieġa tistabbilixxi biss li Merck (GUK) kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, u li dawn il-possibbiltajiet ma kinux jikkostitwixxi possibbiltajiet purament teoretiċi iżda kienu jirriflettu kapaċità reali ta' dħul fis-suq f'terminu suffiċjentement qasir sabiex jikkostitwixxu pressjoni kompetittiva fuq Lundbeck.

223 Issa, fid-dawl tal-elementi msemmija fil-premessi 738 *et seq* kif deskritti fil-qosor fil-punti 215 sa 218 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw b'mod validu li l-Kummissjoni ma wettqitx dan il-kompitu. Fil-fatt, il-fatt li Merck (GUK) setgħet tidħol, għal żmien qasir, fis-suq permezz tal-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha, f'Awwissu 2003, meta qieset li l-kundizzjonijiet tal-ftehim tagħha ma' Lundbeck ma kinux għadhom validi (premessa 755 tad-deċiżjoni kkontestata), juri b'mod ċar il-fatt li Merck (GUK) kienet minn tal-inqas kompetitur potenzjali ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit. Jekk tiġi aċċettata t-teżi tar-rikorrenti, dan ikun ifisser li Merck (GUK) ma setgħetx titqies li kienet, lanqas f'dak il-mument, kompetitur potenzjali ta' Lundbeck peress li ma kienx stabbilit li l-prodotti tagħha ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi waħda mill-privattivi ta' Lundbeck, u dan minkejja li kienet biegħet pilloli għal valur ta' GPB 3.3 miljun fir-Renju Unit. Huwa ċar li tali pożizzjoni ma tistax tiġi ġġustifikata. Fl-aħħar nett, il-fatt li Lundbeck ippreferiet li tikkonkludi ftehim ma' Merck (GUK) sabiex tipposponi d-dħul ta' din tal-aħħar fis-suq, juri wkoll li hija kienet tqis li Merck (GUK) kienet theddida li setgħet teżerċita pressjoni kompetittiva fis-suq tas-citalopram fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim (ara l-punt 103 iktar 'il fuq).

224 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti fis-sens li Merck (GUK) ma kellhiex il-possibbiltà li ddur lejn produttur ta' IFA ieħor matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, għandu jiġi kkonstatat li tali argument huwa ineffettiv, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, peress li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tistabbilixxi b'ċertezza li Merck (GUK) kienet ser tidħol fis-suq permezz ta' IFA li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni sabiex tkun tista' tqis li din kienet kompetitur potenzjali ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet. Fi kwalunkwe każ, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, il-kuntratt ta' provvista li Merck (GUK) kienet ikkonkludiet ma' Schweizerhall kien ibbażat fuq l-ipoteżi li l-IFA ta' Natco ma kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' ebda waħda mill-privattivi ta' Lundbeck wara l-iskadenza tal-privattivi oriġinali tagħha. Fil-każ li l-prodotti ta' Merck (GUK), ibbażati fuq l-IFA ta' Natco, kellhom jitqiesu li jikkostitwixxu vjolazzjoni, huwa probabbli ħafna, għalhekk, li Merck (GUK) kienet ser tkun tista' jew tirrexxindi dan il-kuntratt u tfittex provvista ta' citalopram ġeneriku mingħand fornitur differenti minn Schweizerhall jew inkella setgħet tikkollabora ma' Schweizerhall sabiex din tipprovdilha citalopram ġeneriku prodott fuq il-bażi ta' proċessi li ma jikkostitwixxux vjolazzjoni (punt 197 iktar 'il fuq).

225 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonkludiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li Merck (GUK) kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq tas-citalopram fir-Renju Unit fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, u li din kienet, għalhekk, minn tal-inqas kompetitur potenzjali ta' Lundbeck f'dak il-mument.

2. Is-sitwazzjoni fiż-ŻEE

226 It-tieni nett, fir-rigward tas-sitwazzjoni kompetittiva fiż-ŻEE, il-Kummissjoni esponiet, fil-premessi 827 *et seq*, ir-raġunijiet għaliex qieset li Merck (GUK) setgħet titqies li kienet kompetitur potenzjali ta' Lundbeck fil-parti l-kbira tal-Istati taż-ŻEE. Fil-mument tal-iffirmar tal-ftehimiet, Merck (GUK) kienet ikkonkludiet kuntratt ta' distribuzzjoni esklużiva fir-rigward tal-IFA ta' Natco ma' Schweizerhall. Dan il-ftehim kien jagħmel lil Schweizerhall id-distributur privileġġat ta' Natco għal numru ta' Stati taż-ŻEE (jiġifieri l-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja, l-Isvezja u n-Norveġja) u lil Merck (GUK) il-"klijent privileġġat" tagħha, fis-sens li r-rekwiżiti tagħha f'termini ta' citalopram kienu ser jiġu ttrattati bi prijorità (premessa 235 tad-deċiżjoni kkontestata).

227 F'Mejju 2002, NM Pharma, id-distributur ta' Merck (GUK) għall-Isvezja, kisbet ATS u daħlet fis-suq Svediż. NM Pharma kellha wkoll netwerk sostanzjali ta' distribuzzjoni fin-Norveġja u kienet qiegħda tippjana li tuża l-ATS Svediża tagħha sabiex tikseb ATS fil-Belġju, fid-Danimarka, fi Spanja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Finlandja u fin-Norveġja, permezz tal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fid-Direttiva 2001/83. Min-naħa tagħha, Merck (GUK) kellha l-intenzjoni li tikseb ATS analogi fir-rigward tal-Ġermanja, tal-Irlanda, tal-Greċja, ta' Franza, tal-Italja, tal-Awstrija u tal-Portugall, bl-użu tal-ATS tagħha miksuba fir-Renju Unit (premessi 829 u 830 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, il-punt D tal-preambolu tal-ftehim GUK għaż-ŻEE kien jirrikonoxxi r-rwol ta' Merck (GUK) bħala kompetitur potenzjali fit-territorju taż-ŻEE (premessa 831 tad-deċiżjoni kkontestata).

228 Dawn l-elementi ppermettew lill-Kummissjoni tikkonkludi li Merck (GUK) u Lundbeck kienu minn tal-inqas kompetituri potenzjali fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim GUK għaż-ŻEE f'Ottubru 2002. Merck (GUK) kienet saħansitra kompetitur effettiv ta' Lundbeck fl-Isvezja għal numru ta' xhur qabel l-iffirmar tal-ftehim, permezz tad-distributur tagħha NM Pharma. Barra minn hekk, il-fatt stess li Lundbeck kienet qablet li twettaq trasferiment ta' valur sostanzjali lil Merck (GUK) bis-saħħa ta' dan il-ftehim juri b'mod suffiċjenti li Lundbeck kienet tipperċepixxi lil Merck (GUK) bħala kompetitur potenzjali, li d-dħul fis-suq tagħha kien plawżibbli u li kien jikkostitwixxi theddida fir-rigward tal-pożizzjoni tagħha fis-suq tas-citalopram fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim GUK għaż-ŻEE (premessa 832 tad-deċiżjoni kkontestata).

229 Madankollu, ir-rikorrenti jsostnu li s-swieq ta' prodott għall-provvista ta' prodotti farmaċewtiċi bħalma huwa s-citalopram għandhom portata nazzjonali, b'tali mod li l-Kummissjoni kien imissha evalwat jekk Merck (GUK) u Lundbeck kinux kompetituri potenzjali f'kull Stat Membru taż-ŻEE minflok ma wettqet evalwazzjoni waħda għaż-ŻEE kollha.

230 Madankollu, għandu jiġi osservat li l-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni fil-premessi 827 sa 840 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punti 226 sa 228 iktar 'il fuq) turi b'mod suffiċjentement konvinċenti li Merck (GUK) u Lundbeck setgħu jitqiesu li kienu kompetituri potenzjali fit-territorju kollu taż-ŻEE fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għaż-ŻEE. Il-fatt li Merck (GUK) ma kinitx kisbet ATS fl-Istati kollha taż-ŻEE fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, u lanqas matul it-tul ta' dan il-ftehim, ma jfissirx li hija ma kellhiex possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq tad-diversi Stati taż-ŻEE, fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim.

231 Fil-fatt, kif il-Kummissjoni wriet fil-premessi 827 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata, Merck (GUK) kellha l-intenzjoni li tuża l-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fid-Direttiva 2001/83 sabiex tikseb ATS fi Stati Membri oħra billi tibbaża ruħha fuq l-ATS tagħha diġà miksuba fir-Renju Unit kif ukoll fuq l-ATS tad-distributur tagħha, NM Pharma, fl-Isvezja (ara l-punt 227 iktar 'il fuq).

232 Barra minn hekk, il-fatt li l-ftehim GUK għaż-ŻEE jkopri t-territorju kollu taż-ŻEE (bl-esklużjoni tar-Renju Unit), juri b'mod suffiċjenti li Lundbeck kienet tipperċepixxi lil Merck (GUK) bħala theddida potenzjali fir-rigward ta' dan it-territorju kollu u li din kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq tas-citalopram jekk mhux fl-Istati kollha taż-ŻEE, iżda minn tal-inqas fil-maġġoranza l-kbira tagħhom (ara l-premessi 827 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata). Kif tindika l-Kummissjoni

fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1540 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa turi li, fl-assenza tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, Merck (GUK) kienet ser tidħol b'ċertezza f'kull Stat Membru taż-ŻEE matul it-tul ta' dan il-ftehim. Fil-fatt, ma huwiex possibbli li tiġi kkalkolata, *a posteriori*, id-data tad-dħul f'kull Stat Membru taż-ŻEE meta l-ftehim GUK għaż-ŻEE kellu preċiżament l-għan u l-effett li jwaqqaf l-isforzi mwettqa minn Merck (GUK) f'dan ir-rigward.

233 Barra minn hekk, tali argument, għal darba oħra, ma jiħux inkunsiderazzjoni d-distinzjoni li teżisti bejn kompetizzjoni reali u kompetizzjoni potenzjali, fejn din tal-aħħar ma teżiġix li jiġi pprovat dħul ċert fis-suq iżda biss l-eżistenza ta' possibbiltajiet reali u konkreti f'dan ir-rigward. Issa, mill-premessi 328 u 347 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod partikolari li Merck (GUK) kellha l-intenzjoni u l-kapaċità li tikkummerċjalizza s-citalopram fiż-ŻEE f'terminu suffiċjentement qasir sabiex tkun tista' teżerċita pressjoni kompetittiva fuq Lundbeck, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim GUK għaż-ŻEE.

234 Fi kwalunkwe każ, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-differenzi li jeżistu bejn l-Istati taż-ŻEE meta dawn irriżultaw rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali f'dan it-territorju. B'hekk, il-Kummissjoni semmiet, fil-premessa 827 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari li l-privattiva dwar l-IPA ta' Lundbeck ma kinitx tiskadi qabel April 2003 fl-Awstrija, b'differenza mill-Istati Membri l-oħra. Hija eżaminat ukoll is-sitwazzjoni fir-rigward tal-ATS f'diversi Stati taż-ŻEE fil-premessi 326, 347 u 827 sa 830 tad-deċiżjoni kkontestata.

235 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti fis-sens li NM Pharma kienet ser tkun, b'mod li ma setax jiġi evitat, is-suġġett ta' kawżi ġudizzjarja mressqa minnhom, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li tali affermazzjoni hija kkonfutata mill-fatti, peress li NM Pharma kienet effettivament daħlet fis-suq Svediż għal kważi ħames xhur, fejn wettqet bejgħ "ferm inkoraġġanti" (premessa 325 tad-deċiżjoni kkontestata), mingħajr ma kienet is-suġġett ta' xi kawża ġudizzjarja mressqa minn Lundbeck.

236 Għaldaqstant, is-sitt parti għandha tiġi miċħuda.

I – *Fuq is-seba' parti, ibbażata fuq l-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Arrow fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi*

237 Ir-rikorrenti jsostnu li, meta ġew konklużi l-ftehimiet Arrow UK u Arrow Daniż, Arrow ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni potenzjali magħhom.

238 Fil-fatt, fir-rigward tar-Renju Unit, l-ewwel nett, Arrow ma kellhiex ATS qabel Lulju 2002, li kienet tikkonċerna barra minn hekk l-IFA ta' Cipla u ta' Matrix miksuba permezz tal-proċessi ta' produzzjoni inizjali tagħhom, il-proċess Cipla I u l-proċess Matrix I, li, skont ir-rikorrenti, kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni. Ma hemm xejn li jistabbilixxi li Arrow kellha possibbiltajiet raġonevoli li tinvalida din il-privattiva. Barra minn hekk, hija ma setgħetx tistenna li Cipla tikkoopera magħha sabiex tistabbilixxi l-assenza ta' vjolazzjoni.

239 It-tieni nett, Arrow lanqas ma kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tibda tuża l-IFA prodotti skont il-proċessi Cipla II u Matrix II, li, fi kwalunkwe każ, kienu jikkostitwixxu wkoll vjolazzjonijiet, jew is-citalopram ta' Ranbaxy li, minbarra li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi dwar l-amid u dwar il-jodju, ma kien kopert minn ebda ATS.

240 It-tielet nett, ir-rikorrenti jinvokaw is-sentenza mogħtija mill-High Court of Justice (England & Wales), Chancery Division [Qorti għolja tal-ġustizzja (l-Ingilterra u Wales), diviżjoni tal-kanċellerija] tat-23 ta' Ottubru 2001, Smithkline Beecham Plc vs Generics (UK) Ltd [(2002) 25(1) I.P.D. 25005, iktar 'il quddiem is-"sentenza Paroxetine", li minnha jirriżulta li impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma tistax tidħol fis-suq qabel ma tkun ipprovat li l-prodott tagħha ma jimplika ebda vjolazzjoni, prova li Arrow ma kinitx f'pożizzjoni li tressaq.

241 Ir-raba' nett, il-fatt li r-rikorrenti aċċettaw li jikkonkludu ftehimiet ma' Arrow li kienu jipprevedu pagamenti min-naħa tagħhom ma jfissirx li huma kienu jipperċepixxu lil Arrow bħala kompetitur potenzjali iżda li huma kienu qegħdin jistennew vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom.

242 Fir-rigward tad-Danimarka, ir-rikorrenti jirreferu għall-parti l-kbira tal-argumenti fir-rigward tar-Renju Unit, filwaqt li jżidu li Arrow ma daħlitx fis-suq Daniż qabel l-2005 u li, matul it-tul tal-ftehim Arrow Daniż, diversi impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu s-suġġett ta' ordnijiet meta pprovaw ibigħu s-citalopram ġeneriku f'dan l-Istat Membru.

243 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti kollha.

1. Fuq is-sitwazzjoni fir-Renju Unit

244 Għandhom jiġu eżaminati fl-ewwel lok l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-allegata assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejnhom u Arrow meta ġie konkluż il-ftehim Arrow UK.

245 Fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti dwar l-allegata impossibbiltà għal Arrow li tidħol fis-suq bis-citalopram ta' Cipla jew ta' Matrix, għandhom isiru l-osservazzjonijiet segwenti.

246 L-ewwel nett, fil-premessi 375 u 878 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li, fit-22 ta' Mejju 2001, Arrow kienet ikkonkludiet ftehim ma' Tiefenbacher sabiex tixtri, minn naħa, l-ATS li din kienet applikat għalihom f'diversi pajjiżi taż-ŻEE fir-rigward tas-citalopram ġeneriku kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-pilloli ta' dan il-prodott mediċinali prodotti fuq il-bażi tal-IFA ta' Cipla jew ta' Matrix.

247 It-tieni nett, fil-premessi 379 u 878 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni osservat li, fl-10 ta' Settembru 2001, Arrow kienet ordnat, mingħand Tiefenbacher, pilloli ta' citalopram ġeneriku b'valur ugwali għal 2.8 miljun marka Ġermaniża (DEM), li parti minnhom hija rċeviet f'Novembru 2001 u parti matul it-tieni ġimgħa ta' Jannar 2002. Dawn il-pilloli kienu ġew żviluppati fuq il-bażi tal-IFA ta' Cipla, prodott skont il-proċess Cipla I.

248 It-tielet nett, mill-premessa 382 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, fl-14 ta' Diċembru 2001, inżammet laqgħa bejn Arrow u Tiefenbacher. Skont in-noti dwar din il-laqgħa, li r-rikorrenti pproduċew quddiem il-Qorti Ġenerali, Tiefenbacher kienet tqis li s-citalopram prodott skont il-proċess Cipla I seta' jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, fil-każ li din il-privattiva tingħata fir-Renju Unit, minkejja li Cipla kienet qiegħda ssostni li l-proċess tagħha kien jikkorrispondi għal wieħed minn dawk koperti mill-privattivi oriġinali. L-imsemmija noti jsemmu wkoll il-fatt li r-rikorrenti xtaqu jippreparaw strateġija ta' difiża fir-rigward tat-talbiet għal ordni li Lundbeck kienet ser tressaq quddiem il-qrati kompetenti sabiex toġġezzjona għad-dħul tagħhom fis-suq tar-Renju Unit. Barra minn hekk, l-ittra elettronika li permezz tagħha ntbagħtu dawn in-noti ssemmi l-fatt li kollaboratur ta' Arrow kien eżamina l-proċessi Cipla I u Matrix I u kien ikkonkluda li dawn ma kinux jidhru li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

249 Ir-raba' nett, skont il-premessa 383 tad-deċiżjoni kkontestata, fil-21 ta' Diċembru 2001, Arrow xtrat mingħand Tiefenbacher l-applikazzjoni għal ATS li din kienet preċedentement ressqet quddiem l-awtoritajiet kompetenti fir-Renju Unit. Din l-applikazzjoni, li kienet ibbażata, skont il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2001/83, fuq ATS li Tiefenbacher kienet kisbet fil-Pajjiżi Baxxi preċedentement, irnexxiet f'Lulju 2002, wara li Lundbeck tilfet il-kawża li kienet ressqet fil-Pajjiżi l-Baxxi kontra din l-aħħar ATS. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, kif enfasizzat il-Kummissjoni fil-premessa 882 tad-deċiżjoni kkontestata, il-kompetizzjoni potenzjali tibda qabel l-għoti ta' ATS (punti 92 sa 94 iktar 'il fuq) u li, fi kwalunkwe każ, din tal-aħħar kienet ingħatat matul it-tul tal-ftehim Arrow UK.

250 Il-ħames nett, fil-premessa 387 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni enfasizzat il-fatt li, fl-ittra elettronika mibgħuta lil Arrow fil-15 ta' Jannar 2002, Cipla ddikjarat li kienet lesta ssostni l-pożizzjoni tagħhom fil-kuntest ta' eventwali kontestazzjonijiet ma' Lundbeck, minkejja li xtaqet tipprovdi l-informazzjoni neċessarja fir-rigward tal-proċess tagħha direttament lill-awtoritajiet kompetenti, u mhux l-ewwel lil Arrow jew lil Tiefenbacher. B'hekk, ftit huwa importanti li, skont ittra elettronika tal-11 ta' Jannar 2002, imsemmija fil-premessa 385 tad-deċiżjoni kkontestata, Cipla ma xtaqitx tagħti iktar informazzjoni dwar il-proċess tagħha.

251 Is-sitt nett, mill-premessa 389 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, f'ittra elettronika tat-22 ta' Jannar 2002, bi tweġiba għat-twissija li r-rikorrenti kienu bagħtulha l-ġurnata ta' qabel, Arrow informathom bil-fatt li fil-fehma tagħha ma kinitx qiegħda twettaq vjolazzjoni tal-privattivi l-ġodda tagħhom.

252 Is-seba' nett, f'ittra elettronika tat-23 ta' Jannar 2002, iċċitata fil-premessi 390, 880 u 887 tad-deċiżjoni kkontestata u indirizzata lil produttur ieħor tal-IFA citalopram, sussidjarja ta' Arrow, Resolution Chemicals, iddikjarat dan li hija "[kienet ser tintroduċi l-prodott tagħha] fir-Renju Unit il-ġimgħa [segwenti]". F'din l-ittra elettronika, Resolution Chemical esprimiet ukoll interess għall-IFA ta' dan il-fornitur, bħala t-tieni sors ta' IFA.

253 It-tmien nett, għandu jitfakkar li, fis-seba' premessa tal-preambolu Arrow UK, Arrow ma ammettietx li kienet wettqet vjolazzjoni tal-privattivi l-ġodda ta' Lundbeck, iżda sempliċement osservat li hija ma setgħetx tirribatti din l-akkuża permezz ta' provi inkonfutabbli.

254 Id-disa' nett, b'mod partikolari mill-premessi 157, 627, 669 u 745 kif ukoll min-nota ta' qiegħ il-paġna numru 322 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li impriżi oħra ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u Lundbeck stess kellhom dubji dwar il-validità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni. B'mod partikolari, din tal-aħħar qieset li l-probabbiltà li din il-privattiva tiġi invalidata kienet ta' bejn 50 % u 60 %. Huwa minnu li d-data tal-provi dwar din l-istima hija sussegwenti għall-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. Madankollu, ir-rikorrenti ma pprovdew ebda element li jippermetti li jiġi spjegat kif, preċedentement, l-evalwazzjoni tagħhom ta' din il-kwistjoni setgħet kienet differenti. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punt 122 iktar 'il fuq dwar l-invalidazzjoni tal-privattivi ta' proċess. Fil-fatt, li kieku l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ġiet iddikjarata invalida, l-eventwali vjolazzjoni tagħha minn Arrow ma kien ikollha l-ebda konsegwenza.

255 Dawn il-provi huma suffiċjenti sabiex jitqies li, meta ġie konkluż il-ftehim Arrow UK, Arrow kienet f'relazzjoni ta' kompetizzjoni potenzjali ma' Lundbeck minħabba l-possibbiltajiet reali u konkreti li hija kellha sabiex tidħol fis-suq bis-citalopram ta' Cipla, prodott skont il-proċess Cipla I.

256 Fir-rigward tal-possibbiltà li Arrow tibdel il-produttur ta' IFA u tibda tuża l-IFA ta' Matrix, prodott skont il-proċess Matrix I, li Tiefenbacher setgħet tipprovdilha, għandu jiġi osservat li, skont l-ittra elettronika li magħha ntbagħtu n-noti dwar il-laqgħa tal-14 ta' Diċembru 2001 (ara l-punt 248 iktar 'il fuq), Arrow kienet tqis li l-proċess użat minn Matrix sabiex tipproduċi dan l-IFA probabbilment ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni. Dawn in-noti jsemmu wkoll il-possibbiltà li Arrow tibda tuża l-IFA ta' Matrix, filwaqt li jassumu li ma kienx possibbli li titwettaq tali bidla fl-istadju li fih kienet tinsab f'dak iż-żmien. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni fil-premessi 885, 886, 889 u 895 kif ukoll fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1636 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ftehim ta' Arrow ma Tiefenbacher kien jippermetti tali bidla, tant li l-fatt li tali possibbiltà setgħet tkun soluzzjoni inqas vantaġġuża għal Arrow mill-possibbiltà li tikkonkludi ftehim ma' Lundbeck ma jipprekludix li jitqies li hija kellha possibbiltà reali u konkreta li tidħol fis-suq bis-citalopram prodott fuq il-bażi ta' dan l-IFA.

257 Fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti dwar il-proċessi Matrix II u Cipla II, għandu jsir riferiment għall-punti 198 sa 200 iktar 'il fuq.

258 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq is-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar ’il fuq, għandu jitfakkar li kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali ta’ Stat Membru hija kwistjoni ta’ fatt (ara, f’dan is-sens u b’analoġija, is-sentenzi tal-21 ta’ Diċembru 2011, A2A vs Il-Kummissjoni, C-318/09 P, EU:C:2011:856, punt 125 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-16 ta’ Lulju 2014, Zweckverband Tierkörperbeseitigung vs Il-Kummissjoni, T-309/12, EU:T:2014:676, punt 222 u l-ġurisprudenza ċċitata) li fir-rigward tagħha l-Qorti Ġenerali hija meħtieġa, bħala prinċipju, teżerċita stħarriġ sħiħ (punt 113 iktar ’il fuq).

259 Fil-kawża li tat lok għas-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar ’il fuq, il-qorti kkonċernata kienet applikat il-prinċipji li jirregolaw il-ħruġ ta’ ordnijiet provviżorji fid-dritt Ingliż u qieset li l-ibbilanċjar tal-interessi kien jiffavorixxi l-laboratorju ta’ oriġini fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża u b’mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-impriża ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi inkwistjoni ma kinitx “neħħiet l-ostakoli” billi tinforma lill-imsemmi laboratorju bl-intenzjoni konkreta tagħha li tintroduċi l-prodott ġeneriku tagħha fis-suq, meta hija kienet ippreparat ruħha għal tali dħul matul erba’ snin u minkejja l-fatt li kienet taf li dan il-laboratorju kellu privattivi li kienu jippermettulu jressaq kawża għal vjolazzjoni fil-konfront tagħha.

260 Madankollu, mingħajr ma huwa meħtieġ li tingħata deċiżjoni fuq l-interpretazzjoni u l-portata preċiżi li għandha tingħata s-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar ’il fuq, għandu jiġi osservat li hemm diversi differenzi bejn il-każ ineżami u dak li wassal għall-imsemmija sentenza.

261 Fil-fatt, minn naħa, mill-premessa 374 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, diġà fil-15 ta’ Diċembru 2000, ir-rikorrenti u Arrow kienu kkuntattjaw lil xulxin sabiex jiddiskutu l-kwistjoni tas-citalopram ġeneriku. Barra minn hekk, fil-premessa 389 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li, f’Jannar 2002, Arrow kienet ikkonfermat lir-rikorrenti li kienet qiegħda tipprepara ruħha sabiex tidħol fis-suq tar-Renju Unit.

262 Min-naħa l-oħra, filwaqt li fil-kawża li wasslet għas-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar ’il fuq, il-privattiva li kienet potenzjalment is-suġġett ta’ vjolazzjoni mill-impriża ta’ prodotti mediċinali ġeneriċi inkwistjoni kienet diġà teżisti matul il-perijodu kollu li matulu din l-impriża kienet qiegħda tipprepara ruħha sabiex tidħol fis-suq, f’dan il-każ, l-applikazzjoni għal privattiva dwar il-kristallizzazzjoni fir-Renju Unit ma kinitx ippreżentata minn Lundbeck qabel it-12 ta’ Marzu 2001 u kien biss fl-4 ta’ Lulju 2001 li kienet ġiet ippubblikata, filwaqt li l-privattiva stess ingħatat b’mod definittiv, fis-sens tal-Artikolu 25 tal-UK Patent Act, fit-30 ta’ Jannar 2002, jiġifieri wara l-konklużjoni tal-ftehim Arrow UK.

263 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pprovdew ebda spjegazzjoni, ħlief għan-natura imperfetta tas-sistema tal-protezzjoni tal-privattivi fl-Ewropa u għan-nuqqas ta’ simetrija bejn ir-riskji li jirriżulta minnha, dwar ir-raġunijiet għaliex l-impriża li huma jikkostitwixxu, li hija impriża ta’ esperjenza u li tirċievi konsulenza minn avukati speċjalizzati, ippreferiet li tikkonkludi ftehim oneruż bħalma huwa l-ftehim Arrow UK, li ppermettilha tikseb biss posponiment tad-dħul ta’ Arrow fis-suq tar-Renju Unit. Fil-fatt, li kieku l-interpretazzjoni tagħhom tas-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar ’il fuq, kienet korretta, bl-istess mod bħall-konvinzjoni tagħhom li setgħu jwaqqfu d-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi permezz tal-privattivi tagħhom, miżuri provviżorji kienu ċertament jingħataw kontra Arrow fir-Renju Unit fil-każ li din tipprova tidħol f’dan is-suq bil-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha, miżuri provviżorji li kienu jippermettu lir-rikorrenti jwaqqfu dan id-dħul fl-istennija ta’ sentenza favorevoli fuq il-mertu.

264 Sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw, essenzjalment, in-nuqqas ta’ simetrija tar-riskji bejnhom u Arrow, għandu jiġi osservat li tali argument ma jistax, fih innifsu, idaħħal inkwistjoni l-konklużjoni fis-sens li huma kienu jipperċepixxu lil Arrow bħala theddida fis-suq tas-citalopram, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim Arrow UK.

265 Fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti marbuta mal-fatt li huma ma kinux jipperċepixxu lil Arrow bħala kompetitur potenzjali, iżda bħala impriża li setgħet twettaq vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, għandu jiġi osservat li l-fatt stess li huma kienu kkonkludew ftehim ma' Arrow huwa indizju b'saħħtu ħafna tal-perċezzjoni ta' din tal-aħħar bħala kompetitur potenzjali (ara l-punt 181 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-konvinzjoni ta' Lundbeck dwar il-fatt li l-privattivi tagħha kienu s-suġġett ta' vjolazzjoni ma kinitx kondiviża minn Arrow (ara s-seba' premessa tal-preambolu Arrow UK u l-punt 35 iktar 'il fuq) u ma kienet ġiet ikkonfermata minn ebda qorti fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim Arrow UK.

266 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' evalwazzjoni meta qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li Arrow kienet kompetitur potenzjali ta' Lundbeck fir-Renju Unit.

2. Fuq is-sitwazzjoni fid-Danimarka

267 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kompetizzjoni potenzjali fid-Danimarka, għandu l-ewwel nett jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti dwar il-fatt li Arrow ma daħlitx fis-suq hekk kif skada l-ftehim Arrow Daniż, f'April 2003, iżda fl-2005. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li din hija prova *ex post* u li tikkonċerna l-kompetizzjoni effettiva, u mhux il-kompetizzjoni potenzjali. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li s-sitwazzjoni li kienet teżisti wara l-iskadenza ta' dan il-ftehim ma kinitx komparabbli ma' dik li kienet teżisti qablu, sa fejn il-kundizzjonijiet f'dan is-suq kienu sadanittant inbidlu.

268 It-tieni nett, fir-rigward tal-fatt li r-rikorrenti kisbu diversi ordnijiet fid-Danimarka, għandu jiġi osservat li dawn huma sussegwenti għad-data tal-konklużjoni tal-ftehim Arrow Daniż, b'tali mod li l-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tibbaża ruħha fuqhom sabiex tevalwa jekk il-possibbiltajiet li Arrow tidħol fis-suq kinux reali u konkreti fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-ftehim. Anki jekk jitqies li dawn l-ordnijiet setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, dan ikollu jgħodd ukoll fir-rigward tad-deċiżjonijiet fl-appell li rtiraw diversi ordnijiet miksuba fl-ewwel istanza, kif osservat il-Kummissjoni fil-premessa 185 tad-deċiżjoni kkontestata.

269 It-tielet nett, għalkemm huwa minnu li, meta ġie konkluż il-ftehim Arrow Daniż, Arrow kienet taf li l-proċess Cipla I kien probabbilment jikkostitwixxi vjolazzjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt, minn naħa, li hija setgħet tipprova tikseb l-invalidità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni u, min-naħa l-oħra, li hija setgħet tipprova tikseb l-ewwel is-citalopram ta' Matrix, prodott skont il-proċess Matrix I, u mbagħad is-citalopram prodott skont il-proċessi Cipla II jew Matrix II jew inkella dak ta' Ranbaxy (ara l-punti 198 sa 201 u 256 iktar 'il fuq). F'dan ir-rigward, għandu jingħad li Arrow, anki wara li Lundbeck kisbet il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni fid-Danimarka, kienet kompliet bil-passi tagħha sabiex tkun tista' tikseb ATS f'terminu raġonevoli, bil-għan li tkun tista' tbigħ fis-suq Daniż is-citalopram ġeneriku pprovdut minn Tiefenbacher, prodott fuq il-bażi tal-IFA ta' Cipla jew ta' Matrix (ara l-premessi 450, 454, 967 u 968 tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll it-tielet premessa tal-preambolu tal-ftehim Arrow Daniż).

270 Minn dan isegwi li l-Kummissjoni qieset ġustament li Arrow kienet kompetitur potenzjali ta' Lundbeck anki fid-Danimarka.

271 Għaldaqstant, is-seba' parti għandha tiġi miċħuda.

J – *Fuq it-tmien parti, ibbażata fuq l-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Alpharma fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi*

272 Ir-rikorrenti jsostnu li, meta ġie konkluż il-ftehim Alpharma, din tal-aħħar ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni potenzjali magħhom.

273 Fil-fatt, l-ewwel nett, Alpharma ma kellha aċċess għal ebda citalopram li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħha sa fejn kienet obbligata tixtri l-prodotti tagħha mingħand Tiefenbacher. Issa, din tal-aħħar kienet ipprovdiet lil Alpharma citalopram ġeneriku miksub skont il-proċess Cipla I, li kien jikkostitwixxi b'mod ċar vjolazzjoni, u setgħet tipprovdilha biss prodotti oħra li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni, miksuba skont il-proċess Matrix I jew, iktar tard, skont il-proċessi Cipla II u Matrix II. Barra minn hekk, id-dubji ta' Alpharma dwar il-validità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni ma jfissrux li hija kienet kompetitur potenzjali, fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li dawn id-dubji kienu bbażati fuq evalwazzjonijiet suġġettivi.

274 It-tieni nett, ir-rikorrenti josservaw li Alpharma kellha biss ATS għal tmien pajjiżi taż-ŻEE, inkluża dik għar-Renju Unit, li hija kienet ingħatat f'Lulju 2002.

275 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

276 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-premessa 1035 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni osservat li, skont ittra elettronika tad-19 ta' Frar 2002 tad-Direttur ġenerali ta' Alpharma responsabbli għall-fajl rilevanti, minflok ma kkonkluda l-ftehim Alpharma, il-grupp Alpharma seta' jidħol fis-suq bil-pilloli ta' citalopram li huwa kien diġà rċieva jew ordna, prodotti skont il-proċess Cipla I, u seta' jinvoka l-invalidità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, li tagħha dan il-proċess kien jikkostitwixxi vjolazzjoni, skont l-informazzjoni li l-grupp Alpharma u Lundbeck kellhom dak iż-żmien.

277 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li l-fatt li Alpharma bl-ebda mod ma kienet eskludiet li tidħol fis-suq bil-pilloli li kienet diġà rċeviet jew ordnat jirriżulta wkoll mill-ittra elettronika interna tal-14 ta' Frar 2002, tal-istess Direttur ġenerali, iċċitata fil-premessa 516 tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, l-awtur ta' din l-ittra elettronika spjega lil wieħed mill-kollegi tiegħu li, f'dak il-mument, Alpharma kienet qiegħda tħaddem strateġija doppja, kif tixhed l-espressjoni "we are riding two horses" (qegħdin nirkbu żewġt iżwiemel), li kienet tikkonsisti, minn naħa, fil-preparazzjoni għall-introduzzjoni tas-citalopram f'diversi pajjiżi taż-ŻEE u, min-naħa l-oħra, fin-negozjati ma' Lundbeck, u li, fil-ġimgħa ta' wara kien probabbilment ser ikun neċessarju li tittieħed deċiżjoni. F'dan ir-rigward, huwa speċifika li, sabiex tittieħed l-aħjar deċiżjoni possibbli, kellu bżonn jirċievi deskrizzjoni tas-sitwazzjoni mill-perspettiva legali fl-imsemmija pajjiżi u tar-riskji li għalihom kienet esposta Alpharma.

278 Għaldaqstant, mill-ittri elettroniċi tal-14 u tad-19 ta' Frar 2002 jirriżulta li Alpharma, filwaqt li kienet konxja tar-riskji li seta' jimplika d-dħul fis-seħħ, ma kinitx ser tabbanduna l-pjanijiet tagħha fil-każ li ma jirnexxilhiex tikkonkludi ftehim suffiċjentement vantaġġuż ma' Lundbeck. Sa fejn dawn huma ittri elettroniċi interni, ma huwiex kredibbli li l-pożizzjonijiet li kienu espressi fihom kienu maħsuba sabiex "jiftaħru" ma' Lundbeck. Barra minn hekk, din kienet impriża ta' esperjenza li kienet ilha ssegwi għal żmien twil il-passi meħuda minn Alpharma, kif juru l-ittri msemmija fil-premessi 477 u 496 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari. Dawn l-ittri jirreferu, b'mod partikolari, għall-mudell ta' utilità ta' Lundbeck kif ukoll għall-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, b'tali mod li ma jistax jitqies li l-imsemmija ittri elettroniċi kienu jippreżentaw pożizzjonijiet espressi mingħajr għarfien tar-riskji marbuta ma' dawn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

279 Barra minn hekk, għandhom jitfakkru l-kunsiderazzjonijiet ifformulati fil-punti 122 u 253 iktar 'il fuq fir-rigward tal-eventwali invalidità tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

280 Id-dikjarazzjonijiet magħmula fl-ittri elettroniċi msemmija iktar 'il fuq għandhom jinqraw fid-dawl tal-passi li Alpharma kienet wettqet sa dak iż-żmien sabiex tipprepara għad-dħul tagħha fis-suq.

281 F'dan ir-rigward, b'mod partikolari mill-premessi 476, 486, 490, 516 u 1017 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim Alpharma, din tal-aħħar:

— kienet diġà kkonkludiet ma' Tiefenbacher kuntratt, bid-data tal-25 ta' Ġunju 2001, għall-provvista ta' citalopram ġeneriku prodott fuq il-bażi tal-IFA ta' Cipla jew ta' Matrix;

— setgħet, bis-saħħa ta' dan il-kuntratt u ta' kuntratt preċedenti bejn l-istess partijiet, tal-31 ta' Lulju 2000, tikseb ATS fil-Pajjiżi l-Baxxi fuq il-bażi tal-ATS li Tiefenbacher kienet irċeviet fil-31 ta' Awwissu 2001 mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru, u setgħet, skont il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fid-Direttiva 2001/83, tikseb ATS f'pajjiżi oħra taż-ŻEE;

— kellha diġà stokk ta' 9.4 miljun pillola ta' citalopram u kienet ordnat 16-il miljun pillola oħra;

— kienet diġà kisbet ATS fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Finlandja, fid-Danimarka u fl-Isvezja u kienet irċeviet, fid-9 ta' Jannar 2002, assigurazzjonijiet fis-sens li kienet ser tikseb ATS fir-Renju Unit fil-futur qarib ħafna;

— kienet diġà ppubblikat lista tal-prezzijiet għas-citalopram tagħha fir-Renju Unit.

282 Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat, kif għamlet il-Kummissjoni fil-premessa 1035 tad-deċiżjoni kkontestata, li, skont l-ittra elettronika tad-19 ta' Frar 2002, minflok ma kkonkludiet il-ftehim Alpharma, Alpharma setgħet ukoll tipposponi d-dħul fis-suq tagħha sar-rebbiegħa jew sas-sajf tal-istess sena billi tuża s-citalopram ta' Matrix, li kien meqjus bħala li ma kienx problematiku fir-rigward tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

283 Huwa minnu li, skont l-ittra elettronika tad-19 ta' Frar 2002, il-bidla għas-citalopram ta' Matrix kienet tippreżenta inkonvenjenzi serji. Madankollu, għandu jingħad, l-ewwel nett, li l-kuntratt konklużż bejn Tiefenbacher u Alpharma kien jippermetti lil din tal-aħħar tikseb kemm is-citalopram ta' Cipla kif ukoll dak ta' Matrix (ara l-premessa 480 tad-deċiżjoni kkontestata).

284 It-tieni nett, filwaqt li l-ittra elettronika tad-19 ta' Frar 2002 tispeċifika li l-bidla għall-IFA ta' Matrix kienet ser timplika posponiment tad-dħul fis-suq, li kien ser inaqqas il-benefiċċji mistennija, dan l-iżvantaġġ għandu jiġi bbilanċjat mal-vantaġġ li jirrappreżenta l-fatt li jitnaqqas ir-riskju ta' vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmija ittra elettronika bl-ebda mod ma ddgħajjef il-konstatazzjoni li, minkejja l-imsemmi posponiment u l-konsegwenzi tiegħu, il-bidla għall-IFA ta' Matrix kienet tikkostitwixxi alternattiva ekonomikament vijabbli. Dan kien sempliċement fattur li għamel finanzjarjament preferibbli l-konklużjoni ta' ftehim vantaġġuż ma' Lundbeck. Issa, din il-kwistjoni hija irrilevanti sabiex jiġi evalwat jekk kienx hemm possibbiltajiet reali u konkreti li Alpharma tidħol fis-suq.

285 It-tielet nett, il-fatt li, f'data sussegwenti għal dik tal-konklużjoni tal-ftehim Alpharma, Matrix emendat il-proċess li kienet tuża sabiex tipproduċi l-IFA citalopram, kif jirriżulta min-nota ta' qiegħ il-paġna numru 155 tad-deċiżjoni kkontestata, ma jistabbilixxix li l-proċess disponibbli qabel kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, iżda huwa biss xhieda tal-isforzi li Matrix wettqet sabiex tkompli tipproteġi ruħha minn kwalunkwe riskju ta' vjolazzjoni. Barra minn hekk, din il-bidla seħħet matul it-tul ta' dan il-ftehim, b'tali mod li Alpharma kienet tkun tista' tuża l-IFA l-ġdid ta' Matrix, prodott skont il-proċess Matrix II, li kieku ma kinitx tħallset sabiex tibqa' barra mis-suq. Fi kwalunkwe każ, fid-19 ta' Frar 2002, il-grupp Alpharma qies li l-IFA ta' Matrix, ibbażat fuq il-proċess Matrix I li Matrix kienet tuża f'dak iż-żmien, seta' jippermettilu jidħol fis-suq mingħajr ma jwettaq vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

286 Minn dan isegwi li, meta ġie konklużż il-ftehim Alpharma, din l-impriża kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq bis-citalopram ġeneriku prodott skont il-proċessi Cipla I jew Matrix I. Barra minn hekk, kif ġie eżaminat fil-punti 198 u 200 iktar 'il fuq, matul it-tul ta' dan il-ftehim, is-citalopram ġeneriku prodott skont il-proċessi Matrix II u Cipla II kien sar ukoll disponibbli.

287 Il-konstatazzjoni li Alpharma kienet kompetitur potenzjali tar-rikorrenti ma hijiex imdaħħla inkwistjoni mir-riferiment magħmul mir-rikorrenti għal dikjarazzjoni magħmula minn Alpharma fl-istampa fit-28 ta' Frar 2002. Permezz ta' din id-dikjarazzjoni, Alpharma essenzjalment ħabbret li kienet qiegħda tipposponi l-bejgħ tas-citalopram minn tal-inqas sat-tmiem tal-perijodu tal-vaganzi tas-sajf u li seta'

jkun il-każ li tabbanduna l-proġett dwar dan il-bejgħ għar-raġuni li l-istokk tagħha kien jirrappreżenta problema fir-rigward tal-privattivi tar-rikorrenti. Hija żiedet li kellha tfittex produttur ieħor ta' IFA u kellha tikseb l-awtorizzazzjonijiet neċessarji.

288 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, kif osservat il-Kummissjoni fil-premessa 1055 tad-deċiżjoni kkontestata, din id-dikjarazzjoni turi l-bidla fil-pjanijiet ta' Alpharma bħala l-konsegwenza ta' deċiżjoni unilaterali min-naħa tagħha. Fil-fatt, din id-dikjarazzjoni ma tinkludi l-ebda riferiment għall-ftehim Alpharma, li huwa konformi man-natura sigrieta tiegħu, kif iddikjarata fil-punt 3.1 tal-imsemmi ftehim. Barra minn hekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-imsemmija dikjarazzjoni kienet intiża li tagħti spjegazzjonijiet lill-klijenti potenzjali ta' Alpharma.

289 Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ma tirribattix it-teżi tal-Kummissjoni, ibbażata b'mod partikolari fuq l-ittri elettroniċi tal-14 u tad-19 ta' Frar 2002 u fuq il-passi li Alpharma kienet wettqet sa dak iż-żmien, fis-sens li, li kieku ma kkonkludietx il-ftehim Alpharma, din l-impriża kien ikollha possibbiltà reali u konkreta li tidħol fis-suq.

290 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti dwar il-fatt li Alpharma ma kellhiex ATS fil-pajjiżi kollha taż-ŻEE, huwa biżżejjed li jingħad li hija setgħet diġà tuża diversi ATS u li kellha possibbiltajiet reali u konkreti li tikseb oħrajn skont il-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2001/83. Barra minn hekk, skont il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 163 u 171 iktar 'il fuq, tali possibbiltajiet jaqgħu effettivament taħt il-kompetizzjoni potenzjali.

291 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tmien parti għandha tiġi miċħuda.

K – *Fuq id-disa' parti, ibbażata fuq l-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Ranbaxy fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi*

292 Ir-rikorrenti jsostnu li, meta ġie konkluż il-ftehim Ranbaxy, Ranbaxy ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni potenzjali magħhom.

293 L-ewwel nett, ir-rikorrenti jsostnu li, għalkemm huwa minnu li Ranbaxy kienet informathom, matul laqgħa li nżammet fis-17 ta' April 2002, li kellha proċess li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' privattiva, li kellha l-intenzjoni tikseb ATS f'terminu ta' tmien xhur u li kienet waslet sabiex tikkonkludi ftehim ma' impriża oħra ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li setgħet tixtri l-IFA tagħha u tidħol fis-suq bis-citalopram prodott minn dan l-IFA f'terminu ta' mhux iktar minn erba' xhur, dan kien madankollu "ftaħir" maħsub sabiex jipperswaduha tikkonkludi ftehim favorevoli għal Ranbaxy. Il-fatt li din tal-aħħar kienet għamlet dikjarazzjonijiet fl-istess sens lil impriżi oħra ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kienu xerrejja potenzjali tal-IFA tagħha lanqas ma għandu valur probatorju. B'mod partikolari, id-dikjarazzjoni tagħha lil Alpharma tippreċedi l-eżami min-naħa ta' Lundbeck tal-iskemi ta' reazzjoni ta' Ranbaxy, li ppermetta li jiġi stabbilit li l-proċess ta' din tal-aħħar kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħha dwar l-amid u dwar il-jodju.

294 It-tieni nett, ir-rikorrenti josservaw li Ranbaxy ma kellhiex possibbiltà reali u konkreta li tikseb ATS matul it-tul tal-ftehim Ranbaxy. Matul il-proċedura amministrattiva, din kienet ammettiet id-diffikultajiet kollha marbuta mal-proċedura ta' rikonoxximent reċiproku prevista fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2001/83.

295 It-tielet nett, ir-rikorrenti jenfasizzaw li, f'Ottubru 2002, Ranbaxy iddikjarat li ma kinitx biegħet citalopram wara Ġunju 2002, u dan mhux biss fl-Ewropa, iżda fid-dinja kollha, punt dan li juri li din ma setgħetx tagħmel tali bejgħ, irrispettivament mill-ftehim Ranbaxy, li kien ikopri biss iż-ŻEE.

296 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti josservaw li Ranbaxy, wara l-iskadenza tal-ftehim li kien jirrigwardaha, talbithom liċenzja fir-rigward tal-privattiva dwar il-jodju, minflok ma sempliċement użat il-proċess tagħha, li jikkonferma li dan il-proċess kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-imsemmija privattiva.

297 Il-ħames nett, id-deċiżjoni kkontestata ma tippreżenta ebda prova tal-fatt li r-rikorrenti jew Ranbaxy kellhom dubji dwar il-validità tal-privattivi dwar l-amid jew dwar il-jodju, sa fejn id-dikjarazzjonijiet imsemmija jikkonċernaw biss il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni.

298 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

299 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti dwar l-allegat "ftaħir" min-naħa ta' Ranbaxy, għandu jitfakkar li, kif il-Kummissjoni enfasizzat b'mod partikolari fil-premessi 1095 u 1096 tad-deċiżjoni kkontestata, mill-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002 bejn ir-rikorrenti u Ranbaxy jirriżulta li, fil-kuntest ta' din il-laqgħa, din tal-aħħar kienet sostniet dan li ġej:

— hija kienet tuża proċess li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck;

— Lundbeck kienet taf b'dan il-proċess;

— hija kellha l-intenzjoni tippreżenta applikazzjonijiet għal ATS fir-rigward tar-Renju Unit u tal-Ġermanja, fejn kellha s-sussidjarji tagħha stess, u kienet qiegħda tistenna li tirċievi l-ATS tagħha f'terminu ta' tmien xhur;

— hija kienet waslet sabiex tikkonkludi ftehim ma' impriża oħra ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, li hija ma identifikatx, iżda li Lundbeck kienet taħseb li kienet Tiefenbacher jew kumpannija tal-grupp Merck, li permezz tiegħu hija kienet qiegħda tistenna li tiżgura li l-IFA tagħha jkun fis-suq tal-Ewropa tat-Tramuntana f'terminu ta' bejn tlieta u erba' xhur;

— il-kapaċità ta' produzzjoni tagħha kienet ta' 4.5 tunnellati ta' IFA fis-sena fid-dinja kollha;

— hija kienet lesta li tikkonkludi ftehim ma' Lundbeck.

300 Bl-istess mod, għandu jiġi osservat li, skont dawn il-minuti, Lundbeck kienet taf li tali ftehim seta' jkun oneruż u diffiċli, b'mod partikolari mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara l-premessi 188 u 1095 tad-deċiżjoni kkontestata).

301 Għaldaqstant, Lundbeck iddeċidiet li tikkonkludi l-ftehim Ranbaxy, li juri li hija ħadet bis-serjetà t-theddida li din l-impriża kienet tirrappreżenta.

302 F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li, konformement mal-ġurisprudenza (ara l-punti 101 u 104 iktar 'il fuq), il-perċezzjoni li Lundbeck kellha ta' Ranbaxy hija element li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, għalkemm ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jistabbilixxi l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali.

303 Fir-rigward tal-possibbiltà li l-perċezzjoni tar-rikorrenti kienet affettwata mill-fatt li l-"ftaħir" ta' Ranbaxy kien irnexxa, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li r-rikorrenti kienu impriża ta' esperjenza, li kienet ilha ssegwi għal żmien twil il-passi tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fir-rigward tas-citalopram (ara b'mod partikolari l-premessi 172 sa 183 tad-deċiżjoni kkontestata).

304 Fir-rigward ta' Ranbaxy b'mod partikolari, ir-rikorrenti kienet segwietha b'mod partikolarment attentiv, peress li, bejn Jannar u Lulju 2001, huma kien kellhom kuntatti frekwenti, bil-għan iddikjarat li tiġi esplorata l-possibbiltà li jintuża s-citalopram ta' Ranbaxy, meta fil-verità din kienet strateġija sabiex joħolqu dewmien min-naħa tagħhom (ara l-premessi 549 sa 552 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, f'Mejju 2002, ir-rikorrenti saru jafu li Ranbaxy kienet ippreżentat, fl-Indja, żewġ applikazzjonijiet

għal privattiva u, wara li analizzaw l-iskemi ta' reazzjoni ta' Ranbaxy, qiesu li dawn l-applikazzjonijiet setgħu jinsabu f'kunflitt mal-privattivi dwar l-amid u dwar il-jodju (ara l-premessi 560 sa 564 tad-deċiżjoni kkontestata).

305 Anki wara l-iffirmar tal-ftehim Ranbaxy, ir-rikorrenti qatt ma lmentaw li kienu vittma ta' logħba ta' ftaħir iżda, kif jirriżulta mill-premessa 206 tad-deċiżjoni kkontestata, kienu kuntenti, f'Diċembru 2002, li kien irnexxielhom jipposponu l-introduzzjoni tas-citalopram ġeneriku, li kienet mistennija fl-ewwel trimestru tal-2002, posponiment dan li ħoloq kundizzjonijiet pożittivi għall-iżvilupp tal-bejgħ tal-prodott mediċinali ġdid tagħhom, is-Cipralex (ara l-punt 22 iktar 'il fuq). Huma xtaqu wkoll jestendu dan il-ftehim sal-31 ta' Diċembru 2003, bl-iffirmar ta' addendum fid-19 ta' Frar 2003. Issa, fl-assenza ta' kwalunkwe prova f'dan ir-rigward, ma huwiex kredibbli li Ranbaxy setgħet tidħak b'Lundbeck darbtejn, fuq perijodu daqstant twil.

306 Barra minn hekk, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 1105 tad-deċiżjoni kkontestata, qabel u wara l-konklużjoni tal-ftehim Ranbaxy, din l-impriża sostniet ma' terzi li l-proċessi tagħha ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi l-ġodda ta' Lundbeck. B'mod partikolari, fil-premessi 554, 557 u 1093 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li Ranbaxy kien kellha kuntatti ma' Arrow, l-ewwel f'Jannar u mbagħad f'April 2002, li kienu wasslu għal offerta konkreta favur din tal-aħħar dwar il-bejgħ ta' 500 sa 1000 kg ta' IFA. Issa, ma huwiex kredibbli li Ranbaxy kienet deliberament ipprovdiet informazzjoni ħażina lill-klijenti potenzjali tagħha bil-għan li tikkonvinċihom jixtru l-IFA tagħha. Fil-fatt, tali aġir kien jesponiha għal kawżi għal danni min-naħa tal-klijenti tagħha. Barra minn hekk, wieħed minn dawn il-klijenti kien irċieva mingħand Ranbaxy id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex tissostanzja l-fatt li l-proċessi tagħha ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni.

307 Il-fatt li Ranbaxy ma kinitx qiegħda tadotta "ftaħir" fil-konfront tar-rikorrenti huwa kkonfermat ukoll minn provi oħra li l-Kummissjoni indikat fid-deċiżjoni kkontestata.

308 B'hekk, l-ewwel nett, għandu jitfakkar li, kif il-Kummissjoni osservat fil-premessa 1091 tad-deċiżjoni kkontestata, f'Jannar 2001 Ranbaxy kienet diġà bdiet tiżviluppa proċess sabiex tipproduċi s-citalopram. Mid-dokument iċċitat fil-premessi 552 u 1091 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, meta, f'Lulju 2001, Lundbeck informat lil Ranbaxy li ma xtaqitx tixtri l-400 kg ta' IFA li din tal-aħħar kienet offritilha, Ranbaxy kienet partikolarment diżappuntata għaliex, matul il-perijodu preċedenti kollu, li matulu Lundbeck kienet tatha x'tifhem li kellha interess fir-rigward tal-IFA tagħha, hija kienet intenzjonalment irrinunzjat għal possibbiltajiet oħra li kienu ppreżentaw ruħhom.

309 It-tieni nett, fil-premessi 566 u 1092 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat, fl-ewwel lok, li Ranbaxy kienet ipprovdiet informazzjoni teknika fir-rigward tal-IFA tagħha lil klijent potenzjali fl-Italja f'Diċembru 2001, segwita, fl-ewwel semestru tal-2002, mill-kunsinna ta' 16-il kg ta' IFA. Sussegwentement, f'Jannar 2002, klijent potenzjali fi Franza kien ukoll irċieva informazzjoni teknika. Iktar tard, fl-2002, Ranbaxy bagħtet kwantità żgħira ta' IFA lil klijent potenzjali Svediż.

310 It-tielet nett, għandu jiġi osservat li, kif enfasizzat il-Kummissjoni fil-premessa 584 tad-deċiżjoni kkontestata, f'Lulju 2002, Ranbaxy biegħet kwantità żgħira tal-IFA tagħha lill-istess klijent Taljan li kienet f'kuntatt miegħu numru ta' xhur iktar kmieni. Issa, għalkemm Ranbaxy kienet f'pożizzjoni li tbigħ kwantità żgħira ta' IFA eżattament wara l-konklużjoni tal-ftehim Ranbaxy, għandu jiġi kkonstatat li hija kellha minn tal-inqas possibbiltajiet reali u konkreti li tagħmel dan qabel.

311 Fl-aħħar nett, għandu jingħad li, anki wara li r-rikorrenti kienu eżaminaw l-iskemi ta' reazzjoni tagħha, Ranbaxy iddeċidiet li tippreżenta d-DMF tagħha quddiem l-awtoritajiet tar-Renju Unit kompetenti u sussegwentement applikat għal ATS. Issa, tali passi ma kinux jitwettqu li kieku, wara l-imsemmi eżami, kien ġie konkluż li l-proċess użat minn Ranbaxy sabiex tipproduċi l-IFA tagħha kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi dwar l-amid u dwar il-jodju.

312 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti dwar it-terminu neċessarju sabiex tinkiseb ATS, għandhom jitfakkru l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti punti 171, 177 u 178 iktar 'il fuq kif ukoll l-elementi marbuta mat-termini mħabbra minn Ranbaxy waqt il-laqgħa tas-17 ta' April 2002 (ara t-tielet u r-raba' inċiżi tal-punt 299, iktar 'il fuq).

313 Fil-fatt, peress li, minn naħa, il-passi li impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bħalma hija Ranbaxy twettaq sabiex tipprepara għad-dħul tagħha fis-suq bis-citalopram ġeneriku, inkluż fir-rigward tal-proċess neċessarju sabiex tikseb ATS, huma rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni potenzjali u, min-naħa l-oħra, dawn il-passi ttieħdu b'mod serju minn Lundbeck, ftit huwa rilevanti jekk il-proċeduri neċessarji sabiex jingħataw dawn l-ATS setgħux jintemmu b'mod pożittiv fit-termini previsti minn Ranbaxy, jew iktar tard.

314 Għandu jiġi ppreċiżat li, għalkemm l-għeluq pożittiv tal-proċedura sabiex tinkiseb ATS huwa indispensabbli sabiex ikun jista' jkun hemm kompetizzjoni effettiva, it-triq sabiex wieħed jasal f'dan l-istadju, meta din tinbeda minn impriża li tkun ilha żmien twil tipprepara b'mod serju għad-dħul fis-suq tagħha, tikkonċerna l-kompetizzjoni potenzjali, anki jekk fil-verità jkun meħtieġ perijodu itwal minn dan li jkun previst mill-partijiet ikkonċernati.

315 F'dan ir-rigward, anki jekk jitqies li Ranbaxy stmat b'mod iqsar milli kien fil-verità t-tul tal-perijodu neċessarju sabiex tikseb ATS, għandu jingħad, l-ewwel nett, li Lundbeck kienet madankollu ħasset pressjoni kompetittiva li wasslitha sabiex temmen li kien fl-interess tagħha li tħallas lil Ranbaxy sabiex tillimita, jekk mhux ukoll teskludi, l-aċċess tagħha għas-suq matul it-tul tal-ftehim Ranbaxy.

316 It-tieni nett, dan il-pagament neċessarjament għamel inqas imperattiv il-bżonn għal Ranbaxy li tħaffef kemm jista' jkun il-proċedura għall-ħruġ ta' ATS peress li, bil-konklużjoni tal-ftehim Ranbaxy, hija kienet iggarantita benefiċċji sostanzjali għaliha, bħala korrispettiv għal din il-limitazzjoni jew esklużjoni. Il-fatt li, minħabba "bidla fil-format" tal-fajl, hija kienet ippreżentat l-applikazzjoni tagħha għal ATS f'Awwissu 2002, meta, skont il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1887 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-riżultati tat-testijiet rilevanti kollha kienu ntbagħtu mill-Indja f'Ġunju, jikkonferma li, wara l-konklużjoni tal-ftehim konkluż ma' Lundbeck, hija ma kinitx għadha partikolarment mgħaġġla sabiex tikseb ATS.

317 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat qabel kollox li, skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2001/83, l-Istati Membri għandhom jieħdu d-dispożizzjonijiet utli kollha sabiex it-tul tal-proċedura għall-għoti ta' ATS ma jkunx ta' iktar minn 210 jum mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni valida. B'hekk, fil-każ li Ranbaxy ippreżentat applikazzjoni li tinkludi l-preċiżazzjonijiet neċessarji kollha, l-awtoritajiet kompetenti kienu meħtieġa jittrattawha f'terminu saħansitra iqsar minn dak ta' tmien xhur imsemmi fil-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002.

318 Huwa minnu li t-terminu ta' 210 jum previst fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2001/83 ikun sospiż meta l-awtorità kompetenti tqis li applikazzjoni ma tkunx valida u tistieden lill-impriża kkonċernata sabiex tibagħtilha informazzjoni komplementari.

319 Madankollu, meta stabbilixxiet il-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002, Lundbeck ma inkludietx kumment sabiex tindika li t-terminu ta' tmien xhur previst minn Ranbaxy ma kienx realistiku, iżda sempliċement osservat li ftehim seta' jiswa bejn USD 10 u 20 miljun, jekk mhux iktar (premessa 1095 tad-deċiżjoni kkontestata).

320 Minn dan isegwi li Ranbaxy kellha possibbiltà reali u konkreta li tikseb ATS matul it-tul tal-ftehim Ranbaxy, u dan kien suffiċjenti sabiex, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami, teżerċita pressjoni kompetittiva fuq Lundbeck.

321 Sussegwentement, għandu jitfakkar li skont il-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002, Ranbaxy kellha l-possibbiltà tixtri ATS eżistenti jew tbigħ l-IFA tagħha lil impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kellha diġà ATS, żewġ possibbiltajiet dawn li madankollu kienu jeħtieġu li dawn l-ATS jiġu suġġetti għal bidla tat-tip II.

322 Għandu jiġi kkonstatat li, kif ġie osservat fil-punti 306 u 309 iktar 'il fuq, qabel ma kkonkludiet il-ftehim ma' Lundbeck, Ranbaxy kienet wettqet diversi passi sabiex tbigħ l-IFA tagħha, u mhux sabiex tbigħ prodotti lesti maħduma fuq il-bażi tiegħu. Il-fatt li l-bejgħ ta' prodotti lesti seta' kien iktar profittabbli ma jipprekludix li jitqies li l-bejgħ tal-IFA tagħha kien possibbiltà reali u konkreta sabiex Ranbaxy tikkompeti ma' Lundbeck, kif issemma fil-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002.

323 Fl-aħħar nett, kif enfasizzat il-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1885 tad-deċiżjoni kkontestata, it-terminu ta' tlieta sa erba' xhur imsemmi fil-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002 huwa kompatibbli mal-istatistika tal-awtorità tar-Renju Unit kompetenti dwar it-tul tal-proċeduri li jikkonċernaw il-bidliet tat-tip II, li l-Kummissjoni pproduċiet quddiem il-Qorti Ġenerali u li minnha jirriżulta li, bejn Marzu 2001 u Frar 2002, il-parti l-kbira ta' dawn il-proċeduri kienu ngħalqu f'perijodu ta' 90 jum.

324 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, kif jirriżulta mill-ispjegazzjonijiet li jintroduċu din l-istatistika, l-imsemmi perijodu kien ġie kkalkolat mill-preżentata ta' applikazzjoni kompleta, mingħajr ma ttieħdu inkunsiderazzjoni s-sospensjonijiet dovuti għal talbiet għal informazzjoni supplimentari. Madankollu, kif il-Kummissjoni enfasizzat bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, l-awtorità tar-Renju Unit kompetenti kkonfermat li, matul il-perijodu kopert mill-istatistika inkwistjoni, 50 % tal-applikazzjonijiet għal bidla tat-tip II ppreżentati kienu ġew ittrattati f'terminu massimu ta' 90 jum. Fil-fatt, f'40 % tal-każijiet, ma kienet inħarġet ebda talba għal informazzjoni supplimentari u, f'10 % tal-każijiet, il-fatt li ntbagħtet tali talba ma tawwalx il-proċedura lil hinn mill-imsemmi terminu.

325 Għaldaqstant, din l-istatistika tikkonferma li kien hemm possibbiltà reali u konkreta li tinbidel ATS eżistenti sabiex din tkopri s-citalopram prodott skont il-proċessi ta' Ranbaxy f'terminu ta' tul bħal dak imsemmi fil-minuti tal-laqgħa tas-17 ta' April 2002, peress li l-applikazzjoni għal bidla setgħet taqa' taħt waħda mill-ipoteżijiet imsemmija fil-punt 325 iktar 'il fuq.

326 Barra minn hekk, għandu jingħad li, għalkemm l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-awtorità tar-Renju Unit kompetenti għandhom data sussegwenti għall-iffirmar tal-ftehim Ranbaxy u saħansitra għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, peress li ġew stabbiliti għall-finijiet tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, dawn l-ispjegazzjonijiet jirreferu għas-sitwazzjoni li kienet tipprevali fiż-żmien tan-negozjati mwettqa bil-għan li jiġi konkluż il-ftehim Ranbaxy u jipprovdu preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' elementi li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata. B'hekk, dawn l-ispjegazzjonijiet jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 138 sa 141 iktar 'il fuq.

327 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-fatt li Ranbaxy iddikjarat li, matul it-tul tal-ftehim Ranbaxy, hija ma kinitx biegħet citalopram, la fl-Ewropa u lanqas fid-dinja kollha wara Ġunju 2002 (ara l-premessa 577 tad-deċiżjoni kkontestata), għandu jiġi osservat li dan ma huwiex fatt rilevanti sabiex tiġi evalwata l-kompetizzjoni potenzjali fiż-ŻEE fil-mument tal-konklużjoni tal-imsemmi ftehim. Fil-fatt, l-assenza ta' bejgħ minn Ranbaxy anki barra miż-ŻEE turi l-iktar l-iktar li din l-impriża ma kinitx kompetitur effettiv ta' Lundbeck barra miż-ŻEE, iżda ma għandha ebda impatt fuq l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni potenzjali, la fiż-ŻEE u lanqas barra minn dan it-territorju. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma kienet meħtieġa teżamina l-kompetizzjoni potenzjali barra miż-ŻEE.

328 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti dwar il-fatt li, f'Jannar 2004, Ranbaxy kienet talbithom liċenzja fir-rigward tal-privattiva dwar il-jodju, mogħtija fit-23 ta' Marzu 2003, għandu jiġi osservat li dan il-fatt ma jfissirx li Ranbaxy ma kellhiex possibbiltajiet reali u konkreti li tidħol fis-suq bil-prodotti tagħha qabel l-2004. Fil-fatt, applikazzjoni għal liċenzja tista' tkun immotivata minn

diversi raġunijiet differenti, bħalma hija dik li tiġi evitata kwalunkwe kawża dwar vjolazzjoni. Ranbaxy setgħet tqis li r-rikorrenti kienu ser jaċċettaw li jagħtuha liċenzja bi prezz imraħħas, u dan kien jippermettilha li tiddefendi ruħha, bi spiża żgħira, kontra kwalunkwe riskju ta' vjolazzjoni potenzjali tal-privattiva dwar il-jodju. Għaldaqstant, il-ftehim ta' liċenzja invokat mir-rikorrenti ma huwiex determinanti għall-kwistjoni ta' jekk kinux kompetituri potenzjali ta' Ranbaxy fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim Ranbaxy.

329 Fil-ħames lok, għandu jiġi osservat, kif għamlu r-rikorrenti, li d-deċiżjoni kkontestata ma tidher li fiha ebda riferiment għall-eżistenza ta' dubji dwar il-validità tal-privattivi dwar l-amid u dwar il-jodju. Madankollu, minbarra l-fatt li l-privattiva dwar il-jodju kienet għadha ma ngħatatx meta ġie konkluż il-ftehim Ranbaxy, tant li ma setgħetx tintuża bħala bażi għal kawża dwar vjolazzjoni, għandu jingħad li l-evalwazzjoni tal-kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Ranbaxy imwettqa fid-deċiżjoni kkontestata hija iktar ibbażata fuq il-provi li juru li Ranbaxy kienet qiegħda tipprepara għad-dħul fis-suq għaliex kienet tqis li l-proċess tagħha ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni milli fuq il-possibbiltà li tikseb l-annullament tal-privattivi ta' Lundbeck li setgħu jkunu s-suġġett ta' vjolazzjoni.

330 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tiġi miċħuda d-disa' parti, kif ukoll l-ewwel motiv fl-intier tiegħu.

II – *Fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt motivi, ibbażati, essenzjalment fuq ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE*

331 Qabel jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-kontenut, il-finalità u l-kuntest tal-ftehimiet kontenzjużi, għandhom jitfakkru fil-qosor l-approċċ segwit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tikklassifika f'dan il-każ il-ftehimiet kontenzjużi bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" f'dan il-każ kif ukoll il-ġurisprudenza rilevanti.

A – *Analiżi dwar l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fid-deċiżjoni kkontestata*

332 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jikkostitwixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE billi bbażat ruħha, f'dan ir-rigward, fuq sett sħiħ ta' fatturi marbuta mal-kontenut, mal-kuntest u mal-finalità tal-imsemmija ftehimiet (punti 61 sa 67 iktar 'il fuq).

333 B'hekk, hija qieset li element importanti tal-kuntest ekonomiku u legali li fih kienu ġew konklużi l-ftehimiet kontenzjużi kien il-fatt li l-privattivi oriġinali ta' Lundbeck kienu skadew qabel il-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, iżda li hija kienet kisbet – jew kienet waslet sabiex tikseb – diversi privattivi ta' proċess fil-mument tal-konklużjoni ta' dawn il-ftehimiet, fosthom il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li privattiva ma kinitx tagħti d-dritt li tiġi llimitata l-awtonomija kummerċjali tal-partijiet billi wieħed imur lil hinn mid-drittijiet mogħtija minnha (premessa 638 tad-deċiżjoni kkontestata).

334 Għaldaqstant, hija qieset li, għalkemm mhux il-ftehimiet bonarji kollha fil-qasam tal-privattivi huma neċessarjament problematiċi fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, dan ikun il-każ meta tali ftehimiet jipprevedu esklużjoni mis-suq ta' waħda mill-partijiet, li tkun minn tal-inqas kompetitur potenzjali tal-parti l-oħra, għal żmien determinat, u meta dawn il-ftehimiet ikunu marbuta ma' trasferiment ta' valur mill-proprjetarju tal-privattiva favur l-impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li x'aktarx twettaq vjolazzjoni ta' din il-privattiva (iktar 'il quddiem il-"pagament bil-kontra") (premessi 639 u 640 tad-deċiżjoni kkontestata).

335 Mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll li, għalkemm ir-restrizzjonijiet previsti fil-ftehimiet kontenzjużi kienu jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, jiġifieri dawn il-ftehimiet kienu jipprekludu biss id-dħul fis-suq ta' citalopram ġeneriku meqjus mill-partijiet fil-ftehimiet li potenzjalment jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dawn il-privattivi u mhux id-dħul fis-suq ta' kull tip ta' citalopram ġeneriku, dawn il-ftehimiet huma xorta waħda restrittivi tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan", sa fejn b'mod partikolari pprekludew jew għamlu inutli kull tip ta' kontestazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck quddiem il-qrati nazzjonali meta, skont il-Kummissjoni, din it-tip ta' kontestazzjoni kienet tagħmel parti mill-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-privattivi (premessi 603 sa 605, 625, 641 u 674 tad-deċiżjoni kkontestata).

336 Fi kliem ieħor, skont il-Kummissjoni, il-ftehimiet kontenzjużi bidlu l-inċertezza dwar l-eżitu ta' tali kawżi f'ċertezza li l-prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq, u dan seta' jikkostitwixxi wkoll restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan meta tali limitazzjonijiet ma jirriżultawx minn analiżi, mill-partijiet, tal-merti tad-dritt esklużiv inkwistjoni, iżda jirriżultaw pjuttost min-natura sostanzjali tal-pagament bil-kontra li, f'tali każ, jaħbi din l-evalwazzjoni u jinkoraġġixxi lill-impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex ma tkomplix bl-isforzi tagħha sabiex tidħol fis-suq (premessa 641 tad-deċiżjoni kkontestata).

337 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti intiżi sabiex jikkontestaw l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan f'dan il-każ.

B – *Il-prinċipji u l-ġurisprudenza applikabbli*

338 Għandu jitfakkar li l-Artikolu 101(1) TFUE jipprevedi li "għandhom ikunu inkompatibbli mas-suq intern u għandhom ikunu projbiti: l-akkordji kollha bejn impriżi, id-deċiżjonijiet kollha ta' assoċjazzjonijiet bejn impriżi u l-prattiċi kollha miftiehma [...] li jkollhom bħala għan jew riżultat tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, partikolarment dawk li jinvolvu:

a) l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju,

b) il-limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni, tas-swieq, ta' l-iżvilupp tekniku jew ta' l-investiment,

ċ) it-taqsim tas-swieq jew it-taqsim ta' fonti ta' provvista,

d) l-applikazzjoni ta' kondizzjonijiet differenti għal transazzjonijiet ekwivalenti ma partijiet oħra, li b'hekk jiġu mqiegħda fi żvantaġġ kompetittiv,

e) is-suġġettar tal-konklużjoni ta' kuntratti għall-aċċettazzjoni mill-parti l-oħra, ta' obbligi addizzjonali li, jew min-natura tagħhom jew skond l-użu kummerċjali, ma jkollhom l-ebda konnessjoni mas-suġġett ta' dawk il-kuntratti."

339 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi jiżvelaw grad suffiċjenti ta' dannu għall-kompetizzjoni b'mod li jista' jiġi kkonstatat li ma hemmx bżonn li jsir eżami tal-effetti tagħhom (sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 49; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1966, LTM, 56/65, Ġabra, EU:C:1966:38, p. 359 u 360, u tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, Ġabra, EU:C:2013:160, punt 34).

340 Din il-ġurisprudenza hija bbażata fuq il-fatt li ċerti forom ta' koordinazzjoni bejn impriżi jistgħu jitqiesu, min-natura tagħhom stess, li huma ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tal-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni (sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 50; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza Allianz Hungária Biztosító *et*, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2013:160, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

341 Għalhekk, huwa paċifiku li ċertu aġir kollużiv, bħal dak li jwassal għall-iffissar orizzontali tal-prezzijiet permezz ta' kartelli jew li jikkonsisti fl-esklużjoni ta' ċerti kompetituri mis-suq, jista' jitqies li tant jista' joħloq effetti negattivi, b'mod partikolari, fuq il-prezz, fuq il-kwantità jew fuq il-kwalità tal-prodotti u tas-servizzi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, jista' jitqies li huwa inutli li jintwera li dan l-aġir għandu effetti konkreti fuq is-suq. Fil-fatt, l-esperjenza turi li tali aġir jimplika tnaqqis fil-produzzjoni u żieda fil-prezz, li jwasslu għal tqassim ħażin tar-riżorsi għad-detriment, b'mod partikolari, tal-konsumaturi (ara, s-sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Beef Industry Development Society u Barry Brothers, C-209/07, Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza BIDS", EU:C:2008:643, punti 33 u 34).

342 Fil-każ li l-analiżi ta' tip ta' koordinazzjoni bejn impriżi ma turix livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni, ikun meħtieġ, għall-kuntrarju, li jiġu eżaminati l-effetti tagħha u, sabiex din il-koordinazzjoni tiġi pprojbita, ikun meħtieġ li jkunu preżenti elementi li jistabbilixxu li kien hemm, fil-fatt, ostakolu, jew restrizzjoni, jew distorsjoni, tal-kompetizzjoni b'mod sostanzjali (sentenza Allianz Hungária Biztosító *et*, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2013:160, punt 34, u CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 52).

343 Sabiex tiġi stabbilita n-natura antikompetittiva ta' ftehim u sabiex jiġi evalwat jekk dan il-ftehim għandux livell suffiċjenti ta' ħsara sabiex jitqies li huwa restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tiegħu, l-għanijiet li huwa intiż li jikseb kif ukoll il-kuntest ekonomiku u ġuridiku tiegħu. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-imsemmi kuntest, hemm lok ukoll li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni (sentenzi Allianz Hungária Biztosító *et*, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2013:160, punt 36, u CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 53).

344 Barra minn hekk, għalkemm l-intenzjoni tal-partijiet ma tikkostitwixxix element neċessarju sabiex tiġi ddeterminata n-natura restrittiva ta' ftehim bejn impriżi, ma hemm xejn li jipprojbixxi lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew lill-qrati nazzjonali u tal-Unjoni milli jiħduha inkunsiderazzjoni (sentenzi Allianz Hungária Biztosító *et*, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2013:160, punt 37, u CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

C – Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt u fuq nuqqas ta' motivazzjoni mwettqa fl-evalwazzjoni tar-rwol tat-trasferimenti ta' valur fil-ftehimiet kontenzjużi

345 Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni hija żbaljata sa fejn tqis li l-fatt li fil-ftehimiet kontenzjużi huma previsti pagamenti min-naħa ta' Lundbeck ifisser li dawn il-ftehimiet kellhom għan antikompetittiv, għar-raġuni li dawn il-pagamenti huma xhieda tal-fatt li r-restrizzjonijiet previsti f'kull wieħed minn dawn il-ftehimiet ma kinux jikkorrispondu għall-evalwazzjonijiet tal-partijiet fir-rigward tas-saħħa tal-privattivi rilevanti u tal-vjolazzjoni tagħhom (l-ewwel parti). Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata sa fejn tikkonkludi li r-restrizzjonijiet previsti fil-ftehimiet kontenzjużi jnaqqsu jew jeliminaw l-inċentivi għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jkomplu bl-isforzi tagħhom b'mod indipendenti sabiex jidħlu fis-suq, anki jekk dawn ir-restrizzjonijiet ma kinux imorru lil hinn minn dawk li kienu inerenti għall-eżistenza tal-privattivi ta' Lundbeck. Skonthom, id-deċiżjoni ma tistabbilixxix li l-pagamenti mwettqa minn Lundbeck kellhom dan l-effett,

u lanqas li r-restrizzjonijiet inkwistjoni ma kinux jikkoinċidu mal-evalwazzjoni tal-partijiet (it-tieni parti). It-teżi mħaddna mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata f'dan ir-rigward hija inkoerenti u mhux realistika u tapplika kriterju legali li ma huwiex prattikabbli (it-tielet parti).

1. Fuq l-ewwel parti

346 Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata twettaq żball ta' liġi u ta' fatt meta tikkonkludi li l-ftehimiet kontenzjużi ma kinux jirriflettu l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi mill-partijiet.

347 Huma josservaw li d-deċiżjoni kkontestata tikkonstata li ftehim bonarju huwa probabbilment legali meta "ikun ġie konkluż fuq il-bażi ta' evalwazzjoni kontradittorja minn kull parti dwar l-istat tal-privattivi" (premessa 604), iżda li r-restrizzjonijiet previsti fil-kuntest ta' ftehim bonarju "jistgħu jiksru l-Artikolu 101 [TFUE] meta dawn il-limitazzjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu ġġustifikati u ma jirriżultawx mill-evalwazzjoni mill-partijiet tal-kwalitajiet tad-dritt esklużiv fil-veru sens tal-kelma" (premessa 641). Issa, il-konstatazzjoni mid-deċiżjoni kkontestata fis-sens li l-ftehimiet kontenzjużi ma jirriflettux l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi mill-partijiet, minn naħa, ma hija ssostanzjata minn ebda prova bil-miktub li turi n-nuqqas ta' fiduċja mill-partijiet fir-rigward tas-saħħa tal-privattivi inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, hija bbażata fuq il-preżunzjoni arbitrarja li t-trasferimenti ta' valur kienu jimplikaw li r-restrizzjonijiet previsti f'dawn il-ftehimiet ma kinux jikkorrispondu mal-impressjoni li kellhom il-partijiet dwar is-saħħa tal-imsemmija privattivi.

348 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

349 Għandu jitfakkar li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt li r-restrizzjonijiet previsti fil-ftehimiet kontenzjużi kienu nkisbu permezz ta' pagamenti bil-kontra sostanzjali kien jikkostitwixxi element deċiżiv għall-evalwazzjoni legali ta' dawn il-ftehimiet (premessa 660 tad-deċiżjoni kkontestata).

350 Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li l-eżistenza ta' pagament bil-kontra fil-kuntest ta' ftehim bonarju fil-qasam tal-privattivi mhux dejjem tkun problematika, b'mod partikolari meta dan il-pagament ikun marbut mas-saħħa tal-privattiva, kif ipperċepita minn kull waħda mill-partijiet, meta jkun meħtieġ sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli u legali f'għajnejn iż-żewġ partijiet u meta ma jkunx marbut ma' restrizzjonijiet maħsuba sabiex jinħoloq dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (premessi 638 u 639 tad-deċiżjoni kkontestata). F'dan ir-rigward hija ħadet l-eżempju tal-kumpannija Neolab, li magħha Lundbeck kienet ukoll ikkonkludiet ftehim bonarju, li ma tqiesx li kien problematiku, minkejja li kien jimplika pagament bil-kontra, minħabba li dan il-pagament favur Neolab kien seħħ bi skambju għal impenn min-naħa ta' din tal-aħħar li ma tfittixx danni quddiem il-qrati kompetenti u minħabba li Lundbeck kienet irrinunzjat minn kwalunkwe talba fil-qasam tal-privattivi għal ċertu perijodu (premessi 164 u 639 tad-deċiżjoni kkontestata). Madankollu, f'tali każ, il-pagament bil-kontra kellu effettivament l-għan li jipprovdi soluzzjoni għal tilwima bejn il-partijiet, mingħajr madankollu ma kkawża dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq.

351 Għalkemm huwa minnu, kif isostnu r-rikorrenti, li, fil-każ ta' Neolab, kien hemm ukoll ftehim bonarju inizjali bejn il-partijiet li kien jipprevedi dewmien fir-rigward tad-dħul ta' Neolab fis-suq, fl-istennija tal-eżitu tat-tilwima Lagap, tali ftehim ma kienx marbut ma' trasferiment ta' valur u kien suġġett għall-kundizzjoni li Lundbeck tħallas danni lil Neolab fil-każ ta' deċiżjoni sfavorevoli fil-kuntest ta' dik it-tilwima. Wara li fl-aħħar mill-aħħar Lundbeck iddeċidiet li tfittex soluzzjoni bonarja għat-tilwima tagħha ma' Lagap, Neolab kien għad baqgħalha interess li tikseb danni billi tikseb l-invalidità tal-privattiva ta' Lundbeck. Huwa f'dan il-kuntest li Lundbeck ippreferiet tfittex soluzzjoni bonarja anki għat-tilwima tagħha ma' Neolab, billi taċċetta li tħallasha d-danni u l-interessi dovuti għas-sena li fiha kienet irtirat mis-suq, u billi timpenja ruħha li ma tressaqx talbiet fil-qasam tal-privattivi fil-każ tad-dħul ta' Neolab fis-suq (premessa 164 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant, dan l-impenn

tal-aħħar huwa kruċjali peress li, għall-kuntrarju tal-ftehimiet kontenzjużi f'din il-kawża, il-pagament bil-kontra magħmul minn Lundbeck ma kienx jikkostitwixxi l-korrispettiv għal esklużjoni mis-suq iżda kien għall-kuntrarju marbut ma' aċċettazzjoni ta' assenza ta' vjolazzjoni u ma' impenn li ma jiġix ostakolat id-dħul fis-suq ta' Neolab bil-prodotti mediċinali ġeneriċi tiegħu.

352 Għall-kuntrarju, meta pagament bil-kontra jkun marbut ma' esklużjoni mis-suq ta' kompetituri jew ma' limitazzjoni tal-inċentivi sabiex iseħħ tali dħul, il-Kummissjoni ġustament qieset li seta' jitqies li tali limitazzjoni ma tirriżultax esklużivament mill-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi mill-partijiet iżda li din il-limitazzjoni kienet inkisbet permezz ta' tali pagament (premessa 604 tad-deċiżjoni kkontestata), li jikkorrispondi, għalhekk, għax-xiri tal-kompetizzjoni.

353 Fil-fatt, in-natura sostanzjali ta' pagament bil-kontra tista' tikkostitwixxi indikazzjoni tas-saħħa jew tad-dgħjufija ta' privattiva, kif ipperċepita mill-partijiet fil-ftehimiet fil-mument tal-konklużjoni tagħhom u tal-fatt li l-laboratorju ta' oriġini ma kienx verament konvint mill-probabbiltajiet tiegħu li jirbaħ il-kawża f'każ ta' tilwima. F'dan l-istess sens, is-Supreme Court of the United States (qorti suprema tal-Istati Uniti) qieset ukoll li l-preżenza ta' pagament bil-kontra sostanzjali fi ftehim bonarju fil-qasam tal-privattivi kienet tikkostitwixxi sostitut prattikabbli għad-dgħjufija ta' privattiva, mingħajr ma jkun meħtieġ li qorti twettaq hija stess eżami fil-fond tal-validità ta' din il-privattiva [sentenza tas-Supreme Court of the United States (qorti suprema tal-Istati Uniti) tas-17 ta' Ġunju 2013, Federal Trade Commission vs Actavis, 570 U.S. (2013), iktar 'il quddiem is-"sentenza Actavis"]. Ir-rikorrenti, filwaqt li jiċċitaw il-premessa 640 tad-deċiżjoni kkontestata fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, jidhru li jirrikonoxxu barra minn hekk li, iktar ma l-laboratorju ta' oriġini jqis li l-possibbiltajiet tiegħu li privattiva tiġi rrevokata u ma tkunx is-suġġett ta' vjolazzjoni jkunu għolja u iktar ma d-dannu li jirriżulta minn dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jkun għoli, iktar dan il-laboratorju jkun inklinat li jħallas somom sostanzjali lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jevita dan ir-riskju.

354 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx, fid-deċiżjoni kkontestata, li kull ftehim bonarju fil-qasam tal-privattivi li jipprevedi pagamenti bil-kontra huwa kuntrarju għall-Artikolu 101(1) TFUE, iżda stabbilixxiet biss li n-natura sproporzjonata ta' tali pagamenti, ikkunsidrata flimkien ma' diversi fatturi oħra, bħalma huwa l-fatt li l-ammonti ta' dawn il-pagamenti jkunu jidhru li jikkorrispondu minn tal-inqas għall-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ li jidħlu fis-suq, l-assenza ta' klawżoli li jippermettu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jintroduċu l-prodotti tagħhom fis-suq mal-iskadenza tal-ftehimiet mingħajr ma jkollhom għalfejn jistennew kawżi dwar vjolazzjoni min-naħa ta' Lundbeck, jew inkella l-preżenza, f'dan il-ftehimiet, ta' restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-portata tal-privattivi ta' Lundbeck, jippermettu li jiġi konkluż li, f'dan il-każ, il-ftehimiet kontenzjużi kellhom bħala għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ara l-premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata).

355 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-eżistenza stess ta' pagamenti bil-kontra u n-natura sproporzjonata tagħhom kienu elementi rilevanti sabiex jiġi stabbilit li l-ftehimiet kontenzjużi jikkostitwixxu ksur tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE sa fejn, permezz ta' dawn il-pagamenti, il-laboratorju ta' oriġini inċentiva lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex ma jkomplux bl-isforzi indipendenti tagħhom bil-għan li jidħlu fis-suq.

356 Ebda wieħed mill-argumenti tar-rikorrenti ma huwa ta' natura li jirribatti din il-konklużjoni.

357 Ir-rikorrenti jsostnu, fl-ewwel lok, li l-argument fis-sens li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix li l-ftehimiet kontenzjużi ma kinux jirriflettu l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi tal-partijiet. Id-deċiżjoni kkontestata tagħmel qari litterali tal-klawżoli speċifiċi tal-ftehimiet kontenzjużi u tirreferi għal dikjarazzjonijiet iżolati ta' Lundbeck u tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi dwar l-eventwali nullità, jew dwar l-eventwali assenza ta' vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, u minn dan tikkonkludi li l-partijiet ma kinux waslu għal ftehim fuq il-bażi tas-saħħa tal-privattivi. Issa, dawn

il-klawżoli u dawn id-dikjarazzjonijiet, li huma l-uniċi indizji bil-miktub imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata, ma jippermettux li jintwera li l-partijiet kellhom dubju dwar is-saħħa tal-privattivi ta' Lundbeck.

358 Madankollu, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li l-pagamenti previsti fil-ftehimiet kontenzjużi kienu jirrappreżentaw "korrispettiv għal", u kienu "marbuta ma'" impenji meħuda mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-sens li jastjenu milli jintroduċu s-citalopram li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck. Huma lanqas ma jiċħdu li l-pagamenti setgħu jirrappreżentaw inċentiv supplimentari għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jaslu għal ftehim. Madankollu, skonthom, sempliċi korrispettiv jew sempliċi rabta ma jipprovawx li l-pagamenti "kienu ħbew" l-evalwazzjoni tal-valur tal-privattivi mill-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi b'tali mod li "ir-riżultat tal-esklużjoni mis-suq ma nkisibx permezz tas-saħħa tal-privattiva iżda permezz tal-ammont tat-trasferiment ta' valur" (premessi 604 u 641 tad-deċiżjoni kkontestata).

359 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li tali argument huwa ineffettiv sa fejn huwa bbażat fuq qari żbaljat tad-deċiżjoni kkontestata.

360 Fil-fatt, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma qisitx li huma biss il-ftehimiet bonarji bbażati "esklużivament" fuq l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi mill-partijiet li ma jaqgħux taħt l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Għall-kuntrarju, hija qieset, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni sensiela ta' fatturi f'dan ir-rigward (ara l-punt 355 iktar 'il fuq), li meta tali ftehimiet jipprevedu pagamenti bil-kontra sostanzjali, li jnaqqsu jew jillimitaw kwalunkwe inċentiv għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jidħlu fis-suq matul ċertu perijodu, mingħajr madankollu ma jipprovdu soluzzjoni tat-tilwima bażika dwar il-privattivi, tali ftehimiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni (premessa 604 tad-deċiżjoni kkontestata). Fil-fatt, f'tali każ, it-trasferiment ta' valur jieħu post l-evalwazzjoni awtonoma, mill-partijiet, tas-saħħa tal-privattivi tal-laboratorju ta' oriġini u l-evalwazzjoni tal-possibbiltajiet tagħhom li jirbħu l-kawża fil-każ ta' tilwima eventwali bbażata fuq dawn il-privattivi jew li tikkonċerna l-validità tagħhom (ara l-punt 354 iktar 'il fuq).

361 Issa, l-ewwel nett, fil-kawża ineżami, għandu jitfakkar, kif għamlet il-Kummissjoni, li l-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi ma kinux qegħdin jaqblu dwar il-kwistjoni ta' jekk il-privattivi ta' Lundbeck kinux suffiċjentement solidi sabiex jiġi eskluż id-dħul tas-citalopram ġeneriku fis-suq, b'tali mod li dawn il-privattivi ma setgħux ikunu deċiżivi sabiex l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jassumu l-impenn li ma jidħlux fis-suq. B'hekk, il-pagamenti servew bħala element li żgura li jintlaħaq ftehim ("deal clincher") u kienu determinanti sabiex jikkonvinċu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jieqfu bl-isforzi tagħhom sabiex jidħlu fis-suq.

362 It-tieni nett, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li l-ammonti li huma kienu ħallsu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu ġew ikkalkolati billi ttieħdu bħala bażi l-profitti jew id-dħul mill-bejgħ li dawn tal-aħħar kienu qegħdin jittamaw li jiksbu matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi li kieku kienu daħlu fis-suq, punt dan li jikkostitwixxi indizju importanti f'dan ir-rigward. Matul is-seduta, ir-rikorrenti sostnew li tali kalkolu seta' jitwettaq biss mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u mhux minnhom stess, punt dan iżda li ma jibdel xejn f'dan ir-rigward.

363 It-tielet nett, il-provi li jikkonċernaw il-perijodu li jippreċedi l-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi juru li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu wettqu sforzi kunsiderevoli sabiex jippreparaw għad-dħul tagħhom fis-suq u li ma kellhomx l-intenzjoni li jirrinunzjaw għal dawn l-isforzi minħabba l-privattivi ta' Lundbeck. Huwa minnu li kien hemm inċertezza dwar il-kwistjoni ta' jekk il-prodotti tagħhom kinux ser jiġu eventwalment iddikjarati bħala li jikkostitwixxu vjolazzjoni minn qorti kompetenti. Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata turi li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom possibbiltajiet reali li jirbħu l-kawża fil-każ ta' tilwima (ara l-punt 122 iktar 'il fuq u l-premessi 75 u 76 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant, bil-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, ir-rikorrenti skambjaw din l-inċertezza biċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma

kinux ser jidħlu fis-suq, permezz tal-pagamenti bil-kontra sostanzjali (premessa 604 tad-deċiżjoni kkontestata), b'tali mod li eskludew kwalunkwe kompetizzjoni, anki potenzjali, fis-suq, matul it-tul ta' dawn il-ftehimiet.

364 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma turix kif l-eżistenza ta' trasferiment ta' valur tindika li r-restrizzjonijiet ma kinux jikkorrispondu mal-evalwazzjoni mill-partijiet tas-saħħa tal-privattivi inkwistjoni. Skonthom, id-deċiżjoni kkontestata tibbaża ruħha fuq l-eżistenza ta' pagamenti min-naħa tagħhom favur l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex tassumi li kienu jeżistu dubji dwar il-validità tal-privattivi rilevanti jew dwar il-vjolazzjoni tagħhom. Ikun żbaljat li jingħad li "iktar ma l-impriża ta' oriġini tqis li l-privattiva tagħha hija probabbilment nulla u mhux is-suġġett ta' vjolazzjoni [...], iktar tkun kunsiderevoli s-somma li tkun lesta tħallas lill-fabbrikant ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex tevita tali riskju" (premessa 640 tad-deċiżjoni kkontestata). Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata tikser ir-regoli applikabbli fil-qasam tal-prova, li jeħtieġu li hija l-Kummissjoni li għandha teskludi l-ispjegazzjonijiet kollha għat-trasferimenti ta' valur għajr il-kollużjoni antikompetittiva.

365 Ir-rikorrenti jsostnu li preżunzjoni ekonomika, bħal dik li skonthom tinvoka l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, tista' tiġi aċċettata biss jekk tkun ibbażata fuq bażi empirika u teoretika robusta, u li l-Kummissjoni ma tistax teċċepixxi preżunzjoni mhux suffiċjentement ċara ħlief jekk tkun ipprovat li din tkun l-unika spjegazzjoni plawżibbli. Din ir-regola għandha tapplika b'analoġija għall-inferiment li pagament bil-kontra previst fi ftehim bonarju jimplika li l-partijiet kellhom dubju dwar is-saħħa tal-privattiva rilevanti.

366 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 105 sa 112 iktar 'il fuq, f'dan il-każ, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq sensiela sħiħa ta' provi fid-deċiżjoni kkontestata intiżi li jistabbilixxu li kienet prinċipalment in-natura sostanzjali tal-pagamenti bil-kontra favur l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kienu inċentivathom sabiex jaċċettaw il-limitazzjonijiet fir-rigward tal-aġir tagħhom u mhux l-eżistenza tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck jew inkella r-rieda tagħhom li jevitaw l-ispejjeż marbuta ma' eventwali tilwima (ara b'mod partikolari l-premessi 255 u 748 tad-deċiżjoni kkontestata u l-punti 355 u 364 iktar 'il fuq). Fir-rigward ta' Merck (GUK), pereżempju, id-deċiżjoni kkontestata tistabbilixxi li dawn l-ammonti kienu jikkorrispondu għall-profitti li hija kienet qiegħda tistenna li tiġġenera bid-dħul tagħha fis-suq, mingħajr ma jkollha tkompli bl-isforzi tagħha u mingħajr ma jkollha tassumi r-riskji marbuta ma' tali dħul (premessi 350, 809 u 862 tad-deċiżjoni kkontestata). Kunsiderazzjonijiet analogi jinsabu fil-premessi 398, 460, 1071 u 1157 tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward ta' Arrow, ta' Alpharma u ta' Ranbaxy.

367 Barra minn hekk, fis-sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti nnifishom jiċċitaw il-premessa 640 tad-deċiżjoni kkontestata (punt 354 iktar 'il fuq), fejn il-Kummissjoni kkonstatat li n-natura sostanzjali ta' pagament bil-kontra hija ħafna drabi marbuta mar-riskju, kif ipperċepit mil-laboratorju ta' oriġini, li tinkiseb sentenza li tikkonstata l-invalidità tal-privattiva tiegħu jew li tikkonstata li l-prodotti mediċinali ġeneriċi ma jikkostitwixxux vjolazzjoni, kif ukoll mad-dannu li jirriżulta għalih minn dħul ta' dawn il-prodotti fis-suq. Ir-rikorrenti lanqas ma jikkontestaw li l-pagamenti bil-kontra kienu jirrappreżentaw korrispettiv għall-impenji meħuda mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jastjenu milli jidħlu fis-suq bis-citalopram ġeneriku li fil-fehma tagħhom kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, u lanqas li dawn il-pagamenti setgħu jirrappreżentaw inċentiv supplimentari għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jikkonkludu l-ftehimiet kontenzjużi.

368 Mill-bqija, il-provi kontemporanji għall-ftehimiet kontenzjużi juru li r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni jużaw "munzell kbir ta' [USD]" sabiex jeskludu l-prodotti mediċinali ġeneriċi mis-suq (premessa 131 tad-deċiżjoni kkontestata) filwaqt li kellhom dubju dwar il-validità tal-privattivi tagħhom u dwar il-possibbiltajiet tagħhom li jirbħu fil-każ ta' tilwima quddiem qorti (premessa 149 tad-deċiżjoni kkontestata u punt 126 iktar 'il fuq).

369 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tistabbilixxi, b'mod inkonfutabbli, li r-rikorrenti kellhom dubju dwar il-validità tal-privattivi tagħhom sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur minħabba l-għan f'dan il-każ, peress li l-provi li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata juru li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kunfidenti, min-naħa tagħhom, fil-possibbiltajiet tagħhom li jkunu jistgħu jidħlu fis-suq f'terminu suffiċjentement qasir, jew billi jirreżistu għall-allegazzjonijiet ta' vjolazzjoni min-naħa tar-rikorrenti, jew billi jikkontestaw il-validità tal-privattivi tar-rikorrenti, fil-każ ta' tilwima (ara l-ewwel motiv iktar 'il fuq). Għaldaqstant, dak li huwa importanti huwa li kien hemm inċertezza, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, dwar il-possibbiltà, għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, li jidħlu fis-suq mingħajr ma jkunux s-suġġett ta' ordnijiet jew ta' kawżi dwar vjolazzjoni, jew li jikkontestaw b'suċċess il-validità tal-privattivi tar-rikorrenti, u li dawn il-ftehimiet kienu bidlu din l-inċertezza, permezz tal-pagamenti bil-kontra sostanzjali, fiċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi (punti 337 u 364 iktar 'il fuq).

370 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma teskludix l-ispjegazzjonijiet l-oħra għat-trasferimenti ta' valur u jfakkru li, fit-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, huma kienu sostnew li l-pagamenti inkwistjoni kienu xhieda tal-pressjoni li huma kienu qegħdin iġarrbu mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi minħabba n-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji mġarrba minnhom u minn dawn l-impriżi. Fil-fatt, ir-rikorrenti assumew ir-riskju li jġarrbu dannu kunsiderevoli u irreparabbli minħabba l-vjolazzjoni mwettqa mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, meta dawn tal-aħħar kienu assumew riskju żgħir, jekk mhux ukoll ineżistenti. Dan in-nuqqas ta' simetrija jispjega għaliex ir-rikorrenti aċċettaw li jipprevedu pagamenti bil-kontra min-naħa tagħhom fil-ftehimiet kontenzjużi. Din il-problema ta' "rikatt" hija preżenti fir-rigward ta' kull wieħed mill-ftehimiet identifikati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

371 Id-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari fil-premessa 644, tirrikonoxxi l-eżistenza ta' dan in-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji, meta ssostni li l-profitt li tista' tiġġenera impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi billi tidħol fis-suq huwa inqas, jekk mhux ukoll inqas ħafna, mit-telf li l-laboratorju ta' oriġini probabbilment iġarrab fil-każ ta' dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq. Barra minn hekk, id-danni li għalihom jistgħu jiġu kkundannati l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi huma wkoll ferm inqas mid-danni potenzjali probabbli, u jirrappreżentaw biss frazzjoni tad-dannu kkawżat lil-laboratorju ta' oriġini minħabba d-dħul illegali tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi. Fil-fatt, f'ċerti każijiet, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma jkunu meħtieġa jikkumpensaw xejn mid-dannu irreparabbli kkawżat mid-dħul illegali tagħhom. Mill-bqija, il-livelli tal-prezzijiet jew tar-rimborsi, iffissati mill-awtoritajiet pubbliċi, jistgħu jitnaqqsu awtomatikament mad-dħul ta' verżjonijiet ġeneriċi fis-suq, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk dawn jikkostitwixxux vjolazzjoni ta' privattivi validi. L-ammont tal-ispejjeż marbuta mad-diversi tilwimiet fil-qasam tal-privattivi huwa wkoll estremament għoli.

372 Kien għalhekk dan in-nuqqas ta' simetrija fir-rigward tar-riskji li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sfruttaw billi taw x'jifhmu li kienu lesti jbigħu l-prodotti tagħhom li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni u li pprovdielhom is-saħħa meħtieġa sabiex jirrikattaw lil Lundbeck bil-għan li tagħmel pagamenti. Kemm il-litteratura ekonomika u kemm id-deċiżjoni kkontestata, fil-premessa 640 b'mod partikolari, jirrikonoxxu wkoll li iktar ma l-laboratorju ta' oriġini jqis li huwa kbir id-dannu kkawżat minn dħul ta' impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, iktar tkun sostanzjali s-somma li jkun lest li jħallas lil dawn l-impriżi sabiex jevita tali riskju.

373 Għalhekk, dejjem skont ir-rikorrenti, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni twettaq żball sa fejn tassumi li hija biss l-evalwazzjoni tas-saħħa ta' privattiva minn impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li tiddetermina l-motivazzjoni tagħha li tintroduċi prodott mediċinali, meta tali evalwazzjoni tirrappreżenta biss kriterju wieħed minn fost diversi kriterji rilevanti għad-deċiżjoni li twettaq l-introduzzjoni, u tista' ma tirriżultax rilevanti meta l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jkunu qegħdin jittamaw li jkunu jistgħu jisiltu profitt minn vjolazzjoni.

374 Għaldaqstant, fl-assenza ta' rabta bejn il-pagamenti u l-perċezzjoni suġġettiva li kellhom il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi tal-pretensjonijiet rispettivi tagħhom fil-qasam tal-privattivi, id-deċiżjoni kkontestata ma hijiex tali li tissostanzja l-kunsiderazzjoni li l-pagament kien wassal lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jaċċettaw restrizzjonijiet li huma ma kinux jaċċettaw fuq is-sempliċi bażi tal-evalwazzjoni tagħhom tas-saħħa tal-privattivi, b'tali mod li l-ewwel rabta kawżali li fuqha d-deċiżjoni kkontestata tibbaża t-teorija tagħha tisfa fix-xejn, u b'tali mod li l-konklużjoni li l-ftehimiet kontenzjużi jiksru l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandha l-ebda bażi.

375 L-intervenjenti tqis ukoll li l-Kummissjoni kien imissha stabbilixxiet li ma kienx hemm spjegazzjoni legali oħra għat-trasferiment ta' valur, billi tieħu inkunsiderazzjoni, l-ewwel nett, ir-riskju ta' dannu irreparabbli għall-proprjetarju ta' privattivi fil-każ ta' dħul illegali ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, it-tieni nett, il-probabbiltà li jkun jista' jinkiseb kumpens adegwat permezz ta' danni u li jkunu jistgħu jinkisbu miżuri provviżorji u, it-tielet nett, l-ispejjeż marbuta mat-tressiq ta' diversi talbiet quddiem diversi qrati, inkluż ir-riskju li qrati differenti jaslu għal konklużjonijiet differenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija meħtieġa tistabbilixxi għaliex l-eżistenza ta' trasferiment ta' valur tibdel ftehim bonarju legali fi ftehim orizzontali antikompetittiv.

376 Għandu jiġi osservat, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, li l-Kummissjoni eskludiet, fid-deċiżjoni kkontestata, l-ispjegazzjonijiet l-oħra mressqa mir-rikorrenti dwar l-eżistenza ta' pagamenti bil-kontra fil-ftehimiet kontenzjużi, b'mod partikolari dawk dwar it-"teorija tal-ftaħir" u dwar in-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji.

377 B'hekk, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li seta' jkun jagħmel sens, minn perspettiva kummerċjali, għal-laboratorju ta' oriġini, li jħallas lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jevita d-dħul fis-suq tagħhom, fid-dawl tal-ammonti li huwa jista' jitlef fil-każ ta' tali dħul. Barra minn hekk, probabbilment dawn l-ammonti jkunu iktar mill-profitti li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jkunu ġġeneraw fil-każ ta' tali dħul, jekk jitqies li l-prodotti tagħhom ma kinux meqjusa bħala li jikkostitwixxu vjolazzjoni jew jekk ma jkunux waslu sabiex jiksbu l-invalidità tal-privattivi kkonċernati. Madankollu, f'tali każ, il-Kummissjoni qieset li l-konsumaturi joħorġu telliefa għaliex jiġu mċaħħda mill-possibbiltà li jħallsu prezzijiet iktar baxxi minħabba d-dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (premessa 640 tad-deċiżjoni kkontestata).

378 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li, f'ċerti każijiet, ir-riskji marbuta ma' dħul fis-suq huma baxxi ħafna, jekk mhux ukoll ineżistenti, għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, li jistgħu jevitaw li jkunu s-suġġett ta' ordnijiet li jipprekluduhom minn dan id-dħul jew li jkunu kkundannati jħallsu danni fil-każ ta' dħul illegali, b'mod partikolari permezz ta' strutturi artifiċjali bħalma huwa t-trasferiment ta' profitti bejn entitajiet legali distinti. Barra minn hekk, skonthom, id-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li d-danni li għalihom jistgħu jiġu kkundannati jkunu ħafna drabi ferm inqas mid-danni mġarrba mil-laboratorju ta' oriġini fil-każ ta' dħul illegali fis-suq, minħabba l-impatt negattiv fuq il-prezz ikkawżat minn tali dħul (premessi 93 u 645 tad-deċiżjoni kkontestata).

379 Huwa minnu li n-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji li jassumu l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u dawk li jassumi l-laboratorju ta' oriġini jippermetti, parzjalment, li jiġu spjegati r-raġunijiet għaliex dan tal-aħħar jista' jasal sabiex jagħmel pagamenti bil-kontra sostanzjali bil-għan li jevita kwalunkwe riskju, anki jekk minimu, li l-prodotti mediċinali ġeneriċi jkunu jistgħu jidħlu fis-suq. Dan ikun partikolarment il-każ meta l-prodott mediċinali protett bi privattiva, bħalma huwa s-Cipramil f'dan il-każ, jikkostitwixxi l-prodott ewlieni tal-laboratorju ta' oriġini, li jirrappreżenta l-parti essenzjali tad-dħul mill-bejgħ tiegħu (premessi 26 u 120 tad-deċiżjoni kkontestata).

380 Madankollu, għandu jitfakkar li l-fatt li l-adozzjoni ta' aġir antikompetittiv tista' tkun l-iktar soluzzjoni profittabbli u l-inqas waħda ta' riskju għal impriża bl-ebda mod ma jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Lulju 2004, Corus UK vs Il-Kummissjoni, T-48/00, Ġabra, EU:T:2004:219, punt 73, u tat-8 ta' Lulju 2004, Dalmine vs Il-Kummissjoni, T-50/00, Ġabra, EU:T:2004:220, punt 211), b'mod partikolari meta jkun sar ħlas

lill-kompetituri reali jew potenzjali sabiex dawn iżommu 'l bogħod mis-suq u meta dawn jingħataw sehem mill-profitti li jirriżultaw mill-assenza ta' prodotti mediċinali ġeneriċi f'dan is-suq, għad-detriment tal-konsumaturi, bħalma huwa l-każ hawnhekk.

381 Skont ir-rikorrenti, in-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji ppermetta lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jirrikattawhom (jew sabiex "jiftaħru"), li ppermettielhom jiksbu somom ta' flus sostanzjali, billi tawhom x'jifhmu li kienu qegħdin jippreparaw sabiex jidħlu fis-suq permezz ta' prodotti li ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni.

382 Madankollu, dan sempliċement jikkonferma t-teżi tal-Kummissjoni fis-sens li kien hemm inċertezza sostanzjali, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, fir-rigward tal-eżitu ta' eventwali kawżi dwar privattivi, u li din l-inċertezza kienet ġiet eliminata u ssostitwita biċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul ta' dawn il-ftehimiet.

383 Barra minn hekk, il-fatt li pagament bil-kontra jista' jikkostitwixxi l-uniku mezz sabiex jintlaħaq ftehim billi "jqarreb" lill-partijiet f'dan il-ftehim, ma jfissirx li tali pagament jikkostitwixxi mezz legali sabiex jintlaħaq tali ftehim jew li dan il-ftehim ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari f'ċirkustanzi fejn l-ammont ta' dan il-pagament jidher li huwa marbut mal-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ ta' dħul fis-suq, fejn il-ftehim ma jippermettix li tinstab soluzzjoni għat-tilwima bażika bejn il-partijiet fir-rigward tal-privattivi u fejn dan il-ftehim jipprevedi restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tal-laboratorju ta' oriġini (ara l-punt 355 iktar 'il fuq u l-premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata).

384 Barra minn hekk, li kieku r-rikorrenti kienu tant konvinti mill-validità tal-privattivi tagħhom, u mill-fatt li l-prodotti li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom l-intenzjoni li jikkummerċjalizzaw kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-imsemmija privattivi, huma setgħu jiksbu ordnijiet sabiex jipprekludu tali dħul quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti, jew, fil-każ ta' dħul illegali minn impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, huma setgħu jiksbu danni min-naħa tagħhom. Huma setgħu wkoll, bħal fil-każ ta' Neolab (punt 351 iktar 'il fuq), jikkonkludu ftehim bonarju li l-għan reali tiegħu jkun li tinstab soluzzjoni għat-tilwima bażika bejniethom fir-rigward tal-privattivi, mingħajr ma l-limitazzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi eventwalment miksuba fil-kuntest ta' tali ftehim ma jkunu mmotivati minn pagament bil-kontra.

385 Għalkemm, kif tammetti l-Kummissjoni, huwa possibbli li jseħħ dannu irreparabbli, għal-laboratorju ta' oriġini, fil-każ ta' dħul illegali minn impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, minħabba t-tnaqqis irriversibbli fil-prezzijiet ikkawżat minn tali dħul, it-tnaqqis tal-prezzijiet irregolati b'riżultat tal-iskadenza ta' privattiva dwar l-IFA huwa karatteristika tas-swieq farmaċewtiċi magħrufa mir-rikorrenti u għalhekk jikkostitwixxi riskju kummerċjali normali li ma jistax jiġġustifika l-konklużjoni ta' ftehimiet antikompetittivi. Barra minn hekk, tali tnaqqis fil-prezzijiet li jirriżulta minn intervent regolatorju, f'kuntest fejn il-privattiva dwar l-IFA tkun diġà skadiet, jirrifletti l-bilanċ stabbilit mill-Istati Membri bejn il-protezzjoni mogħtija lill-privattiva tal-laboratorju ta' oriġini, minn naħa, u l-ekonomiji għall-finanzi tal-Istati u għall-konsumaturi mwettqa mid-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq mill-iżvolġiment tal-kompetizzjoni, min-naħa l-oħra.

386 Għaldaqstant, jekk tiġi aċċettata t-teżi tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' simetrija bejn ir-riskji, dan ikun ifisser, fl-aħħar mill-aħħar, li jkun qiegħed jitqies li r-rikorrenti setgħu, bil-konklużjoni ta' ftehimiet bħall-ftehimiet kontenzjużi mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, jipproteġu ruħhom kontra tnaqqis irriversibbli fil-prezzijiet li, skont l-affermazzjonijiet tagħhom stess, ma kienx ikun jista' jiġi evitat, lanqas li kieku rebħu l-kawżi dwar vjolazzjoni quddiem il-qrati nazzjonali. Għalhekk, bil-konklużjoni ta' tali ftehimiet, huma setgħu jżommu prezzijiet ogħla għall-prodotti tagħhom, għat-detriment tal-konsumaturi u għall-baġits tal-kura tas-saħħa tal-Istati, u dan minkejja li tali riżultat ma setax jinkiseb lanqas li kieku l-qrati nazzjonali kienu kkonfermaw il-validità tal-privattivi tagħhom u li kieku l-prodotti tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu ġew iddikjarati li

jikkostitwixxu vjolazzjoni. Tali riżultat ikun manifestament kuntrarju għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat, li huma intiżi b'mod partikolari li jipproteġu lill-konsumaturi kontra żidiet fil-prezz li ma jkunux ġustifikati u li jirriżultaw minn kollużjoni bejn kompetituri (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, Ġabra, EU:C:2015:184, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-9 ta' Lulju 2015, InnoLux vs Il-Kummissjoni, C-231/14 P, Ġabra, EU:C:2015:451, punt 61). Ma hemm ebda raġuni sabiex jiġi aċċettat li tali kollużjoni hija legali f'dan il-każ, fuq il-bażi tal-argument li kienu inkwistjoni privattivi dwar proċessi, meta d-difiża ta' dawn il-privattivi quddiem il-qrati nazzjonali ma setgħetx twassal, lanqas fl-iktar xenarju favorevoli għar-rikorrenti, għall-istess riżultati negattivi għall-kompetizzjoni u, b'mod partikolari, għall-konsumaturi.

387 Għandu jitfakkar, fil-fatt, li ma jistax jiġi aċċettat li impriżi jipprovaw jevitaw l-effetti ta' regoli legali li fil-fehma tagħhom jkunu eċċessivament sfavorevoli billi jikkonkludu akkordji li l-għan tagħhom ikun li jikkoreġu dawn l-iżvantaġġi bl-argument li dawn ir-regoli joħolqu żbilanċ għad-detriment tagħhom (ara s-sentenza tas-27 ta' Lulju 2005, Brasserie nationale *et* vs Il-Kummissjoni, T-49/02 sa T-51/02, Ġabra, EU:T:2005:298, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata).

388 Fl-aħħar nett, sa fejn ir-rikorrenti, sostnuti mill-intervenjenti, jargumentaw li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jippermettu li jiġu evitati l-ispejjeż kunsiderevoli marbuta mat-tressiq ta' kawżi f'diversi Stati Membri, kif ukoll ir-riskju ta' deċiżjonijiet diverġenti li jirriżultaw minn tali kawżi quddiem diversi qrati, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li l-parti l-kbira tal-ftehimiet kontenzjużi ma jinkludu ebda riferiment preċiż għall-ispejjeż tal-kawżi li kienu ġew evitati, u lanqas ma jinkludu l-iċken stima tagħhom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pprovdew ebda spjegazzjoni fir-rigward tal-mod kif ġew ikkalkolati l-ammonti tal-pagamenti bil-kontra, ħlief li kienu rriżultaw min-negozjati tagħhom mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, filwaqt li d-deċiżjoni kkontestata tinkludi diversi provi li juru li dawn l-ammonti kienu jikkorrispondu, ftit jew wisq, għall-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ ta' dħul fis-suq jew għad-danni li kienu jistgħu jiksbu fil-każ li jirbħu l-kawżi kontra Lundbeck (ara, b'mod partikolari, il-premessi 398, 460, 809, 862, 1071 u 1157 tad-deċiżjoni kkontestata).

389 Fi kwalunkwe każ, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, ftit huwa probabbli li l-ammont tal-ispejjeż tal-eventwali kawżi fid-diversi pajjiżi taż-ŻEE kien ser ikun ogħla mill-ammont tal-pagamenti miksuba mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bis-saħħa tal-ftehimiet kontenzjużi f'dan il-każ, li kienu jikkorrispondu għal diversi miljuni ta' euro. Fil-fatt, ftit huwa frekwenti li l-impriżi farmaċewtiċi jiftħu kawżi fl-Istati Membri kollha fl-istess ħin. B'mod ġenerali, kif juri l-każ ta' Lagap fir-Renju Unit (premessa 63 tad-deċiżjoni kkontestata), huma jiddeċiedu li jiffokaw fuq numru ta' kawżi inizjali minflok ma jimmultiplikaw il-kawżi quddiem diversi qrati meta jkunu inkwistjoni l-istess kwistjonijiet. Fil-każ ta' Lagap, madankollu, ir-rikorrenti fl-aħħar mill-aħħar ippreferew ifittxu soluzzjoni sabiex jevitaw li jitilfu l-kawża, telfa li kienet ser tintuża kontrihom fi qrati oħra (premessa 160 tad-deċiżjoni kkontestata).

390 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li jeżistu modalitajiet oħra ta' kif jinstab ftehim bonarju għal tilwima, li jkunu aċċettabbli fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, u li ma jkunux jikkonsistu fil-ħolqien ta' dewmien għad-dħul fis-suq ta' kompetituri potenzjali permezz ta' pagamenti bil-kontra, bħal f'dan il-każ (punt 355 iktar 'il fuq). Skont il-ġurisprudenza, l-għan speċifiku tal-privattiva ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jiggarantixxi protezzjoni wkoll kontra l-kawżi intiżi għall-kontestazzjoni tal-validità ta' privattiva, fid-dawl tal-fatt li huwa fl-interess pubbliku li jiġi eliminat kull ostakolu għall-attività ekonomika, li jista' jirriżulta minn privattiva maħruġa indebitament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Windsurfing International vs Il-Kummissjoni, punt 119 iktar 'il fuq, EU:C:1986:75, punt 92). Għalkemm ir-rikorrenti kellhom id-dritt li jikkonkludu ftehimiet bonarji mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jevitaw spejjeż ta' eventwali kawżi, huma ma setgħux, b'dan il-mod, jissostitwixxu l-evalwazzjoni ta' qorti indipendenti fir-rigward tal-validità

tal-privattivi tagħhom u ta' jekk il-prodotti tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni bl-evalwazzjoni tagħhom stess, billi jħallsu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex dawn jaqblu ma' din l-evalwazzjoni u jibqgħu 'l bogħod mis-suq matul ċertu żmien.

391 Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata ġustament ikkonkludiet li l-pagamenti bil-kontra kienu inċentivaw lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jaċċettaw il-limitazzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali tagħhom previsti fil-ftehimiet kontenzjużi, mingħajr ma l-ispjegazzjonijiet l-oħra mressqa mir-rikorrenti sabiex jiġġustifikaw tali pagamenti ma jippermettu li tiddaħħal inkwistjoni din il-konklużjoni.

392 Għalhekk, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq it-tieni parti

393 Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ssostni b'mod żbaljat li r-restrizzjonijiet kuntrattwali li jirriżultaw mill-ftehimiet kontenzjużi kienu eliminaw l-inċentivi l-oħra għal dħul fis-suq.

394 Huma jsostnu, fl-ewwel lok, li l-limitazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi la jnaqqsu u lanqas ma jeliminaw l-inċentivi sabiex jinżammu sforzi indipendenti intiżi għal dħul fis-suq. B'hekk, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li qablu li jastjenu milli jidħlu fis-suq bi prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni bi skambju għal trasferiment ta' valur setgħu jkomplu jixtiequ jiksbu deċiżjoni li tikkonstata li l-prodotti mediċinali tagħhom ma jikkostitwixxux vjolazzjoni jew li l-privattiva li allegatament kienet is-suġġett ta' vjolazzjoni hija nulla. Barra minn hekk, ma hemm xejn li jawtorizza l-konklużjoni li pagament li jirremunera astensjoni ta' introduzzjoni ta' prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni jnaqqas l-inċentiv għal impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li żżomm l-isforzi tagħha sabiex tidħol fis-suq permezz ta' prodotti mediċinali li ma jikkostitwixxux vjolazzjoni. Il-fatt li impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi tissodisfa ruħha bil-valur ittrasferit mil-laboratorju ta' oriġini u ma tipprovax tikkontesta l-privattiva rilevanti, minkejja l-assenza ta' kwalunkwe klawżola li tipprekludi l-kontestazzjoni, jissuġġerixxi biss li din l-impriża jkollha dubji dwar il-possibbiltajiet tagħha li tikseb annullament ta' din il-privattiva.

395 Għalhekk, ir-rikorrenti jqisu li preżunzjoni legali fis-sens li esklużjoni mis-suq permezz ta' pagament tillimita l-kompetizzjoni minħabba l-għan billi tnaqqas jew telimina l-inċentiv għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jżommu sforzi indipendenti sabiex jidħlu fis-seħħ, tista' timmaterjalizza biss meta r-restrizzjonijiet kuntrattwali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva rilevanti.

396 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma timmotivax b'mod suffiċjenti l-konklużjoni tagħha fis-sens li t-trasferimenti ta' valur jnaqqsu, b'mod li ma jistax jiġi kkontestat, l-inċentivi għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jressqu kawża ġudizzjarja. Id-deċiżjoni kkontestata tammetti li l-perspettiva ta' konklużjoni, ftit ta' żmien wara t-tressiq ta' kawża ġudizzjarja kontra l-laboratorju ta' oriġini, ta' ftehim bonarju li jipprevedi pagament bil-kontra, hija ta' natura li tinċentiva lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex iressqu tali kawża (premessa 711). Din l-ammissjoni tinsab f'kontradizzjoni mal-argumentazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens li l-pagamenti bil-kontra probabbilment iwasslu biss sabiex jiddisswadu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jressqu kawża ġudizzjarja (premessa 966). Din l-inkoerenza intrinsika turi li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ibbażata fuq pedament ekonomiku rigoruż, u ddgħajjef il-konklużjoni tagħha fis-sens li pagamenti bil-kontra "kunsiderevoli" jsiru neċessarjament għad-detriment tal-konsumaturi (premessa 646).

397 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

398 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti fis-sens li l-ftehimiet kontenzjużi ma jinkludu ebda klawżola li tipprekludi lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jikkontestaw il-validità tal-privattivi tagħhom, b'tali mod li dawn il-ftehimiet ma kinux eliminaw kull inċentiv għalihom li jidħlu fis-suq,

għandu jiġi kkonstatat, qabel kollox, li tali argument huwa ineffettiv peress li d-deċiżjoni kkontestata tistabbilixxi biss li l-pagamenti bil-kontra previsti fil-ftehimiet kontenzjużi inkoraġġew jew inċentivaw lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jaċċettaw limitazzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali tagħhom li huma ma kinux jaċċettaw fl-assenza ta' dawn il-pagamenti, u ma tistabbilixxix li dawn il-pagamenti eliminaw kull inċentiv f'dan ir-rigward (premessi 604 u 659 sa 661 tad-deċiżjoni kkontestata).

399 Fi kwalunkwe każ, għalkemm il-ftehimiet kontenzjużi ma kienu jinkludu ebda klawżola li tipprekludi kontestazzjoni, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kellhom ebda interess li jikkontestaw il-privattivi ta' Lundbeck wara li kkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi, peress li l-pagamenti bil-kontra kienu jikkorrispondu, bejn wieħed u ieħor, għall-profitti li kienu qegħdin jistennew li jiġġeneraw fil-każ ta' dħul fis-suq jew għad-danni li setgħu jiksbu li kieku rebħu l-kawżi kontra Lundbeck (ara l-punt 389 iktar 'il fuq). Anki jekk jitqies li dawn il-pagamenti kienu inqas mill-profitti mistennija, dan huwa minkejja kollox profitt ċert u immedjat, mingħajr ma kellhom jassumu r-riskji li kien jimplika dħul fis-suq. Barra minn hekk, il-fatti kif effettivament seħħew fil-każ ineżami jikkorroboraw din l-interpretazzjoni peress li ebda impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kkontestat il-privattivi ta' Lundbeck jew daħlet fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi. Għalkemm Merck (GUK) effettivament daħlet fis-suq tas-citalopram għal numru ta' ġranet fir-Renju Unit, wara l-iskadenza tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, dan kien dovut għall-fatt li hija qieset li l-kundizzjonijiet proposti minn Lundbeck sabiex jiġi estiż dan il-ftehim ma kinux tajbin biżżejjed u li hija xtaqet kumpens iktar interessanti bi skambju għat-tieni estensjoni ta' dan il-ftehim (premessa 299 tad-deċiżjoni kkontestata).

400 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu jidħlu fis-suq permezz ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni, għandu jsir riferiment għall-eżami tas-sitt motiv iktar 'il quddiem, dwar l-eżami tal-kontenut u tal-portata tal-ftehimiet kontenzjużi.

401 Fi kwalunkwe każ, anki jekk ir-restrizzjonijiet li jinsabu fil-ftehimiet kontenzjużi kienu jaqgħu potenzjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, fis-sens li setgħu jinkisbu wkoll fil-kuntest ta' kawżi ġudizzjarji, id-deċiżjoni kkontestata tikkonstata, ġustament, li din kienet biss potenzjalità fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. Issa, fil-kawża ineżami, il-fatt li din l-inċertezza dwar jekk il-prodotti tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni u dwar il-validità tal-privattivi tar-rikorrenti ġiet issostitwita biċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi jikkostitwixxi, bħala tali, restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, peress li tali riżultat inkiseb permezz ta' pagament bil-kontra (ara l-punti 337 u 364 iktar 'il fuq).

402 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti għalxejn qegħdin isostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement immotivata f'dan ir-rigward. Fil-fatt, id-diversi siltiet tad-deċiżjoni kkontestata ddedikati għall-pagamenti bil-kontra, imsemmija mir-rikorrenti stess, juru li huma fehmu t-teżi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, minkejja li ma jaqblux magħha. Mill-bqija, fid-deċiżjoni kkontestata ma hemm ebda kontradizzjoni minħabba l-fatt li hija tirrikonoxxi, minn naħa, li l-perspettiva li jkunu jistgħu jinkisbu pagamenti bil-kontra min-naħa tal-laboratorju ta' oriġini tista' tinkoraġġixxi lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex iressqu kawżi ġudizzjarji, filwaqt li, min-naħa l-oħra, il-pagamenti bil-kontra miksuba skont il-ftehimiet kontenzjużi kienu ddisswadew lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jressqu tali kawżi f'dan il-każ. Fil-fatt, kif tindika essenzjalment il-Kummissjoni fil-premessi 639 u 660 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari, il-ftehimiet bonarji li jinkludu pagamenti – anki pagament bil-kontra – mhux dejjem ikunu problematiċi fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari meta ma jkunu marbuta ma' ebda restrizzjoni fir-rigward tad-dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq u meta, għall-kuntrarju, ikunu intiżi li jikkumpensaw lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi għat-telf tal-qligħ tagħhom ladarba l-laboratorju ta' oriġini jirrikonoxxi li l-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħhom ma jikkostitwixxux vjolazzjoni ta' xi privattiva.

403 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' evalwazzjoni meta kkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li r-restrizzjonijiet inklużi fil-ftehimiet kontenzjużi, miksuba bi skambju għal pagamenti bil-kontra sostanzjali, kienu naqqsu l-inċentivi għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jidħlu fis-suq.

404 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

3. Fuq it-tielet parti

405 Ir-rikorrenti jqisu li l-istandard applikat fid-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li l-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi li jkunu stimulati permezz ta' trasferiment ta' valur għandhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni, ma huwiex prattikabbli.

406 L-ewwel nett, huma jsostnu li dan l-istandard huwa intrinsikament inkoerenti u għandu effett dissważiv fuq il-konklużjoni ta' ftehimiet li jipprevedu dħul rapidu fis-suq, li jkunu ta' benefiċċju għall-konsumaturi, sa fejn iwassal għal riżultati differenti skont jekk it-trasferiment ta' valur ikunx fil-forma ta' ħlas ta' flus jew ta' dħul rapidu fis-suq.

407 It-tieni nett, huma jqisu li ftehim ma jistax ikun ibbażat "biss" fuq l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattiva mill-partijiet u li l-istandard applikat mill-Kummissjoni jipprojbixxi, fil-prattika, kwalunkwe pagament bil-kontra. Ebda ftehim bonarju ma jista' jkun ibbażat "biss" fuq l-evalwazzjoni mill-partijiet tas-saħħa tal-privattiva, għas-sempliċi raġuni li s-"saħħa" ta' privattiva ma hijiex kunċett preċiż. Jekk ikun meħtieġ li l-ftehimiet bonarji jkunu bbażati "biss" fuq l-evalwazzjoni mill-partijiet tas-saħħa tal-privattiva, dan iwassal sabiex il-partijiet ikunu mġiegħla jressqu kawża ġudizzjarja. Id-deċiżjoni kkontestata ma tħalli lill-partijiet ebda marġni ta' diskrezzjoni sabiex jużaw pagament bil-kontra bil-għan li impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi tiġi skoraġġuta milli twettaq vjolazzjoni tal-privattivi ta' laboratorju ta' oriġini.

408 It-tielet nett, ir-rikorrenti jqisu li l-kriterju legali bbażat fuq l-ammont tas-somma mħallsa ma huwiex prattikabbli peress li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxi ebda limitu minimu ċar li jippermetti li jiġi ddeterminat jekk pagament huwiex aċċettabbli jew antikompetittiv.

409 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

410 L-ewwel nett, l-argument tar-rikorrenti fis-sens li d-deċiżjoni kkontestata għandha effett dissważiv fuq il-konklużjoni ta' ftehimiet bonarji li jipprevedu dħul rapidu tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq huwa manifestament infondat peress li l-Kummissjoni, għall-kuntrarju, qieset li l-ftehimiet kontenzjużi kienu problematiċi fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni minħabba li kellhom l-għan li jikkawżaw dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq u mhux li jiffaċilitaw tali dħul. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-ftehimiet kontenzjużi ma jinkludu ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck li tastjeni milli tressaq kawżi dwar vjolazzjoni kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi f'każ li dawn jidħlu fis-suq bis-citalopram ġeneriku wara l-iskadenza tagħhom (premessa 662 tad-deċiżjoni kkontestata).

411 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li, f'ċerti każijiet, ftehimiet bonarji ma jkunux problematiċi, anki meta jkunu jinkludu pagamenti bil-kontra, jekk jipprevedu, barra minn hekk, dħul immedjat tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (ara l-eżempju ta' Neolab, iċċitat fil-punt 351 iktar 'il fuq). Il-fatt li l-Kummissjoni ttrattat b'mod differenti l-ftehimiet marbuta ma' pagament bil-kontra minn dawk li ma jipprevedux tali pagament huwa kompletament ġustifikabbli fid-dawl tal-effett ta' inċentiv li tali pagament jeżerċita fuq l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jaċċettaw restrizzjonijiet li huma ma kinux jaċċettaw fl-assenza tiegħu (ara l-punti 350 *et seq* iktar 'il fuq). Mill-bqija, ftehim li jippermetti dħul iktar rapidu fis-suq manifestament ma huwiex problematiku

fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, b'tali mod li tali korrispettiv għal impenji oħra previsti fi ftehim bonarju ma jistax jitqabbel ma' pagament bil-kontra intiż sabiex joħloq dewmien fir-rigward ta' tali dħul.

412 It-tieni nett, għandu jitfakkar li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix li ftehim għandu jkun ibbażat esklużivament fuq l-evalwazzjoni tas-saħħa ta' privattiva mill-partijiet f'dan il-ftehim sabiex jevita li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE (punt 369 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata għandha l-effett li tnaqqas kull inċentiv sabiex jiġu konklużi ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi, b'tali mod li twassal għal valanga ta' kawżi fiż-ŻEE kollha. Fil-fatt, il-Kummissjoni kkundannat biss il-ftehimiet konklużi fil-forma ta' ftehimiet bonarji, bħal f'dan il-każ, li l-għan veru tagħhom ma jkunx li tinstab soluzzjoni għat-tilwima bażika fil-qasam tal-privattivi bejn il-partijiet f'dan il-ftehim u li jipprevedu pagamenti bil-kontra bħala korrispettiv għall-impenn mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jżommu 'l bogħod mis-suq. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-Kummissjoni qieset li tali ftehimiet kienu antikompetittivi, ma hemm l-ebda obbligu, għal-laboratorju ta' oriġini, li jressaq kawżi fil-qrati kollha taż-ŻEE sabiex jipproteġi l-privattivi tiegħu, peress li dejjem jibqa' possibbli, pereżempju, li jiġu konklużi ftehimiet bonarji li ma jipprevedu l-ebda pagament bil-kontra jew li jiġu konklużi ftehimiet bonarji li, għalkemm jipprevedu tali pagamenti, ma jkunu marbuta ma' ebda restrizzjoni fir-rigward tad-dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (ara l-eżempju ta' Neolab, iċċitat fil-punt 351 iktar 'il fuq).

413 Finalment, l-argument tar-rikorrenti fis-sens li d-deċiżjoni kkontestata ma tħallilhom l-ebda marġni sabiex jużaw il-pagamenti bil-kontra bil-għan li jiddisswadu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jwettqu vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom huwa bbażat għal darba oħra fuq il-premessa żbaljata li l-prodotti tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, meta dan ma kienx ġie stabbilit fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

414 It-tielet nett, il-Kummissjoni spjegat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-pagamenti bil-kontra kienu partikolarment problematiċi, f'dan il-każ, għaliex l-ammonti previsti fil-ftehimiet kontenzjużi kienu jikkorrispondu, ftit jew wisq, għall-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ ta' dħul fis-suq jew għall-kumpens li huma setgħu jiksbu fil-każ li jirbħu l-kawżi kontra Lundbeck (punt 389 iktar 'il fuq). Fil-fatt, f'tali każ, kull inċentiv għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jidħlu fis-suq ikun kunsiderevolment limitat, jekk mhux ukoll eliminat. Għaldaqstant, dak li huwa importanti huwa li, f'dan il-każ, l-ammonti tal-pagamenti bil-kontra previsti f'kull wieħed mill-ftehimiet kontenzjużi kienu suffiċjentement għoljin sabiex jippermettu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jaċċettaw il-limitazzjonijiet għall-awtonomija tagħhom u sabiex inaqqsu l-inċentivi li huma kellhom sabiex jidħlu fis-suq bil-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħhom (ara, b'mod partikolari, il-premessa 644 tad-deċiżjoni kkontestata).

415 Huwa minnu li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq sensiela sħiħa ta' fatturi sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan f'dan il-każ (ara l-punt 355 iktar 'il fuq u premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata). Madankollu, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Kummissjoni li ma ċċaratx b'mod suffiċjenti, fid-deċiżjoni kkontestata, l-importanza li hija kienet tat lill-fatt li l-pagamenti bil-kontra kienu jikkorrispondu għall-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tiffissa, fid-deċiżjonijiet tagħha, standards legali ġeneralment applikabbli iżda hija meħtieġa biss li tiddetermina, f'kull każ ineżami, jekk il-ftehimiet eżaminati minnha humiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat, billi timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha b'mod suffiċjentement ċar u konvinċenti f'dan ir-rigward. Issa, fid-dawl tal-elementi preċedenti, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ssodisfat dawn ir-rekwiżiti f'dan il-każ.

416 Għaldaqstant, it-tielet parti għandha miċħuda, kif ukoll it-tieni motiv fl-intier tiegħu.

D – *Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipji dwar l-għan restrittiv tal-kompetizzjoni*

417 Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żball ta' liġi sa fejn tikkonkludi li l-ftehimiet kontenzjużi għandhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni skont il-prinċipji stabbiliti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. B'mod partikolari, id-deċiżjoni kkontestata twettaq żball, l-ewwel nett, billi tassimila dawn il-ftehimiet ma' dawk li kienu inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), kif ukoll f'kawżi klassiċi oħra li jikkonċernaw it-tqassim tas-suq li ma jikkonċernawx l-implementazzjoni ta' privattivi, it-tieni nett, billi tqis li trasferiment ta' valur jista', fih innifsu, jagħmel ftehim bonarju fil-qasam tal-privattivi restrittiv minħabba l-għan, it-tielet nett, billi ma tirrikonoxxix li l-għan segwit mill-ftehimiet kontenzjużi, jiġifieri li jiġu osservati l-privattivi ta' Lundbeck, jinsab f'kontradizzjoni mal-konstatazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan u, ir-raba' nett, billi ma tqisx li s-sitwazzjoni li kienet tirriżulta fl-assenza tal-ftehimiet kontenzjużi (iktar 'il quddiem ix-"xenarju ta' vjolazzjoni") teskludi l-eżistenza ta' kwalunkwe restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan f'dan il-każ.

1. Fuq l-ewwel parti

418 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, żbaljat sa fejn tassimila l-ftehimiet kontenzjużi ma' ftehimiet ta' tqassim tas-swieq bħal dawk inkwistjoni fis-sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643).

419 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu, l-ewwel nett, li, għall-kuntrarju ta' dak li huwa l-każ hawnhekk, il-ftehimiet inkwistjoni fis-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), ma kinux intiżi li jħarsu privattiva li kienet tagħti lill-proprjetarju tagħha d-dritt li jipprekludi d-dħul fis-suq ta' prodotti li jikkostitwixxu vjolazzjoni u d-dannu irreparabbli li kien jirriżulta minn tali dħul.

420 It-tieni nett, għall-kuntrarju ta' dak li huwa l-każ hawnhekk, l-impriżi li ħarġu mis-suq rilevanti bis-saħħa tal-ftehimiet inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), kienu ċertament ser jikkompetu mal-impriżi li kien fadal f'dan is-suq li kieku dawn il-ftehimiet ma kinux ġew konklużi.

421 It-tielet nett, għall-kuntrarju tal-argumenti magħmula f'dan il-każ, il-ftehimiet inkwistjoni fis-sentenza BIDS punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), kienu jiġu preżunti li huma restrittivi tal-kompetizzjoni, anki fl-assenza ta' pagament. Il-fatt li, fl-imsemmija kawża, kienu involuti pagamenti ta' kumpens ma kienx kruċjali sabiex jitqies li dawn il-ftehimiet kellhom bħala għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni.

422 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

423 L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li l-analoġija mwettqa mill-Kummissjoni, fil-premessi 657 u 658 tad-deċiżjoni kkontestata, bejn il-ftehimiet inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), u l-ftehimiet kontenzjużi, ma hija vvizzjata minn ebda żball ta' liġi.

424 Fil-fatt, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 8 tal-imsemmija sentenza, f'dik il-kawża l-impriżi attivi fis-suq tal-ipproċessar tal-laħam taċ-ċanga fl-Irlanda kienu ħolqu mekkaniżmu li permezz tiegħu ċerti impriżi kienu impenjaw ruħhom li jibqgħu barra mill-imsemmi suq għal sentejn bħala korrispettiv għal pagamenti min-naħa tal-impriżi li kienu baqgħu f'dan is-suq. Dinamika analoga nħolqot f'dan il-każ permezz tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, li permezz tagħhom Lundbeck, li kienet l-impriża prinċipali, jekk mhux ukoll l-unika impriża, preżenti fis-suq fil-pajjiżi kkonċernati minn dawn il-ftehimiet, ħallset lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, li kienu kompetituri potenzjali, sabiex dawn jibqgħu barra mis-suq għal perijodu partikolari.

425 Minn dan isegwi li, kemm fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), u kemm f'din il-kawża, kienu involuti ftehimiet li llimitaw il-possibbiltà ta' operaturi ekonomiċi kompetituri li jiddeterminaw b'mod awtonomu l-politika li kellhom l-intenzjoni jsegwu fis-suq, filwaqt li pprekludew lill-proċess normali tal-kompetizzjoni milli jiżvolġi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2008:643, punti 33 sa 35).

426 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti fis-sens li, b'differenza minn dak li kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), il-ftehimiet kontenzjużi f'din il-kawża ġew konklużi f'kuntest fejn ir-rikorrenti kellhom privattivi li kienu jippermettulhom jipprekludu d-dħul fis-suq tal-prodotti li jikkostitwixxu vjolazzjoni, għandu qabel kollox jitfakkar li, f'din il-kawża, l-eżistenza tal-privattivi l-ġodda dwar il-proċess ta' Lundbeck ma kinitx tipprekludi li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jkunu jistgħu jitqiesu li huma kompetituri potenzjali tagħha, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel motiv. Issa, l-Artikolu 101 TFUE jipproteġi l-kompetizzjoni potenzjali kif ukoll il-kompetizzjoni attwali (ara l-punt 99 iktar 'il fuq).

427 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, ftehim ma jgawdix minn immunità fil-konfront tad-dritt tal-kompetizzjoni għas-sempliċi fatt li jikkonċerna privattiva jew li jkun intiż li tinstab soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Bayer u Maschinenfabrik Hennecke, 65/86, Ġabra, EU:C:1988:448, punt 15). Barra minn hekk, ftehim jista' jitqies li għandu għan restrittiv anki jekk ma jkollux bħala l-uniku għan tiegħu l-limitazzjoni tal-kompetizzjoni iżda jkollu wkoll għanijiet oħra li jkunu legali (ara s-sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2008:643, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

428 It-tieni nett, għalkemm huwa minnu li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), l-impriżi inkwistjoni kienu kompetituri attwali, sa fejn il-kwistjoni kienet dwar il-ħruġ mis-suq ikkonċernat ta' impriżi li kienu diġà preżenti fih, meta, f'din il-kawża, Lundbeck u r-rikorrenti kienu biss kompetituri potenzjali, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja ma rrikjeditx, f'dik is-sentenza, li l-Kummissjoni turi li, fl-assenza tal-ftehimiet, l-impriżi kienu ser jibqgħu fis-suq. Fil-fatt, fir-rigward ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, l-analiżi tal-effetti tal-ftehimiet hija superfluwa (ara l-punt 342 iktar 'il fuq). Għalhekk, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement ikkonstatat li l-ftehimiet inkwistjoni kellhom l-iskop li jimplementaw politika komuni bil-għan li jiġi ffavorit il-ħruġ mis-suq ta' ċerti impriżi, u li jitnaqqsu, bħala konsegwenza, il-kapaċitajiet eċċessivi li kienu qegħdin jaffettwaw il-profittabbiltà tagħhom billi jipprekluduhom milli jwettqu ekonomiji ta' skala. Għalhekk, hija kkonstatat li dan it-tip ta' ftehimiet kien imur manifestament kontra l-intenzjoni inerenti għad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat, li hija li kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod awtonomu l-politika li jkollu l-intenzjoni jsegwi fis-suq, filwaqt li fakkret li l-Artikolu 101(1) TFUE huwa intiż li jipprojbixxi kull forma ta' koordinazzjoni li tissostitwixxi konxjament ir-riskji marbuta mal-kompetizzjoni b'kooperazzjoni prattika bejn l-impriżi (sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq, EU:C:2008:643, punti 33 u 34).

429 Issa, fil-kawża ineżami, il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi ppreferew li jissostitwixxu r-riskji inerenti għall-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni u l-istat ta' inċertezza dwar il-validità tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-prodotti li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom l-intenzjoni li jikkummerċjalizzaw kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' dawn il-privattivi, biċ-ċertezza li dawn l-impriżi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul ta' dawn il-ftehimiet, u dan permezz ta' pagamenti bil-kontra sostanzjali li kienu jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor għall-profitti li huma kienu jiġġeneraw li kieku kienu daħlu fis-suq. Għalhekk, ftit huwa importanti li jkun magħruf jekk l-impriżi kinux ser jidħlu b'ċertezza fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, peress li dawn il-ftehimiet kienu eliminaw preċiżament din il-possibbiltà billi ssostitwixxewha biċ-ċertezza li dawn ma kinux ser jidħlu f'dan is-suq bil-prodotti tagħhom matul dan il-perijodu. Issa, meta aġixxew b'dan il-mod, il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi setgħu jaqsmu bejniethom parti mill-profitti li minnhom kompliet tibbenefika Lundbeck, għad-detriment tal-konsumaturi li komplew iħallsu prezzijiet ogħla minn dawk li kienu jħallsu li kieku l-prodotti mediċinali ġeneriċi kienu daħlu fis-suq (ara l-premessi 644 sa 646 tad-deċiżjoni kkontestata).

430 It-tielet nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tar-rikorrenti fis-sens li, b'differenza mill-ftehimiet inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), il-ftehimiet kontenzjużi f'din il-kawża ma kinux ikunu antikompetittivi fl-assenza tal-pagamenti bil-kontra. Fil-fatt, għandu jiġi osservat, kif għamlet il-Kummissjoni, li, f'dawn iż-żewġ kawżi, il-pagamenti kellhom rwol determinanti sa fejn kienu inċentivaw lill-impriżi sabiex jirtiraw mis-suq. B'hekk, fil-kawża li wasslet għas-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), ftit kien probabbli li l-impriżi li kienu qegħdin joħorġu mis-suq kienu ser jaċċettaw li jirtiraw mis-suq fl-assenza tal-pagamenti magħmula mill-impriżi li baqgħu fis-suq. Bl-istess mod, fil-kawża ineżami, mill-elementi tal-proċess jirriżulta li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jaċċettaw li jżommu 'l bogħod mis-suq unilateralment, wara li kienu wettqu passi u investimenti sostanzjali, fl-assenza tal-pagamenti bil-kontra.

431 Huwa minnu li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li, f'ċerti każijiet, il-konklużjoni ta' ftehim bonarju fil-qasam tal-privattivi ma tkunx antikompetittiva, b'mod partikolari meta dan ikun ibbażat fuq l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-privattivi minn kull waħda mill-partijiet fil-ftehim, jew meta jipprevedi pagament bil-kontra mingħajr madankollu ma jikkawża dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (premessi 638 u 639 tad-deċiżjoni kkontestata). F'dan il-każ, madankollu, il-Kummissjoni qieset, ġustament, li l-pagamenti bil-kontra kellhom rwol determinanti, sa fejn ippermettew lil Lundbeck tikseb impenji min-naħa tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li hija ma kienx ser jirnexxilha tikseb fl-assenza ta' dawn il-pagamenti u sa fejn b'hekk ikkawżaw dewmien fir-rigward tad-dħul tagħhom fis-suq.

432 Bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar l-implikazzjonijiet tas-sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq (EU:C:2014:2204), ir-rikorrenti sostnew li din is-sentenza kienet tikkorrobora l-pożizzjoni tagħhom fis-sens li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat il-ftehimiet kontenzjużi bħala restrizzjoni minħabba l-għan. Fil-fatt, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' restrizzjoni minħabba l-għan għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv. It-tieni nett, l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan tista' tiġi kkonstatata biss fil-każ li l-ftehim jippreżenta, fih innifsu, livell suffiċjenti ta' ħsara. Għaldaqstant, skont id-deċiżjoni kkontestata, il-kwistjoni ta' jekk ftehim bonarju jistax jitqies li huwa konformi jew le mad-dritt tal-kompetizzjoni teħtieġ analiżi fil-fond tal-ftehim individwali filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali, ekonomiku u legali. Min-nota interna tal-KFST jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx qieset li l-portata tal-pagamenti fil-każ ta' Lundbeck kienet tikkostitwixxi eżempju ċar ta' impriża li kienet qiegħda tħallas lill-kompetituri tagħha sabiex dawn jibqgħu barra mis-suq. Huma jqisu, għalhekk, li, permezz tal-approċċ tagħha, il-Kummissjoni pprovat fil-verità tevita l-analiżi fattwali u l-oneru tal-prova tagħha fir-rigward tal-istabbiliment tal-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bbażata fuq l-effetti prodotti minn ftehim. It-tielet nett, il-kuntest li fih ġew konklużi l-ftehimiet kontenzjużi, jiġifieri l-eżistenza ta' privattivi ta' proċessi validi, it-tul limitat tal-ftehimiet, il-kuntest leġiżlattiv speċifiku taż-ŻEE u l-assenza ta' prodotti li ma jikkostitwixxux vjolazzjoni u disponibbli f'terminu suffiċjentement qasir, ma jistax jiġi injorat. Ir-raba' nett, l-esperjenza miksuba hija importanti sabiex jiġi stabbilit jekk aġir ikollux l-għan li jillimita l-kompetizzjoni. Din l-esperjenza għandha tinftiehem bħala dak li tradizzjonalment jirriżulta mill-analiżi ekonomika, kif tkun ġiet ikkonfermata mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u kkorroborata, jekk ikun il-każ, mill-ġurisprudenza. Issa, f'dan il-każ ma kienet teżisti l-ebda esperjenza ta' dan it-tip.

433 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni spjegat li kienet applikat il-ġurisprudenza stabbilita f'dan il-qasam, kif imfakkra mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq (EU:C:2014:2204).

434 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li, permezz tas-sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq (EU:C:2014:2204), il-Qorti tal-Ġustizzja ma daħlitx inkwistjoni l-prinċipji bażiċi li jikkonċernaw il-kunċett ta' restrizzjoni "minħabba l-għan" kif jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti. Huwa minnu li, fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-analiżi magħmula mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 2012, CB vs Il-Kummissjoni (T-491/07, EU:T:2012:633), li kienet qieset li

l-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" ma kellux jiġi interpretat b'mod restrittiv. Hija fakkret li l-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" seta' jiġi applikat biss għal ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi li jkollhom livell suffiċjenti ta' ħsara fir-rigward tal-kompetizzjoni sabiex ikun jista' jitqies li l-eżami tal-effetti tagħhom ma huwiex neċessarju, għaliex altrimenti l-Kummissjoni tkun qiegħda tiġi eżentata mill-obbligu li tipprova l-effetti konkreti fis-suq ta' ftehimiet li fir-rigward tagħhom bl-ebda mod ma jkun stabbilit li, minħabba n-natura tagħhom stess, huma ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tal-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni (sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 58).

435 Issa, mill-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata kollha, u b'mod partikolari mill-premessi 802 u 1338 tagħha, jirriżulta li l-ftehimiet kontenzjużi kienu komparabbli għal ftehimiet ta' esklużjoni mis-suq, li huma fost l-iktar restrizzjonijiet gravi tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, l-esklużjoni ta' kompetituri mis-suq tikkostitwixxi forma estrema ta' tqassim tas-suq u ta' limitazzjoni tal-produzzjoni. Ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-eżistenza tal-privattivi ta' proċessi tagħhom jew il-kuntest leġiżlattiv speċifiku għaż-ŻEE f'dan il-każ bħala elementi kuntestwali rilevanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, mill-premessi 666 sa 671 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-privattivi ta' proċess tar-rikorrenti, iżda qieset li dawn, anki jekk jitqiesu li kienu validi, ma kinux jippermettu li tiġi eskluża kull kompetizzjoni dwar l-IFA citalopram. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li kien hemm inċertezza, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kollużivi, dwar il-kwistjoni tal-validità tal-privattivi tar-rikorrenti, b'mod partikolari tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, u li ebda qorti taż-ŻEE ma kienet tat deċiżjoni fuq din il-kwistjoni fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

436 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni applikat b'mod korrett il-ġurisprudenza kif imfakkra fil-punti 339 sa 345 iktar 'il fuq, li tikkonsisti fid-determinazzjoni ta' jekk ftehim jistax, minħabba n-natura tiegħu stess, jitqies li jillimita l-kompetizzjoni b'mod suffiċjentement gravi sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħal restrizzjoni "minħabba l-għan" f'dan il-każ (ara b'mod partikolari l-premessa 651 tad-deċiżjoni kkontestata).

437 Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa, barra minn hekk, teżamina l-effetti konkreti tal-ftehimiet kontenzjużi fuq il-kompetizzjoni u b'mod partikolari l-kwistjoni ta' jekk, fl-assenza ta' dawn il-ftehimiet, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kinux ser jidħlu fis-suq mingħajr ma jwettqu vjolazzjoni ta' xi waħda jew oħra mill-privattivi ta' Lundbeck, sabiex tkun tista' tistabbilixxi l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, peress li dawn l-impriżi kellhom possibbiltajiet reali u konkreti f'dan ir-rigward u kienu kompetituri potenzjali ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (ara l-ewwel motiv iktar 'il fuq).

438 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, ma huwiex meħtieġ li l-istess tip ta' ftehimiet ikun diġà ġie kkundannat mill-Kummissjoni sabiex ikun jista' jitqies li huwa restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan. Ir-rwol tal-esperjenza, imsemmi mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 51 tas-sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq (EU:C:2014:2204), ma jikkonċernax il-kategorija speċifika ta' ftehim f'settur partikolari iżda jirreferi għall-fatt li huwa stabbilit li ċerti forom ta' kollużjoni tant huma, b'mod ġenerali u fid-dawl tal-esperjenza miksuba, ta' natura tali li jistgħu jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni, li ma huwiex meħtieġ li jintwera li għandhom effetti fil-każ partikolari ineżami. Il-fatt li, fil-passat, il-Kummissjoni ma tkunx qieset li ftehim ta' tip partikolari kien, minħabba l-għan tiegħu stess, restrittiv tal-kompetizzjoni ma huwiex għalhekk ta' natura li, fih innifsu, jipprekludiha milli tagħmel dan fil-futur wara eżami individwali u ddettaljat tal-miżuri kontenzjużi fir-rigward tal-kontenut tagħhom, tal-finalità tagħhom u tal-kuntest tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza CB vs Il-Kummissjoni, punt 78 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2204, punt 51; konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, Ġabra, EU:C:2014:1958, punt 142, u l-konklużjoni tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-kawża Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni, C-373/14 P, Ġabra, EU:C:2015:427, punt 74).

439 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx b'mod suffiċjenti li l-ftehimiet kontenzjużi setgħu jitqiesu, minħabba l-kontenut u l-għanijiet tagħhom, meħuda fil-kuntest ekonomiku u legali tagħhom, bħala suffiċjentement dannużi għall-kompetizzjoni (ara l-punt 343 iktar 'il fuq).

440 Għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq it-tieni parti

441 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni twettaq żball ta' liġi meta tikkonkludi, fid-deċiżjoni kkontestata, li trasferiment ta' valur huwa suffiċjenti, fih innifsu, sabiex jagħmel ftehim bonarju fil-qasam tal-privattivi restrittiv minħabba l-għan.

442 Huma josservaw li d-deċiżjoni kkontestata tikkonstata li l-"mezzi użati mill-proprjetarji ta' privattiva sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni" (premessa 641), li jfisser li l-"mezzi" jistgħu, waħedhom, jagħmlu ftehim antikompetittiv minħabba l-għan. Issa, ebda kawża preċedenti ma indikat li miżura ta' inċentiv estern, kemm jekk fil-forma ta' vantaġġi ekonomiċi jew ta' pressjoni fiżika jew psikoloġika, tista', waħedha, tagħmel antikompetittiv ftehim li altrimenti jkun legali. Barra minn hekk, jekk l-eżistenza ta' inċentiv estern ma tistax tiġġustifika ftehim li mill-bqija jkun antikompetittiv, hija lanqas ma tista' tagħmel antikompetittiv ftehim li mill-bqija jkun legali. Fl-aħħar nett, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-għan antikompetittiv ta' ftehim għandu joħroġ b'mod indipendenti minn kull kunsiderazzjoni dwar l-inċentivi finanzjarji tal-partijiet. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata twettaq żball sa fejn tagħti importanza deċiżiva lill-pagament, meta dan huwa newtrali fid-dritt tal-kompetizzjoni.

443 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

444 Sa fejn, permezz ta' din il-parti, ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-pagamenti bil-kontra fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jsir riferiment, f'dan ir-rigward, għall-kunsiderazzjonijiet iddedikati għal din il-kwistjoni fil-kuntest tat-tieni motiv (ara l-punti 346 sa 417 iktar 'il fuq).

445 Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll li l-ġurisprudenza, invokata mir-rikorrenti, fis-sens li huwa indifferenti, fir-rigward tal-eżistenza tal-ksur, jekk il-konklużjoni ta' ftehim kinitx jew le fl-interess kummerċjali tal-partijiet li jikkonkludu dan il-ftehim (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, C-403/04 P u C-405/04 P, Ġabra, EU:C:2007:52, punti 44 u 45 u l-ġurisprudenza ċċitata), tfisser biss li l-partijiet fi ftehim ma jistgħux isostnu li dan il-ftehim jikkostitwixxi l-iktar soluzzjoni profittabbli sabiex jaħarbu mill-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 101 TFUE (ara l-punt 381 iktar 'il fuq). Għall-kuntrarju, din il-ġurisprudenza ma tipprekludix lill-Kummissjoni milli tieħu inkunsiderazzjoni l-kontenut ta' ftehim, kif ukoll il-finalità tiegħu u l-kuntest li fih ikun ġie konkluż, bħalma hija, f'dan il-każ, il-preżenza ta' pagamenti bil-kontra sostanzjali, sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan.

446 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

3. Fuq it-tielet parti

447 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni hija vvizzjata minn żball ta' liġi, l-ewwel nett, sa fejn tonqos milli tirrikonoxxi li l-ftehimiet kontenzjużi kienu neċessarji sabiex jintlaħaq għan legali, jiġifieri l-protezzjoni u l-implementazzjoni ta' privattiva u, it-tieni nett, sa fejn tapplika b'mod żbaljat għall-każ ineżami l-ġurisprudenza dwar l-"għanijiet l-oħra li jkunu legali".

448 Ir-rikorrenti jinvokaw ġurisprudenza stabbilita tal-qrati tal-Unjoni li minnha jirriżulta li restrizzjoni tal-libertà ta' aġir tal-partijiet ma tillimitax sistematikament il-kompetizzjoni, b'mod partikolari meta din ir-restrizzjoni tkun meħtieġa sabiex jintlaħaq għan prinċipali li jkun newtrali minn perspettiva tal-kompetizzjoni jew jiffavorixxiha. Issa, il-protezzjoni tal-investiment imwettaq mill-proprjetarju ta' dritt tal-proprjetà intellettwali tista', skont ir-rikorrenti, tikkostitwixxi tali għan legali.

449 F'dan il-każ, il-ftehimiet kontenzjużi segwew l-għan legali li jiġu protetti u li tiġi żgurata l-osservanza tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck u li b'hekk jiġi protett l-investiment ta' Lundbeck billi jipprekludu d-dannu irreparabbli li kien ser jiġi kkawżat mill-introduzzjoni ta' prodotti mediċinali ġeneriċi. Barra minn hekk, dawn il-ftehimiet taw lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ż-żmien neċessarju sabiex jiddeterminaw jekk il-privattivi ta' Lundbeck kinux is-suġġett ta' vjolazzjoni, mingħajr ma kellhom jidħlu għal spejjeż jew piżijiet oħra jew mingħajr ma jġarrbu d-dewmien marbut ma' tilwima. Barra minn hekk, il-portata u t-tul tal-ftehimiet kontenzjużi huma proporzjonati, sa fejn dawn tal-aħħar kellhom biss l-intenzjoni li jipprekludu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jikkummerċjalizzaw is-citalopram li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, u dan sa fejn it-tul tagħhom kien fl-aħħar mill-aħħar marbut mal-eżitu tat-tilwima Lagap fir-Renju Unit, li kellha tippermetti li tinstab soluzzjoni għall-kawżi li kienu fil-bażi ta' din it-tilwima u li jiġi stabbilit jekk Lundbeck kinitx ser tibqa' mmotivata li timplementa l-privattivi ta' proċess tagħha.

450 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

451 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, jekk operazzjoni jew attività partikolari ma taqax taħt il-prinċipju ta' projbizzjoni previst fl-Artikolu 101(1) TFUE minħabba n-newtralità tagħha jew minħabba l-effett pożittiv tagħha fuq il-livell tal-kompetizzjoni, restrizzjoni tal-awtonomija kummerċjali ta' parteċipant wieħed jew iktar f'din l-operazzjoni jew f'din l-attività lanqas ma taqa' taħt l-imsemmi prinċipju ta' projbizzjoni jekk din ir-restrizzjoni tkun oġġettivament meħtieġa għall-implementazzjoni tal-imsemmija operazzjoni jew tal-imsemmija attività u tkun proporzjonata għall-għanijiet ta' din l-operazzjoni jew ta' din l-attività (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, Ġabra, EU:C:2014:2201, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

452 Fil-fatt, meta ma jkunx possibbli li tali restrizzjoni tiġi sseparata mill-operazzjoni jew mill-attività prinċipali mingħajr ma tiġi kompromessa l-eżistenza jew l-għanijiet ta' din l-operazzjoni jew ta' din l-attività, il-kompatibbiltà ta' din ir-restrizzjoni mal-Artikolu 101 TFUE għandha tiġi eżaminata flimkien mal-kompatibbiltà tal-operazzjoni jew tal-attività prinċipali li tkun anċillari għalihom, u dan minkejja li, meħuda waħedha, tali restrizzjoni tista' tidher, *prima facie*, li taqa' taħt il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, punt 452 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2201, punt 90).

453 Fejn il-kwistjoni tkun li jiġi ddeterminat jekk restrizzjoni antikompetittiva tistax taħrab mill-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE minħabba li hija anċillari għal operazzjoni prinċipali li ma jkollhiex tali natura antikompetittiva, għandu jiġi eżaminat jekk it-twettiq ta' din l-operazzjoni tkunx impossibbli fl-assenza tar-restrizzjoni inkwistjoni. Il-fatt li l-imsemmija operazzjoni sempliċement issir iktar diffiċli sabiex titwettaq jew inqas profittabbli fl-assenza tar-restrizzjoni inkwistjoni ma jistax jitqies li jagħti lil din ir-restrizzjoni n-natura "oġġettivament neċessarja" meħtieġa sabiex din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala anċillari. Fil-fatt, tali interpretazzjoni twassal sabiex dan il-kunċett jiġi estiż għal restrizzjonijiet li ma jkunux strettament indispensabbli għat-twettiq tal-operazzjoni prinċipali.Tali riżultat jippreġudika l-effett utli tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, punt 452 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2201, punt 91).

454 Għaldaqstant, il-kundizzjoni dwar in-natura neċessarja ta' restrizzjoni timplika eżami doppju. Fil-fatt, huwa meħtieġ li jiġi vverifikat, minn naħa, jekk ir-restrizzjoni hijiex oġġettivament neċessarja sabiex titwettaq l-operazzjoni prinċipali u, min-naħa l-oħra, jekk hijiex proporzjonali fil-konfront tagħha (ara s-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

455 Barra minn hekk, għandu jiġu enfasizzat li, sa fejn l-eżistenza ta' regola ta' raġuni fid-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni ma tistax tiġi aċċettata, ikun żbaljat li wieħed jinterpreta, fil-kuntest tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjonijiet anċillari, il-kundizzjoni tan-neċessità oġġettiva bħala li timplika bbilanċjar tal-effetti favur u kontra l-kompetizzjoni ta' ftehim (ara, f'dan is-sens, is-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

456 F'dan il-każ, ir-rikorrenti jsostnu li r-restrizzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi huma anċillari għat-twettiq ta' għan prinċipali, li jikkonsisti fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom.

457 Tali argument ma jistax jintlaqa'.

458 L-ewwel nett, fil-fatt, ir-rikorrenti ma wrewx li r-restrizzjonijiet miftiehma skont il-ftehimiet kontenzjużi kienu oġġettivament neċessarji sabiex jipproteġu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq. Minn naħa, huma setgħu jipproteġu dawn id-drittijiet billi jressqu kawżi quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti fil-każ ta' vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom. Min-naħa l-oħra, kif indikat il-Kummissjoni fil-premessi 638 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata, kien hemm diversi modi kif tinstab soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi, mingħajr ma jiġu previsti restrizzjonijiet dwar id-dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, permezz ta' pagamenti bil-kontra li jikkorrispondu bejn wieħed u ieħor għall-profitti mistennija minn dawn l-impriżi fil-każ ta' dħul fis-suq (ara l-punti 335 u 412 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistabbilixxux li dawn ir-restrizzjonijiet kienu oġġettivament neċessarji għat-twettiq tal-għan allegat, jiġifieri li jiżguraw l-osservanza tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom.

459 It-tieni nett, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, ftehim ma jgawdix minn immunità fil-konfront tad-dritt tal-kompetizzjoni minħabba s-sempliċi fatt li jikkonċerna privattiva jew li jkun intiż li tinstab soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi, u li ftehim jista' jitqies li għandu għan restrittiv anki jekk ma jkollux bħala l-uniku għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni iżda jsegwi wkoll għanijiet oħra li jkunu legali (ara l-punt 428 iktar 'il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-fatt li dan il-ftehim seta' kien l-iktar soluzzjoni profittabbli jew l-inqas ta' riskju minn perspettiva kummerċjali bl-ebda mod ma jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (punt 381 iktar 'il fuq).

460 It-tielet nett, fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li r-restrizzjonijiet miftiehma skont il-ftehimiet kontenzjużi jistgħu jitqiesu li huma oġġettivament neċessarji għall-għan prinċipali allegat mir-rikorrenti, li huwa li jiżguraw l-osservanza tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, xorta waħda jibqa' l-fatt li dawn ir-restrizzjonijiet huma sproporzjonati meta mqabbla mat-twettiq ta' dan l-għan. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-ftehimiet kontenzjużi ma pprovdew soluzzjoni għall-ebda tilwima fil-qasam tal-privattivi, peress li kienu jipprevedu biss li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom jibqgħu barra mis-suq tas-citalopram għal ċertu perijodu, bi skambju għal pagament, mingħajr lanqas ma jipprevedu li mat-tmiem ta' dan il-perijodu dawn setgħu jidħlu f'dan is-suq mingħajr ma jkollhom jaffaċċjaw kawżi dwar vjolazzjoni min-naħa ta' Lundbeck. Barra minn hekk, il-portata tar-restrizzjonijiet inklużi f'dawn il-ftehimiet kienet ħafna drabi tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck (ara s-sitt motiv iktar 'il quddiem). Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-kawża Lagap fir-Renju Unit kienet ser isservi bħala kawża kruċjali li tippermetti li tinstab soluzzjoni għall-kawżi mal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi peress li, kif sostniet il-Kummissjoni fil-premessi 683 *et seq* tad-deċiżjoni

kkontestata, il-ftehimiet GUK għar-Renju Unit, Arrow UK, Arrow Daniż, Alpharma u Ranbaxy kienu ġew konklużi kollha qabel ma Lundbeck kienet ressqet kawża dwar vjolazzjoni kontra Lagap fir-Renju Unit, fl-14 ta' Ottubru 2002. Fir-rigward tal-uniku ftehim li ġie konklużż wara, jiġifieri l-ftehim GUK għaż-ŻEE, it-tilwima ma' Lagap ma kinitx verament rilevanti peress li l-IFA inkwistjoni fil-proċedura Lagap, ibbażat fuq il-proċess Matrix II, kien differenti mill-IFA ta' Natco, li fuq il-bażi tiegħu kien prodott is-citalopram ġeneriku li Merck (GUK) kellha l-intenzjoni li tikkummerċjalizza (premessa 687 tad-deċiżjoni kkontestata).

461 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li r-restrizzjonijiet miftiehma fil-ftehimiet kontenzjużi kienu oġġettivament neċessarji u proporzjonati sabiex jipproteġu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħhom.

462 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tapplika b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar l-għanijiet l-oħra li jkunu legali f'dan il-każ. Fil-fatt, fl-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni tiddikjara li l-fatt li ftehim jista' jsegwi barra minn hekk għanijiet oħra li jkunu perfettament legali ma jipprekludix il-possibbiltà li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan. Il-kawżi ċċitati mill-Kummissjoni insostenn ta' din l-affermazzjoni kienu jikkonċernaw madankollu sitwazzjonijiet fejn l-għan legali seta' jintlaħaq mingħajr restrizzjoni tal-kompetizzjoni, meta f'dan il-każ il-ftehimiet kontenzjużi kienu neċessarji sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-privattivi ta' Lundbeck.

463 L-intervenjenti ssostni l-argumenti tar-rikorrenti u tqis ukoll li l-Kummissjoni użat b'mod żbaljat il-kriterju legali dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Skont l-intervenjenti, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija bbażata fuq kriterju ta' "neċessità oġġettiva" sabiex jiġi stabbilit jekk l-Artikolu 101 TFUE huwiex applikabbli jew le. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kien imissha eżaminat jekk ftehim bonarju kienx ġie konklużż *in bona fide* sabiex tinstab soluzzjoni għal tilwima reali fil-qasam tal-privattivi u jekk ir-restrizzjonijiet miftiehma kinux neċessarji u proporzjonati għal dan l-għan legali.

464 Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti kif ukoll l-intervenjenti, il-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' liġi meta applikat f'dan il-każ il-ġurisprudenza dwar l-għanijiet l-oħra li jkunu legali (ara l-punt 428 iktar 'il fuq u l-ġurisprudenza ċċitata) u meta ċaħdet l-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, fil-premessa 653 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dawn l-argumenti huma bbażati wkoll fuq il-premessa żbaljata li l-għan legali allegat mir-rikorrenti, jiġifieri li jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, ma setax jintlaħaq mingħajr restrizzjoni tal-kompetizzjoni (ara l-punti 459 sa 462 iktar 'il fuq).

465 Għaldaqstant, it-tielet parti għandha tiġi miċħuda.

4. Fuq ir-raba' parti

466 Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żball ta' liġi sa fejn ma tirrikonoxxix li x-xenarju ta' vjolazzjoni f'dan il-każ jeskludi l-possibbiltà li tiġi kkonstatata restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

467 Huma jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li, anki mingħajr il-ftehimiet kontenzjużi, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser ibigħu citalopram li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni. Issa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-kriterju ġenerali sabiex jiġi evalwat jekk ftehim għandux l-għan jew l-effett li jillimita l-kompetizzjoni jikkonsisti fl-eżami ta' kif kienet tiżvolġi l-kompetizzjoni fil-kuntest tas-suq ikkunsidrat fl-assenza tal-ftehim inkwistjoni. Għaldaqstant, l-iċken dubju dwar il-fatt li kien ser ikun hemm kompetizzjoni fl-assenza ta' ftehim huwa biżżejjed sabiex jiġi eskluż kull ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Barra minn hekk, l-eliminazzjoni ta'

inċertezza hija inerenti għal kull ftehim bonarju, u d-deċiżjoni kkontestata tammetti li l-ftehimiet bonarji li joħolqu dewmien fir-rigward tad-dħul fis-suq jistgħu, f'ċerti każijiet, ma jikkostitwixxux ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

468 Il-perspettivi realistiċi ta' dħul f'suq wieħed jew iktar taż-ŻEE, li għalihom tirreferi d-deċiżjoni kkontestata, matul il-perijodu kopert mill-ftehimiet kontenzjużi ma humiex fondati u, fi kwalunkwe każ, huma biss perspettivi, u dan jimplika minn tal-inqas li ma kienx ċert li, fl-assenza ta' dawn il-ftehimiet l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu ser ibigħu citalopram li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kellhom l-ebda ATS u, anki jekk jitqies li setgħu jintroduċu l-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħhom li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni, huma kienu jkunu s-suġġett ta' ordnijiet mitluba min-naħa tagħhom. Barra minn hekk, dawn l-impriżi setgħu jagħżlu li jżommu 'l bogħod mis-suq jew li joħorġu minnu sabiex jevitaw tilwim ma' Lundbeck. Mill-bqija, diversi impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu komplew jippreparaw b'mod attiv għad-dħul fis-suq tagħhom, b'mod partikolari billi komplew bir-riċerki tagħhom dwar citalopram li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni, u l-ftehimiet kontenzjużi lanqas ma kienu pprekludewhom milli jikkontestaw il-validità tal-privattivi ta' Lundbeck.

469 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

470 L-ewwel nett, sa fejn, permezz tal-argumenti tagħhom, ir-rikorrenti jidhru li jixtiequ jikkontestaw il-konklużjoni li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri potenzjali ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi u sa fejn dawn l-argumenti diġà ġew miċħuda fil-kuntest tal-ewwel motiv iktar 'il fuq, għandu jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet magħmula f'dan ir-rigward.

471 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Artikolu 101 TFUE huwa intiż li jipproteġi l-kompetizzjoni potenzjali bl-istess mod bħall-kompetizzjoni attwali bejn l-impriżi fis-suq (ara l-punt 99 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, huwa inutli li r-rikorrenti qegħdin jerġgħu jargumentaw li ma kien hemm ebda ċertezza dwar il-fatt li l-impriżi kienu effettivament ser jidħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, peress li tali argument ma jiħux inkunsiderazzjoni d-distinzjoni bejn kompetizzjoni attwali u kompetizzjoni potenzjali.

472 It-tieni nett, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kien imissha eżaminat ix-xenarju ta' vjolazzjoni f'dan il-każ, għandu jitfakkar li, fir-rigward ta' restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, il-Kummissjoni kienet meħtieġa turi biss li l-ftehimiet kontenzjużi kellhom livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni, fid-dawl tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet tagħhom, tal-għanijiet li kienu intiżi li jilħqu kif ukoll tal-kuntest ekonomiku u legali tagħhom, mingħajr ma kienet meħtieġa, madankollu, li teżamina l-effetti tagħhom (punt 342 iktar 'il fuq).

473 L-eżami ta' xenarju ta' vjolazzjoni ipotetiku, minbarra li huwa diffiċli fil-prattika minħabba li jeżiġi li l-Kummissjoni timmaġina l-avvenimenti li kienu ser iseħħu fl-assenza tal-ftehimiet kontenzjużi, meta dawn kellhom preċiżament l-għan li joħolqu dewmien fir-rigward tad-dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (ara l-punti 138 u 139 iktar 'il fuq), jikkonċerna iktar eżami tal-effetti tal-ftehimiet kontenzjużi fis-suq milli eżami oġġettiv tan-natura suffiċjentement dannuża tagħhom għall-kompetizzjoni. Issa, tali eżami tal-effetti ma huwiex meħtieġ fil-kuntest ta' analiżi bbażata fuq l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan (punt 342 iktar 'il fuq).

474 Għaldaqstant, anki jekk jitqies li ċerti impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, minħabba kawżi dwar vjolazzjoni mressqa minn Lundbeck, jew minħabba l-impossibbiltà li jiksbu ATS f'terminu suffiċjentement qasir, dak li huwa importanti huwa li dawn l-impriżi kellhom possibbiltajiet reali u konkreti li jidħlu fis-suq fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi ma' Lundbeck, b'tali mod li kienu qegħdin jeżerċitaw

pressjoni kompetittiva fuqha. Issa, din il-pressjoni kompetittiva kienet ġiet eliminata matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, u dan jikkostitwixxi, fih innifsu, restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

475 Għalkemm huwa minnu li ħafna drabi l-ftehimiet bonarji jkollhom l-għan li jnaqqsu l-inċertezzi inerenti għat-tressiq ta' kawża, tali ftehimiet ma jgawdux minn immunità fil-konfront tal-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara l-punt 428 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, dawn il-ftehimiet ikunu partikolarment problematiċi meta jkunu intiżi li jħallsu lil kompetituri potenzjali sabiex dawn iżommu 'l bogħod mis-suq matul perijodu determinat, mingħajr ma jipprovdu madankollu soluzzjoni għall-iċken tilwima bażika fil-qasam tal-privattivi, bħalma huwa l-każ hawnhekk.

476 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha raġun meta qieset li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jaqgħu fil-kategorija ta' ftehimiet ta' esklużjoni mis-suq bejn kompetituri u li seta' jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni, mingħajr ma kien meħtieġ, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, li turi li dawn il-ftehimiet kien kellhom tali effetti.

477 Għaldaqstant ir-raba' parti għandha tiġi miċħuda wkoll, kif ukoll it-tielet motiv fl-intier tiegħu.

E – *Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq nuqqas ta' motivazzjoni mwettqa fil-kuntest taċ-ċaħda tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva bħala standard essenzjali għall-evalwazzjoni tal-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE*

478 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni tirrifjuta b'mod żbaljat li tirrikonoxxi li l-ftehimiet li jinkludu restrizzjonijiet li jikkorrispondu għal dawk inerenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet li privattiva tagħti lill-proprjetarju tagħha ma jaqgħux taħt l-Artikolu 101(1) TFUE u tissuġġerixxi, b'mod żbaljat, li l-ftehimiet li jipprevedu restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-privattiva jaqgħu, b'mod verosimili, taħt din id-dispożizzjoni. Skont ir-rikorrenti, l-ewwel nett, id-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żball ta' liġi sa fejn twarrab il-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva bħala standard ta' stħarriġ rilevanti sabiex jiġu evalwati l-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE u, it-tieni nett, l-argumenti magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata sabiex jiġi miċħud dan il-kriterju huma vagi, assurdi u kontradetti mill-argumenti ewlenin li huma fil-qofol tal-bqija tad-deċiżjoni kkontestata.

1. Fuq l-ewwel parti

479 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li r-restrizzjonijiet kuntrattwali li jikkonċernaw il-kamp temporali, territorjali u materjali tad-drittijiet tal-proprjetarju tal-privattiva ma jiksrux id-dritt tal-kompetizzjoni għaliex dawn ir-restrizzjonijiet huma analogi għal dawk inerenti għall-privattiva inkwistjoni, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk il-ftehim bonarju jimplikax jew le, barra minn hekk, trasferiment ta' valur mil-laboratorju ta' oriġini favur il-fabbrikant tal-prodotti mediċinali ġeneriċi.

480 Tali kundizzjoni hija konformi mal-prinċipju li l-privattivi huma preżunti validi sad-dikjarazzjoni espliċita tan-nullità tagħhom. Skont ir-rikorrenti, fis-sentenza Windsurfing, punt 119 iktar 'il fuq (EU:C:1986:75), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li kwalunkwe klawżola li tikkonċerna l-prodotti koperti minn privattiva hija ġġustifikata mill-protezzjoni ta' dritt tal-proprjetà intellettwali. Għaldaqstant, il-portata tal-privattiva hija rilevanti għall-evalwazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

481 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li kull ftehim bonarju għandu jkun marbut ma' tilwima "*in bona fide*" bejn il-partijiet fil-ftehim, dwar il-validità u/jew il-vjolazzjoni ta' privattiva. Tali ftehimiet huma intrinsikament ikkaratterizzati minn legalità u utilità, u ma għandhomx ikollhom jistennew stħarriġ "antitrust" ħlief fil-każ li t-tilwima li fuqu jkun ibbażat il-ftehim tkun fittizja.

482 Issa, fil-qasam tal-ftehimiet bonarji dwar privattivi u prodotti mediċinali ġeneriċi, tilwima għandha tiġi kklassifikata bħala awtentika meta, minn naħa, ma jkunx stabbilit li l-proprjetarju ta' privattiva kien jaf jew kien personalment konvint li din il-privattiva kienet nulla u, min-naħa l-oħra, dan il-proprjetarju ma kellux provi suffiċjenti sabiex isostni li l-prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattiva tiegħu. Jekk il-proprjetarju ta' privattiva jkollu sempliċi dubji dwar il-validità tagħha, dawn id-dubji, li jirriflettu l-inċertezza inerenti għall-eżitu ta' kwalunkwe tilwima, ma humiex suffiċjenti sabiex jaffettwaw in-natura awtentika tat-tilwima u sabiex jagħmlu illegali ftehim bonarju. Għaldaqstant, dikjarazzjonijiet bħal dik iċċitata diversi drabi fid-deċiżjoni kkontestata, magħmula iktar minn sena u nofs wara l-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, u li tissuġġerixxi li impjegat ta' Lundbeck kien stima bħala 60 % r-riskju li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni tiġi annullata mill-qrati tar-Renju Unit, fl-ebda każ ma jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit li Lundbeck kienet tal-fehma li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni kienet nulla jew li ma kellha ebda possibbiltà li tikseb l-implementazzjoni tagħha quddiem qorti.

483 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti għaldaqstant iqisu li l-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva jikkostitwixxi l-uniku standard adegwat. L-ewwel nett, tali kriterju jippermetti li jiġi stabbilit bilanċ raġonevoli bejn id-dritt tal-kompetizzjoni u d-dritt tal-privattivi. It-tieni nett, dan il-kriterju jissodisfa t-tħassib tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi, peress li impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li tikkonkludi tali ftehim tista' b'mod partikolari tidħol fis-suq b'mod li ma jiksirx il-portata materjali, temporali jew territorjali tal-privattiva inkwistjoni. Fl-aħħar nett, dan il-kriterju ma huwiex ivvizzjat mid-difetti li jaffettwaw il-kriterju użat fid-deċiżjoni kkontestata.

484 Fir-raba' lok, skont ir-rikorrenti, ebda wieħed mill-ftehimiet kontenzjużi ma jikser l-Artikolu 101 TFUE peress li kollha jissodisfaw, minn naħa, il-kundizzjoni li jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva minħabba li r-restrizzjonijiet kuntrattwali kienu limitati għall-prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni u ma kinux imorru lil hinn mill-portata territorjali u temporali tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjoni ta' tilwima awtentika, minħabba li ebda prova ma tissuġġerixxi li Lundbeck kienet tqis li l-privattivi tagħha kienu nulli u minħabba li, barra minn hekk, hija kellha provi xjentifiċi li kienu juru li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi ta' proċess tagħha.

485 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

486 Għandu jitfakkar qabel kollox li, skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 101(1) TFUE ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-ftehimiet li l-għan tagħhom ikun li jtemmu tilwima u dawk li jkollhom għanijiet oħra (sentenza Bayer u Maschinenfabrik Hennecke, punt 428 iktar 'il fuq, EU:C:1988:448, punt 15). Għalkemm id-drittijiet irrikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru fil-qasam tal-proprjetà industrijali ma humiex affettwati, fir-rigward tal-eżistenza tagħhom, mill-Artikolu 101 TFUE, il-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħhom jistgħu, madankollu, jaqgħu taħt il-projbizzjonijiet stabbiliti permezz ta' dan l-artikolu. Dan jista' jkun il-każ kull darba li l-eżerċizzju ta' tali dritt jidher li jkun l-għan, il-mezz jew il-konsegwenza ta' akkordju (sentenza Centrafarm u de Peijper, punt 117 iktar 'il fuq, EU:C:1974:114, punti 39 u 40).

487 Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu li l-għan speċifiku tal-proprjetà industrijali huwa b'mod partikolari li l-proprjetarju jiġi żgurat, sabiex jiġi kkumpensat l-isforz kreattiv tal-inventur, id-dritt esklużiv li juża invenzjoni għall-finijiet tal-fabbrikazzjoni u tal-ewwel tqegħid fis-suq ta' prodotti industrijali, jew direttament, jew bl-għoti ta' liċenzji lil terzi, kif ukoll id-dritt li joġġezzjona għal kwalunkwe vjolazzjoni (sentenza Centrafarm u de Peijper, punt 117 iktar 'il fuq, EU:C:1974:114, punt 9), dan ma jistax jiġi interpretat bħala li jiggarantixxi protezzjoni wkoll kontra l-kawżi intiżi li jikkontestaw il-validità ta' privattiva, fid-dawl tal-fatt li huwa fl-interess pubbliku li jiġi eliminat kwalunkwe ostakolu għall-attività ekonomika, li jista' jirriżulta minn privattiva mogħtija indebitament (sentenza Windsurfing, punt 119 iktar 'il fuq, EU:C:1986:75, punt 92).

488 F'dan ir-rigward, għandu jingħad li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punt 92 tas-sentenza Windsurfing, punt 119 iktar 'il fuq (EU:C:1986:75), jistgħu japplikaw biss għall-klawżoli li manifestament ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva. Fil-fatt, fil-punt 46 tal-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, anki jekk jitqies li l-privattiva Ġermaniża kienet tkopri it-tagħmir kollu użat għall-windsurfing, u għalhekk anki l-parti li żżomm f'wiċċ l-ilma, li jimplika li l-klawżola inkwistjoni kienet tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva, dan ma kienx ifisser li tali klawżola kienet kompatibbli mal-Artikolu 101 TFUE.

489 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, minkejja li l-Kummissjoni ma tistax tastjeni minn kwalunkwe inizjattiva meta l-portata ta' privattiva tkun rilevanti għall-evalwazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE, ma huwiex il-kompitu tagħha li tiddefinixxi l-portata ta' privattiva (sentenza Windsurfing International vs Il-Kummissjoni, punt 119 iktar 'il fuq, EU:C:1986:75, punt 26).

490 Fir-rigward ta' din il-ġurisprudenza, kif ukoll tal-għanijiet inerenti għall-Artikolu 101 TFUE, li jeżiġu, b'mod partikolari, li kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod awtonomu l-politika li jkollu l-intenzjoni jsegwi fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq, EU:C:2008:643, punti 33 u 34) sabiex il-konsumaturi jiġu protetti minn żidiet fil-prezzijiet inġustifikati li jirriżultaw minn kollużjoni bejn kompetituri (ara l-punt 387 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni kellha raġun meta f'dan il-każ ċaħdet l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva f'dan il-każ sabiex tevalwa l-ftehimiet kontenzjużi fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE.

491 Fil-fatt, kif sostniet il-Kummissjoni fil-premessa 698 tad-deċiżjoni kkontestata, dan il-kriterju huwa problematiku mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni minn diversi aspetti. L-ewwel nett, dan it-test iwassal sabiex jiġi preżunt li prodott mediċinali ġeneriku jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva tal-laboratorju ta' oriġini u jippermetti għalhekk li l-prodott mediċinali ġeneriku jiġi eskluż fuq din il-bażi, meta l-kwistjoni ta' jekk il-prodott mediċinali ġeneriku jikkostitwixxix vjolazzjoni jew le tibqa' mingħajr soluzzjoni. It-tieni nett, dan it-test huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li kwalunkwe privattiva invokata fil-kuntest ta' ftehim bonarju ser titqies li hija valida fil-każ li tiġi kkontestata l-validità tagħha, meta ma teżisti ebda bażi għal dan l-effett fid-dritt jew fil-prattika (punt 122 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, il-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva huwa bbażat fuq l-evalwazzjonijiet suġġettivi, mir-rikorrenti, tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tagħhom u tal-validità tagħhom, meta qorti nazzjonali jew awtorità kompetenti jistgħu jieħdu pożizzjoni differenti.

492 Barra minn hekk, is-Supreme Court of the United States (qorti suprema tal-Istati Uniti) għalqet dibattitu intensiv dwar dan is-suġġett billi segwiet l-istess approċċ u billi ċaħdet il-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva applikat minn ċerti qrati inferjuri permezz tas-sentenza Actavis tagħha, imsemmija fil-punt 354 iktar 'il fuq, fejn qieset li l-fatt li ftehim jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' privattiva ma jagħtix immunità lil dan il-ftehim fil-konfront ta' kawża "antitrust".

493 Fil-fatt, il-kwistjoni ta' jekk restrizzjoni taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' privattiva jew le hija konklużjoni li tirriżulta minn eżami dwar il-portata u dwar il-validità ta' din il-privattiva u ma hijiex, kif jissuġġerixxu r-rikorrenti, il-punt ta' tluq ta' tali eżami (ara l-punt 354 iktar 'il fuq fir-rigward tas-sentenza Actavis).

494 Għalhekk, meta r-rikorrenti jipprovaw isostnu li l-prodotti li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom l-intenzjoni li jikkummerċjalizzaw kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, jew kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni materjali, temporali u territorjali tagħhom, dawn huma biss, fil-verità, spekulazzjonijiet ibbażati fuq l-evalwazzjonijiet suġġettivi tagħhom stess, peress li huma ma jikkontestawx il-fatt li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, l-ebda qorti nazzjonali u l-ebda awtorità kompetenti ma kienet stabbilixxiet li dawn il-prodotti kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi waħda mill-privattivi ta' proċess tagħhom (punt 145 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, kif tenfasizza l-Kummissjoni, il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni lanqas biss kienet għadha ngħatat fil-mument li

fih kienu konklużi l-parti l-kbira tal-ftehimiet kontenzjużi (punt 127 iktar 'il fuq), b'tali mod li l-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tar-rikorrenti ma kienx ċert, bħalma lanqas ma kienet ċerta l-portata tar-restrizzjonijiet inklużi f'dawn il-ftehimiet.

495 Barra minn hekk, il-fatt li ċerti restrizzjonijiet previsti fil-ftehimiet kontenzjużi tqiesu mill-Kummissjoni bħala li jinsabu potenzjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck ifisser biss li r-rikorrenti setgħu jiksbu restrizzjonijiet komparabbli permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji adottati għall-finijiet tal-implementazzjoni tal-privattivi tagħhom, jekk jitqies li huma kienu ser jirbħu l-kawżi quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti. F'dan is-sens, anki li kieku l-ftehimiet kontenzjużi kienu jinkludu wkoll restrizzjonijiet li potenzjalment jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tar-rikorrenti, dawn il-ftehimiet kienu jmorru lil hinn mill-għan speċifiku tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom, li huwa minnu li jinkludu d-dritt li joġġezzjonaw għal vjolazzjonijiet, iżda mhux id-dritt li jikkonkludu ftehimiet li permezz tagħhom kompetituri reali jew potenzjali fis-suq jitħallsu sabiex ma jidħlux fis-suq (ara l-punt 488 iktar 'il fuq u l-premessa 698 tad-deċiżjoni kkontestata).

496 Madankollu, ir-rikorrenti jsostnu li kienu jeżistu tilwimiet reali fil-qasam tal-privattivi bejn il-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi f'dan il-każ, b'tali mod li setgħu jfittxu soluzzjoni bonarja għal tali tilwimiet mingħajr ma jiksru l-Artikolu 101 TFUE.

497 Madankollu, huwa dubjuż kemm il-ftehimiet kontenzjużi ppermettew verament li jintemmu t-tilwimiet bażiċi fil-qasam tal-privattivi bejn ir-rikorrenti u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, peress li dawn il-ftehimiet ma kienu jipprevedu l-ebda dħul immedjat tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq mal-iskadenza tagħhom marbut ma' rinunzja, min-naħa tar-rikorrenti, għall-pretensjonijiet tagħhom fil-qasam tal-privattivi (ara l-punt 355 iktar 'il fuq u l-premessa 662 tad-deċiżjoni kkontestata).

498 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-ftehimiet kontenzjużi kienu ppermettew li tinsab soluzzjoni bonarja għat-tilwima bejn il-partijiet, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-Artikolu 101(1) TFUE ma jagħmel ebda distinzjoni bejn il-ftehimiet li jkollhom bħala għan li jtemmu tilwima u dawk li jkollhom għanijiet oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bayer u Maschinenfabrik Hennecke, punt 428 iktar 'il fuq, EU:C:1988:448, punt 15). Issa, peress li l-għan antikompetittiv ta' dawn il-ftehimiet kien suffiċjentement stabbilit, sa fejn huma ftehimiet li jeskludu l-kompetituri potenzjali mis-suq billi jsirilhom pagament, jekk jitqies li setgħu jkunu ta' benefiċċju wkoll għall-kompetizzjoni u għall-konsumaturi, tali effetti għandhom jiġu pprovati mir-rikorrenti u għandhom jiġu eżaminati fid-dawl tal-Artikolu 101(3) TFUE (ara l-eżami tas-seba' motiv iktar 'il quddiem), u ma għandhomx jiġu evalwati mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Brasserie nationale *et* vs Il-Kummissjoni, punt 388 iktar 'il fuq, EU:T:2005:298, punt 85).

499 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-kriterju legali applikat mill-Kummissjoni ma għandux bażi fil-ġurisprudenza jew li l-eżerċizzju ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma jistax jaqa' taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball ta' liġi meta ċaħdet il-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva bħala kriterju rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-ftehimiet kontenzjużi fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE. Kif issostni l-Kummissjoni, il-kriterju rilevanti f'dan il-każ kien il-kunċett ta' restrizzjoni minħabba l-għan, kif żviluppat fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni (punti 339 sa 345 iktar 'il fuq).

500 Għaldaqstant, f'dan il-każ, il-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq sett sħiħ ta' fatturi, bħala elementi kuntestwali, bħalma huma l-eżistenza ta' pagament bil-kontra, in-natura sostanzjali ta' dan il-pagament u l-fatt li kien jidher li jikkorrispondi għall-benefiċċji mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ ta' dħul fis-suq, kif ukoll l-assenza ta' klawżola li kienet tippermetti li jiġi ffaċilitat id-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq wara l-iskadenza tal-ftehimiet kontenzjużi u l-preżenza ta' restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tar-rikorrenti, sabiex tikkonstata li dawn il-ftehimiet kellhom l-għan li jillimitaw il-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE (ara l-premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata).

501 Għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq it-tieni parti

502 Ir-rikorrenti jsostnu, fl-ewwel lok, li l-motivazzjoni taċ-ċaħda tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva tinsab biss fil-premessa 698 tad-deċiżjoni kkontestata li, barra minn hekk, hija vvizzjata minn raġunament assurd, peress li, skonthom, dan il-kriterju ma jinċentivax lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex jabbandunaw l-isforzi kollha tagħhom sabiex jidħlu fis-swieq iżda biss sabiex ibigħu prodotti li jikkostitwixxu vjolazzjoni.

503 Barra minn hekk, id-dritt li ssir oġġezzjoni għal vjolazzjoni jimplika wkoll li l-proprjetarju ta' privattivi jista' joġġezzjona għal vjolazzjonijiet billi jfittex soluzzjoni bonarja għat-tilwima. Tali dritt jirriżulta wkoll mill-għan speċifiku ta' privattiva, għall-kuntrarju ta' dak li tinsinwa d-deċiżjoni kkontestata. Is-sentenza Windsurfing, punt 119 iktar 'il fuq (EU:C:1986:75), iċċitata fid-deċiżjoni kkontestata, tista' tiġi invokata biss sabiex jiġi sostnut li Lundbeck ma għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi kunflitt bejn il-prodotti ta' żewġ fabbrikanti terzi, li ma huwiex il-każ hawnhekk. Barra minn hekk, l-argument imqajjem permezz tad-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li l-ftehimiet bonarji huma awtorizzati biss jekk ikunu bbażati fuq l-evalwazzjoni suġġettiva tal-partijiet dwar is-saħħa tal-privattiva jikkontradixxi l-allegazzjoni li l-proprjetarju ta' privattiva ma għandhomx ikunu kapaċi jevalwaw huma stess jekk il-prodotti mediċinali ġeneriċi jikkostitwixxux vjolazzjoni tal-privattiva tagħhom. Id-deċiżjoni kkontestata lanqas ma tispjega kif dan il-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva, li jeżisti fid-dritt tal-Istati Uniti tal-Amerika, ma jistax jiġi traspost fid-dritt tal-Unjoni.

504 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li ċ-ċaħda mill-Kummissjoni tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni ta' privattiva ma hijiex koerenti mar-raġunament ewlieni tad-deċiżjoni kkontestata li fuqu l-Kummissjoni bniet l-evalwazzjoni tagħha tal-ftehimiet kontenzjużi. Fil-fatt, il-Kummissjoni bbażat il-konklużjoni tagħha li dawn il-ftehimiet kellhom l-għan li jillimitaw il-kompetizzjoni fuq l-affermazzjoni li kien fihom restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, peress li kienu intiżi li jipprekludu d-dħul ta' kull citalopram ġeneriku fis-suq, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk dan kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni jew le. Issa, fi bnadi oħra, il-Kummissjoni ddikjarat li l-pagamenti bil-kontra bħala tali kienu jindikaw li l-ftehimiet kontenzjużi kellhom l-għan li jġiegħlu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi jżommu 'l bogħod mis-suq tas-citalopram ġeneriku matul it-tul kollu tagħhom, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk il-prodotti mediċinali li dawn l-impriżi setgħu jbigħu kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni jew le.

505 Dan juri li l-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva kellu rwol kapitali fl-analiżi tal-Kummissjoni, li jmur kontra l-allegazzjoni tagħha li l-kwistjoni ta' jekk il-ftehimiet kontenzjużi kinux baqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck ma kinitx bidlet fundamentalment l-analiżi legali ta' dawn ir-restrizzjonijiet mill-Kummissjoni.

506 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

507 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li l-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adatta għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tkun l-awtur tal-att, b'mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jagħrfu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, Ġabra, EU:C:2011:620, punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

508 B'hekk, fil-kuntest ta' deċiżjonijiet individwali, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-obbligu li tiġi mmotivata tali deċiżjoni huwa intiż, minbarra li jippermetti stħarriġ ġudizzjarju, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tkun taf jekk id-deċiżjoni hijiex eventwalment ivvizzjata minn difett li jippermettilha tikkontesta l-validità tagħha. Madankollu, għandu jitfakkar li l-obbligu ta'

motivazzjoni previst fl-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi rekwiżit formali sostanzjali li għandu jiġi distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivi, li jaqa' taħt il-legalità fil-mertu tal-att kontenzjuż (sentenza Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, punt 508 iktar 'il fuq, EU:C:2011:620, punti 146 u 148 u l-ġurisprudenza ċċitata).

509 F'dan il-każ, fir-rigward tal-motivazzjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, taċ-ċaħda tal-kriterju tal-portata tal-privattiva, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni wieġbet b'mod espliċitu għall-argumenti tar-rikorrenti dwar dan il-punt fil-premessa 698 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dan il-punt il-Kummissjoni spjegat, b'mod partikolari, ir-raġunijiet għaliex dan il-kriterju ma kienx jippermetti li jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem mill-ftehimiet kontenzjużi fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara l-punt 492 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, mill-istruttura tad-deċiżjoni kkontestata kollha jirriżulta li l-Kummissjoni applikat il-kunċett ta' restrizzjoni minħabba l-għan, skont l-Artikolu 101(1) TFUE, għall-ftehimiet kontenzjużi, filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku u legali li fih kienu ġew konklużi, u filwaqt li ħadet inkunsiderazzjoni sensiela sħiħa ta' fatturi f'dan ir-rigward (ara l-punt 355 iktar 'il fuq), filwaqt li għalhekk warrbet, neċessarjament, il-kriterju tal-portata tal-privattiva bħala kriterju legali rilevanti sabiex tevalwa dawn il-ftehimiet fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE.

510 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma mmotivatx suffiċjentement, fid-deċiżjoni kkontestata, iċ-ċaħda tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva, kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-proprjetarji ta' privattiva għandhomx id-dritt li joġġezzjonaw għal vjolazzjonijiet billi jsolvu t-tilwimiet tagħhom permezz ta' ftehim bonarju, peress li tali kwistjoni taqa' taħt l-eżami fil-mertu tad-deċiżjoni kkontestata, li twettaq fil-kuntest tal-analiżi tat-tieni u tat-tielet motivi iktar 'il fuq.

511 Barra minn hekk, huwa inutli li r-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kien imissha mmotivat id-deċiżjoni kkontestata tagħha billi tagħmel riferiment għall-kriterji legali applikabbli fid-dritt tal-Istati Uniti tal-Amerika. Fil-fatt, diġà ġie deċiż li pożizzjoni adottata mid-dritt ta' pajjiż terz ma tistax tiddetta dik adottata fid-dritt tal-Unjoni u li ksur ta' tali dritt ma jikkostitwixxix, bħala tali, difett li jista' jimplika l-illegalità ta' deċiżjoni adottata fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, Ġabra, EU:T:2003:245, punti 1406 u 1407 u l-ġurisprudenza ċċitata).

512 Fi kwalunkwe każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li s-sentenza li fiha l-opinjoni b'maġġoranza tas-Supreme Court of the United States (qorti suprema tal-Istati Uniti) fil-kawża li wasslet għas-sentenza Actavis, imsemmija fil-punt 354 iktar 'il fuq, – u mhux l-opinjoni diverġenti tal-Imħallef Roberts – tistabbilixxi b'mod ċar li l-fatt li ftehim jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' privattiva ma jagħtix lil dan il-ftehim immunità fil-konfront ta' azzjoni "antitrust", filwaqt li tiċħad, għalhekk, il-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva bħala standard rilevanti għall-finijiet tal-eżami tan-natura antikompetittiva ta' ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi li jinkludu pagamenti bil-kontra, imsejħa "pay for delay", bħalma huma l-ftehimiet kontenzjużi f'dan il-każ.

513 Huwa minnu li, kif sostnew ir-rikorrenti matul is-seduta, il-kuntest leġiżlattiv li jipprevali fl-Istati Uniti huwa differenti minn dak eżistenti fid-diversi Stati Membri tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament ma komplietx teżamina l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva, li kien ġie applikat minn ċerti qrati inferjuri fl-Istati Uniti qabel is-sentenza Actavis (punt 354 iktar 'il fuq), sabiex teżamina l-ftehimiet kontenzjużi fid-dawl tal-Artikolu 101 TFUE.

514 It-tieni nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun isostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija kontradittorja sa fejn tirrikonoxxi, minn naħa, li l-ftehimiet kontenzjużi kienu antikompetittivi, irrispettivament minn jekk fihomx jew le restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tagħhom u, min-naħa l-oħra, li dawn il-ftehimiet kien fihom restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tagħhom, sa fejn kienu intiżi li jipprekludu l-bejgħ ta' kull tip ta' citalopram ġeneriku mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

515 Fil-fatt, fil-premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari, il-Kummissjoni spjegat li l-fatt li Lundbeck ma setgħetx tikseb l-istess limitazzjonijiet għad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq billi tinvoka l-privattivi tal-proċess tagħha, kien jikkostitwixxi indizju importanti, fost oħrajn, tal-fatt li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jmorru kontra l-Artikolu 101(1) TFUE. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni ta' jekk ir-restrizzjonijiet inklużi fil-ftehimiet kontenzjużi kinux imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tar-rikorrenti tqieset li hija fattur rilevanti, iżda mhux deċiżiv, għall-finijiet tal-istabbiliment tal-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, kif jirriżulta b'mod ċar ukoll mill-premessa 641 tad-deċiżjoni kkontestata (punti 336, 337 u 355 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata ma fiha ebda kontradizzjoni dwar dan il-punt.

516 Għaldaqstant, ir-raba' motiv għandu jiġi miċħud.

F – *Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti, fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza u fuq nuqqas ta' motivazzjoni mwettqa sa fejn l-azzjonijiet ta' Lundbeck ġew ikklassifikati bħala strateġija globali ostili għad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi u bħala rilevanti sabiex il-ftehimiet kontenzjużi jiġu evalwati fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE*

517 Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija insuffiċjentement immotivata, hija vvizzjata minn żbalji manifesti ta' evalwazzjoni tal-fatti u tikser l-obbligu ta' diliġenza li għandha l-Kummissjoni, sa fejn iffokat fuq numru ta' dikjarazzjonijiet selettivi u injorat fatti essenzjali sabiex waslet għall-konklużjoni li huma kienu qegħdin isegwu "strateġija globali" ta' oppożizzjoni kontra l-verżjonijiet ġeneriċi tas-citalopram u bbażat ruħha fuq din l-allegata strateġija sabiex tevalwa l-ftehimiet kontenzjużi fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE.

518 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-istrateġija globali tagħhom ikkonsistiet f'azzjonijiet unilaterali mingħajr l-ebda rabta mal-ftehimiet kontenzjużi, u fi kwalunkwe każ mhux illegali. Huma jqisu li l-Kummissjoni wettqet ċertu numru ta' żbalji gravi meta sostniet, fid-deċiżjoni kkontestata, li huma kienu segwew diversi politiki li jagħmlu parti minn allegata strateġija globali kontra d-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq tas-citalopram, jiġifieri, l-ewwel nett, il-ħolqien ta' perijodu ideali għat-tnedija tal-escitalopram, it-tieni nett, il-preżentata ta' privattivi ta' proċess għall-fabbrikazzjoni ta' citalopram, it-tielet nett, l-intervent fil-proċeduri ta' ATS għall-verżjonijiet ġeneriċi tas-citalopram, ir-raba' nett, l-eliminazzjoni tat-theddida kompetittiva li kienu jirrappreżentaw il-fabbrikanti futuri tal-IFA citalopram u, il-ħames nett, l-inċentiv għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex iwaqqfu l-isforzi tagħhom bil-għan li jidħlu fis-suq tas-citalopram.

519 Fit-tieni lok, huma jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma tispjegax kif l-azzjonijiet tagħhom huma rilevanti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE. Skont ir-rikorrenti, l-intenzjoni tal-partijiet ma tistax tagħmel inkompatibbli mad-dritt tal-kompetizzjoni ftehimiet li minn aspetti oħra kienu legali. L-intenzjoni suġġettiva ta' dawn il-partijiet hija anċillari għall-kwistjoni prinċipali ta' jekk restrizzjoni tal-kompetizzjoni tirriżultax mill-għanijiet oġġettivi segwiti minn dawn il-ftehimiet, fid-dawl tal-kuntest tagħhom. Issa, id-deċiżjoni kkontestata tiffoka, b'mod żbaljat, fuq l-aġir unilaterali ta' Lundbeck u tonqos milli tispjega kif l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kkondividew l-allegata intenzjoni ta' Lundbeck jew jekk kinux jafu b'din l-intenzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tuża dan l-aġir sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' qbil ta' rieda bejn Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, intiż sabiex tiġi llimitata l-kompetizzjoni eżerċitata mill-verżjoni ġenerika tas-citalopram.

520 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni naqset milli tosserva l-obbligu ta' diliġenza tagħha li jirrikjedi li din teżamina, b'attenzjoni u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami, billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatti l-oħra kollha li jindikaw li l-azzjonijiet tagħhom kienu intiżi li jimplementaw għanijiet legali, bħalma huma l-applikazzjoni ta' privattiva valida sabiex joġġezzjonaw

għal dħul li jikkostitwixxi vjolazzjoni, l-introduzzjoni ta' prodott innovattiv għall-benefiċċju tal-konsumaturi, l-informazzjoni tal-awtoritajiet tas-saħħa dwar l-eżistenza ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, jew il-kisba ta' kapaċità ta' produzzjoni supplimentari.

521 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata twettaq żball meta tikklassifika wħud mill-azzjonijiet tagħhom bħala illegali, bħalma huma l-iffokar tal-isforzi kummerċjali tagħhom fuq prodott ġdid u iktar effikaċi, is-Cipralex, il-preżentata min-naħa tagħhom ta' diversi applikazzjonijiet għal privattivi li jkopru l-proċessi li jippermettu l-fabbrikazzjoni tas-citalopram, l-interventi tagħhom fil-proċeduri għall-għoti ta' ATS, jew it-tranżazzjonijiet tagħhom mal-produtturi ta' IFA. Ir-rikorrenti jqisu barra minn hekk li d-deċiżjoni kkontestata tinsinwa, b'mod żbaljat, li matul it-tilwima Lagap, huma kienu ammettew li l-prodotti mediċinali ġeneriċi bbażati fuq il-proċess użat minn Matrix ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni, filwaqt li l-ATS ibbażata fuq il-proċess Matrix II, li jinkludi stadju supplimentari ta' ħasil, ma kinitx ingħatat fir-Renju Unit qabel l-4 ta' Ġunju 2003. Barra minn hekk, Lundbeck qatt ma kienet ammettiet li Matrix kienet użat proċess użat fuq skala industrijali li fl-istess ħin kien kummerċjalment vijabbli u ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni.

522 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

523 Għandu jitfakkar, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni kellha kompletament raġun tieħu inkunsiderazzjoni l-intenzjoni tar-rikorrenti fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, peress li l-ġurisprudenza tirrikonoxxi li l-intenzjoni tal-partijiet tista' tikkostitwixxi element rilevanti għall-finijiet tal-istabbiliment tal-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE (punt 345 iktar 'il fuq).

524 It-tieni nett, sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li l-istrateġija tagħhom ma kinitx illegali, sa fejn kienet tikkonsisti, b'mod partikolari, fl-iżvilupp ta' prodott ġdid protett minn privattiva, l-escitalopram, fir-reġistrazzjoni tal-privattivi ta' proċess għas-citalopram, jew fid-difiża ta' dawn il-privattivi ta' proċess permezz ta' interventi fil-proċeduri għall-għoti ta' ATS tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata ma tistabbilixxix li tali azzjonijiet kienu, fihom infushom, illegali. Il-Kummissjoni kienet biss ħadet inkunsiderazzjoni dawn l-elementi, bħala elementi fattwali rilevanti, li jippermettu li jqiegħdu l-ftehimiet kontenzjużi fil-kuntest usa' tagħhom, li juri li r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jikkawżaw dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq sabiex isibu mument propizju għat-tnedija tal-escitalopram (premessi 123 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata), u dan permezz tal-mezzi kollha – legali u illegali – possibbli. Għaldaqstant, fil-parti l-kbira tagħhom dawn l-argumenti huma ineffettivi.

525 Madankollu, sa fejn l-argumenti tar-rikorrenti jistgħu jiġu interpretati wkoll fis-sens li huma intiżi li jikkontestaw l-evalwazzjonijiet fattwali magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, billi jsostnu żnaturament tal-provi f'dan ir-rigward, għandhom isiru l-osservazzjonijiet segwenti.

526 L-ewwel nett, fir-rigward tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fis-sens li l-privattivi ta' proċess tagħhom kienu preżunti validi u li ebda qorti ma kienet ikkonstatat l-assenza ta' vjolazzjoni mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma stabbilixxiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-privattivi ta' proċess tar-rikorrenti ma kinux validi jew li ma kellhom ebda possibbiltà joġġezzjonaw għad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq fil-każ ta' dħul b'riskju minn dawn tal-aħħar, iżda li kienet teżisti inċertezza f'dan ir-rigward, inċertezza li ġiet kunsiderevolment limitata jew eliminata permezz tal-ftehimiet kontenzjużi (punti 337, 364 u 430 iktar 'il fuq).

527 Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet interni ta' Lundbeck dwar il-possibbiltajiet li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni tiġi invalidata ntużaw prinċipalment mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tistabbilixxi li Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (ara l-punt 96 iktar 'il fuq u l-premessa 627 tad-deċiżjoni kkontestata). Irrispettivament mill-kuntest li fih saret din id-dikjarazzjoni, u

irrispettivament mill-identità tal-awtur tagħhom, minnha jirriżulta effettivament, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, li kienet teżisti inċertezza dwar il-kwistjoni ta' jekk il-privattivi ta' Lundbeck kinux ser jippermettu li jitwaqqaf kull dħul mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, u li dawn kellhom possibbiltajiet reali u konkreti f'dan ir-rigward fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi. Ir-rikorrenti barra minn hekk jirrikonoxxu li l-proċeduri ta' nullità fil-livell nazzjonali kienu kkaratteristiċi minn element aleatorju sostanzjali.

528 It-tieni nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma hija bbażata fuq ebda dokument konkret sabiex tiġi stabbilita rabta bejn il-ftehimiet kontenzjużi u t-tnedija tal-escitalopram. Fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, fuq estratt mill-pjan strateġiku ta' Lundbeck għas-sena 1993 (premessa 135), fuq dokument ippreparat għal laqgħa tal-bord tad-diretturi ta' Lundbeck A/S tal-24 ta' April 1998 (premessa 136), fuq dokument ta' Lundbeck tal-24 ta' Settembru 1999 (premessa 138), fuq il-pjan strateġiku ta' attività u l-baġit ta' Lundbeck għas-snin 1999 (premessa 137), 2001 (premessa 139), u 2002 (premessa 140), u fuq noti miktuba fl-okkażjoni ta' laqgħa ta' strateġija ta' Lundbeck fil-bidu tas-sena 2003 (premessa 141). Dan id-dokument tal-aħħar juri, pereżempju, li Lundbeck kellha l-intenzjoni tiġġieled il-prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex toħloq tieqa ta' opportunità sabiex taqleb lejn l-escitalopram. Barra minn hekk, fil-pjan strateġiku ta' attività u l-baġit tagħha għas-sena 2003, Lundbeck ikkonkludiet li d-dħul fis-suq tal-prodotti mediċinali ġeneriċi, inizjalment previst fl-ewwel erba' xhur tas-sena 2002, kien ġie pospost b'mod effikaċi ħafna sa Ottubru 2002 u li kien evidenti li l-assenza ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kien kellha effett pożittiv fuq l-iżvilupp tal-bejgħ tas-Cipralex (escitalopram) fl-2003 (premessa 206 tad-deċiżjoni kkontestata).

529 It-tielet nett, ir-rikorrenti lanqas ma għandhom raġun meta jsostnu żnaturament tal-elementi fil-proċess Lagap fir-Renju Unit, fid-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, mill-provi mressqa mill-Kummissjoni li, mill-bqija, ma humiex ikkontestati mir-rikorrenti, jirriżulta li, għalkemm fil-kuntest ta' dik il-proċedura r-rikorrenti effettivament sostnew li s-citalopram prodott minn Matrix kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, din kienet għal darba oħra l-evalwazzjoni suġġettiva tagħhom peress li din l-allegazzjoni qatt ma ġiet ikkonfermata mill-qorti li quddiemha tressqet il-kawża, u dan għaliex ir-rikorrenti kienu ppreferew isibu soluzzjoni ma' Lagap sabiex jevitaw telfa li, fi kliemhom stess, kienet tkun "umiljanti" u li "kienet ser tintuża kontrihom fi qrati oħra" (premessa 160 tad-deċiżjoni kkontestata). Ir-rikorrenti ma stabbilixxewx kif id-deċiżjoni kkontestata żnaturat il-provi msemmija fiha f'dan ir-rigward.

530 Madankollu, ir-rikorrenti jargumentaw li l-ATS dwar il-fażi ta' ħasil supplimentari (jiġifieri l-proċess Matrix II) ma ngħatatx qabel it-3 ta' Diċembru 2003 fir-Renju Unit, b'tali mod li s-citalopram ġeneriku kkummerċjalizzat qabel dik id-data fir-Renju Unit kien ibbażat fuq il-proċess Matrix I, li fil-fehma tagħhom kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom sa fejn kien ibbażat fuq informazzjoni ffalsifikata. Madankollu, għall-kuntrarju, dan qatt ma ġie stabbilit, peress li mill-premessa 155 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, f'sentenza provviżorja tal-14 ta' Frar 2002, il-qorti tar-Renju Unit adita bit-tilwima kontra Lagap, iddikjarat li "Lundbeck issa kellha tammetti li l-kovinzjoni b'saħħita u kostanti tagħha li kien impossibbli għal Lagap u għall-fornituri tagħha li jużaw proċess li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni kienet infondata", b'tali mod li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu żnaturament tal-provi f'dan ir-rigward.

531 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens li t-tranżazzjonijiet tagħhom mal-produtturi ta' IFA kellhom biss l-għan li tinstab soluzzjoni għall-problemi ta' kapaċità li kienu qegħdin jaffrontaw, għandu jiġi osservat li tali spjegazzjoni ftit tidher li hija verosimili, fid-dawl tal-provi mressqa mill-Kummissjoni fil-premessi 172 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata. B'mod partikolari, huwa diffiċli li jinftiehem għaliex kien indispensabbli jew anki utli għal Lundbeck li takkwista l-impriża Taljana VIS Farmaceutici S.p.A (iktar 'il quddiem "VIS") u li tirtira d-DMF tagħha mill-applikazzjoni għal ATS ta' Tiefenbacher, li kienet pendenti quddiem l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi (premessa 176 tad-deċiżjoni kkontestata), sabiex issolvi tali problemi ta' kapaċità.

532 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata kkonstatat li l-kawżi tagħhom dwar vjolazzjoni ma kinux irnexxew. Għall-kuntrarju, id-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li, inizjalment, ir-rikorrenti setgħu jiksbu ordnijiet f'ċerti qrati jew sekwestri f'ċerti Stati, iżda li, wara li diversi impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bdew jużaw il-proċess Matrix II, dawn ġew jew irrevokati, jew miċħuda jew wasslu għal ftehimiet bonarji. Id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi biss li fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, ebda qorti taż-ŻEE ma kienet ikkonstatat li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni kienet valida u li kienet is-suġġett ta' vjolazzjoni (premessa 185 tad-deċiżjoni kkontestata), punt dan li barra minn hekk ir-rikorrenti ma jikkontestawhx (punt 145 iktar 'il fuq).

533 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

G – Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti mwettaq sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi li l-ftehimiet kontenzjużi kien fihom restrizzjonijiet li jmorru lil hinn minn dawk inerenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-privattivi ta' Lundbeck

534 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn ma teżaminax iċ-ċirkustanzi kollha tal-ftehimiet kontenzjużi u tikkonkludi, b'mod żbaljat, li dawn kienu jinkludu restrizzjonijiet li jmorru lil hinn minn dawk inerenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet li kienu jagħtuhom il-privattivi tagħhom. Skonthom, kull wieħed mill-ftehimiet kontenzjużi kien baqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tagħhom u kien ipprekluda biss il-bejgħ tas-citalopram li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni.

535 Fl-ewwel lok, r-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi, b'mod żbaljat, li l-ftehimiet kontenzjużi pprekludew lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jbigħu s-citalopram, inkluż dak li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni, u li b'hekk marru lil hinn mid-drittijiet li kienu jagħtuhom il-privattivi tagħhom.

536 Huma jsostnu li, li kieku kellhom l-intenzjoni jipprekludu lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi milli jbigħu kwalunkwe tip ta' citalopram, huma kien ikollhom jikkonkludu ftehimiet ma' kull impriża li setgħet potenzjalment tidħol fis-suq, meta, dak iż-żmien, kien hemm iktar minn 300 impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kienu jbigħu prodotti mediċinali ta' kontra d-dipressjoni fiż-ŻEE. Lundbeck ma kellha ebda raġuni plawżibbli sabiex tipprekludi l-bejgħ tal-prodotti mediċinali li ma kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' erba' impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi biss.

537 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li, fir-rigward ta' kull wieħed mill-ftehimiet kontenzjużi, id-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha ta' dawn il-ftehimiet u ma teżaminax l-espressjoni fidila tal-intenzjoni tal-partijiet, li tista' tirriżulta kemm mill-klawżoli ta' kuntratt u kemm mill-aġir tal-impriżi inkwistjoni, sabiex tikkonkludi li kienu jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tagħhom.

538 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

539 Preliminarjament, għandu jiġi osservat, bħalma għamlet il-Kummissjoni, li, anki li kieku l-ftehimiet kontenzjużi ma kinux imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tar-rikorrenti, dawn il-ftehimiet xorta waħda kienu jikkostitwixxu restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE għaliex kienu jikkonsistu f'akkordji intiżi sabiex jinħoloq dewmien fir-rigward tad-dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, bi skambju għal pagamenti bil-kontra sostanzjali (ara t-tieni, it-tielet u r-raba' motivi iktar 'il fuq), li ttrasformaw l-inċertezza dwar tali dħul fiċ-ċertezza li dan id-dħul ma kienx ser iseħħ matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi (punt 364 iktar 'il fuq).

540 Għaldaqstant, dan il-motiv huwa ineffettiv.

541 Madankollu, għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, b'mod sussidjarju, sa fejn il-Kummissjoni tqis li r-rikorrenti ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet li kienu stabbilixxew huma stess, peress li r-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fil-ftehimiet kontenzjużi ma kinux limitati għall-prodotti li potenzjalment jikkostitwixxu vjolazzjoni, u peress li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi inkwistjoni.

1. Il-ftehim GUK għar-Renju Unit

542 Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata twettaq żball sa fejn tqis, l-ewwel nett, li l-obbligu għal Merck (GUK) li ma tintroduċix citalopram ibbażat biss fuq l-IFA ta' Natco kien japplika irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk l-IFA ta' Natco kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni jew le u, it-tieni nett, li l-obbligu ta' xiri esklużiv inkluż f'dan il-ftehim kien jipprekludi lil Merck (GUK) milli tbigħ kwalunkwe verżjoni ġenerika oħra ta' citalopram.

543 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

544 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi, b'mod żbaljat, li l-ftehim GUK għar-Renju Unit kien jostakola l-bejgħ tas-citalopram ta' Natco, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk dan kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni. Huma jsostnu li l-ftehim GUK għar-Renju Unit kien jikkonċerna biss prodott wieħed, jiġifieri s-citalopram ta' Natco, li Lundbeck kienet issuġġettat għal testijiet u li kienet tqis li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħha.

545 Id-deċiżjoni kkontestata tibbaża ruħha b'mod żbaljat fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula f'żewġ ittri elettroniċi interni ta' Merck (GUK), sabiex tikkonkludi li l-privattivi ta' Lundbeck, f'dan il-każ il-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni, la kienu validi u lanqas ma kienu s-suġġett ta' vjolazzjoni, u li ebda waħda mill-applikazzjonijiet għal privattiva ppubblikati ma kienet tippreżenta problema. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni dokumenti oħra ta' Merck (GUK) kontemporanji għall-fatti li juru li din kienet qiegħda tibża' ħafna li l-IFA ta' Natco ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, u lanqas ma tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li, matul il-proċedura amministrattiva, Merck (GUK) ammettiet li ma kinitx ċerta li l-proċess ta' Natco ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' proċess ta' Lundbeck.

546 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jqisu li l-ftehim GUK għar-Renju Unit fl-ebda każ ma seta' jkopri s-citalopram prodott skont proċessi differenti li ma jikkostitwixxux vjolazzjoni, peress li Natco u Merck (GUK) ma kinux f'pożizzjoni li jduru lejn prodott mediċinali ġdid matul it-tul qasir ta' dan il-ftehim.

547 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-punt C tal-preambolu tal-ftehim GUK għar-Renju Unit jirriżulta b'mod espliċitu li Merck (GUK) ma kinitx aċċettat li l-prodott tagħha kien irrikonoxxut bħala li jikkostitwixxi vjolazzjoni, iżda li Merck (GUK) kienet irrikonoxxiet, għall-kuntrarju, li kien jeżisti riskju ta' kawża fil-qasam tal-privattivi, li setgħet tikkawża dewmien u inkonvenjenzi.

548 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat, kif tagħmel il-Kummissjoni fil-premessa 768 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ftehim GUK għar-Renju Unit lanqas biss jidentifika liema privattiva tar-rikorrenti kienet is-suġġett ta' vjolazzjoni.

549 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jerġgħu jipprovaw isostnu li l-prodotti mediċinali ġeneriċi ta' Merck (GUK) kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni, peress li tali dikjarazzjoni hija bbażata biss fuq il-perċezzjoni suġġettiva tagħhom stess (punt 221 iktar 'il fuq). Il-fatt li Merck (GUK) seta' kellha dubji dwar jekk il-prodotti tagħha kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni sempliċement jikkonferma l-istat ta' inċertezza li fih kienu jinsabu r-rikorrenti u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi iżda fl-ebda każ ma jippermetti li jiġi

stabbilit li l-IFA ta' Natco kien jikkostitwixxi vjolazzjoni. Barra minn hekk, il-provi oġġettivi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata juru pjuttost li Merck (GUK) kienet kunfidenti fir-rigward tal-possibbiltajiet tagħha li tirbaħ fil-każ ta' tilwima ma' Lundbeck (punt 125 iktar 'il fuq).

550 Peress li l-argumenti l-oħra tar-rikorrenti diġà ġew miċħuda fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel motiv dwar il-kompetizzjoni potenzjali, għandu jsir riferiment għall-eżami ta' dan il-motiv u għall-punti 207 sa 236 iktar 'il fuq fir-rigward b'mod partikolari tas-sitwazzjoni ta' Merck (GUK).

551 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti fis-sens li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li l-ftehim GUK għar-Renju Unit illimita l-bejgħ tas-citalopram ta' Natco, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk dan kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni, għandu jiġi miċħud.

552 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata twettaq żball meta tikkonkludi li l-klawżola ta' esklużività inkluża fil-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit kienet tipprekludi lil Merck (GUK) milli tidħol fis-suq b'verżjoni ġenerika oħra tas-citalopram, kemm jekk fil-forma ta' prodott lest u kemm jekk fil-forma ta' IFA. Skonthom, il-punt 3.2 kien jobbliga biss lil Merck (GUK) sabiex tixtri l-folji ssiġillati b'28 pillola ta' Cipramil ta' 20 mg esklużivament mingħand Lundbeck, u ma llimitax il-libertà ta' GUK li tixtri jew prodotti mediċinali lesti li jinkludu s-citalopram li ma jkunux ta' Lundbeck, jew is-citalopram fi kwalunkwe forma oħra, pereżempju l-IFA citalopram, mingħand kwalunkwe terz ieħor.

553 Skont ir-rikorrenti, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, tali interpretazzjoni tagħmel sens għaliex, fl-assenza ta' tali klawżola, Merck (GUK) setgħet tixtri s-Cipramil ta' Lundbeck mingħand terzi, bħalma huma l-bejjiegħa bl-ingrossa, u dan kien iġib fix-xejn l-għan ta' Lundbeck li jiżdied il-bejgħ kollu ta' dan il-prodott mediċinali fir-Renju Unit.

554 Barra minn hekk, huma jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tammetti li, "jekk wieħed jinterpreta b'mod litterali l-kliem użat f'dawn l-istipulazzjonijiet, jista' jkun li Merck (GUK) ma kinitx effettivament prekluża, fil-punt 3.2, milli tixri l-IFA citalopram mingħand terzi" (premessa 781). Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi b'mod żbaljat li Merck (GUK) kienet prekluża milli tixtri l-IFA citalopram mingħand terzi sa fejn din ma kellha l-ebda inċentiv tagħmel dan. Fil-fatt, minn naħa, Merck (GUK) kienet libera li tbigħ is-citalopram li ma jkunx ġej mingħand Lundbeck, fil-forma ta' prodott lest, bl-esklużjoni tas-citalopram ta' Natco li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni u, min-naħa l-oħra, li kieku Merck (GUK), bix-xiri tal-IFA citalopram mingħand terzi, kienet tikser il-punt 1.3 tal-ftehim tagħha ma' Schweizerhall, li jipprovdi li Merck (GUK) kienet qiegħda timpenja ruħha li tkopri d-domanda annwali tagħha f'termini ta' IFA citalopram mingħandha (premessa 783), Lundbeck ma kinitx taf b'din id-dispożizzjoni u għalhekk ma setgħetx tkun taf bl-allegata assenza ta' inċentiv għal Merck (GUK) li tixtri l-IFA mingħand terzi. Fi kwalunkwe każ, tali assenza ta' inċentiv ma tirriżultax mill-ftehim GUK għar-Renju Unit, u għalhekk ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar.

555 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti u tfakkar li l-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit jipprovdi li "GUK jaqblilha takkwista esklużivament il-prodotti lesti mingħand [Lundbeck] sabiex jinbiegħu mill-ġdid minn GUK u mill-kumpanniji affiljati tagħha". Din id-dispożizzjoni tfisser, fis-sens ordinarju tagħha, li Merck (GUK) setgħet biss takkwista l-prodotti lesti mingħand Lundbeck, bl-esklużjoni ta' fornituri oħra. Skontha, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-punt D tal-preambolu, li jipprovdi li "l-partijiet barra minn hekk qablu li GUK għandha tkopri l-ħtiġijiet tagħha ta' Prodotti Lesti billi tixtrihom mingħand [Lundbeck]". Matul il-proċedura amministrattiva r-rikorrenti saħansitra ammettew li Merck (GUK) "[kienet] qablet li tkopri l-ħtiġijiet kollha tagħha f'termini ta' citalopram billi tixtrih esklużivament mingħand Lundbeck għal bejgħ mill-ġdid fir-Renju Unit". Issa, dawn l-impenji jmorru b'mod ċar lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck.

556 Il-Kummissjoni tirribatti l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti fis-sens li l-kliem "Prodotti Lesti" jirreferu biss għas-Cipramil ta' Lundbeck. Fil-fatt, dan il-kliem huwa ddefinit fil-punt 1.1 tal-ftehim bħala l-"prodotti li jinkludu s-citalopram fil-forma ta' prodotti lesti sabiex jiġu pprovduti minn [Lundbeck] lil GUK konformement ma' dan il-ftehim". L-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti ġġib fix-xejn is-sens tal-kelma "esklużivament" peress li, manifestament, Merck (GUK) ma setgħetx tixtri s-Cipramil ta' Lundbeck ħlief mingħand Lundbeck. Għalhekk, il-kelma "esklużivament" tfisser li Merck (GUK) kellha tkopri l-ħtiġijiet tagħha kollha f'termini ta' citalopram fil-forma ta' prodott lest billi tixtrih mingħand Lundbeck. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-intenzjoni tal-partijiet, li kienet li tiġi evitata preżenza indipendenti ta' impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq.

557 Fir-rigward tax-xiri tal-IFA ta' citalopram mingħand terzi, id-deċiżjoni kkontestata ammettiet li interpretazzjoni litterali tal-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit ma kinitx tipprekludi mingħajr dubju x-xiri tal-IFA mingħand terzi. Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet li, peress li l-ftehim ta' provvista konklużbejn Merck (GUK) u Schweizerhall f'Mejju 2011, li l-kundizzjonijiet tiegħu kienu jsaħħu dawk tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, Merck (GUK) ma kienx għad għandha inċentiv sabiex tixtri l-IFA citalopram mingħand terzi. Fil-fatt, anki li kieku Merck (GUK) kellha tixtri l-IFA li ma jkunx ġej minn Natco sabiex tipproduċi u tbigħ hija stess prodott lest, hija kienet tkun qiegħda tassumi r-riskju li tikser l-obbligu tagħha taħt il-ftehim GUK għar-Renju Unit li "tkopri l-ħtiġijiet tagħha" f'termini ta' citalopram fil-forma ta' prodotti lesti esklużivament mingħand Lundbeck.

558 F'dan ir-rigward, għandu jitqies, kif jagħmlu r-rikorrenti, li l-interpretazzjoni tal-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li Merck (GUK) kienet impenjat ruħha li tixtri esklużivament is-citalopram fil-forma ta' prodotti lesti ġejjin mingħand Lundbeck sabiex tikkummerċjalizzahom fir-Renju Unit, bl-esklużjoni ta' kull citalopram ieħor, ma tistax tiġi kkonfermata.

559 Fil-fatt, mid-definizzjoni ta' "Prodotti Lesti" fil-punt 1.1 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit jirriżulta b'mod ċar (punt 26 iktar 'il fuq) li dawn jirreferu għall-prodotti lesti ġejjin mingħand Lundbeck, jiġifieri s-Cipramil. Permezz ta' din il-klawżola, Merck (GUK) għaldaqstant impenjat ruħha li tixtri l-pilloli ta' Cipramil ta' Lundbeck, sabiex tbigħhom mill-ġdid fir-Renju Unit, permezz ta' ftehim ta' distribuzzjoni. Il-kelma "esklużivament" użata f'din id-dispożizzjoni ma tfissirx, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, li Merck (GUK) kienet impenjat ruħha li tixtri u li tbigħ esklużivament is-citalopram fil-forma ta' prodotti lesti ġejjin mingħand Lundbeck, bl-esklużjoni ta' kull forma oħra ta' citalopram, iżda li kienet impenjat ruħha li tixtri s-Cipramil, għal bejgħ mill-ġdid fir-Renju Unit, mingħand Lundbeck biss, bl-esklużjoni ta' fornituri oħra. Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni fil-premessa 779 tad-deċiżjoni kkontestata, tali interpretazzjoni ma hijiex assurda għaliex il-kelma "esklużivament" li tinsab fil-punt 3.2 seta' għalhekk ikollha l-għan li tevita li Merck (GUK) tkun tista' takkwista Cipramil mingħand il-bejjiegħa bl-ingrossa jew minn fornituri oħra differenti minn Lundbeck, konformement mal-għan tagħha li żżid il-volum tal-bejgħ tas-Cipramil.

560 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex raġun meta tibbaża ruħha fuq il-punt D tal-preambolu tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, li l-formulazzjoni tiegħu hija essenzjalment identika għall-punt 3.2 tal-ftehim, sabiex issostni l-interpretazzjoni tagħha, peress li f'dan il-punt isir riferiment ukoll għall-"Prodotti Lesti" b'ittra kapitali, li huma ddefiniti b'mod ċar fil-punt 1.1 tal-istess ftehim.

561 Barra minn hekk, kif il-Kummissjoni stess tammetti fil-premessa 781 tad-deċiżjoni kkontestata, interpretazzjoni testwali tal-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit twassal għall-konklużjoni li din id-dispożizzjoni ma kinitx tipprekludi lil Merck (GUK) milli takkwista provvisti ta' citalopram fil-forma ta' IFA mingħand terzi.

562 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li l-punt 2.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit jipprevedi biss li Merck (GUK) kienet qiegħda timpenja ruħha li tikkunsinna lil Lundbeck il-"Prodotti" kollha tagħha, li huma ddefiniti fil-punt 1.1 tal-ftehim bħala l-"prodotti ta' citalopram [...] fil-forma ta' materja prima, mingħajr forma jew fil-forma ta' pilloli kif speċifikati fl-Anness u mmanifatturati inkonformità mal-ispeċifikazzjoni ta' prodotti kif ipprovduti minn GUK fid-data tal-firma [tal-ftehim], mehmuża fl-Anness 2". Issa, dan l-anness effettivament jirreferi għall-IFA ta' Natco. Dan jimplika li, skont din id-dispożizzjoni, Merck (GUK) kienet obbligata biss li tikkunsinna l-istokk ta' citalopram eżistenti tagħha, li kien diġà kkostitwit fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim, u mhux kull tip ieħor ta' citalopram ġeneriku, ġej minn produtturi differenti minn Natco, li Merck (GUK) setgħet tkun akkwistat sussegwentement. Il-Kummissjoni barra minn hekk tirrikonoxxi, fil-premessa 763 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari, li dan l-obbligu kien jikkonċerna biss l-IFA ta' Natco.

563 Madankollu, fil-premessa 783 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li, li kieku Merck (GUK) kienet akkwistat provvisti ta' citalopram fil-forma ta' IFA mingħand terzi, hija kienet tkun qiegħda tikser il-punt 1.3 tal-kuntratt ta' provvista tagħha konklużż ma' Schweizerhall, li kien jipprovdi li Merck (GUK) kellha tkopri 100 % mill-ħtiġijiet annwali tagħha f'termini ta' citalopram ġeneriku mingħand din tal-aħħar (punt 210 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset, fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1435 tad-deċiżjoni kkontestata, li, anki jekk skont il-ftehim GUK għar-Renju Unit kien formalment possibbli għal Merck (GUK) li tidħol fis-suq b'citalopram ġeneriku ġej minn sorsi oħra għajr Natco, dan ma kienx possibbli minħabba l-ftehim Schweizerhall. Issa, skont il-Kummissjoni, dawn iż-żewġ ftehimiet kienu jsaħħu reċiprokament lil xulxin, b'tali mod li kellhom jinqraw flimkien.

564 Madankollu, għandu jiġi osservat, kif jagħmlu r-rikorrenti, li, anki jekk jitqies li kienu jafu bl-obbligu ta' Merck (GUK) li takkwista l-provvisti tagħha ta' citalopram ġeneriku esklużivament mingħand Natco, skont il-kuntratt ta' provvista konklużż ma' Schweizerhall, tali obbligu ma jirriżultax mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim GUK għar-Renju Unit iżda mill-ftehim Schweizerhall.

565 Issa, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq id-dispożizzjonijiet ta' ftehim ieħor li ma jikkonċernax l-istess partijiet sabiex tiddetermina l-kontenut tal-klawżoli tal-ftehim GUK għar-Renju Unit u, b'mod partikolari, sabiex tistabbilixxi jekk dawn il-klawżoli kinux jinkludu restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck jew le. Fil-fatt, tali interpretazzjoni tippermetti li jitqies li kwalunkwe tip ta' ftehim konklużż minn Merck (GUK) li jinkludi restrizzjonijiet dwar l-IFA ta' Natco, li kien madankollu identifikat bħala li potenzjalment jikkostitwixxi vjolazzjoni mill-partijiet fil-ftehim GUK għar-Renju Unit, kien imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, minħabba l-obbligu ta' provvista esklużiva li jirriżulta mill-ftehim Schweizerhall, li kien konklużż preċedentement minn partijiet differenti.

566 Għaldaqstant, anki jekk Lundbeck setgħet kienet taf bl-eżistenza tal-ftehim Schweizerhall, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq tali fatt sabiex tikkonkludi li l-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit kien intiż, fih innifsu, li jipprekludi lil Merck (GUK) milli tidħol fis-suq bi kwalunkwe tip ieħor ta' citalopram, irrispettivament minn jekk ikunx ġej jew le mingħand Natco, u irrispettivament minn jekk il-partijiet iqisuhx bħala li potenzjalment jikkostitwixxi vjolazzjoni jew le.

567 Huwa minnu li, kif issostni l-Kummissjoni, il-ftehimiet kontenzjużi għandhom jiġu interpretati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħhom, iżda wkoll il-kontenut tagħhom u l-għanijiet segwiti minnhom. Tali metodu ta' interpretazzjoni madankollu ma jistax iwassal lill-Kummissjoni sabiex tinjora l-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ftehim meta din il-formulazzjoni tkun suffiċjentement ċara.

568 Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni stess sostniet, fil-premessa 635 u fin-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1562 tad-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll bi tweġiba għal mistoqsija mill-Qorti Ġenerali, li l-ftehim Schweizerhall seta' jiġi xolt fil-każ ta' vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck (ara l-punt 224 iktar 'il fuq). Issa, huwa diffiċli li tali interpretazzjoni tal-ftehim Schweizerhall tiġi kkonċiljata mal-interpretazzjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit proposta

mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li r-restrizzjonijiet kienu jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck minħabba l-obbligu għal Merck (GUK), li jirriżulta mill-ftehim Scwheizerhall, li takkwista l-provvisti tagħha ta' citalopram ġeneriku esklużivament mingħand din tal-aħħar. Fil-fatt, il-fatt li Merck (GUK) seta' ma kellhiex l-intenzjoni li tixtri s-citalopram li ma kienx prodott minn Natco ma jfissirx li l-ftehim GUK għar-Renju Unit kien jinkludi tali restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck.

569 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni, li fuqha jaqa' l-oneru tal-prova f'dan ir-rigward (punti 105 sa 112 iktar 'il fuq), ma stabbilixxietx b'mod suffiċjenti fid-dritt, fid-deċiżjoni kkontestata, li r-restrizzjonijiet inklużi fil-ftehim GUK għar-Renju Unit kienu jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, jiġifieri li tali restrizzjonijiet ma kinux ikunu jistgħu jinkisbu minn Lundbeck quddiem qorti kompetenti fil-qasam tal-privattivi li kieku l-prodotti mediċinali ġeneriċi bbażati fuq l-IFA ta' Natco, li Merck (GUK) kellha l-intenzjoni tikkummerċjalizza, kienu tqiesu li jikkostitwixxu vjolazzjoni u li kieku dawn il-privattivi kienu rreżistew għal eventwali talbiet inċidentali intiżi sabiex jikkontestaw il-validità tagħhom.

570 Madankollu, tali konstatazzjoni ma jistax ikollha konsegwenzi fil-kuntest tal-eżami tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn l-ilment imressaq mir-rikorrenti huwa ineffettiv, għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem.

571 L-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jikkontestawx li, skont il-punt 1.1 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, Merck (GUK) impenjat ruħha li ma tidħolx fis-suq bil-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha bbażati fuq l-IFA ta' Natco u li, skont il-punti 2.2 u 2.3 tal-istess ftehim, Merck (GUK) impenjat ruħha li tikkunsinna lir-rikorrenti l-istokk kollu ta' citalopram li kienet bniet (premessi 771 u 772 tad-deċiżjoni kkontestata), u lanqas ma jikkontestaw il-fatt li ħallsu somma ta' GBP 3 miljun lil Merck (GUK) bi skambju għal dan l-impenn (punt 26 iktar 'il fuq). Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li, skont il-punt 2.7 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, Merck (GUK) impenjat ruħha li ma tagħtix jew li ma tbigħx taħt liċenzja kopja tal-ATS tagħha li kienu diġà nkisbu fir-Renju Unit, matul it-tul ta' dan il-ftehim.

572 Issa, kif issostni l-Kummissjoni, tali impenji huma, fi kwalunkwe każ, antikompetittivi minħabba l-għan tagħhom stess, irrispettivament minn jekk imorrux jew le lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck jew le, sa fejn dawn l-impenji mhux biss ma pprovdew soluzzjoni għal ebda tilwima fil-qasam tal-privattivi bejn il-partijiet fil-ftehim GUK għar-Renju Unit, iżda nkisbu bħala korrispettiv għal pagamenti bil-kontra sostanzjali u sa fejn kellhom bħala għan li jipprekludu lil Merck (GUK) – u lil kull impriża li xtaqet tuża l-ATS tagħha – milli tidħol fis-suq matul it-tul kollu tal-ftehim bil-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha, ibbażati fuq l-IFA ta' Natco, li fuqhom kienet ibbażat, sa dak iż-żmien, l-istrateġija kollha tagħha sabiex tidħol fis-suq.

573 Kif il-Kummissjoni enfasizzat fil-premessi 641 u 820 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari, dak li huwa importanti, f'dan ir-rigward, huwa li l-ftehim GUK għar-Renju Unit ittrasforma l-inċertezza fir-rigward tal-eżitu ta' eventwali kawżi dwar vjolazzjoni fiċ-ċertezza li Merck (GUK) ma kinitx ser tidħol bil-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha fis-suq matul it-tul kollu ta' dan il-ftehim, minkejja li l-limitazzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali ta' Merck (GUK) ma kinux jirriżultaw esklużivament minn analiżi, mill-partijiet fil-ftehim, tal-privattivi ta' Lundbeck, iżda pjuttost min-natura sostanzjali tal-pagament bil-kontra li, f'tali każ, għelbet din l-evalwazzjoni u inċentivat lill-impriża ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex ma tkomplix bl-isforzi tagħha sabiex tidħol fis-suq.

574 It-tieni nett, għandu jiġi osservat, b'mod sovrabbundanti, li l-Kummissjoni kkonstatat ġustament, fil-premessa 784 tad-deċiżjoni kkontestata b'mod partikolari, li Merck (GUK) ma kien għad għandha l-ebda inċentiv, minħabba d-dispożizzjonijiet tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, meħuda fil-kuntest tagħhom, sabiex takkwista s-citalopram fil-forma ta' IFA mingħand terzi, jew sabiex tbigħ is-citalopram fil-forma ta' prodotti lesti differenti minn dak ta' Lundbeck, minkejja li skont dan il-ftehim hija kienet, bħala prinċipju, libera li tagħmel dan.

575 Fil-fatt, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li Merck (GUK) impenjat ruħha, skont il-punt 3.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, sabiex tbigħ is-Cipramil ta' Lundbeck fir-Renju Unit matul it-tul tal-ftehim u li, skont il-punt 6.2 ta' dan il-ftehim, il-pagament ta' ammont ta' GBP 5 miljun, ikklassifikat bħala "profitti netti", kien suġġett għall-kundizzjoni li jinbiegħ ċertu volum ta' dawn il-prodotti mediċinali fir-Renju Unit matul it-tul tal-ftehim. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li din is-somma kellha titħallas f'diversi partijiet, li kien jippermetti lil Lundbeck tiżgura ruħha mill-eżekuzzjoni korretta tal-ftehim.

576 Għaldaqstant, minkejja li Merck (GUK) setgħet, teoretikament, takkwista s-citalopram ġeneriku fil-forma ta' IFA mingħand terz u tbigħ tipi oħra ta' prodotti lesti li ma jkunux dawk ta' Lundbeck, hija ma kellha l-ebda interess li tagħmel dan peress li setgħet, mingħajr ma tieħu l-iċken riskju, takkwista s-somma ta' GBP 5 miljun bħala profitti ggarantiti għall-bejgħ tas-Cipramil skont il-punt 6.2 tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, filwaqt li kwalunkwe tentattiv sabiex tidħol fis-suq bi prodotti mediċinali ġeneriċi oħra seta' jesponiha għal kawżi dwar vjolazzjoni jew għad-danni min-naħa ta' Lundbeck. Barra minn hekk, kif sostniet il-Kummissjoni fil-premessa 784 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa diffiċli li jiġi pperċepit l-interess li kien ikollhom terzi sabiex jixtru s-citalopram ġeneriku fil-forma ta' IFA b'Merck (GUK) bħala intermedjarju, sabiex ibigħuh mill-ġdid fil-forma ta' prodotti lesti fir-Renju Unit, jekk setgħu jakkwistawh mingħand il-produttur ta' IFA jew mingħand il-fornitur privileġġat tiegħu direttament.

577 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti fis-sens li l-Kummissjoni wettqet żball meta kkonkludiet li l-ftehim GUK għar-Renju Unit kien illimita l-bejgħ ta' citalopram differenti minn dak prodott fuq il-bażi tal-IFA ta' Natco, għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

2. Il-ftehim GUK għaż-ŻEE

578 Fir-rigward tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet b'mod żbaljat li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-ftehim kien jinkludi s-citalopram li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni u li kien intiż sabiex jelimina lil Natco bħala fornitur ta' IFA.

579 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet b'mod żbaljat li l-ftehim GUK għaż-ŻEE kien japplika għal kull tip ta' citalopram. Id-deċiżjoni kkontestata twettaq, b'mod żbaljat, interpretazzjoni litterali tal-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, li jipprovdi li GUK "ser tieqaf milli tbigħ u tipprovdi prodotti farmaċewtiċi li jkun fihom is-Citalopram", filwaqt li, fid-dritt Daniż, li huwa d-dritt applikabbli għal dan il-ftehim, l-interpretazzjoni tal-ftehimiet għandha tkun ibbażata fuq l-intenzjoni komuni tal-partijiet. Issa, l-intenzjoni tal-partijiet, ikkorroborata mill-punti D, F u G tal-preambolu tal-ftehim, kienet li dan tal-aħħar kellu japplika biss għas-citalopram ibbażat fuq l-IFA ta' Natco. Barra minn hekk, dan il-ftehim għandu jiġi interpretat inkonnessjoni mal-ftehim GUK għar-Renju Unit u b'mod konformi miegħu, peress li dawn iż-żewġ ftehimiet jikkostitwixxu, f'għajnejn il-Kummissjoni, ksur uniku u kontinwu.

580 L-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE lanqas ma tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li Merck dura, sussidjarja Ġermaniża ta' Merck, kompliet tbigħ is-citalopram ta' Tiefenbacher fil-Ġermanja b'effett mill-15 ta' April 2002 u matul il-perijodu kollu kopert mill-ftehim GUK għaż-ŻEE, u li Lundbeck fetħet kawża dwar vjolazzjoni kontra Merck dura minflok ma implementat l-imsemmi ftehim. Issa, skont il-punt 1.1 ta' dan il-ftehim, li jipprevedi projbizzjoni għal Merck (GUK) li tbigħ u li tipprovdi prodotti li jinkludu s-citalopram, Merck dura kienet "parti affiljata" ta' Merck (GUK) fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li jimplika li l-espressjoni "prodotti li jkun fihom is-citalopram" setgħet tirreferi biss għas-citalopram ta' Natco u mhux għal kull tip ta' citalopram.

581 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jikkritikaw il-konklużjoni magħmula mill-Kummissjoni fil-premessa 845 tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens li mis-sempliċi fatt li Merck (GUK) kellha kuntratt li bis-saħħa tiegħu kellha tkopri l-ħtiġijiet kollha tagħha permezz ta' provvisti mingħand Natco sal-2008 ma

jirriżultax loġikament li l-impenn tagħha li tastjeni milli tbigħ is-citalopram matul it-tul tal-ftehim GUK għaż-ŻEE kellu jkun limitat ukoll għas-citalopram ta' Natco. Tali konklużjoni tikkontradixxi b'mod ċar ir-raġunament tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-ftehim GUK għar-Renju Unit, fis-sens li l-impenn kuntrattwali ta' Merck (GUK) li tkopri l-ħtiġijiet kollha tagħha permezz ta' provvisti mingħand Natco juri li Merck (GUK) ma kellhiex inċentiv sabiex tbigħ IFA jew prodotti lesti lil terzi fuq din il-bażi.

582 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet b'mod żbaljat li l-ftehim konkluż ma' Merck (GUK) fir-rigward taż-ŻEE kien intiż sabiex Natco tiġi eliminata bħala fornitur ta' IFA.

583 Huma jikkontestaw il-fatt li l-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, li jipprovdi li Merck (GUK) "għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex tiżgura li Natco ma tibqax tipprovdi s-Citalopram u prodotti mediċinali li fihom is-Citalopram fit-Territorju", kien maħsub sabiex Natco tiġi eliminata bħala fornitur ta' IFA. Din id-dispożizzjoni kienet maħsuba biss sabiex tiggarantixxi li Merck (GUK) ma setgħetx iddur mal-imsemmi ftehim u tbigħ citalopram li jikkostitwixxi vjolazzjoni bbażat fuq l-IFA ta' Natco billi tuża, pereżempju, kumpannija distinta. Din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq il-fatt li Lundbeck kienet tal-fehma – b'mod żbaljat – minn tal-inqas sa Ġunju 2002, li Merck (GUK) kienet id-distributur esklużiv ta' Natco. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tammetti, fir-rigward tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, li r-restrizzjonijiet fir-rigward tal-IFA ta' Natco ma kinux imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, l-istess konklużjoni għandha tapplika għar-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fil-ftehim GUK għaż-ŻEE.

584 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

585 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-formulazzjoni tal-ewwel sentenza tal-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE tipprovdi li Merck (GUK) "timpenja ruħha li twaqqaf il-bejgħ u l-provvista ta' prodotti farmaċewtiċi li jkun fihom is-citalopram fit-territorju taż-ŻEE (inkluż, mingħajr limitazzjoni, li twaqqaf il-bejgħ u l-provvista lil NM Pharma AB) matul it-tul tal-ftehim", mingħajr ebda preċiżjoni oħra.

586 Huwa minnu li l-punti D u E tal-preambolu ta' dan il-ftehim jagħmlu riferiment għall-fatt li Merck (GUK) kienet id-distributur ta' prodotti li kien fihom is-citalopram iffabbrikat jew ikkunsinnat minn Natco, u għall-fatt li l-bejgħ u l-provvista minn Merck (GUK) ta' prodotti li kien fihom is-citalopram fir-Renju Unit kienu twettqu mingħajr liċenzja min-naħa ta' Lundbeck.

587 Madankollu, dan ma jippermettix li tiġi kkonfermata l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti fis-sens li l-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE kien ikopri biss is-citalopram ta' Natco.

588 Fil-fatt, li kieku l-partijiet fil-ftehim GUK għaż-ŻEE xtaqu jirreferu biss għas-citalopram ta' Natco, huma kienu jagħmlu riferiment espliċitu, fil-punt 1.1 tal-ftehim, għal dan is-citalopram, kif għamlu fil-preambolu tal-ftehim, u mhux għall-"prodotti farmaċewtiċi li jkun fihom is-citalopram", b'mod ġenerali, kif issostni ġustament il-Kummissjoni. Huma setgħu wkoll jiddefinixxu l-kelma "citalopram" b'mod li jispeċifikaw li din il-kelma kienet tkopri biss ċerti tipi ta' citalopram, prodotti skont ċerti metodi, bħal fil-kuntest tal-ftehim GUK għar-Renju Unit (ara l-punt 563 iktar 'il fuq).

589 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti ftit hija plawżibbli meta tiġi kkonfrontata mal-formulazzjoni tal-punt 1.3 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE li jipprevedi li Lundbeck timpenja ruħha li ma tressaq l-ebda kawża dwar vjolazzjoni fil-konfront ta' Merck (GUK) sakemm din tal-aħħar tosserva l-punt 1.1 tal-ftehim. Jekk tiġi aċċettata l-interpretazzjoni tar-rikorrenti, dan ikun ifisser fil-fatt li Lundbeck kienet qiegħda timpenja ruħha li ma tressaq l-ebda kawża dwar vjolazzjoni kontra Merck (GUK) sakemm din tal-aħħar tastjeni milli tbigħ jew tipprovdi s-citalopram ta' Natco fi ħdan iż-ŻEE, u anki fil-każ li tbigħ verżjoni oħra tas-citalopram li jkun ġej minn produttur ieħor. Dan huwa diffiċli li jiġi kkonċiljat mal-kuntest li fih ġew konklużi l-ftehimiet kontenzjużi, li juri b'mod partikolari l-fatt li Lundbeck kellha l-intenzjoni ċara li tipprekludi kwalunkwe dħul fis-suq ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

590 Madankollu, ir-rikorrenti jsostnu li Merck dura, sussidjarja Ġermaniża ta' Merck (GUK), setgħet tidħol fis-suq tas-citalopram fil-Ġermanja, meta din kienet parti affiljata fis-sens tal-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, punt dan li jimplika li l-espressjoni "prodotti li jkun fihom is-citalopram", użata fl-imsemmi punt, setgħet tirreferi biss għas-citalopram ta' Natco, u mhux għal kull tip ta' citalopram.

591 Madankollu, għandu jiġi osservat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-punt 1.1 tal-ftehim għaż-ŻEE japplika biss għal Merck (GUK), l-istess bħall-bqija tal-ftehim, bis-saħħa tal-effett relattiv ta' dan il-kuntratt, b'tali mod li l-obbligu għal Merck (GUK) li ma tbigħx is-citalopram ġeneriku lill-kumpanniji affiljati tagħha ma jfissirx li dawn il-kumpanniji affiljati, bħalma hija Merck dura, ma setgħux jakkwistaw mingħand kumpannija oħra u jbigħu huma stess is-citalopram ġeneriku, kif għamlet Merck dura f'dan il-każ billi akkwistat provvisti mingħand Tiefenbacher. Għalhekk, la mill-fatt li Merck dura daħlet fis-suq Ġermaniż matul it-tul tal-ftehim għaż-ŻEE, u lanqas mill-fatt li r-rikorrenti kienu ressqu kawżi dwar vjolazzjoni kontriha, ma jista' jiġi dedott li l-kliem "prodotti li jkun fihom is-citalopram", użati fil-punt 1.1 ta' dan il-ftehim, ma kinux ikopru kull tip ta' citalopram, iżda biss is-citalopram ta' Natco.

592 Għaldaqstant, billi jipprevedi obbligu għal Merck (GUK) li tastjeni milli tbigħ jew tipprovdi prodotti li jkun fihom is-citalopram lill-affiljati tagħha jew lil kull parti terza oħra (inkluża NM Pharma li kienet bdiet tbigħ is-citalopram fl-Isvezja) matul it-tul kollu tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, il-punt 1.1 ta' dan il-ftehim kien jinkludi restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, peress li tali obbligu ma kienx limitat għas-citalopram meqjus bħala li potenzjalment jikkostitwixxi vjolazzjoni mill-partijiet f'dan il-ftehim.

593 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE ma kienx jipprevedi biss obbligu għal Merck (GUK) li tastjeni milli tbigħ jew tipprovdi prodotti li jkun fihom is-citalopram matul it-tul kollu tal-ftehim, iżda wkoll li Merck (GUK) kellha tagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex tiżgura li Natco twaqqaf il-provvisti tas-citalopram u tal-prodotti li jkun fihom is-citalopram fit-territorju taż-ŻEE matul it-tul tal-ftehim.

594 Issa, ma hemm xejn li jindika li tali obbligu kien biss impenn ftit importanti jekk mhux ukoll ineżistenti jew li kien ibbażat fuq il-konvinzjoni żbaljata tar-rikorrenti li Merck (GUK) kienet id-distributur esklużiv ta' Natco. Fil-fatt, kif issostni l-Kummissjoni, din il-klawżola tqieset li hija suffiċjentement importanti mill-partijiet fil-ftehim sabiex tikkundizzjona l-pagament ta' somma ta' EUR 12-il miljun. Barra minn hekk, il-punt 1.2 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE kien jipprevedi espliċitament li Lundbeck ma hijiex ser tkun obbligata twettaq il-pagamenti li jkunux għadhom ma humiex dovuti fil-każ li Natco tipprovdi s-citalopram jew il-prodotti li jkun fihom is-citalopram fit-territorju taż-ŻEE matul it-tul tal-ftehim.

595 Għaldaqstant, anki jekk Merck (GUK) ma kellhiex il-kapaċità twaqqaf lil Natco milli tipprovdi s-citalopram fit-territorju taż-ŻEE, kif isostnu r-rikorrenti, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-punt 1.1 tal-ftehim GUK għaż-ŻEE kien jagħti inċentiv sostanzjali lil Merck (GUK) sabiex twettaq il-passi kollha neċessarji u l-"isforzi raġonevoli kollha tagħha" f'dan is-sens, għaliex inkella kienet ser titlef parti sostanzjali mill-pagamenti mwiegħda minn Lundbeck bis-saħħa ta' dan il-kuntratt.

596 Dan juri, kif ikkonstatat ġustament il-Kummissjoni fil-premessa 848 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-għan oġġettiv tal-ftehim GUK għaż-ŻEE ma kienx biss li Merck (GUK) tiġi eliminata mis-swieq taż-ŻEE, bħala bejjiegħ ta' prodotti mediċinali ġeneriċi bbażati fuq is-citalopram ta' Natco, iżda wkoll li Natco tiġi eliminata bħala produttur ta' citalopram ġeneriku f'dan it-territorju.

597 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li mill-kontenut tal-ftehim GUK għaż-ŻEE, moqri fil-kuntest tiegħu, jirriżulta b'mod suffiċjenti li Merck (GUK), bis-saħħa tal-klawżoli ta' dan il-ftehim, abbandunat kull possibbiltà li tbigħ il-verżjoni ġenerika tagħha tas-citalopram, irrispettivament minn jekk kienx ġej minn Natco jew le, u irrispettivament minn jekk dan kienx potenzjalment jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' privattiva ta' Lundbeck jew le.

598 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta qieset, fil-premessa 846 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ftehim GUK għaż-ŻEE u b'mod partikolari, il-punt 1.1 ta' dan il-ftehim, kellu jiġi interpretat bħala li obbliga lil Merck (GUK) twaqqaf il-bejgħ u l-provvista ta' kull tip ta' citalopram matul it-tul tal-ftehim, fit-territorju kollu taż-ŻEE, li kien imur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck.

599 Fi kwalunkwe każ, irrispettivament mill-interpretazzjoni mogħtija lil dan il-ftehim, u irrispettivament minn jekk ir-restrizzjonijiet imposti fuq Merck (GUK) jirriżultawx jew le mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, dawn ir-restrizzjonijiet huma minkejja kollox antikompetittivi minħabba l-għan, sa fejn ma kienx stabbilit li s-citalopram prodott minn Natco kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' xi waħda minn dawn il-privattivi, sa fejn Merck (GUK) kienet espliċitament ikkontestat li l-prodotti mediċinali ġeneriċi tagħha kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni (ara l-punt G tal-preambolu tal-ftehim GUK għaż-ŻEE) u sa fejn ir-restrizzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali tagħha kienu inċentivati minn pagamenti bil-kontra sostanzjali, li kienu jikkostitwixxi l-korrispettiv għal dawn il-limitazzjonijiet (ara l-punti 573 u 574 iktar 'il fuq).

600 Barra minn hekk, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-premessa 847 tad-deċiżjoni kkontestata, il-ftehimiet kontenzjużi ma kienu jinkludu ebda korrispettiv għar-restrizzjonijiet inkwistjoni minbarra l-pagamenti bil-kontra mwiegħda minn Lundbeck, bħalma hija l-possibbiltà għal Merck (GUK) li tidħol immedjatament fis-suq mal-iskadenza ta' dawn il-ftehimiet mingħajr ma jkollha għalfejn tistenna kawżi dwar vjolazzjoni min-naħa ta' Lundbeck, għajr il-pagamenti bil-kontra mwiegħda minnha, b'tali mod li dawn il-ftehimiet ma kinux intiżi li tinstab soluzzjoni għal tilwima fil-qasam tal-privattivi.

601 Għaldaqstant, l-ilment tar-rikorrenti fis-sens li l-ftehim GUK għaż-ŻEE ma kien jinkludi ebda restrizzjoni li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv u, fi kwalunkwe każ, infondat.

3. Il-ftehim Arrow UK

602 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta interpretat il-ftehim Arrow UK fis-sens li dan kien jipprekludi lil Arrow milli tbigħ kull forma ta' citalopram ġeneriku matul it-tul ta' dan il-ftehim, li kien jikkonċerna biss is-citalopram li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom. Dan huwa kkonfermat mill-kliem ta' dan il-ftehim u miċ-ċirkustanzi tal-konklużjoni tiegħu, fosthom, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' kawżi fil-qasam tal-privattivi ma' Arrow u t-tilwima Lagap.

603 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

604 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li l-espressjoni "l-imsemmi citalopram", iddefinita fir-raba' premessa tal-preambolu Arrow UK u użata fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK (ara t-tieni u s-sitt inċiżi tal-punt 35 iktar 'il fuq), tirreferi għal kull tip ta' citalopram li Arrow setgħet tixtri mingħand Tiefenbacher. Skont ir-rikorrenti, din l-espressjoni tikkonċerna biss is-citalopram li Arrow kienet diġà xtrat jew ordnat mingħand din tal-aħħar u li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom.

605 L-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti għall-imsemmija espressjoni, minn naħa, hija kkonfermata mill-fatt, iddikjarat fis-sitt premessa tal-preambolu Arrow UK (ara t-tielet inċiż tal-punt 35 iktar 'il fuq), li l-"imsemmi Citalopram" kien ġie suġġett għal testijiet fil-laboratorju u, min-naħa l-oħra, ma hijiex imdaħħla inkwistjoni mir-riferiment, li jinsab fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK, għal projbizzjoni li jiġi importat b'mod partikolari "l-imsemmi citalopram" wara t-tieni data ta' kunsinna ddefinita fil-punt 3.4 tal-ftehim Arrow UK (ara l-aħħar inċiż tal-punt 35 iktar 'il fuq) (iktar 'il quddiem it-"tieni data ta' kunsinna"). Fil-fatt, dan ir-riferiment japplika biss għall-espressjoni "kull citalopram ieħor" użata fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK. Fi kwalunkwe każ, anki wara t-tieni data ta' kunsinna, Arrow kellha pilloli ta' citalopram ordnati mingħand Tiefenbacher, li ma kinux ġew ikkunsinnati lir-rikorrenti.

606 Għandu jitfakkar li l-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK huwa fformulat kif ġej:

"Arrow [UK], f'isimha stess u f'isem l-entitajiet kollha assoċjati u relatati, timpenja ruħha li, matul it-[tul tal-ftehim Arrow UK] u fit-territorju tar-Renju Unit, ma tiffabbrikax, ma tittrasferixxix, ma tipproponix li tittrasferixxi, ma tużax jew, wara t-tieni data ta' kunsinna, ma timportax jew ma żżommx għal finijiet ta' trasferiment jew għal finijiet oħra, (1) [']l-imsemmi Citalporam[’] jew (2) kwalunkwe citalopram ieħor li, skont Lundbeck, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà [intellettwali] tagħha, u, sabiex tippermetti lil Lundbeck tiddetermina jekk teżistix vjolazzjoni jew le, li tipprovdilha matul it-[tul tal-ftehim Arrow UK] kampjuni biżżejjed għal finijiet ta' analiżi, minn tal-inqas xahar qabel kwalunkwe importazzjoni, importazzjoni, bejgħ jew offerta għal bejgħ li Arrow [UK] tkun qiegħda thedded li twettaq fl-istennija ta' deċiżjoni finali li ma tkunx tista' tkun is-suġġett ta' rikors [fil-kuntest tal-kawża dwar vjolazzjoni Arrow] [...]"

607 Sabiex tiġi interpretata t-tifsira tal-espressjoni "l-imsemmi citalopram", li tinsab fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK, għandu jitfakkar li:

— din l-espressjoni hija konvenzjoni tal-kitba stabbilita fir-raba' premessa tal-preambolu Arrow UK, fit-termini segwenti: "Arrow [UK] kisbet liċenzja mingħand terz sabiex timporta fir-Renju Unit is-citalopram mhux iffabbrikat minn Lundbeck jew bl-awtorizzazzjoni ta' Lundbeck ('l-imsemmi Citalopram', fejn tali definizzjoni, sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju, tinkludi biss is-Citalopram intiż għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-bejgħ fir-Renju Unit u teskludi dak intiż għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-bejgħ f'pajjiżi oħra)";

— mill-punt 3.4 tal-ftehim Arrow UK jirriżulta li t-"tieni data ta' kunsinna" imsemmija fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK hija d-data li fiha Arrow UK kellha tikkunsinna lil Lundbeck it-tieni parti tal-istokk tagħha "tal-imsemmi Citalopram" u li din il-kunsinna kellha titwettaq sa mhux iktar tard mill-15 ta' Frar 2002.

608 Fil-premessi 905, 910 sa 913 u 916 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li l-espressjoni "l-imsemmi Citalopram" kellha tiġi interpretata fis-sens li ma kinitx qiegħda tirreferi biss għas-citalopram li Arrow kienet diġà xtrat mingħand Tiefenbacher, iżda kienet tirreferi wkoll għal kull citalopram li din setgħet tixtri mingħand din l-istess impriża sussegwentement, u dan anki jekk l-IFA użat kien beda jiġi prodott skont il-proċessi Cipla II jew Matrix II. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq ir-riferiment, fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK, għall-perijodu sussegwenti għat-"tieni data ta' kunsinna", kif jirriżulta mill-punt 3.4 tal-ftehim Arrow UK, riferiment li skont il-Kummissjoni jipprekludi li l-kunċett li għalih tirreferi l-espressjoni "l-imsemmi Citalopram" jiġi llimitat għas-citalopram li Arrow kellha diġà fl-istokk tagħha, u fuq il-formulazzjoni tar-raba' premessa tal-preambolu tal-ftehim Arrow UK, li minnha jirriżulta li "l-imsemmi Citalopram" huwa kull citalopram prodott minn Tiefenbacher u kopert mill-ATS tagħha.

609 Fid-dawl tal-punti li għandhom kemm issemmew, għandu jiġi osservat li wieħed mill-obbligi previsti fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK jikkonsisti fil-projbizzjoni għal Arrow li timporta jew li żżomm "l-imsemmi Citalopram" wara t-tieni data ta' kunsinna msemmija fil-punt 3.4 ta' dan il-ftehim. Issa, dan l-obbligu jkun jagħmel sens u jkollu effett utli biss jekk din l-espressjoni tirreferi wkoll għas-citalopram li, għalkemm huwa minnu li jkun ġej mingħand Tiefenbacher, Arrow tkun ordnat wara din il-kunsinna. Dwar dan il-punt, għandu jingħad li fil-formulazzjoni ta' din il-klawżola ma hemm xejn li jippermetti li jitqies li l-obbligu msemmi iktar 'il fuq ma jikkonċernax "l-imsemmi Citalopram" iżda jirreferi biss għal "kull citalopram ieħor li, skont Lundbeck, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà [intellettwali] tagħha".

610 Bl-istess mod, id-definizzjoni li tikkorrispondi għall-espressjoni "tal-imsemmi Citalopram" li tinsab fir-raba' premessa tal-preambolu Arrow UK hija fformulata f'termini li ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jirreferu biss għas-citalopram li Arrow kienet diġà xtrat mingħand Tiefenbacher. Fil-fatt, din il-premessa tfisser li kull citalopram kopert mill-ATS li kellha Tiefenbacher kien inkluż fid-definizzjoni

li tikkorrispondi għall-espressjoni "tal-imsemmi Citalopram". Issa, din l-ATS kienet tapplika għas-citalopram prodott skont il-proċessi Cipla I u Matrix I, irrispettivament mill-fatt li l-pilloli li Arrow kellha fl-istokk tagħha kienu prodotti biss permezz tal-proċess Cipla I.

611 Għalkemm huwa minnu li l-applikant jew il-proprjetarju ta' ATS jista' jitlob lill-amministrazzjoni li jkollha tagħti jew li tkun tat din l-ATS sabiex isiru emendi intiżi sabiex jestendu l-portata tal-ATS għal proċessi oħra, ir-rikorrenti, madankollu, għandhom raġun meta jsostnu li fil-premessa inkwistjoni ma hemm xejn li jippermetti li jiġi stabbilit li l-partijiet fil-ftehim Arrow UK, meta ddefinixxew "l-imsemmi Citalopram", kienu qegħdin jirreferu wkoll għall-IFA citalopram prodott skont il-proċessi Cipla II u Matrix II, li ma kinux inklużi fil-"liċenzja" msemmija fl-imsemmija premessa. Fil-fatt, dawn il-proċessi ma setgħux jiġu koperti mill-ATS ta' Tiefenbacher ħlief wara bidla tagħha.

612 Fl-aħħar nett, din l-interpretazzjoni ma tiddaħħalx inkwistjoni mill-fatt, invokat mill-Kummissjoni, li, fid-digriet ibbażat fuq kunsens Arrow (punt 36 iktar 'il fuq), l-espressjoni "l-imsemmi Citalopram" ġiet issostitwita bl-espressjoni "Citalopram mhux prodott minn Lundbeck jew mhux bl-awtorizzazzjoni tagħha". Fil-fatt, id-digriet ibbażat fuq kunsens, filwaqt li ġie adottat sussegwentement għall-konklużjoni tal-ftehim Arrow UK, huwa strument legali distint minn dan tal-aħħar.

613 Għaldaqstant, "l-imsemmi Citalopram" għandha tinftiehem bħala kull citalopram ġeneriku prodott minn Tiefenbacher skont il-proċessi użati minn Cipla jew minn Matrix, li Arrow kienet diġà xtrat fid-data tal-iffirmar tal-ftehim Arrow UK jew li hija setgħet tixtri sussegwentement, li kien kopert mill-ATS ta' Tiefenbacher.

614 Fit-tieni lok, skont ir-rikorrenti, l-espressjoni "kull citalopram ieħor li, skont Lundbeck, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà [intellettwali] tagħha", użata fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK, ma kinitx tagħtihom dritt ta' veto sa fejn ma setgħux sempliċement jinvokaw il-fatt li s-citalopram li Arrow setgħet tipprova tuża kien jikkostitwixxi vjolazzjoni iżda kellhom jipproduċu prova tal-vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, permezz tal-mekkaniżmu ta' eżami ta' kampjuni previst fl-imsemmi punt, li huwa konformi mal-prinċipji li joħorġu mis-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-ftehim Arrow UK ma kienx jipprekludi lil Arrow milli tikkontesta quddiem il-qrati kompetenti l-eventwali allegazzjonijiet min-naħa tagħhom fir-rigward tal-fatt li s-citalopram li Arrow setgħet tipprova tuża kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom.

615 Għandu jitfakkar li, b'mod partikolari fil-premessi 917 u 922 sa 924 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li l-espressjoni inkwistjoni kienet tippermetti lil Lundbeck toġġezzjona b'veto għall-importazzjoni jew għall-bejgħ minn Arrow ta' citalopram prodott skont kwalunkwe proċess, sa fejn Lundbeck setgħet sempliċement tiddikjara li fil-fehma tagħha proċess partikolari kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħha. Il-Kummissjoni osservat ukoll li l-mekkaniżmu ta' eżami ta' kampjuni previst fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK qatt ma ntuża, peress li Arrow ma kellha l-ebda interess li tikkontesta l-allegazzjonijiet ta' Lundbeck fir-rigward tar-riżultat ta' eventwali testijiet u lanqas li tippreżentalha IFA sabiex teżaminah sakemm Lundbeck kompliet twettaq il-pagamenti previsti.

616 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, Arrow, bi tweġiba għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2008, li r-rikorrenti stess ipproduċew bħala anness mar-rikors u li kienet is-suġġett ta' dibattitu matul is-seduta, ammettiet dan li ġej:

"It-test previst [fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK] huwa test suġġettiv marbut ma' vjolazzjoni allegata, u mhux ma' vjolazzjoni pprovata. Għaldaqstant, prodotti li jkun fihom is-citalopram li fir-rigward tagħhom ebda qorti ma tkun stabbilixxiet l-assenza ta' vjolazzjoni [tad-drittijiet ta' proprjetà

intellettwali ta' Lundbeck], iżda li ma jkunux verament jikkostitwixxu vjolazzjoni [ta' dawn id-drittijiet], setgħu jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni [tal-imsemmi punt], iżda dan huwa kompletament normali fil-ftehimiet ta' dan it-tip."

617 Din id-dikjarazzjoni tikkonferma t-teżi tal-Kummissjoni li Lundbeck essenzjalment kellha dritt ta' veto. Għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, tali dritt ma jistax jitqies li huwa ekwivalenti għas-sitwazzjoni allegatament maħluqa permezz tas-sentenza Paroxetine, imsemmija fil-punt 240 iktar 'il fuq. Fil-fatt, minbarra l-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 258 sa 263 iktar 'il fuq, għandu jiġi osservat ukoll li l-mekkaniżmu previst fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK ma jimplikax l-intervent minn qorti, meta dan ikun manifestament il-każ fl-ipoteżi prevista fl-imsemmija sentenza, u dan sa fejn ma huwiex mistenni li qorti tadotta miżura provviżorja fuq il-bażi ta' sempliċi allegazzjonijiet imressqa mill-proprjetarju ta' privattiva li allegatament kienet is-suġġett ta' vjolazzjoni.

618 Barra minn hekk, għandu jingħad li l-eżistenza ta' dan id-dritt ta' veto ma tagħmilx superfluwa l-parti tal-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK li tirreferi għall-"imsemmi Citalopram", peress li, f'dan ir-rigward, Lundbeck lanqas biss ma kellha bżonn teżerċita d-dritt ta' veto tagħha sa fejn il-projbizzjonijiet imposti fuq Arrow fir-rigward ta' dan is-citalopram kienu applikabbli mingħajr ma Lundbeck kienet meħtieġa tagħmel xi ħaġa, ħlief għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti previsti.

619 Il-fatt li t-test previst fil-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK, minħabba n-natura suġġettiva tiegħu, iwassal sabiex Lundbeck tingħata dritt ta' veto, li Arrow kienet taf bih, huwa kkorroborat mill-assenza tal-użu ta' dan l-eżami matul it-tul sħiħ ta' dan il-ftehim. Fil-fatt, għalkemm, matul it-tul ta' dan il-ftehim, Arrow kompliet tfittex sorsi ġodda ta' IFA, hija qatt ma ppreżentat kampjuni lil Lundbeck sabiex din teżaminahom.

620 Dwar dan il-punt, l-ewwel nett, għandu jiġi osservat li r-riċerki ta' Arrow f'dan ir-rigward jistgħu jiġu spjegati mir-rieda li tidħol fi swieq differenti minn dak tar-Renju Unit. Fil-fatt, minn naħa, Arrow kienet qiegħda tipprepara d-dħul tagħha fis-suq Daniż sal-mument tal-konklużjoni tal-ftehim Arrow Daniż, li ġie konkluż diversi xhur wara l-ftehim Arrow UK. Min-naħa l-oħra, kif indikat il-Kummissjoni fil-premessa 931 tad-deċiżjoni kkontestata, Arrow kellha wkoll interess fis-suq Svediż. It-tieni nett, Arrow kellha bżonn ta' alternattiva għal Tiefenbacher sabiex ittemm il-proġett tagħha li eventwalment tkun tista' tipproduċi hija stess il-pilloli tagħha ta' citalopram ġeneriku, billi tixtri l-IFA direttament mingħand produtturi, mingħajr ma tuża intermedjarju bħal Tiefenbacher li kien jittrasforma dan l-IFA f'pilloli (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna numru 1935 tad-deċiżjoni kkontestata).

621 Barra minn hekk, tali riċerki setgħu jindikaw passi magħmula għall-finijiet tal-preparazzjoni għall-perijodu miftuħ wara l-iskadenza tal-ftehim Arrow UK, li kien inizjalment konkluż għal tul ta' inqas minn sena u li kien sussegwentement estiż darbtejn. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma validi wkoll fir-rigward tal-fatt li, matul it-tul tal-ftehim Arrow UK, Arrow applikat għal bidla tal-ATS dwar l-IFA ta' Cipla u ta' Matrix sabiex din tkopri wkoll il-proċessi Cipla II u Matrix II.

622 Dawn il-kunsiderazzjonijiet jippermettu li jiġi miċħud ukoll l-argument tar-rikorrenti fis-sens li l-fatt li Arrow, anki wara l-konklużjoni tal-ftehim Arrow UK baqgħet tfittex fornituri li setgħu jipprovdulha IFA li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck jikkonferma li dan il-ftehim kien ikopri biss is-citalopram li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dawn il-privattivi.

623 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jfakkru li, konformement mad-dritt Ingliż, li jirregola l-ftehim Arrow UK, dan tal-aħħar għandu jiġi interpretat fuq il-bażi b'mod partikolari tal-għan kummerċjali tiegħu, li kien li jservi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tressiq ta' talba għal ordni provviżorja quddiem il-qorti nazzjonali. Issa, tali ordni setgħet tikkonċerna biss is-citalopram ġeneriku li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck.

624 Madankollu, għandu jiġi osservat li r-riferiment magħmul mir-rikorrenti għall-prinċipji tad-dritt Ingliż dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratti ma jdaħħalx inkwistjoni l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni.

625 Huwa minnu li għandu jitfakkar li kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali ta' Stat Membru hija kwistjoni ta' fatt li fir-rigward tagħha l-Qorti Ġenerali hija meħtieġa, bħala prinċipju, teżerċita stħarriġ sħiħ (punt 258 iktar 'il fuq).

626 Madankollu, l-għan kummerċjali ta' Lundbeck, li Arrow ma setgħetx ma tkunx taf, kien li tipprekludi lil din tal-aħħar milli tidħol fis-suq bis-citalopram ġeneriku. Kien għalhekk li Lundbeck ħallset lil Arrow ammonti marbuta mal-profitti li din tal-aħħar kienet qiegħda tistenna li tikseb permezz tad-dħul tagħha fis-suq. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex sorprendenti li l-partijiet fil-ftehim Arrow UK kienu aċċettaw li jagħtu lil Lundbeck dritt ta' veto, li seta' jintuża ukoll fil-konfront tas-citalopram prodott skont il-proċessi Cipla II u Matrix II.

627 Fil-verità, huwa diffiċli li tali pagament jitqies li huwa kompatibbli maż-żamma tal-possibbiltà għal Arrow li tkun libera li tibda tbigħ citalopram ieħor li ma jkunx "l-imsemmi citalopram", jiġifieri dak prodott skont il-proċessi Cipla I jew Matrix I. Fil-fatt, li kieku dan ma kienx il-każ, Arrow kienet tkun tista' tibbenefika mhux biss mill-pagamenti magħmula minn Lundbeck iżda wkoll mill-benefiċċji tad-dħul fis-suq, pereżempju bis-citalopram ġeneriku prodott skont il-proċessi Cipla II jew Matrix II, filwaqt li Lundbeck kien ikollha tassumi kemm il-pagamenti kif ukoll it-telf li jirriżulta mill-imsemmi dħul.

628 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma tista' tislet l-ebda konsegwenza, fir-rigward tal-portata tal-ftehim Arrow UK, mill-punt 3 tat-tieni addendum għal dan il-ftehim, li minnu jirriżulta li, fl-ipoteżi li t-tilwima Lagap tistabbilixxi li l-privattiva dwar il-kristallizzazzjoni kienet invalida, huma kien ikollhom iħallsu lil Arrow is-somma ta' GBP 750 000 sabiex issirilhom il-kunsinna tal-pilloli li din kien għad għandha fl-istokk tagħha. Fil-fatt, dan il-pagament kien iġġustifikat mill-fatt li l-validità tal-pilloli inkwistjoni kienet tiskadi f'Ottubru 2003, b'tali mod li ma kienx possibbli għal Arrow li tbigħhom fis-suq. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jeċċepixxu l-inammissibbiltà ta' din l-oġġezzjoni tal-Kummissjoni sa fejn la tissemma fid-deċiżjoni kkontestata u lanqas fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

629 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li dan l-argument huwa ineffettiv, peress li l-interpretazzjoni tal-portata tal-ftehim Arrow UK magħmula fid-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma hija bbażata fuq il-punt 3 tat-tieni addendum għal dan il-ftehim. Fil-fatt, kien biss quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq dan il-punt, li hija sempliċement iċċitat fil-premessa 441 tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma siltet konsegwenzi minnu.

630 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta interpretat il-punt 1.1 tal-ftehim Arrow UK fis-sens li kien intiż li jipprekludi lil Arrow milli tidħol fis-suq tar-Renju Unit matul it-tul ta' dan il-ftehim, mhux biss bis-citalopram ġeneriku li hija kienet diġà ordnat jew xtrat mingħand Tiefenbacher iżda wkoll b'kull citalopram ġeneriku ieħor li hija setgħet takkwista sussegwentement, inkluż dak prodott skont il-proċessi Cipla II u Matrix II.

631 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

4. Il-ftehim Arrow Daniż

632 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta interpretat il-ftehim Arrow Daniż fis-sens li kien jipprekludi lil Arrow milli tbigħ kull forma ta' citalopram ġeneriku matul it-tul ta' dan il-ftehim, li kien jikkonċerna biss is-citalopram li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom.

633 L-ewwel nett, il-punt 1.1 tal-ftehim Arrow Daniż (ara t-tieni inċiż tal-punt 39 iktar 'il fuq), moqri fid-dawl tal-preambolu u tal-kuntest ġenerali ta' dan il-ftehim, jikkonċerna biss is-citalopram li Arrow kienet diġà importat u li r-rikorrenti kienu ssuġġettaw għal testijiet fil-laboratorju. Għaldaqstant, dan huwa s-citalopram li ġej minn Tiefenbacher, li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom.

634 It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li, skont id-dritt Daniż, li jirregola dan il-ftehim, għandha tingħata importanza partikolari lill-intenzjoni komuni tal-partijiet, li skonthom kienet dik li tiġi żgurata l-osservanza tal-privattivi tar-rikorrenti. Għalhekk, l-interpretazzjoni wiesgħa żżejjed adottata mill-Kummissjoni tmur kontra d-dritt Daniż.

635 It-tielet nett, ir-rikorrenti jinvokaw argumenti analogi għal dawk imsemmija fir-rigward tal-ftehim Arrow UK, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li Arrow kompliet tfittex sorsi oħra ta' IFA u kellha l-possibbiltà li tressaq kawża quddiem qorti nazzjonali sabiex din tiddeċiedi dwar l-eventwali assenza ta' vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom.

636 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti jsostnu li, jekk il-ftehim Arrow Daniż u l-ftehim Arrow UK jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu, kif tallega d-deċiżjoni kkontestata, ma jistax ikun li l-ewwel wieħed ikopri wkoll is-citalopram li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni filwaqt li dan ma huwiex il-każ fir-rigward tat-tieni wieħed.

637 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

638 Għandu jitfakkar li l-punt 1.1 tal-ftehim Arrow Daniż huwa fformulat kif ġej:

"Arrow [Group] jaċċetta li jannulla u li jwaqqaf kwalunkwe importazzjoni, fabbrikazzjoni, produzzjoni, bejgħ jew kummerċjalizzazzjoni oħra ta' prodotti li jinkludu s-citalopram li, skont Lundbeck, jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck fit-territorju [Daniż] matul it-tul [tal-ftehim Arrow Daniż]."

639 Ir-rikorrenti jsostnu li l-preambolu tal-ftehim Arrow Daniż jippermetti li jinftiehem li l-imsemmi punt għandu jiġi interpretat fis-sens li jirreferi biss għas-citalopram li Arrow kienet diġà xtrat mingħand Tiefenbacher.

640 Għandu jingħad li huwa minnu li t-tielet u l-ħames premessi tal-preambolu tal-ftehim Arrow Daniż, moqrija fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet magħmula fir-rigward tagħhom fil-premessa 986 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti, jirreferu għall-fatt li Arrow kienet waslet sabiex tixtri ATS li kienet ser tippermettilha tbigħ fid-Danimarka s-citalopram ġeneriku li kien ġie prodott fuq il-bażi tal-IFA ta' Cipla jew ta' Matrix u li kien is-suġġett ta' testijiet fil-laboratorju min-naħa ta' Lundbeck. Ir-raba' premessa ta' dan il-preambolu ssemmi wkoll l-intenzjoni ta' Arrow li tesporta mill-Ġermanja lejn id-Danimarka s-citalopram mingħajr forma li jkun ġej minn Tiefenbacher.

641 Madankollu, dawn ir-riferimenti, għalkemm jispjegaw il-kuntest li fih ġie konkluż il-ftehim Arrow Daniż, ma humiex suffiċjenti sabiex idaħħlu inkwistjoni l-fatt li l-punt 1.1 ta' dan il-ftehim għandu formulazzjoni ċara li l-portata tagħha ma tistax tiġi limitata għal dik proposta mir-rikorrenti.

642 Fil-fatt, li kieku l-partijiet f'dan il-ftehim xtaqu jillimitaw il-portata tal-obbligi previsti f'dan il-ftehim għas-citalopram li Arrow kellha fl-istokk tagħha, huma setgħu jagħżlu formulazzjoni adatta għal dan il-għan, minflok ma jagħżlu formulazzjoni wiesgħa ħafna li mbagħad ikollha tiġi limitata, fil-portata tagħha, minn interpretazzjoni fid-dawl tal-premessi tal-preambolu li, barra minn hekk, ma kinux ifformulati f'termini li jindikaw b'mod ċar ir-rieda li jiġu introdotti limitazzjonijiet.

643 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tar-riferiment magħmul mir-rikorrenti għall-importanza tal-intenzjoni komuni tal-partijiet skont id-dritt Daniż, li jirregola l-ftehim inkwistjoni, għandu jingħad li r-rikorrenti ma pprovdew l-ebda prova tal-fatt li din l-intenzjoni kienet differenti minn dik li tirriżulta b'mod ċar mit-test tal-ftehim u li ma tiddaħħalx inkwistjoni mill-premessi tal-preambolu ta' dan il-ftehim.

644 Barra minn hekk, lanqas ma jista' jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti fis-sens li, peress li ż-żewġ ftehimiet li huma kkonkludew ma' Arrow jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu, il-ftehim Arrow Daniż għandu jingħata portata limitata għal finijiet ta' koerenza mal-ftehim Arrow UK. Fil-fatt, dan il-ftehim tal-aħħar ma għandux il-portata limitata li jattribwixxulu r-rikorrenti, kif jirriżulta mill-eżami mwettaq fil-punti 605 sa 630 iktar 'il fuq.

645 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball ta' evalwazzjoni meta qieset li l-punt 1.1 tal-ftehim Arrow Daniż kellu jiġi interpretat fis-sens li Arrow ma kinitx ser tidħol fis-suq Daniż matul it-tul tiegħu, b'xi kwalunkwe citalopram ġeneriku.

646 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-raba' parti għandha tiġi miċħuda.

5. Il-ftehim Alpharma

647 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-ftehim Alpharma kien jimplika l-projbizzjoni għal din l-impriża li tbigħ kwalunkwe forma ta' citalopram ġeneriku matul it-tul ta' dan il-ftehim, li kien jikkonċerna biss is-citalopram ġeneriku prodott bi vjolazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, fosthom dawk riprodotti fl-Anness A.

648 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

649 Għandu jiġi osservat li, b'mod partikolari fil-premessi 1042, 1059 u 1061 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni interpretat il-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma fis-sens li, permezz ta' dan il-ftehim, Alpharma kienet qiegħda timpenja ruħha li ma tbigħ l-ebda citalopram matul il-perijodu rilevanti, jew, minn tal-inqas, kienet aċċettat limitazzjonijiet għall-possibbiltajiet tagħha li tbigħ is-citalopram li jmorru ferm lil hinn mil-limitazzjonijiet li Lundbeck setgħet takkwista permezz ta' kawża fuq il-bażi tal-privattivi l-ġodda tagħha.

650 Skont ir-rikorrenti, fl-ewwel lok, il-formulazzjoni tal-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-kuntest u tal-provi disponibbli, li jippermettu li jiġi konkluż li l-kelma "Citalopram" li tinsab f'dan il-punt tirreferi biss għas-citalopram li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom. Skonthom, din l-interpretazzjoni tirriżulta mill-qari tal-preambolu tal-ftehim Alpharma u tal-Anness A, li juri li din kienet l-intenzjoni tal-partijiet f'dan il-ftehim.

651 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma jistipula li Alpharma, inklużi s-"[s]ussidjarji" tagħha, għandhom "jannullaw, iwaqqfu u jastjenu minn kwalunkwe importazzjoni, [...] produzzjoni [...] jew bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi li jinkludu s-Citalopram fit-Territorju [...] matul il-[perijodu rilevanti]" u li Lundbeck qiegħda tirtira l-kawża dwar vjolazzjoni kontra Alpharma. F'dan il-punt huwa speċifikat li dan il-punt ma japplikax għal "kull prodott li fih l-escitalopram".

652 Għandu jiġi kkonstatat li l-ftehim Alpharma, inkluż fil-punt 1.1, juża dejjem il-kelma "Citalopram", miktuba b'"c" kapitali. Bl-istess mod, dan il-ftehim juża kliem miktub bl-ewwel ittra kapital meta juża konvenzjonijiet tal-kitba, bħalma huwa l-każ fir-rigward tal-kliem "Territorju", fit-tieni premessa tal-preambolu, u "Sussidjarji", fl-imsemmi punt 1.1. Madankollu, dawn il-konvenzjonijiet tal-kitba huma stabbiliti b'mod espliċitu, bid-definizzjoni preċiża tal-portata tagħhom mogħtija fl-istess post fejn jidhru għall-ewwel darba. B'hekk, huwa ċar li "Territorji" hija kelma użata sabiex isir riferiment

għat-territorju kollu kkostitwit mill-Istati Membri tal-Unjoni, min-Norveġja u mill-Isvizzera, filwaqt li l-kelma "Sussidjarji" tirreferi għal kull kumpannija li, direttament jew indirettament, tikkontrolla, hija kkontrollata minn jew hija suġġetta għal kontroll komuni ma' Alpharma ApS.

653 Għall-kuntrarju, il-ftehim Alpharma ma jinkludi l-ebda definizzjoni tal-kelma "Citalopram" li tippermetti li din tingħata tifsira iktar limitata minn dik speċifika għall-indikazzjoni komuni internazzjonali tas-citalopram, bħala IFA, kif irrikonoxxuta mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), kif issostni l-Kummissjoni.

654 Barra minn hekk, kif osservat ġustament il-Kummissjoni fil-premessa 1050 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li l-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma jipprevedi, fl-aħħar parti tiegħu, li ma japplikax għall-escitalopram jikkonferma l-fatt li, meta l-partijiet f'dan il-ftehim xtaqu jillimitaw il-portata tal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmi punt, huma għamlu dan b'mod espliċitu.

655 F'dan ir-rigward, għalkemm l-assenza, enfasizzata mir-rikorrenti, ta' "e" kapitali fir-rigward tal-kelma "escitalopram" turi nuqqas ta' koerenza fl-ortografija tal-kliem użati fil-ftehim Alpharma sabiex isir riferiment għal IFA, għandu jiġi osservat, madankollu, li dan il-fatt ma huwiex suffiċjenti sabiex jitqies li l-partijiet f'dan il-ftehim xtaqu jillimitaw il-portata tal-kelma "Citalopram".

656 Fir-rigward, sussegwentement, tal-preambolu tal-ftehim Alpharma, għandu jiġi osservat li l-ewwel premessa ta' dan il-preambolu tipprevedi li "Lundbeck hija l-proprjetarju ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jinkludu, b'mod partikolari, privattivi dwar il-produzzjoni [...] tal-IFA tas-Citalopram li jinkludu l-privattivi riprodotti fl-Anness A".

657 Mis-seba' premessa tal-preambolu tal-ftehim Alpharma jirriżulta li Lundbeck kienet ressqet il-kawża dwar vjolazzjoni Alpharma "bl-intenzjoni li tikseb ordni kontra l-bejgħ [mill-grupp] Alpharma ta' prodotti li jinkludu s-Citalopram minħabba vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Lundbeck".

658 Fl-aħħar nett, mit-tmien premessa tal-preambolu jirriżulta li Alpharma rrikonoxxiet li l-osservazzjonijiet ta' Lundbeck dwar il-vjolazzjoni tal-privattivi tagħha kienu korretti u li kienet qiegħda timpenja ruħha li ma kinitx ser tqiegħed fis-suq "tali prodotti".

659 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat, kif osservat essenzjalment il-Kummissjoni fil-premessa 1047 tad-deċiżjoni kkontestata, li s-sempliċi riferiment, fl-ewwel premessa tal-preambolu, għall-fatt li Lundbeck kellha privattivi dwar is-"Citalopram", fosthom dawk elenkati fl-Anness A, ma jippermettix li jiġi konkluż li l-partijiet fil-ftehim Alpharma xtaqu, anki jekk b'mod impliċitu, jintroduċu, f'dan il-ftehim, definizzjoni tal-kelma "Citalopram" li ma kinitx tikkorrispondi għal dik normalment attribwibbli lis-citalopram, mingħajr "c" kapitali, jiġifieri l-IFA citalopram, irrispettivament mill-proċess użat għall-produzzjoni tiegħu.

660 Barra minn hekk, kif osservat il-Kummissjoni fil-premessi 1047 sa 1049 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa minnu li s-seba' u t-tmien premessi tal-preambolu jfakkru l-kuntest li fih ġie konkluż il-ftehim Alpharma, iżda ma humiex determinanti sabiex il-kelma "Citalopram" tkun tista' tingħata tifsira limitata. Fil-fatt, minn naħa, is-seba' premessa ma hijiex ifformulata f'termini li jiddefinixxu l-istess kelma, iżda tirreferi għat-talba għal ordni mressqa sabiex jiġi pprojbit il-bejgħ ta' prodotti li fihom is-"Citalopram" minħabba l-vjolazzjoni tal-privattivi li jappartjenu lil Lundbeck. Min-naħa l-oħra, anki jekk jitqies li, fit-tmien premessa, l-espressjoni "ta' tali prodotti" tirreferi biss għall-prodotti li fihom is-citalopram issentitizzat skont proċessi li kienu koperti mill-imsemmija talba u li fir-rigward tagħhom Alpharma kienet qiegħda tammetti li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni, dan il-fatt ma jippermettix li jiġi konkluż li, fi ħdan il-ftehim Alpharma kollu, inkluż fil-punt 1.1, il-kelma "Citalopram" tinkludi biss dawn il-prodotti.

661 Għalhekk, fl-assenza ta' limitazzjonijiet ċari għat-tifsira tal-kelma "Citalopram" li jirriżultaw mill-preambolu, ma huwiex possibbli li jitqies li, permezz ta' sempliċi riferimenti għall-fatti li wasslu għall-konklużjoni tal-ftehim Alpharma, il-partijiet f'dan il-ftehim xtaqu jillimitaw il-portata tal-obbligi meħuda minn Alpharma għas-citalopram biss li fir-rigward tiegħu kien aċċettat li kien ġie prodott bi vjolazzjoni tal-privattivi l-ġodda ta' Lundbeck.

662 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jinvokaw il-fatt li l-imsemmi ftehim kien intiż sabiex isib soluzzjoni għal kunflitt bejnhom u Alpharma dwar, preċiżament, il-vjolazzjoni minn din tal-aħħar tal-privattivi tagħhom. Huma jsemmu wkoll l-importanza tat-tilwima Lagap.

663 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li l-fatt li l-ftehim Alpharma ġie konkluż wara t-tressiq mir-rikorrenti tal-kawża dwar vjolazzjoni Alpharma, li kienet tikkonċerna speċifikament il-pilloli li din l-impriża kienet diġà rċeviet jew ordnat, dan l-element kuntestwali ma jfissirx li l-obbligi previsti fil-punt 1.1 ta' dan il-ftehim, minkejja l-formulazzjoni wiesgħa tiegħu, għandhom jiġu interpretati bħala li kienu limitati għal dak li r-rikorrenti setgħu jiksbu permezz tal-imsemmija kawża. It-tieni nett, il-ftehim Alpharma ma temmx din il-kawża, li kienet sempliċement sospiża matul it-tul tal-ftehim Alpharma, mingħajr ebda garanzija li kienet ser tiġi rtirata mat-tmiem tiegħu. Fil-fatt, il-ftehim Alpharma bl-ebda mod ma jipprevedi li Lundbeck kellha tastjeni milli sussegwentement tiftaħ kawżi kontra l-grupp Alpharma minħabba vjolazzjoni tal-privattivi tagħha. Barra minn hekk, mid-dikjarazzjoni ta' Lundbeck riprodotta fil-premessa 80 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li din ma kinitx tqis li l-ftehimiet kontenzjużi, fosthom il-ftehim Alpharma, kienu jippermettu li tintemm tilwima. It-tielet nett, it-tilwima Lagap, li nbdiet f'Ottubru 2002, kif jirriżulta mill-premessa 63 tad-deċiżjoni kkontestata, ma seta' kellha l-ebda impatt fuq il-portata tal-obbligi li jirriżultaw mill-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma.

664 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jinvokaw dikjarazzjoni li d-Direttur Ġenerali ta' Alpharma responsabbli għall-fajl rilevanti għamel lill-istampa fit-28 ta' Frar 2002 (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tat-28 ta' Frar 2002"), li ssemmi l-fatt li l-introduzzjoni tas-citalopram ġeneriku kienet ġiet posposta, iżda li ma kienx eskluż li setgħet isseħħ lejn l-aħħar tal-vaganzi tas-sajf fil-każ li sa dak iż-żmien tkun instabet soluzzjoni għad-diffikultajiet li jirriżultaw mill-privattivi l-ġodda ta' Lundbeck. Fid-dawl tat-tul tal-ftehim Alpharma, din id-dikjarazzjoni tikkonferma li l-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma ma kienx jirreferi għal kull tip ta' citalopram.

665 Għandu jiġi osservat li, permezz tad-dikjarazzjoni tat-28 ta' Frar 2002, Alpharma essenzjalment ħabbret lill-istampa li hija kienet qiegħda tipposponi l-bejgħ tas-citalopram minn tal-inqas sakemm jintemm il-perijodu tal-vaganzi tas-sajf u li hija setgħet, jekk ikun il-każ, tabbanduna l-proġett dwar dan il-bejgħ għar-raġuni li l-istokk tagħha kien iqajjem problema fir-rigward tal-privattivi ta' Lundbeck. Hija żieded li hija kellha tfittex produttur ieħor ta' IFA u tikseb l-awtorizzazzjonijiet neċessarji.

666 F'dan ir-rigward, għandu jingħad li, kif osservat il-Kummissjoni fil-premessa 1055 tad-deċiżjoni kkontestata, din id-dikjarazzjoni, li hija sussegwenti għall-konklużjoni tal-ftehim Alpharma, tippreżenta l-bidla fil-pjanijiet ta' Alpharma bħala l-konsegwenza ta' deċiżjoni unilaterali min-naħa tagħha, indipendenti mill-pagamenti previsti fil-ftehim Alpharma. Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 138 u 139 iktar 'il fuq, tali dikjarazzjoni ma tistax tingħata saħħa probatorja importanti, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li Alpharma, li kienet b'mod sigriet aċċettat limitazzjonijiet għall-awtonomija kummerċjali tagħha li jirriżultaw mill-ftehim Alpharma bħala korrispettiv għall-pagamenti previsti fih, kellha tiġġustifika, minn tal-inqas mal-klijenti potenzjali tagħha, il-bidliet fil-pjanijiet li hija kienet ħabbret qabel. Minn dan jirriżulta li d-dikjarazzjoni tat-28 ta' Frar 2002 ma hijiex element kuntestwali importanti sabiex tiġi interpretata l-portata tal-ftehim Alpharma.

667 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li, għalkemm Alpharma semmiet il-possibbiltà li tidħol fis-suq wara s-sajf, hija qajmet ukoll il-possibbiltà li tirrinunzja għall-proġett, possibbiltà li hija konformi mal-interpretazzjoni tal-ftehim Alpharma adottata mill-Kummissjoni.

668 F'dawn iċ-ċirkustanzi, din id-dikjarazzjoni ma tippermettix li jiġi konkluż li l-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma kien jikkonċerna biss is-citalopram prodott skont proċessi li fir-rigward tagħhom kien irrikonoxxut li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni.

669 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jirreferu għad-digriet ibbażat fuq kunsens Arrow (ara l-punt 45 iktar 'il fuq), li l-kontenut tiegħu huwa, skonthom, rilevanti għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma, sa fejn dan id-digriet kien ġie stabbilit sabiex tintemm il-kawża dwar vjolazzjoni Alpharma. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jenfasizzaw li dan id-digriet jispeċifika li l-portata tar-restrizzjonijiet imposti fuq Alpharma hija limitata għas-citalopram li jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jikkontestaw it-teżi proposta fid-deċiżjoni kkontestata fis-sens li d-digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma tfassal f'termini inqas restrittivi minn dawk tal-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma għar-raġuni li, altrimenti, kien ikun diffiċli li l-qorti tapprovah. Huma josservaw li huwa wkoll diffiċli li qorti tiżgura l-osservanza tal-imsemmi punt kif interpretat mill-Kummissjoni.

670 F'dan ir-rigward, huwa minnu li d-digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma tat-2 ta' Mejju 2002 huwa fformulat fit-termini mfakkra mir-rikorrenti (punt 45 iktar 'il fuq), li jinkludu b'mod ċar limitazzjonijiet għall-aġir ta' Alpharma li huma inqas estiżi minn dawk li jirriżultaw mill-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma, kif interpretat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

671 Huwa wkoll minnu li teżisti rabta bejn dan id-digriet u l-ftehim Alpharma. Fil-fatt, dan id-digriet kien ġie adottat sabiex tiġi sospiża l-kawża dwar vjolazzjoni kontra Alpharma preċiżament minħabba li kien ġie konkluż l-imsemmi ftehim.

672 Madankollu, dawn l-elementi ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi adottata interpretazzjoni tal-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma li tikkoinċidi mal-portata tad-digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma.

673 Fil-fatt, kif osservat il-Kummissjoni fil-premessa 1054 tad-deċiżjoni kkontestata, dawn huma żewġ strumenti legali distinti. Dak li huwa rilevanti, sabiex il-ftehim Alpharma seta' kien ir-raġuni għall-eżistenza tad-digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma, huwa li l-obbligi aċċettati minn Alpharma skont il-ftehim Alpharma huma biżżejjed sabiex, matul it-tul tiegħu, Lundbeck ma kellhiex iktar l-interess li tkompli l-kawża dwar vjolazzjoni kontra Alpharma, li kienet limitata għall-kwistjoni ta' jekk Alpharma kinitx qiegħda diġà twettaq vjolazzjoni tal-privattivi l-ġodda ta' Lundbeck. Issa, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta anki jekk il-portata tal-ftehim Alpharma tmur lil hinn minn dik tal-imsemmi digriet.

674 Barra minn hekk, peress li ma kienx neċessarju li l-qorti nazzjonali li adottat id-digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma tiġi informata x'kienet il-portata preċiża tal-ftehim Alpharma, huwa kompletament raġonevoli li l-partijiet f'dan il-ftehim kienu sempliċement irripproduċew, fit-test tad-digriet ippreżentat minnhom, l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-ftehim li kienu rilevanti għall-finijiet tal-proċedura fil-kawża dwar vjolazzjoni kontra Alpharma. Mill-bqija, l-assenza ta' korrispondenza diretta bejn il-ftehim Alpharma u l-imsemmi digriet hija kkonfermata mill-fatt li dan id-digriet bl-ebda mod ma jsemmi l-fatt li dan il-ftehim kien jipprevedi pagament bil-kontra favur Alpharma, meta dan kien element fundamentali għall-konklużjoni tiegħu.

675 Minn dan isegwi li d-digriet ibbażat fuq kunsens Alpharma ma jippermettix li l-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma jiġi interpretat fis-sens propost mir-rikorrenti.

676 Fil-ħames lok, ir-rikorrenti jirreferu għall-ittra elettronika tat-12 ta' Marzu 2002 ta' wieħed mid-diretturi tagħhom involut fil-każ (iktar 'il quddiem l-"ittra elettronika tat-12 ta' Marzu 2002"), fejn jingħad li, minkejja li kien hemm diversi inċertezzi, huwa ma kienx jaħseb li Alpharma kienet ser tidħol fis-suq tar-Renju Unit f'futur prevedibbli. Skont ir-rikorrenti, li kieku l-ftehim Alpharma kellu l-portata li tagħtih il-Kummissjoni, ma kienet teżisti ebda inċertezza.

677 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-imsemmija ittra elettronika tikkostitwixxi t-tweġiba għal ittra elettronika oħra li tipprovdi lista tal-prezzijiet min-naħa ta' Alpharma dwar is-citalopram u li titlob lid-destinatarju ta' din l-ittra sabiex jivverifika ma' din tal-aħħar dak li kien indikat. Skont il-Kummissjoni, peress li, fit-tweġiba għal din it-talba, l-awtur tal-ittra elettronika tat-12 ta' Mejju 2002 jindika li din probabbilment kienet lista antika ta' prezzijiet u jispeċifika li ma kienx ikkuntattja lil Alpharma dwar din il-kwistjoni, ma hemm xejn f'din l-ittra elettronika li jippermetti li tiġi kkontestata l-interpretazzjoni tal-portata tal-ftehim Alpharma adottata fid-deċiżjoni kkontestata.

678 Fil-fatt, li kieku l-ftehim Alpharma kellu portata limitata għas-citalopram, prodott skont il-proċess Cipla I, li Alpharma kienet diġà rċeviet jew ordnat, kif isostnu r-rikorrenti, dawn kien ikollhom għalfejn jinkwetaw minħabba l-imsemmija lista ta' prezzijiet, b'tali mod li l-awtur tal-ittra elettronika tat-12 ta' Marzu 2002 kien probabbilment jieħu inizjattivi sabiex jistabbilixxi jekk Alpharma kinitx diġà rnexxielha tikseb is-citalopram prodott skont proċessi oħra, li ma kienx ikun kopert mill-obbligi li jirriżultaw mill-ftehim Alpharma interpretat b'dan il-mod. Għalhekk, il-fatt li l-awtur tal-imsemmija ittra elettronika ma segwiex it-talba li kien irċieva minn kollega tiegħu filwaqt li sostna li ma kienx jaħseb li Alpharma kienet ser tidħol fis-suq f'futur prevedibbli jwassal sabiex jitqies li fil-fehma tiegħu l-ftehim Alpharma ma kienx jikkonċerna biss is-citalopram prodott skont il-proċess Cipla I.

679 Madankollu, peress li dawn huma biss ipoteżijiet, għandu jiġi osservat li l-ittra elettronika tat-12 ta' Mejju 2002 ma tippermettix li jinstiltu konklużjonijiet veritabbli dwar il-portata tal-ftehim Alpharma. F'dan ir-rigward, għandu jingħad li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq din l-ittra elettronika sabiex tissostanzja l-interpretazzjoni tagħha tal-ftehim Alpharma, iżda biss semmietha fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tiċħad argument tar-rikorrenti insostenn tal-interpretazzjoni tagħhom tal-imsemmi ftehim.

680 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jingħad li l-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod suffiċjenti fid-dritt li interpretazzjoni litterali, kuntestwali u teleoloġika tal-ftehim Alpharma tippermetti li jiġi konkluż li l-obbligi meħuda minn Alpharma skont il-punt 1.1 ta' dan il-ftehim ma kinux limitati għas-citalopram prodott skont proċessi li kienu rrikonoxxuti minn Alpharma u Lundbeck bħala li jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi l-ġodda ta' din tal-aħħar. Fil-fatt, dawn l-obbligi ma kinux jikkonċernaw biss is-citalopram li Alpharma kellha diġà fl-istokk tagħha, prodott skont il-proċess Cipla I, iżda kienu jikkonċernaw ukoll is-citalopram li hija kienet ordnat jew kienet ser tordna mingħand Tiefenbacher, irrispettivament mill-proċess użat mill-produttur ta' IFA li jkun il-fornitur tal-provvisti lil din tal-aħħar.

681 Din l-interpretazzjoni tal-punt 1.1 tal-ftehim Alpharma tippermetti li jitqies li l-obbligi meħuda fih minn Alpharma jmorru lil hinn minn dawk li Lundbeck setgħet tikseb bl-applikazzjoni tal-privattivi l-ġodda tagħha.

682 Peress li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jirribattu l-elementi li ppermettew lill-Kummissjoni tipprova li l-ftehim Alpharma kien jimplika għal din l-impriża restrizzjonijiet li jmorru lil hinn minn dawk li r-rikorrenti setgħu jiksbu billi jibbażaw ruħhom fuq il-privattivi ġodda tagħhom u billi jirbħu l-kawża fil-każ ta' proċedura f'dan ir-rigward, din il-parti għandha tiġi miċħuda.

6. Il-ftehim Ranbaxy

683 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta sostniet li l-ftehim Ranbaxy kien jinkludi l-projbizzjoni għal din l-impriża li tbigħ mhux biss is-citalopram prodott skont il-proċess li hija kienet qiegħda tuża diġà, iżda wkoll dak prodott skont proċessi li hija setgħet tiżviluppa matul it-tul ta' dan il-ftehim.

684 Il-Kummissjoni tikkontesta din l-interpretazzjoni.

685 Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li l-punt 1.1 tal-ftehim Ranbaxy (ara l-ewwel inċiż tal-punt 48 iktar 'il fuq), meta jsemmi "kwalunkwe metodu ta' produzzjoni użat minn Ranbaxy", ma jirreferix għall-metodi li din tal-aħħar setgħet tiżviluppa sussegwentement għall-konklużjoni tal-ftehim Ranbaxy u li setgħu ma jikkostitwixxux vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, possibbiltà li, barra minn hekk, ma kinitx teżisti. Skonthom, l-interpretazzjoni adottata mill-Kummissjoni hija inkompatibbli mal-premessi tal-preambolu Ranbaxy u maċ-ċirkustanzi li fihom ġie konkluż dan il-kuntratt.

686 Għandu jitfakkar li l-obbligi meħuda minn Ranbaxy bis-saħħa tal-ftehim Ranbaxy huma dawk li jinsabu fil-punt 1.1 ta' dan il-ftehim, li huwa fformulat kif ġej:

"Bla ħsara għall-kundizzjonijiet u għall-ħlasijiet min-naħa ta' Lundbeck previsti [f'dan il-ftehim] Ranbaxy Laboratories ma ser tinvoka ebda dritt fuq l-[a]pplikazzjoni għal [p]rivattiva [imsemmija fil-preambolu ta' dan il-ftehim] jew fuq kwalunkwe metodu ta' produzzjoni użat minn Ranbaxy Laboratories u għanda tannulla, twaqqaf u tirrinunzja għall-fabbrikazzjoni jew għall-bejgħ ta' prodotti farmaċewtiċi bbażati fuqhom [b'mod partikolari fiż-ŻEE] matul it-tul ta' dan il-ftehim [...]"

687 Għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni kkonkludiet, b'mod partikolari fil-premessi 1131 sa 1137 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-espressjoni "kwalunkwe metodu ta' produzzjoni użat minn Ranbaxy Laboratories" ma kinitx tkopri biss il-proċess li Ranbaxy kienet qiegħda tuża diġà meta ġie konkluż il-ftehim Ranbaxy, iżda wkoll dawk li setgħet tiżviluppa sussegwentement, matul it-tul ta' dan il-ftehim.

688 Ir-rikorrenti jikkontestaw din l-interpretazzjoni u jsostnu li l-imsemmija espressjoni tkopri biss il-proċessi li Ranbaxy kellha diġà fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim Ranbaxy.

689 Fir-rigward tal-formulazzjoni tal-imsemmi punt, għandu jingħad li l-użu tal-espressjoni "kwalunkwe metodu" jippermetti, waħdu, li jitqies li ma kinux koperti biss il-metodi li Ranbaxy kienet diġà qiegħda tuża meta ffirmat dan il-ftehim u li l-metodi li setgħet tiżviluppa sussegwentement kienu koperti wkoll, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

690 Madankollu, għandu jiġi vverifikat jekk elementi oħra li jirriżultaw mill-ftehim Ranbaxy stess jew mill-kuntest li fih ġie konkluż idaħħlux inkwistjoni l-imsemmija interpretazzjoni.

691 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, ir-rikorrenti josservaw li l-ħames u s-sitt premessi tal-preambolu Ranbaxy isemmu l-applikazzjonijiet għal privattiva li Ranbaxy kienet ippreżentat fl-Indja (it-tielet premessa) u li, fl-opinjoni tagħhom, ibbażata fuq ir-riżultati tal-analiżi fil-laboratorju, kienu jikkonċernaw proċessi li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom dwar l-amid u dwar il-jodju.

692 Madankollu, dawn huma elementi li jispjegaw il-kuntest li fih ġie konkluż il-ftehim Ranbaxy, iżda li ma humiex suffiċjenti sabiex jiddaħħal inkwistjoni l-fatt li, fid-dawl tal-formulazzjoni ċara tiegħu, il-punt 1.1 tal-ftehim Ranbaxy ma jinkludix limitazzjonijiet fir-rigward tal-proċessi koperti mill-obbligi li aċċettat Ranbaxy. Issa, li kieku l-partijiet f'dan il-ftehim xtaqu jillimitaw il-portata ta' dawn l-obbligi għall-proċessi li kienu jikkorrispondu għall-applikazzjonijiet għal privattiva ta' Ranbaxy, huma setgħu jagħżlu formulazzjoni adatta għal dan il-għan, minflok ma jagħżlu formulazzjoni wiesgħa ħafna li mbagħad ikollha tiġi limitata, fil-portata tagħha, minn interpretazzjoni kostruttiva fid-dawl tal-preambolu tal-istess ftehim.

693 It-tieni nett, il-kuntest li fih ġie konkluż il-ftehim Ranbaxy jikkonferma l-interpretazzjoni tal-punt 1.1tal-imsemmi ftehim adottata fil-punt 690 iktar 'il fuq. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni essenzjalment osservat b'mod partikolari fil-premessi 130 sa 132, 140, 204 u 206 tad-deċiżjoni kkontestata, Lundbeck xtaqet toħloq dewmien fir-rigward tad-dħul tas-citalopram ġeneriku fis-suq sabiex toħloq l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-introduzzjoni tal-prodott mediċinali ġdid tagħha, is-Cipralex, li kien protett minn privattiva (ara l-punt 22 iktar 'il fuq).

694 Fid-dawl ta' dan il-għan, ma jistax jiġi immaġinat li r-rikorrenti kienu aċċettaw li jħallsu lil Ranbaxy l-ammonti previsti fil-ftehim Ranbaxy li kieku dan kien jippermettilha tipproduċi u tbigħ is-citalopram ġeneriku permezz ta' proċessi oħra differenti minn dawk koperti mill-applikazzjonijiet tagħha għal privattiva ppreżentati fl-Indja. Fil-verità, ftit huwa probabbli li Lundbeck kienet tikkonkludi ftehim oneruż li kieku dan ma kienx jagħtiha ċ-ċertezza li Ranbaxy kienet ser tibqa' barra mis-suq bis-citalopram ġeneriku tagħha matul it-tul ta' dan il-ftehim, li matulu Lundbeck kienet qiegħda tippjana li tibda tikkumerċjalizza s-Cipralex.

695 Għalkemm huwa minnu li Ranbaxy ma kinitx tikkondividi l-għan tar-rikorrenti dwar is-Cipralex, xorta waħda jibqa' l-fatt li Ranbaxy ma setgħetx ma tkunx taf bih u, barra minn hekk, li hija kellha ċertament interess li tikseb ammont ċert minflok ma tieħu r-riskji marbuta mad-dħul tagħha fis-suq.

696 Dawn il-kunsiderazzjonijiet jippermettu li jiġi miċħud ukoll l-argument tar-rikorrenti fis-sens li, skont id-dritt Svediż, li jirregola l-ftehim Ranbaxy, il-Kummissjoni kien imissha ħadet iktar inkunsiderazzjoni l-intenzjoni komuni tal-partijiet f'dan il-ftehim.

697 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta kkonkludiet, b'mod partikolari fil-premessi 1137 u 1172 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-obbligi aċċettati minn Ranbaxy skont il-punt 1.1 tal-ftehim Ranbaxy, moqrija fid-dawl ukoll tal-kuntest tagħhom, ma kinux limitati għas-citalopram prodott skont il-proċessi li hija kienet qiegħda tuża fil-mument tal-iffirmar ta' dan il-ftehim, b'tali mod li dawn l-obbligi kienu jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck.

698 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni ma tistax tiġi kkonċiljata mal-ammissjoni minn din tal-aħħar tal-fatt li Ranbaxy baqgħet libera li tbigħ is-citalopram li kien jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom, bil-kundizzjoni li l-IFA użat għall-produzzjoni tiegħu jkun ġej minn terz.

699 F'dan ir-rigward, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, ftit huwa importanti li din tal-aħħar aċċettat, fil-premessa 694 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ftehim Ranbaxy ma kienx jipprekludi lil din l-impriża milli tbigħ prodotti farmaċewtiċi li jkun fihom is-citalopram, bil-kundizzjoni li l-IFA użat għal dan il-għan ikun ġej minn terz. Fil-fatt, l-obbligi aċċettati minn Ranbaxy skont l-interpretazzjoni tal-punt 1.1 tal-ftehim Ranbaxy adottata mill-Kummissjoni, li jikkonċernaw il-bejgħ ta' citalopram prodott minn din l-impriża stess, ma humiex marbuta mal-possibbiltà purament teoretika li Ranbaxy tbigħ prodotti li jkun fihom is-citalopram ġej minn produtturi oħra ta' IFA. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li Ranbaxy kienet inizjalment produttur ta' IFA, b'tali mod li ma kellha l-ebda interess li takkwista banda oħra l-IFA għall-produzzjoni tal-pilloli ta' citalopram fil-forma ta' prodotti lesti.

700 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-punt 1.4 tal-ftehim Ranbaxy (ara l-aħħar inċiż tal-punt 48 iktar 'il fuq) ma jipprekludix lil din l-impriża milli tikkontesta l-validità tal-privattivi tagħhom. Fil-fatt, kawża ġudizzjarja intiża sabiex tiġi invalidata privattiva ma tkunx "ibbażata" fuq il-privattiva, filwaqt li dan il-punt isemmi l-impenn li ma jitressqux kawżi "fuq il-bażi" tal-privattivi ċċitati fil-ftehim Ranbaxy. L-unika projbizzjoni għal Ranbaxy kienet tikkonċerna l-possibbiltà li titressaq kawża ġudizzjarja kontra r-rikorrenti minħabba vjolazzjoni tal-privattivi li Ranbaxy kienet applikat għalihom fl-Indja.

701 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li dawn l-argumenti huma ineffettivi minħabba li, kif jirriżulta mill-punti 400 u 401 iktar 'il fuq, il-klassifikazzjoni tal-ftehimiet kontenzjużi bħala restrizzjonijiet minħabba l-għan ma hijiex ibbażata fuq il-preżenza, f'dawn il-ftehimiet, ta' klawżoli li jipprekludu kontestazzjoni. Bl-istess mod, mill-premessa 1174 jirriżulta b'mod ċar li l-preżenza ta' tali klawżola fil-ftehim Ranbaxy ma ssemmietx, mill-Kummissjoni, bħala wieħed mill-fatturi rilevanti sabiex tikkonkludi li jeżisti ksur minħabba l-għan.

702 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li l-espressjoni "jimpenjaw ruħhom li ma jressqux kawżi ġudizzjarja [...] fuq il-bażi ta' xi waħda mill-privattivi msemmija iktar 'il fuq", li tinsab fil-punt 1.4 tal-ftehim Ranbaxy, hija flessibbli biżżejjed sabiex ikun possibbli li jiġu inklużi fiha kawżi intiżi sabiex tiġi kkontestata l-validità tal-privattivi inkwistjoni. Barra minn hekk, għandu jingħad li Ranbaxy ma kkontestatx il-validità ta' dawn tal-aħħar matul it-tul tal-ftehim Ranbaxy.

703 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jallegaw li l-oġġezzjoni marbuta mal-punt 1.4 tal-ftehim Ranbaxy tqajmet biss fl-espożizzjoni tal-fatti, u ma kinitx tqajmet fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom.

704 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi osservat li r-rikorrenti jammettu li din il-klawżola, u l-interpretazzjoni tagħha mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, kienu inklużi fl-espożizzjoni tal-fatti, li huma kienu wieġbu għaliha, inkluż dwar dan il-punt. Minn dan isegwi li huma kellhom il-possibbiltà li jagħmlu osservazzjonijiet f'dan ir-rigward, b'tali mod li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2002, LR AF 1998 vs Il-Kummissjoni, T-23/99, Ġabra, EU:T:2002:75, punt 190 u l-ġurisprudenza ċċitata).

705 Għaldaqstant, din il-parti għandha tiġi miċħuda, kif ukoll is-sitt motiv fl-intier tiegħu.

III – *Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq sa fejn il-benefiċċji f'termini ta' effikaċità tal-ftehimiet kontenzjużi ma ġewx evalwati b'mod korrett*

706 Ir-rikorrenti jfakkru li, fil-kuntest tat-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, huma kienu sostnew li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jiffavorixxu l-kompetizzjoni peress li l-ftehimiet bonarji jħarsu l-motivazzjoni ta' innovazzjoni, minn naħa, u setgħu jiffaċilitaw dħul iktar kmieni ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, min-naħa l-oħra. Huma jsostnu li l-Kummissjoni ma eżaminatx dawn l-argumenti fil-livell meħtieġ. Barra minn hekk, l-ispjegazzjonijiet mogħtija *a posteriori* mill-Kummissjoni fir-risposta tagħha huma inammissibbli.

707 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

708 Għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 101(3) TFUE għall-ftehimiet kontenzjużi fil-premessi 1212 *et seq* tad-deċiżjoni kkontestata.

709 B'hekk, hija fakkret, ġustament, li l-Artikolu 101(3) TFUE jippermetti lill-impriżi jiddefendu ruħhom kontra l-eżistenza ta' ksur għall-Artikolu 101(1) TFUE billi jistabbilixxu li erba' kundizzjonijiet huma ssodisfatti:

— l-ewwel nett, il-ftehim inkwistjoni għandu jikkontribwixxi sabiex tittejjeb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew sabiex jiġi promoss il-progress tekniku jew ekonomiku;

— it-tieni nett, il-ftehim inkwistjoni ma għandux jimponi restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu;

— it-tielet nett, il-ftehim inkwistjoni għandu jgħaddi lill-konsumaturi parti ġusta mill-benefiċċji miksuba;

— ir-raba' nett, il-ftehim inkwistjoni ma għandux jippermetti lill-impriżi jeliminaw kull kompetizzjoni jew parti sostanzjali minnha fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni.

710 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 jipprevedi, bħall-ġurisprudenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni *et*, C-501/06 P, C-513/06 P, C-515/06 P u C-519/06 P, Ġabra, EU:C:2009:610, punt 82), li hija l-parti li tkun qiegħda tinvoka l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE li għandha tistabbilixxi, permezz ta' argumenti u ta' provi konvinċenti, li l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tibbenefika minn eżenzjoni huma ssodisfatti.

711 Għalhekk, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-impriża li tkun qiegħda titlob il-benefiċċju tal-eżenzjoni taħt l-Artikolu 101(3) TFUE. Madankollu, il-fatti invokati mill-imsemmija impriża jistgħu jkunu ta' natura li jobbligaw lill-parti l-oħra tipprovdi spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni, li fl-assenza tagħhom jista' jiġi konkluż li l-oneru tal-prova jkun ġie ssodisfatt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza GlaxoSmithKline Services *et* vs Il-Kummissjoni *et*, punt 711 iktar 'il fuq, punt 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

712 Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat fil-livell meħtieġ id-diversi argumenti invokati mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kif ukoll mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva.

713 L-ewwel nett, fir-rigward tal-argument fis-sens li l-ftehimiet kontenzjużi inkoraġġixxew l-inċentiv għal innovazzjoni tar-rikorrenti, għalkemm huwa minnu li tali argument ma ġiex eżaminat speċifikament mill-Kummissjoni fil-parti tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-eżami tal-applikabbiltà tal-Artikolu 101(3) TFUE, għandu jiġi osservat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li, fit-tweġiba tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ir-rikorrenti kienu sempliċement sostnew b'mod ġenerali li l-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi jħarsu l-inċentiv għal innovazzjoni, filwaqt li bbażaw ruħhom fuq studju ekonomiku, mingħajr madankollu ma spjegaw kif il-ftehimiet kontenzjużi kienu kkontribwixxew għall-ħolqien ta' tali inċentiv f'dan il-każ, li jmur lil hinn mill-protezzjoni leġiżlattiva marbuta mal-privattivi, u lanqas ma spjegaw kif l-erba' kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE kienu ssodisfatti f'dan il-każ. Fil-fatt, l-istudju mressaq mir-rikorrenti kien iktar idaħħal inkwistjoni l-applikabbiltà stess tal-Artikolu 101(1) TFUE, sa fejn dan l-istudju kien jikkontesta l-fatt li l-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi, bħalma huma l-ftehimiet kontenzjużi, jista' jkollhom effetti negattivi għall-konsumaturi. Għalhekk, peress li dan l-argument diġà ġie miċħud mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan (premessi 710 sa 713 tad-deċiżjoni kkontestata), hija ma kinitx meħtieġa terġa' teżaminah fid-dawl tal-Artikolu 101(3) TFUE fl-assenza ta' argumenti iktar issostanzjati f'dan ir-rigward.

714 Fi kwalunkwe każ, f'dan il-każ huwa manifest li l-ftehimiet kontenzjużi, li kienu jipprevedu dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq permezz ta' pagamenti bil-kontra, ma kinux indispensabbli sabiex jitħares l-inċentiv għal innovazzjoni tar-rikorrenti. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jiġu pperċepiti l-vantaġġi għall-konsumaturi li kienu jirriżultaw minn tali ftehimiet. Fl-aħħar nett, il-kundizzjoni dwar l-assenza ta' eliminazzjoni ta' kull kompetizzjoni lanqas ma hija ssodisfatta f'dan il-każ, peress li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu fil-fatt kompetituri potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi u peress li huma kienu impenjaw ruħhom, bħala korrispettiv għal pagament, li ma jidħlux fis-suq matul it-tul tal-imsemmija ftehimiet.

715 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta ma eżaminatx iktar l-argument tar-rikorrenti, dwar l-inċentiv għal innovazzjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, fid-dawl tal-Artikolu 101(3) TFUE fid-deċiżjoni kkontestata.

716 It-tieni nett, fir-rigward tal-allegazzjoni li l-ftehimiet kontenzjużi ppermettew li jiġi żgurat dħul iktar rapidu tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, il-Kummissjoni ġustament ċaħditha fil-premessi 1228 sa 1230 tad-deċiżjoni kkontestata billi qieset li din l-allegazzjoni ma kinitx ikkorroborata mill-fatti, peress li l-ftehimiet kontenzjużi ma kienu jipprevedu l-ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck sabiex tawtorizza d-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq wara l-iskadenza ta' dawn il-ftehimiet, u li fil-verità kienu pprekludew dħul potenzjalment immedjat tagħhom fis-suq.

717 Fil-fatt, mill-elementi fil-proċess u, b'mod partikolari, mill-kontenut tal-ftehimiet kontenzjużi, jirriżulta li dawn ma kienu jipprevedu ebda data preċiża li fiha l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi setgħu jidħlu fis-suq qabel l-iskadenza tal-privattivi ta' Lundbeck. Kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-premessa 662 tad-deċiżjoni kkontestata, il-ftehimiet kontenzjużi ma kienu jinkludu ebda impenn min-naħa ta' Lundbeck li ma tressaqx kawżi dwar vjolazzjoni fil-każ ta' dħul ta' prodotti mediċinali ġeneriċi wara l-iskadenza tagħhom. Għaldaqstant, il-ftehimiet kontenzjużi fil-verità ma pprovdewx soluzzjoni għal tilwima fil-qasam tal-privattivi u lanqas ma ppermettew dħul iktar rapidu tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, kif jallegaw ir-rikorrenti, iżda sempliċement ippermettew lil Lundbeck tirbaħ perijodu ta' żmien billi tikkawża dewmien fir-rigward tad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq permezz tal-pagament ta' somom sostanzjali lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

718 It-tielet nett, l-allegazzjoni li l-ftehimiet kontenzjużi ppermettew li jiġu evitati spejjeż ġudizzjarji sostanzjali jew deċiżjonijiet ġudizzjarji diverġenti lanqas ma hija kkorroborata mill-fatti, peress li dawn il-ftehimiet ma ppermettewx li tintemm it-tilwima bażika fil-qasam tal-privattivi bejn il-partijiet f'dawn il-ftehimiet sa fejn ma kienx eskluż li Lundbeck setgħet tressaq kawżi ġudizzjarji kontra l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi mal-iskadenza tagħhom, inkluż quddiem diversi qrati stabbiliti f'diversi Stati taż-ŻEE. Għaldaqstant, iċ-ċifri invokati mir-rikorrenti, li jsemmu diversi miljuni ta' euro fi spejjeż ġudizzjarji evitati fir-rigward taż-ŻEE kollha, ma humiex rilevanti sa fejn ma jidhirx li dawn l-ispejjeż kienu ser jiġġarrbu b'mod ċert fl-assenza tal-ftehimiet kontenzjużi. Għalkemm huwa minnu li, fl-aħħar mill-aħħar, Lundbeck ma ressqet l-ebda kawża wara l-iskadenza ta' dawn il-ftehimiet, dan kien prinċipalment minħabba li tali kawżi ma kienx għad għandhom interess għal Lundbeck peress li impriżi oħra ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, bħalma kienet Lagap fir-Renju Unit, kienu diġà daħlu fis-suq f'dak il-mument.

719 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li l-ftehimiet kontenzjużi ppermettew li jiġu evitati ċerti spejjeż marbuta mal-kawżi potenzjali quddiem qrati differenti, ir-rikorrenti ma stabbilixxewx kif ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu jirriżultaw minn dawn il-ftehimiet kienu indispensabbli sabiex jintlaħaq dan l-għan, u dan meta kienet possibbli l-konklużjoni ta' tipi oħra ta' ftehimiet bonarji, li ma kellhom ebda natura antikompetittiva (ara l-punti 351 u 530 iktar 'il fuq). Huma lanqas ma spjegaw kif dawn il-ftehimiet irriżervaw parti ġusta mill-benefiċċji allegatament miksuba għall-konsumaturi.

720 Għandu jiġi kkonstatat, għalhekk, li l-Kummissjoni la wettqet żball u lanqas ma kisret ir-regoli dwar l-oneru tal-prova meta kkonkludiet li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) TFUE ma kinux issodisfatti f'dan il-każ.

721 Għaldaqstant, is-seba' motiv għandu jiġi miċħud.

IV – *Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża*

722 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikser id-drittijiet tad-difiża tagħhom peress li l-Kummissjoni emendat l-elementi li jikkostitwixxu l-ksur allegat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, mingħajr ma semgħathom minn qabel. Huma ma setgħux jirribattu l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni fis-sens li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu l-kompetituri potenzjali tagħhom minkejja l-vjolazzjoni eventwali jew probabbli tal-privattivi tagħhom, kif ukoll il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fis-sens li l-pagamenti bil-kontra kienu biżżejjed, waħedhom, sabiex jiġi stabbilit li l-ftehimiet kontenzjużi jikkostitwixxu ksur minħabba l-għan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kien imissha ppermettiet lir-rikorrenti jkollhom aċċess għall-korrispondenza tagħha mal-KFST, sa fejn din il-korrispondenza setgħet tinkludi provi favurihom.

A – *Fuq l-ewwel parti*

723 Ir-rikorrenti jqisu li l-bidla sħiħa magħmula fit-teorija tal-Kummissjoni tikser id-dritt għal smigħ tagħhom. Huma jfakkru li, skont il-ġurisprudenza, anki jekk il-fatti kollha kkonstatati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata kienu diġà preżenti fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, id-drittijiet tad-difiża ma jkunux irrispettati jekk dawn il-fatti jiġu riprodotti f'diversi punti ta' din id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet mingħajr ma tkun stabbilita l-ebda rabta bejniethom, jew mingħajr ma l-Kummissjoni ma tkun tathom l-ebda klassifikazzjoni.

724 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata bidlet sostanzjalment il-pożizzjoni fil-konfront ta' dik li kienet espressa fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompetizzjoni potenzjali, li hija element kostitwenti essenzjali tal-ksur allegat. B'hekk, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, l-ewwel nett, bidlet sostanzjalment il-pożizzjoni tagħha billi ddikjarat li anki l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li ma kellhomx aċċess għas-citalopram li ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni kellhom jitqiesu li jikkostitwixxu kompetituri potenzjali ta' Lundbeck, it-tieni nett, għamlet distinzjoni bejn żewġ fażijiet li fihom ikun hemm kompetizzjoni potenzjali u, it-tielet nett, żiedet tgħid li l-kompetizzjoni potenzjali tesprimi ruħha wkoll permezz ta' kontestazzjonijiet tal-validità ta' privattivi, ta' tentattivi ta' innovazzjoni fuq il-bażi ta' privattivi ta' proċess, jew ta' talbiet ġudizzjarji għal dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' vjolazzjoni, u anki permezz tad-dħul "b'riskju", li huwa l-essenza stess tal-kompetizzjoni fis-settur farmaċewtiku.

725 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

726 Għandu jitfakkar li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża huwa dritt fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, li jeżiġi r-rispett ta' dawn id-drittijiet f'kull proċedura.

727 Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jirrikjedi li l-impriża kkonċernata tkun tqiegħdet f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li tispjega b'mod utli l-fehma tagħha fuq ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll fuq id-dokumenti kkunsidrati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' ksur tat-Trattat (sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, punt 111 iktar 'il fuq, EU:C:2004:6, punt 66; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, Ġabra, EU:C:1979:36, punt 9).

728 F'dan is-sens, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jipprevedi, minn naħa, li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi kkonċernati mill-proċedura mmexxija mill-Kummissjoni l-opportunità li jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-ilmenti magħmula mill-Kummissjoni, u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq l-ilmenti li dwarhom il-partijiet ikkonċernati setgħu jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom.

729 Dan ir-rekwiżit għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza li tipprovdi li d-dikjarazzjoni tal-ilmenti għandha tesponi, b'mod ċar, l-elementi essenzjali kollha li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża ruħha f'dan l-istadju tal-proċedura. Madankollu, din l-indikazzjoni tista' ssir b'mod sommarju u d-deċiżjoni ma għandhiex neċessarjament tkun kopja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, għaliex din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi dokument preparatorju u l-evalwazzjonijiet tal-punti ta' fatt u ta' liġi magħmula fiha huma ta' natura purament provviżorja (ara s-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, punt 111 iktar 'il fuq, EU:C:2004:6, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

730 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument fis-sens li l-Kummissjoni kienet bidlet sostanzjalment il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompetizzjoni potenzjali fid-deċiżjoni kkontestata meta mqabbla mad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, li din ma qisitx li kienu biss l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li kellhom aċċess għas-citalopram li ma jikkostitwixxix vjolazzjoni li setgħu jitqiesu li huma kompetituri potenzjali ta' Lundbeck. Fil-fatt, mill-premessi 468 u 469 tad-dikjarazzjoni

tal-oġġezzjonijiet b'mod partikolari, jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u l-laboratorju ta' oriġini setgħu jitqiesu li huma kompetituri potenzjali, irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk il-prodotti mediċinali ġeneriċi li dawn l-impriżi kellhom l-intenzjoni li jikkummerċjalizzaw setgħux jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' privattiva ta' proċess jew le. Barra minn hekk, mill-premessi 519, 550, 586, 612, 645, u 683 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq sett sħiħ ta' fatturi, fosthom iċ-ċirkustanza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu diġà wettqu sforzi importanti sabiex jippreparaw għad-dħul tagħhom fis-suq, u f'ċerti każijiet, kienu diġà kisbu l-ATS neċessarji jew kienu akkumulaw stokk kunsiderevoli ta' citalopram ġeneriku għal dan il-għan, sabiex tikkonkludi li kien hemm kompetizzjoni minn tal-inqas potenzjali bejnhom u Lundbeck.

731 It-tieni nett, għalkemm il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn żewġ fażijiet marbuta mal-kompetizzjoni potenzjali fis-settur farmaċewtiku fid-deċiżjoni kkontestata (punt 91 iktar 'il fuq), għandu jiġi osservat li, fil-każ ineżami, huwa paċifiku li l-privattivi oriġinali ta' Lundbeck kienu skadew fil-pajjiżi kważi kollha taż-ŻEE fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, b'tali mod li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu jinsabu kollha fi stadju avvanzat fil-preparazzjonijiet tagħhom sabiex jidħlu fis-suq. Il-fatt li l-Kummissjoni qieset, fil-premessa 616 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kompetizzjoni potenzjali setgħet tibda diġà fis-snin qabel l-iskadenza tal-privattiva dwar l-IFA la huwa deċiżiv u lanqas ma huwa rilevanti għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni marbuta mal-kompetizzjoni potenzjali bejn ir-rikorrenti u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi f'dan il-każ. Għalhekk, *a fortiori*, tali evalwazzjoni ma setax ikollha effetti fuq id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

732 It-tielet nett, mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jirriżulta wkoll li d-dħul "b'riskju" mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kien meqjus bħala parti mill-proċess kompetittiv bejnhom u Lundbeck (ara b'mod partikolari l-premessi 29, 488, 528, 562, 594, 621 u 656 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet). Filwaqt li huwa minnu li d-deċiżjoni kkontestata tiżviluppa iktar argumenti f'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li din id-deċiżjoni ma għandhiex neċessarjament tkun kopja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (punt 730 iktar 'il fuq), u li l-Kummissjoni għandha tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni t-tweġibiet tal-impriżi għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, inkluż billi tikkompleta, billi tiżviluppa f'iktar dettall jew billi tifformula mill-ġdid l-argumenti insostenn tal-oġġezzjonijiet miżmuma minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2007, SGL Carbon vs Il-Kummissjoni, C-328/05 P, Ġabra, EU:C:2007:277, punt 62, u tal-15 ta' Marzu 2006, BASF vs Il-Kummissjoni, T-15/02, Ġabra, EU:T:2006:74, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

733 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jallegaw li l-Kummissjoni kkonstatat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-possibbiltà ta' kawżi fil-qasam tal-privattivi hija suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejnhom u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi. Fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata, bħad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija bbażata fuq sett sħiħ ta' fatturi f'dan ir-rigward, fosthom il-fatt li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu wettqu passi importanti sabiex jippreparaw għad-dħul tagħhom fis-suq (punti 96 u 731 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet tagħmel riferiment ukoll għall-fatt li l-kawżi fil-qasam tal-privattivi kienu jagħmlu parti integrali mill-proċess kompetittiv fis-settur farmaċewtiku (ara b'mod partikolari l-premessa 27 u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet).

734 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jallegaw li l-Kummissjoni bidlet sostanzjalment il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-kompetizzjoni potenzjali bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata.

735 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata ma indikatx standard legali ċar u koerenti għall-eżami tal-pagamenti bil-kontra previsti fi ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

736 Bl-istess mod, skonthom, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni dwar il-limitu minimu li minnu somma flus kellha titqies li hija "kunsiderevoli", bl-uniku punt ta' riferiment ikun li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu ġew "proposti iktar flus milli setgħu jiksbu fis-suq mill-bejgħ ta' verżjonijiet ġeneriċi tas-citalopram", li kien "inċentivahom sabiex jirrinunzjaw milli jippożizzjonaw ruħhom bħala rivali ta' Lundbeck" (premessa 710 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet).

737 L-assenza ta' standards ta' eżami ċari pprekludiet lir-rikorrenti milli jressqu b'mod utli l-pożizzjoni tagħhom, u dan jikkostitwixxi difett legali partikolarment gravi sa fejn dan il-każ iqajjem kwistjonijiet legali kumplessi u ġodda, u sa fejn, minbarra l-kriterju tal-portata tal-privattiva, li ġie miċħud fid-deċiżjoni kkontestata, l-ebda indikazzjoni oħra ma setgħet tiġi dedotta mill-ġurisprudenza preċedenti.

738 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-premessa 480 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tindika espliċitament li l-eżistenza ta' pagamenti bil-kontra hija deċiżiva għall-finijiet tal-evalwazzjoni legali tal-ftehimiet kontenzjużi, f'termini identiċi għal dawk li jinsabu fil-premessa 660 tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, l-istess bħad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata wkoll fuq l-allegazzjoni li l-eżistenza ta' pagamenti bil-kontra fil-ftehimiet kontenzjużi tikkostitwixxi wieħed mill-fatturi rilevanti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan (ara l-premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tindika, bħalma tagħmel id-deċiżjoni kkontestata, li l-ammonti tal-pagamenti bil-kontra kienu problematiċi sa fejn kienu jieħdu inkunsiderazzjoni l-profitti jew id-dħul mill-bejgħ li kienu ser jiġġeneraw l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ ta' dħul fis-suq, li kien inaqqas l-inċentivi għall-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi li jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jidħlu fis-suq (ara, b'mod partikolari, il-premessi 469, 496, 543, 588, 638 u 687 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll il-punt 355 iktar 'il fuq).

739 Għaldaqstant, it-tieni lment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud ukoll.

740 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata kif ukoll l-espożizzjoni tal-fatti jinkludu diversi elementi li ma jidhrux fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, bħalma huma l-ishma tas-suq ta' Lundbeck fis-suq tal-prodotti mediċinali ta' kontra d-depressjoni fiż-ŻEE (premessa 215 tad-deċiżjoni kkontestata u punt 17 tal-espożizzjoni tal-fatti). Il-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola dawn l-ishma tas-suq kif ukoll id-definizzjoni preċiża tas-suq baqgħu ma ġewx iċċarati u spjegati u lanqas ma jinsabu fl-espożizzjoni tal-fatti.

741 Fir-rigward tal-ishma tas-suq tar-rikorrenti ppreżentati mill-Kummissjoni fl-espożizzjoni tal-fatti tat-12 ta' April 2013 sabiex issaħħaħ il-konklużjoni tagħha dwar id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kkawżati mill-ftehimiet kontenzjużi, għandu jitfakkar, qabel kollox, li ftehim li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li jkollu għan antikompetittiv jikkostitwixxi, minħabba n-natura tiegħu u irrispettivament minn kull effett konkret tiegħu, restrizzjoni importanti tal-iżvolġiment tal-kompetizzjoni (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012, Expedia, C-226/11, Ġabra, EU:C:2012:795, punt 37). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tistabbilixxi b'mod iddettaljat, la fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas fid-deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza ta' restrizzjoni importanti tal-kompetizzjoni, peress li hija kienet stabbilixxiet suffiċjentement li l-ftehimiet kontenzjużi kellhom għan antikompetittiv u setgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara b'mod partikolari l-premessi premessi 196, 197, 209 sa 213, 724 u 726 tad-deċiżjoni kkontestata). Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti setgħu jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom wara l-komunikazzjoni tal-espożizzjoni tal-fatti, b'tali mod li ma jistgħux jinvokaw ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom f'dan ir-rigward (ara l-punt 705 iktar 'il fuq).

742 Għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

B – *Fuq it-tieni parti*

743 Ir-rikorrenti jqisu li l-Kummissjoni ma kellhiex raġun meta rrifjutatilhom l-aċċess għall-komunikazzjonijiet tagħha mal-KFST. Għalkemm huwa minnu, skonthom, li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli ta' aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni fil-kawżi taħt l-Artikoli [101 TFUE] u [102 TUFE], taħt l-Artikoli 53, 54 u 57 tal-Ftehim ŻEE u taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (ĠU 2005, C 325, p. 7), teskludi l-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali mid-dritt ta' aċċess għall-fajl, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, jekk dan ikun meħtieġ miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali tal-każ, id-dokumenti interni tal-Kummissjoni jistgħu jiġu kkomunikati lill-partijiet. Issa, huwa biżżejjed li l-partijiet jistabbilixxu l-eżistenza ta' possibbiltà, anki jekk limitata, li d-dokumenti li ma jkunux ġew żvelati matul il-proċedura amministrattiva jistgħu jkunu utli għad-difiża tagħhom. Dan huwa l-każ hawnhekk sa fejn il-korrispondenza mal-KFST tinkludi provi potenzjalment favur tagħhom, li jippermettu li jiġi pprovat, mill-aspett fattwali u għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, l-istat inċert tad-dritt tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-ftehimiet bonarji li jistipulaw pagament bil-kontra fid-data li fiha r-rikorrenti kkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi. Fi kwalunkwe każ, l-iżvelar ulterjuri ta' dawn id-dokumenti mill-Kummissjoni juri li dawn ma kienx fihom informazzjoni kunfidenzjali, b'tali mod li l-Kummissjoni kien imissha għamlithom aċċessibbli immedjatament. Fil-fehma tagħhom, dan huwa biżżejjed sabiex tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata.

744 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

745 Skont il-ġurisprudenza, fil-każ li l-Kummissjoni tkun ċaħdet, matul il-proċedura amministrattiva, talba minn rikorrent għal aċċess għad-dokumenti li ma jkunux jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni, ksur tad-drittijiet tad-difiża jista' jiġi kkonstatat biss jekk jiġi stabbilit li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti fil-każ li r-rikorrent kellu aċċess għad-dokumenti inkwistjoni matul din il-proċedura (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2011, Solvay vs Il-Kummissjoni, T-186/06, Ġabra, EU:T:2011:276, punt 227 u l-ġurisprudenza ċċitata).

746 Għandu jitfakkar ukoll li, fi kwalunkwe każ, ksur tad-drittijiet tad-difiża ma jistax, fih innifsu, jaffettwa l-validità tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha meta din ma tkunx ibbażata biss fuq l-elementi ta' informazzjoni inkwistjoni. Għall-kuntrarju, f'tali każ, il-Qorti Ġenerali għandha teskludi l-kontenut ta' dawn id-dokumenti meta teżamina l-fondatezza tad-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra, EU:C:1983:158, punt 30, u tal-14 ta' Mejju 1998, Mo och Domsjö vs Il-Kummissjoni, T-352/94, Ġabra, EU:T:1998:103, punt 74).

747 F'dan il-każ, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ dokumenti li jikkonċernaw il-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-KFST, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni pproduċiethom b'mod spontanju, bħala anness mar-risposta tagħha, bi tweġiba għat-talba tar-rikorrenti. Dawn huma, minn naħa, rapport tal-KFST tas-7 ta' Ottubru 2003, dwar l-investigazzjoni mmexxija minn din l-awtorità fir-rigward tal-attivitajiet ta' Lundbeck u tal-ftehimiet konklużi minnha fis-suq tal-prodotti farmaċewtiċi ta' kontra d-depressjoni u, minn naħa l-oħra, memorandum tal-KFST tal-10 ta' Ġunju 2005 li jippreżenta fil-qosor il-konklużjonijiet tal-imsemmija awtorità fir-rigward tal-evalwazzjonijiet ta' dawn il-ftehimiet fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE dwar il-kompetizzjoni ħielsa.

748 Għandu jiġi kkonstatat, qabel kollox, li dawn ma humiex dokumenti li joriġinaw direttament mingħand il-Kummissjoni jew mid-dipartimenti tagħha iżda minn komunikazzjonijiet ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Issa, skont il-ġurisprudenza, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma jistgħux joħolqu għall-impriżi aspettattiva leġittima li l-aġir tagħhom ma jiksirx l-Artikolu 101 TFUE, peress li l-imsemmija awtoritajiet ma għandhomx il-kompetenza li jieħdu deċiżjoni negattiva, jiġifieri deċiżjoni li tikkonkludi li ma hemmx ksur tal-imsemmija dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et*, C-681/11, Ġabra, EU:C:2013:404, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk anki jekk jitqies li kienu kkonstataw li ma kienx hemm ksur jew li kienu daħlu

inkwistjoni t-teorija adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu invokati b'mod utli mir-rikorrenti bħala provi favurihom peress li, li kieku kienu ġew ikkomunikati lir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva, tali komunikazzjoni ma kien ser ikollha l-ebda impatt fir-rigward tal-eżitu ta' din il-proċedura.

749 Fi kwalunkwe każ, dawn id-dokumenti mhux talli ma jdaħħlux inkwistjoni l-evalwazzjoni tal-ftehimiet kontenzjużi magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, iżda pjuttost jikkonfermawha peress li, f'għajnejn il-KFST, kif indikat fir-rapport tagħha tas-7 ta' Ottubru 2003, il-ftehimiet kontenzjużi setgħu jinfluwenzaw il-kompetizzjoni sa fejn Lundbeck kienet ħallset lill-kompetituri sabiex iżommu 'l bogħod mis-suq u sa fejn l-effett kien, b'mod li ma jistax jiġi kkontestat, prezzijiet iktar għoljin. Hija għalhekk qieset li dawn il-ftehimiet kienu jikkostitwixxu ksur gravi ħafna tal-Artikolu 101 TFUE.

750 Għalkemm huwa minnu li mill-memorandum tal-KFST tal-10 ta' Ġunju 2005 jirriżulta wkoll li, f'għajnejn il-Kummissjoni, kien hemm dubju dwar il-kwistjoni ta' jekk tali ftehimiet kinux antikompetittivi jew le, fir-rigward b'mod partikolari tan-natura sostanzjali tal-pagament imwettaq minn Lundbeck favur l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, għandu jitfakkar li din kienet biss evalwazzjoni preliminari tal-Kummissjoni u li, sussegwentement għal din l-informazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda investigazzjoni usa' fuq dan it-tip ta' ftehimiet fil-qasam farmaċewtiku sabiex tifforma opinjoni iktar preċiża dwar il-funzjonament ta' dan is-settur u fuq il-kompatibbiltà ta' tali ftehimiet mal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE. Issa, wara din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni fetħet proċedura fuq il-bażi tal-Artikolu 101(1) TFUE, kontra Lundbeck u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi.

751 Barra minn hekk, minn dan il-memorandum tal-KFST jirriżulta wkoll li l-Kummissjoni kienet tagħti importanza primordjali lill-fatt li pagament bil-kontra sostanzjali jista' jikkostitwixxi indizju fis-sens li l-laboratorju ta' oriġini jkun ħallas lill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi sabiex iżommu 'l bogħod mis-suq. Fil-fatt, mill-imsemmi memorandum jirriżulta li "l-kwistjoni ta' jekk ftehim jistax jiġi ġġustifikat tiddependi, fost affarijiet oħra, mid-daqs tal-pagament", li, "[j]ekk dan ikopri biss l-ispejjeż li jistgħu jiġu stmati fil-każ li t-tilwima tressqet quddiem il-qrati, dan il-ftehim ikun jista' jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu [101 TFUE] jew [102 TFUE]" u li, "[g]all-kuntrarju, jekk il-pagament ikun iktar sostanzjali, dan jista' jitqies li huwa mezz sabiex il-kompetituri jitħallsu bil-għan li jżommu 'l bogħod mis-suq, bi ksur tal-Artikolu [101 TFUE] jew [102 TFUE]". Issa mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta wkoll b'mod ċar li l-fatt li l-pagamenti bil-kontra li jinsabu fil-ftehimiet kontenzjużi f'dan il-każ kienu sostanzjali u kienu jikkorrispondu, ftit jew wisq, għall-profitti mistennija mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fil-każ ta' dħul fis-suq u mhux għall-ispejjeż tal-kawżi eventwali li kienu ġew evitati, kien element deċiżiv sabiex ġie konkluż li kien hemm ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE (punti 365, 416 u 417 iktar 'il fuq).

752 Għalhekk, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li dawn id-dokumenti setgħu jintużaw fid-difiża tagħhom li kieku ġew ikkomunikati immedjatament matul il-proċedura amministrattiva, peress li jippermettu biss li jiġi eventwalment sostnut li kien hemm dubju, dak iż-żmien, dwar il-kwistjoni ta' jekk il-ftehimiet kontenzjużi setgħux jiġu kklassifikati immedjatament, mingħajr eżami fil-fond, bħala restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens
tal-Artikolu 101(1) TFUE. Madankollu, il-ġurisprudenza ma tirrikjedix li ftehim għandu jitqies li huwa suffiċjentement dannuż għall-kompetizzjoni *prima facie* jew mingħajr ebda dubju, mingħajr ma jitwettaq eżami fil-fond tal-kontenut tiegħu, tal-finalità tiegħu, u tal-kuntest ekonomiku u legali tiegħu, sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (punti 339 sa 345 u 439 iktar 'il fuq).

753 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti ma ġewx miksura f'dan il-każ, sa fejn ma jidhirx li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti li kieku dawn kellhom aċċess għad-dokumenti inkwistjoni matul din il-proċedura (punt 746 iktar 'il fuq).

754 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda, kif ukoll it-tmien motiv fl-intier tiegħu.

V – *Fuq id-disa' motiv, ibbażat, sussidjarjament, fuq l-argument li l-impożizzjoni ta' multi fuq Lundbeck hija vvizzjata minn żball manifest ta' liġi*

755 Ir-rikorrenti jsostnu, l-ewwel nett, l-assenza ta' kawżi preċedenti li jevalwaw ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi u, it-tieni nett, l-inapplikabbiltà tas-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni (T-321/05, Ġabra, EU:T:2010:266), għall-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi, sabiex jistabbilixxu li l-impożizzjoni ta' multi fir-rigward tagħhom ma kellha ebda bażi legali u kienet kuntrarja għall-prinċipju ta' ċertezza legali f'dan il-każ.

756 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

A – *Fuq l-ewwel parti*

757 Ir-rikorrenti jsostnu, l-ewwel nett, li, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni kellha raġun tikkonkludi li l-ftehimiet kontenzjużi kisru l-Artikolu 101 TFUE, ma hemm ebda raġuni valida li tawtorizzaha timponilha multi f'dan il-każ fid-dawl tan-novità u tal-kumplessità tal-kwistjonijiet fattwali u legali mqajma, kif barra minn hekk tirrikonoxxi l-Kummissjoni. L-impożizzjoni ta' multi f'tali każ tmur kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' legalità tar-reati u tal-pieni (*nullum crimen, nulla poena sine lege*). Barra minn hekk, ir-risposta tirrikonoxxi li din kienet l-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata ksur fir-rigward tal-ftehimiet imsejħa "pay for delay" (ftehimiet maħsuba sabiex joħolqu dewmien, billi jsiru pagamenti, fir-rigward tad-dħul fis-suq ta' prodotti mediċinali ġeneriċi).

758 Skont ir-rikorrenti, il-ġurisprudenza eżistenti, b'mod partikolari s-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), ma pprovdiet ebda gwida li tippermetti li jiġi previst li l-pagamenti bil-kontra stipulati fil-ftehimiet kontenzjużi kienu ser iservu bħala element deċiżiv għall-Kummissjoni sabiex tikkonstata li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE. Fil-fatt, il-Kummissjoni sostniet li, li kieku dawn il-ftehimiet ma kinux jipprevedu pagamenti bil-kontra, huma kienu jikkostitwixxu bħala prinċipju mezzi leġittimi li jippermettu li tiġi żgurata l-osservanza tal-privattivi ta' Lundbeck. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li s-sentenza BIDS, punt 342 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), ma kinitx ingħatat fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi.

759 Barra minn hekk, fil-bidu tas-sena 2004, il-KFST kienet tat indikazzjonijiet ċari dwar l-inċertezza legali li fiha kienu jinsabu l-ftehimiet fil-qasam tal-privattivi li jistipulaw pagamenti bil-kontra. B'mod partikolari, l-istqarrija għall-istampa tal-KFST tat-28 ta' Jannar 2004 turi li l-Kummissjoni dak iż-żmien kienet tqis li l-ammonti tal-pagamenti magħmula minn Lundbeck kienu tali li ma kienx possibbli li jintwera b'mod plawżibbli li kienu qegħdin iservu sabiex jikkumpensaw lil kompetitur sabiex iżomm 'il bogħod mis-suq. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ħadet iktar minn għaxar snin sabiex tieħu pożizzjoni dwar il-klassifikazzjoni legali ta' ftehimiet li jistipulaw pagament bil-kontra juri l-kumplessità estrema u n-novità kbira ħafna tal-kwistjonijiet inkwistjoni.

760 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

761 Għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi li leġiżlazzjoni tal-Unjoni tippermetti lill-partijiet interessati jkunu jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi li timponi fuqhom u li dawn tal-aħħar ikollhom il-possibbiltà li jieħdu konjizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tagħhom mingħajr ambigwità u li jagixxu fid-dawl tagħhom (ara s-sentenza tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, C-201/09 P u C-216/09 P, Ġabra, EU:C:2011:190, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

762 Madankollu, fir-rigward tal-kwistjoni jekk ksur ikunx twettaq b'mod intenzjonat jew b'negliġenza u jekk, għalhekk, jistax ikun issanzjonat permezz ta' multa taħt l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, mill-ġurisprudenza jirriżulta li din il-kundizzjoni tkun issodisfatta meta l-impriża inkwistjoni ma tistax ma tkunx taf bin-natura antikompetittiva tal-aġir tagħha, irrispettivament minn jekk tkunx konxja li tkun qiegħda tikser ir-regoli dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat (ara s-sentenza Schenker & Co. *et*, punt 749 iktar 'il fuq, EU:C:2013:404, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

763 Għandu jitfakkar ukoll li l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' legalità tal-pieni, previsti fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 kif ukoll fl-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ma jistgħux jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-kjarifikazzjoni gradwali tar-regoli dwar ir-responsabbiltà kriminali, iżda jistgħu jipprekludu l-applikazzjoni retroattiva ta' interpretazzjoni ġdida ta' regola li tistabbilixxi ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, punt 113 iktar 'il fuq, EU:C:2014:2062, punt 148 u l-ġurisprudenza ċċitata).

764 F'dan il-każ, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, ma kienx imprevedibbli li ftehimiet li permezz tagħhom il-laboratorju ta' oriġini jirnexxilu jeskludi kompetituri potenzjali mis-suq għal perijodu determinat permezz ta' pagamenti bil-kontra sostanzjali, setgħu jitqiesu li huma kuntrarji għall-Artikolu 101(1) TFUE, irrispettivament minn jekk imorrux lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi tiegħu jew le (ara l-punti 487 sa 491 iktar 'il fuq).

765 Kif ikkonstatat ġustament il-Kummissjoni fil-premessi 1312 u 1313 tad-deċiżjoni kkontestata, qari litterali tal-Artikolu 101(1) TFUE jippermetti li jinftiehem li ftehimiet bejn kompetituri maħsuba sabiex jeskludu lil uħud minnhom mis-suq kienu illegali. Fil-fatt, il-ftehimiet dwar it-tqassim tas-suq jew dwar l-esklużjoni mis-suq jinsabu fost l-iktar restrizzjonijiet gravi tal-kompetizzjoni msemmija espliċitament fl-Artikolu 101(1) TFUE (punt 339 iktar 'il fuq).

766 Il-fatt li, fil-każ ineżami, il-ftehimiet kontenzjużi kienu ġew konklużi fil-forma ta' ftehimiet bonarji dwar drittijiet ta' proprjetà intellettwali ma jistax jippermetti lir-rikorrenti jinferixxu li l-illegalità tagħhom fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni kienet kompletament ġdida jew imprevedibbli.

767 Fil-fatt, il-portata tal-kunċett ta' prevedibbiltà tiddependi kunsiderevolment mill-kontenut tat-test inkwistjoni, mill-qasam li huwa jkopri kif ukoll min-numru u mill-kwalità tad-destinatarji tiegħu. Il-prevedibbiltà tal-liġi ma tipprekludix li l-persuna kkonċernata jkollha tirrikorri għal kjarifiki sabiex tevalwa, b'mod raġonevoli fiċ-ċirkustanzi tal-każ, il-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw minn att speċifiku. Dan huwa applikabbli speċjalment għall-professjonisti, li huma mdorrijin jeżerċitaw prudenza kbira fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom. Wieħed jista' jistenna wkoll li huma jagħtu attenzjoni partikolari għall-evalwazzjoni tar-riskji li dan jinkludi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra, EU:C:2005:408, punt 219 u l-ġurisprudenza ċċitata).

768 Ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma jista' jdaħħal inkwistjoni din il-konklużjoni.

769 Fil-fatt, l-ewwel nett, għalkemm huwa minnu li s-sentenza BIDS, punt 340 iktar 'il fuq (EU:C:2008:643), invokata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ingħatat sussegwentement għall-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, il-ġurisprudenza preċedenti kienet tippreċiża madankollu li ftehim ma jgawdix minn immunità fil-konfront tad-dritt tal-kompetizzjoni għas-sempliċi fatt li jikkonċerna privattivi jew li jkun intiż li jfittex soluzzjoni bonarja għal tilwima fil-qasam tal-privattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Bayer u Maschinenfabrik Hennecke, punt 428 iktar 'il fuq, EU:C:1988:448, punt 15) u li l-fatt li d-deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali jiġu ssostitwiti bl-evalwazzjoni diskrezzjonali ta' waħda mill-partijiet sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' vjolazzjoni ta' privattiva manifestament ma

jaqax taħt l-għan speċifiku tal-privattiva u jikkostitwixxi restrizzjoni tal-iżvolġiment liberu tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Windsurfing International vs Il-Kummissjoni, punt 119 iktar 'il fuq, EU:C:1986:75, punti 52 u 92).

770 Is-sentenza Centrafarm u de Peijper, punt 117 iktar 'il fuq (EU:C:1974:114, punti 39 u 40) kienet tippreċiża wkoll li l-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju ta' dritt ta' proprjetà intellettwali setgħu jaqgħu taħt il-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 101 TFUE, u li dan seta' jkun il-każ kull darba li l-eżerċizzju ta' tali dritt jidher li jkun l-għan, il-mezz jew il-konsegwenza ta' akkordju.

771 It-tieni nett, fir-rigward tad-dokumenti li joriġinaw mill-KFST u, b'mod partikolari, tal-istqarrija għall-istampa tat-28 ta' Jannar 2004, għandu jitfakkar, qabel kollox, li dan ma huwiex dokument li joriġina mill-Kummissjoni u li għalhekk ma setax, bħala tali, joħloq aspettattivi leġittimi għar-rikorrenti. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ma għandhomx il-kompetenza li jieħdu deċiżjoni negattiva, jiġifieri deċiżjoni li tikkonkludi li ma hemmx ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE (punt 749 iktar 'il fuq).

772 Barra minn hekk, mill-istqarrija għall-istampa tal-KFST jirriżulta b'mod ċar li l-ftehimiet li jkollhom l-għan li jixtru l-esklużjoni mis-suq ta' kompetitur huma antikompetittivi. Meta temmet l-investigazzjoni fil-fond tagħha fir-rigward tas-settur farmaċewtiku, il-Kummissjoni setgħet tipperfezzjona l-approċċ tagħha u tifhem kompletament in-natura antikompetittiva ta' ċerti ftehimiet, b'mod partikolari meta dawn jimplikaw pagament bil-kontra sostanzjali, bħal f'dan il-każ (punti 350 sa 404 iktar 'il fuq).

773 It-tielet nett, sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw il-prassi preċedenti tal-Kummissjoni sabiex isostnu li l-ksur ikkonstatat f'dan il-każ kien insolitu u kien jistħoqqlu biss multa simbolika, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fl-iffissar tal-ammont tal-multi sabiex tiggwida l-aġir tal-impriżi lejn l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni. Il-fatt li l-Kummissjoni tkun applikat, fil-passat, multi ta' ċertu livell għal ċerti tipi ta' ksur ma jċaħħadhiex mill-possibbiltà li tgħolli dan il-livell fil-limiti stabbiliti mir-Regolament Nru 1/2003 jekk dan ikun neċessarju sabiex tiġi żgurata l-implementazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. L-applikazzjoni effikaċi tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni teżiġi, għall-kuntrarju, li l-Kummissjoni tkun tista', f'kull mument, taġġusta l-livell tal-multi għall-ħtiġijiet ta' din il-politika (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Aragonesas Industrias y Energía vs Il-Kummissjoni, T-348/08, Ġabra, EU:T:2011:621, punt 293 u l-ġurisprudenza ċċitata).

774 Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma qisitx, fil-passat, li ftehim ta' tip partikolari kien, minħabba l-għan stess tiegħu, jillimita l-kompetizzjoni ma huwiex ta' natura, fih innifsu, li jipprekludiha milli tagħmel dan fil-futur wara eżami individwali u ddettaljat tal-miżuri kontenzjużi, fir-rigward tal-kontenut tagħhom, tal-finalità tagħhom u tal-kuntest tagħhom. Għaldaqstant, ma huwiex meħtieġ li l-istess tip ta' ftehimiet kien diġà ġie kkundannat mill-Kummissjoni sabiex dawn il-ftehimiet ikunu jistgħu jitqiesu li jillimitaw il-kompetizzjoni minħabba l-għan (punt 439 iktar 'il fuq).

775 Il-ġurisprudenza lanqas ma teżiġi li ftehim għandu jkun suffiċjentement dannuż għall-kompetizzjoni *prima facie* jew mingħajr dubju, mingħajr ma jitwettaq eżami fil-fond tal-kontenut tiegħu, tal-finalità tiegħu, u tal-kuntest ekonomiku u legali tiegħu, sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (punt 753 iktar 'il fuq).

776 Fl-aħħar nett, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li ċerti impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu effettivament indunaw bin-natura ta' ksur ta' ftehimiet analogi għall-ftehimiet kontenzjużi u rrifjutaw li jidħlu f'tali ftehimiet preċiżament minħabba dan (ara l-premessa 190 tad-deċiżjoni kkontestata). Bl-istess mod, impjegat ta' Lundbeck irreaġixxa għal ċerti skambji ta' ittri elettroniċi li kienu jistabbilixxu l-prezzijiet u l-volumi ta' citalopram li Lundbeck xtrat mingħand Merck (GUK) bis-saħħa tal-ftehimiet kontenzjużi, billi ppreċiża li huwa "[kien qiegħed j]oġġezzjona bil-qawwa kontra l-kontenut ta' din l-ittra" u li "[huma ma setgħux u ma kellhomx j]idħlu fi ftehimiet dwar il-prezz

tal-bejgħ mill-ġdid" peress li "dan huwa illegali" (premessa 265 tad-deċiżjoni kkontestata). Fir-rigward tal-ftehim Ranbaxy, Lundbeck kienet osservat ukoll, matul in-negozjati dwar dan il-ftehim, li kien ser ikun oneruż u diffiċli, b'mod partikolari mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara l-premessa 188 tad-deċiżjoni kkontestata).

777 Dawn l-elementi juru li r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni previsti fil-ftehimiet kontenzjużi mhux talli ma kinux imprevedibbli dak iż-żmien iżda setgħu jiġu raġonevolment identifikati mill-partijiet f'dawn il-ftehimiet bħala li jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE.

778 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jallegaw li l-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' legalità tal-pieni f'dan il-każ.

779 Għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

B – *Fuq it-tieni parti*

780 Skont ir-rikorrenti, mis-sentenza AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, punt 756 iktar 'il fuq (EU:T:2010:266), jirriżulta li ma huwiex ġustifikat li jiġu imposti multi minħabba n-natura insolita ta' każ meta, minn naħa, l-ebda ġurisprudenza preċedenti ma tkun indirizzat l-aġir ikkunsidrat u, min-naħa l-oħra, dan l-aġir ma jkunx antikompetittiv ħafna, b'tali mod li l-impriża kkonċernata ma setgħetx tistenna li dan ikun illegali. Issa, skonthom, il-premessa 1300 tad-deċiżjoni kkontestata tirrikonoxxi li l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta f'dan il-każ filwaqt li, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, il-ftehimiet kontenzjużi ma humiex prattiki abbużivi, bħal dawk li kienu inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, punt 756 iktar 'il fuq (EU:T:2010:266) (iktar 'il quddiem il-"kawża AstraZeneca"). Barra minn hekk, impriżi li, bħal Lundbeck, ma jkunux f'pożizzjoni dominanti, ma għandhom l-ebda responsabbiltà partikolari. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tuża mill-ġdid, fil-kuntest ta' investigazzjoni taħt l-Artikolu 101(1) TFUE, kriterji żviluppati f'kawża dwar abbuż minn pożizzjoni dominanti.

781 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

782 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, kif fakkret il-Kummissjoni fil-premessa 1300 tad-deċiżjoni kkontestata, li, fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Diċembru 2012, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, punt 163 iktar 'il fuq (EU:C:2012:770), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, bi tweġiba għal argument analogu tar-rikorrenti f'dik il-kawża, li, "għalkemm il-Kummissjoni u l-qrati tal-Unjoni kien għad ma kellhomx l-opportunità li jiddeċiedu speċifikament fuq l-aġir bħal dak li kkaratterizza dawn l-abbużi, [AstraZeneca] kien konxju min-natura ferm antikompettiva tal-aġir tiegħu u kellu jistennieh li jkun inkompatibbli mar-regoli ta' kompetizjoni tad-dritt tal-Unjoni". Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jiddeduċu, minn din is-sentenza, li ma huwiex possibbli għal-Kummissjoni li timponi multa fl-assenza ta' preċedenti analogi kkonfermati mill-qrati tal-Unjoni (punti 439 u 776 iktar 'il fuq).

783 Barra minn hekk, bħal fil-kawża li wasslet għas-sentenza AstraZeneca, punt 756 iktar 'il fuq (EU:T:2010:266), l-aġir tar-rikorrenti f'dan il-każ manifestament ma kienx jagħmel parti mill-iżvolġiment normali tal-kompetizzjoni peress li kien intiż li jeskludi kompetituri potenzjali mis-suq permezz ta' pagamenti bil-kontra sostanzjali. Il-fatt li ċerti ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi jistgħu, barra minn hekk, ikunu leġittimi u ma jikkostitwixxux ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat ħielsa, ma jnaqqas xejn mill-fatt li, f'dan il-każ, il-ftehimiet kontenzjużi konklużi mir-rikorrenti kienu antikompetittivi, għar-raġunijiet esposti mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 355 iktar 'il fuq u l-premessi 661 u 662 tad-deċiżjoni kkontestata).

784 Fl-aħħar nett, għalkemm huwa minnu li l-impriżi f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti għandhom responsabbiltà speċjali, taħt l-Artikolu 102 TFUE, li ma jadottawx ċerti tipi ta' aġir unilaterali li jippreġudikaw il-kompetizzjoni, bħal dawk li kienu inkwistjoni fis-sentenza AstraZeneca, punt 756 iktar 'il fuq (EU:T:2010:266), xorta jibqa' l-fatt li l-impriżi kollha, irrispettivament minn jekk ikunux f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti jew le, huma suġġetti wkoll għall-Artikolu 101 TFUE meta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu jkunu ssodisfatti, u jistgħu jkunu s-suġġett ta' multi f'dan ir-rigward. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni applikat din id-dispożizzjoni tal-aħħar u mhux l-Artikolu 102 TFUE.

785 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda, kif ukoll id-disa' motiv fl-intier tiegħu.

VI – *Fuq l-għaxar motiv, ibbażat, b'mod iktar sussidjarju, fuq żbalji manifesti ta' liġi u ta' fatt fil-kalkolu tal-ammont tal-multi*

786 Ir-rikorrenti jqisu li, fir-rigward tal-kalkolu tal-multa, fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni kien imissha, fi kwalunkwe każ, l-ewwel nett, użat rata ta' gravità iżgħar, it-tieni nett, ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ksur allegat kien dam għal ftit żmien, it-tielet nett, astjeniet milli timponi kwalunkwe ammont addizzjonali u, ir-raba' nett, applikat ċirkustanzi attenwanti.

787 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

788 Għandu jitfakkar, preliminarjament, li, fir-rigward tar-rikorrenti, il-Kummissjoni segwiet il-metodoloġija ġenerali deskritta fil-Linji gwida tal-2006, ibbażata fuq il-valur tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, konness direttament jew indirettament mal-ksur imwettaq, fis-settur ġeografiku kkonċernat fi ħdan it-territorju taż-ŻEE (punti 13 u 19 tal-imsemmija linji gwida). Il-proposta adottata kienet ta' 10 % jew ta' 11 %, skont il-portata ġeografika tal-ftehimiet kontenzjużi (ara l-punti 68 sa 75 iktar 'il fuq u l-premessi 1316 sa 1358 tad-deċiżjoni kkontestata).

789 Għandu jitfakkar ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi li għandhom jiġu imposti fil-każ ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tul tal-ksur u l-elementi kollha ta' natura li jaqgħu fl-evalwazzjoni tal-gravità ta' dan il-ksur, bħalma huma l-aġir ta' kull waħda mill-impriżi, ir-rwol li kull waħda minnhom kellha fl-istabbiliment tal-prattiki miftiehma, il-profitt li huma setgħu jisiltu minn dawn il-prattiki, id-daqs tagħhom u l-valur tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll ir-riskju li jirrappreżenta ksur ta' dan it-tip (ara s-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, C-272/09 P, Ġabra, EU:C:2011:810, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

790 Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li elementi oġġettivi bħalma huma l-kontenut u t-tul tal-aġir antikompetittiv, in-numru ta' dan l-aġir u l-intensità tiegħu, il-portata tas-suq affettwat u d-deterjorazzjoni mġarrba mill-ordni pubbliku ekonomiku kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni (ara s-sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, punt 791 iktar 'il fuq, EU:C:2011:810, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

791 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-obbligu ta' motivazzjoni għandu importanza ferm partikolari. Hija l-Kummissjoni li għandha timmotiva d-deċiżjoni tagħha u, b'mod partikolari, li għandha tispjega l-piż mogħti lill-elementi meħuda inkunsiderazzjoni u l-evalwazzjoni magħmula minnha ta' dawn l-elementi. Il-preżenza ta' motivazzjoni għandha tiġi vverifikata *ex officio* mill-qorti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, punt 791 iktar 'il fuq, EU:C:2011:810, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

792 Barra minn hekk, il-qorti tal-Unjoni għandha twettaq l-istħarriġ tal-legalità, li huwa l-kompitu tagħha li twettaq, abbażi tal-provi mressqa mir-rikorrenti insostenn tal-motivi invokati. Fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, il-qorti ma tistax tibbaża ruħha fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, la

fir-rigward tal-għażla tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-linji gwida u lanqas fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi, sabiex tirrinunzja milli teżerċita stħarriġ fil-fond kemm ta' liġi u kemm ta' fatt (sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, punt 791 iktar 'il fuq, EU:C:2011:810, punt 102).

793 L-istħarriġ tal-legalità huwa kkompletat mill-ġurisdizzjoni sħiħa li l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, konformement mal-Artikolu 261 TFUE, jirrikonoxxi lill-qorti tal-Unjoni. Din il-ġurisdizzjoni tawtorizza lill-qorti sabiex, lil hinn minn sempliċi stħarriġ tal-legalità tas-sanzjoni, tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni bl-evalwazzjoni tagħha u, għaldaqstant, tħassar, tnaqqas jew iżżid l-ammont tal-multa jew tal-pagamenti ta' penalità imposti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, punt 791 iktar 'il fuq, EU:C:2011:810, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata).

794 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio* u għandu jitfakkar li l-proċedura quddiem il-qrati tal-Unjoni hija kontradittorja. Ħlief għall-motivi ta' ordni pubbliku li l-qorti hija meħtieġa tqajjem *ex officio*, bħall-assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, huwa r-rikorrent li għandu jqajjem il-motivi kontra din tal-aħħar u li jressaq provi insostenn ta' dawn il-motivi (sentenza KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, punt 791 iktar 'il fuq, EU:C:2011:810, punt 104).

795 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti.

A – *Fuq l-ewwel parti*

796 Ir-rikorrenti jsostnu li r-rati tal-gravità, iffissati għal 11 % tal-valur tal-bejgħ fir-rigward tal-ftehimiet konklużi ma' Merck (GUK), Alpharma u Ranbaxy, u għal 10 % fir-rigward tal-ftehimiet konklużi ma' Arrow, huma għoljin wisq. Fil-fatt, fl-ewwel lok, id-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni l-portata limitata tal-limitazzjonijiet previsti fil-ftehimiet kontenzjużi, li jaqgħu, minn tal-inqas parzjalment, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck. Is-sehem tas-suq ta' Lundbeck kien ta' inqas minn 19 % fil-maġġoranza tal-pajjiżi taż-ŻEE u l-portata ġeografika tal-ftehimiet kellha tkun limitata għall-pajjiżi taż-ŻEE li fir-rigward tagħhom l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom perspettivi realistiċi li jidħlu fis-suq.

797 Fit-tieni lok, id-deċiżjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ftehimiet kontenzjużi ma kinux sigrieti u li kienu jinkludu klawżoli klassiċi għal dan it-tip ta' ftehimiet, punt dan li jiġġustifika rata ta' gravità iżgħar, konformement mal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni. Fit-tielet lok, il-ftehimiet kontenzjużi ma humiex ta' natura kollużiva, kif barra minn hekk tirrikonoxxi d-deċiżjoni kkontestata. Issa, fil-passat, il-Kummissjoni jew ma imponiet l-ebda multa, jew imponiet multa ħafna iżgħar, jew iffissat ir-rata tal-gravità fl-iktar livell baxx għal dan it-tip ta' ftehimiet restrittivi mhux kollużivi. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata sa fejn tikkonstata li l-ftehimiet kontenzjużi jikkostitwixxu ksur gravi għall-Artikolu 101 TFUE. Għall-kuntrarju, il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li r-rata tal-gravità f'dan il-każ tiġi ffissata fl-iktar livell baxx tal-iskala.

798 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

799 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-punt 21 tal-Linji gwida tal-2006, il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni ser jiġi ffissat f'livell li jista' jilħaq it-30 %. Il-punt 22 tal-imsemmija linji gwida jispeċifika li, sabiex tiddetermina jekk il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'każ partikolari għandux ikun fil-parti l-baxxa jew fil-parti għolja ta' din l-iskala, il-Kummissjoni ser tieħu inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' fatturi, bħalma huma n-natura tal-ksur, is-sehem tas-suq akkumulat tal-partijiet ikkonċernati kollha, il-portata ġeografika tal-ksur u jekk il-ksur ġiex implementat jew le.

800 L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ġustament ikklassifikat il-ksur inkwistjoni f'dan il-każ bħala "gravi", sa fejn huma involuti restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan, li n-natura dannuża tagħhom għall-kompetizzjoni hija suffiċjentement stabbilita, li jikkonsistu fil-ħlas tal-kompetituri sabiex dawn iżommu 'l bogħod mis-suq matul perijodu stabbilit (premessa 1331 tad-deċiżjoni kkontestata).

801 Il-fatt li ċerti restrizzjonijiet previsti fil-ftehimiet kontenzjużi setgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck (kif definit fil-punti 336 u 570 iktar 'il fuq) ma huwiex ta' natura li jdaħħal inkwistjoni din il-konklużjoni, peress li dan kien biss element wieħed minn fost oħrajn meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan f'dan il-każ (punt 355 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, ftit huwa rilevanti l-fatt li dawn kienu eventwalment jinkludu wkoll restrizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-privattivi peress li, kif ikkonkludiet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, dak li huwa determinanti huwa li, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, kien hemm inċertezza dwar il-kwistjoni ta' jekk il-prodotti li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom l-intenzjoni jikkummerċjalizzaw kinux jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' xi waħda mill-privattivi ta' Lundbeck jew le, li l-validità ta' dawn il-privattivi setgħet ukoll tiġi kkontestata quddiem qorti, u li permezz ta' pagament bil-kontra sostanzjali r-rikorrenti kisbu ċ-ċertezza li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux ser jidħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi (punti 364 u 430 iktar 'il fuq). Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni qieset ġustament li l-ftehimiet kontenzjużi kienu jipprevedu, fil-parti l-kbira tal-każijiet, restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck (ara s-sitt motiv iktar 'il fuq).

802 It-tieni nett, il-Kummissjoni qieset, mingħajr ma wettqet żball, li Lundbeck kellha sehem tas-suq ferm sostanzjali fir-rigward tal-prodott ikkonċernat mill-ksur inkwistjoni fis-swieq ġeografiċi affettwati mill-ftehimiet kontenzjużi. B'hekk, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta minn tal-inqas b'mod impliċitu li Lundbeck kienet tgawdi minn monopolju fir-rigward tas-citalopram fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, peress li l-privattivi oriġinali tagħha dwar l-IFA citalopram kienu għadhom kemm skadew u peress li ebda impriża oħra li tikkummerċjalizza prodotti mediċinali ġeneriċi ma kienet għadha daħlet fis-suq. Barra minn hekk, jekk jitqies li s-suq rilevanti kien usa' u li kien jinkludi l-prodotti mediċinali ta' kontra d-depressjoni kollha, il-Kummissjoni osservat, fil-premessa 215 tad-deċiżjoni kkontestata, li Lundbeck kellha sehem tas-suq sostanzjali f'dan is-suq fil-parti l-kbira tal-pajjiżi taż-ŻEE.

803 It-tielet nett, il-Kummissjoni qieset, ġustament, li l-ksur inkwistjoni kellu portata ġeografika wiesgħa peress li, bl-eċċezzjoni tal-ksur ma' Arrow, il-ksur kollu kien ikopri ż-ŻEE kollha.

804 Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma kinitx meħtieġa tnaqqas l-ammont bażiku tal-multa sabiex tieħu inkunsiderazzjoni biss il-valur tal-bejgħ fil-pajjiżi fejn l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu avvanzaw iktar fil-preparazzjonijiet tagħhom sabiex jidħlu fis-suq. Fil-fatt, peress li huwa involut ksur minħabba l-għan, sa fejn il-ksur imwettaq mill-ftehimiet kontenzjużi (bl-eċċezzjoni tal-ftehimiet konklużi ma' Arrow) kellhom portata ġeografika li tkopri ż-ŻEE kollha, il-Kummissjoni setgħet tibbaża ruħha fuq din il-portata ġeografika, mingħajr ma twettaq eżami fil-fond tal-perspettivi konkreti ta' dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi f'kull Stat taż-ŻEE. Fil-fatt, kienu l-partijiet fil-ftehimiet kontenzjużi li ddefinixxew il-portata ġeografika ta' dawn il-ftehimiet u għalhekk tal-ksur inkwistjoni f'dan il-każ meta ddeċidew li dawn il-ftehimiet kontenzjużi kellhom ikopru ż-ŻEE kollha (bl-eċċezzjoni tal-ksur ma' Arrow).

805 Ir-raba' nett, il-Kummissjoni lanqas ma wettqet żball meta ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ftehimiet kontenzjużi kollha kienu ġew implementati, punt dan li ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, peress li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma kinux daħlu fis-suq matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi, bl-eċċezzjoni ta' Merck (GUK) qabel it-tieni estensjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit (punti 28, 131 u 400 iktar 'il fuq).

806 Għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, għandu jiġi kkonstatat li, meta ffissat il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ffissat l-ammont bażiku tal-multa imposta fuq Lundbeck bħala 11 % u 10 % rispettivament, skont jekk il-portata ġeografika tal-ftehimiet koperti mill-ksur kinitx iż-ŻEE kollha jew le, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball ta' liġi. Barra minn hekk, fid-dawl tal-elementi preċedenti, tali rati ta' gravità, li jinsabu pjuttost fil-parti l-baxxa tal-iskala prevista fil-punt 21 tal-Linji gwida tal-2006, ma jistgħux jitqiesu li huma sproporzjonati.

807 Ir-rikorrenti lanqas ma għandhom raġun meta jsostnu li l-assenza ta' natura sigrieta tal-ftehimiet kienet tiġġustifika li l-Kummissjoni tiffissa rata ta' gravità iżgħar sabiex tiddetermina l-ammont tal-multa li kienet imposta fuqhom.

808 Fil-fatt, il-punt 23 tal-Linji gwida tal-2006 jipprevedi li "il-ftehimiet orizzontali ta' ffissar ta' prezzijiet, ta' tqassim tas-suq u ta' limitazzjoni tal-produzzjoni, li ġeneralment ikunu sigrieti, huma, minħabba n-natura tagħhom stess, fost l-iktar restrizzjonijiet gravi tal-kompetizzjoni", li "[f]il-kuntest tal-politika tal-kompetizzjoni, dawn għandhom jiġu ssanzjonati b'mod sever" u li, "[g]ħaldaqstant, il-proporzjon tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni fir-rigward ta' tali ksur ser ikun ġeneralment fil-parti għolja tal-iskala".

809 Issa, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, minkejja li l-ftehimiet kontenzjużi ma kellhom l-ebda natura sigrieta, meta ffissat il-proporzjon tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni bħala 10 % u 11 % rispettivament f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma marritx fil-parti għolja tal-iskala prevista fil-punt 21 tal-Linji gwida tal-2006, li hija ffissata bħala 30 % tal-valur tal-bejgħ.

810 Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni setgħet, f'ċerti każijiet, tqis li ma kienx meħtieġ li timponi multa jew li tieħu inkunsiderazzjoni proporzjon tal-valur tal-bejgħ fil-parti l-iktar baxxa tal-iskala tal-gravità, għal diversi raġuni, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni, fiha nnifisha, ma sservix ta' qafas legali għall-impożizzjoni ta' multi fil-qasam tal-kompetizzjoni, peress li dan il-qafas legali huwa ddefinit esklużivament fir-Regolament Nru 1/2003 u fil-Linji gwida. B'hekk, deċiżjonijiet dwar każijiet oħra għandhom biss natura indikattiva fir-rigward tal-eventwali eżistenza ta' diskriminazzjoni, peress li ftit huwa verosimili li ċ-ċirkustanzi speċifiċi għal dawn il-każijiet, bħalma huma s-swieq, il-prodotti, l-impriżi u l-perijodi kkonċernati, ikunu identiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punti 260 sa 262 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, f'dan il-każ, iċ-ċirkustanzi tal-każijiet dwar id-deċiżjonijiet preċedenti invokati mir-rikorrenti, bħalma huma s-swieq, il-prodotti, il-pajjiżi, l-impriżi u l-perijodi kkonċernati, ma humiex paragunabbli ma' dawk tal-każ ineżami, b'tali mod li l-imsemmija deċiżjonijiet ma humiex rilevanti fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq.

811 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jinvokaw ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità f'dan il-każ. Fil-fatt, f'dan il-kuntest dan il-prinċipju jimplika biss li l-Kummissjoni għandha tiffissa l-multa b'mod proporzjonali għall-elementi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u li l-Kummissjoni għandha f'dan ir-rigward tapplika dawn l-elementi b'mod koerenti u oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, Ġabra, EU:T:2006:270, punt 228 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, mill-premessi 1330 sa 1333 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni applikat il-prinċipji ffissati fil-punt 22 tal-Linji gwida tal-2006 b'mod koerenti u oġġettivament iġġustifikat f'dan il-każ.

812 Għaldaqstant, l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

B – *Fuq it-tieni parti*

813 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata meta tirrifjuta, fil-premessa 1335, li tieħu inkunsiderazzjoni tul iqsar għall-ksur allegat. Dan it-tul kellu jkun limitat għall-perijodu li matulu l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu effettivament lesti sabiex jidħlu fis-suq, li kien jeħtieġ li dawn ikollhom minn tal-inqas ATS waħda fil-pajjiżi rilevanti. Issa, fl-Awstrija, pereżempju, kien biss f'April 2003 li skadiet il-privattiva dwar l-IFA, b'tali mod li l-ksur imwettaq ma' GUK, ma' Alpharma u ma' Ranbaxy ma setax jillimita l-kompetizzjoni fl-Awstrija qabel dik id-data. Dan l-approċċ huwa analogu għall-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni C (2009) 5355 final, tat-8 ta' Lulju 2009, dwar proċedura skont l-Artikolu [101 TFUE] (Każ COMP/39.401 – E.ON/GDF) (sunt fil-ĠU C 248, p. 5, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni E.ON/GDF"), li fiha, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, ittieħed inkunsiderazzjoni biss il-perijodu ta' wara l-1998.

814 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

815 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li tali argument iwassal sabiex jiġu nnegati d-distinzjoni li teżisti bejn il-kompetizzjoni reali u l-kompetizzjoni potenzjali, u l-fatt li l-Artikolu 101 TFUE jipproteġi wkoll il-kompetizzjoni potenzjali (punt 99 iktar 'il fuq). Issa, il-Kummissjoni stabbilixxiet suffiċjentement, fir-rigward tal-impriżi kollha ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kkonċernati, li dawn kellhom possibbiltajiet reali u konkreti li jidħlu fis-suq u li għalhekk kienu kompetituri potenzjali ta' Lundbeck fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (ara l-ewwel motiv iktar 'il fuq).

816 Il-kawża li tat lok għas-sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq (EU:T:2012:332), bl-ebda mod ma tgħin il-pożizzjoni tar-rikorrenti peress li f'dik il-kawża, kif jirrikonoxxu r-rikorrenti, kienet impossibbli kwalunkwe kompetizzjoni, anki fl-assenza tal-ftehim antikompetittiv matul parti mill-perijodu tal-ksur, peress li s-suq kienet legalment esklużż minn kull kompetizzjoni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli matul l-istess perijodu, li kien joħloq sitwazzjoni ta' monopolju *de facto*. Kien barra minn hekk minħabba f'hekk li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ġiet parzjalment annullata mill-Qorti Ġenerali f'dik il-kawża, sa fejn l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-gass Ġermaniż ma kinitx ġiet stabbilita suffiċjentement matul dan il-perijodu (sentenza E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, punt 98 iktar 'il fuq, EU:T:2012:332, punti 105 u 155). F'dan il-każ, għall-kuntrarju, il-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod suffiċjenti fid-dritt, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-kompetizzjoni kienet limitata minħabba l-ftehimiet kontenzjużi, matul it-tul kollu tagħhom. Ir-rikorrenti ma stabbilixxewx li, fl-assenza tal-ftehimiet kontenzjużi, il-kompetizzjoni – anki potenzjali – bejnhom u l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienet tkun impossibbli jew ineżistenti u lanqas ma stabbilixxew li dawn il-ftehimiet bl-ebda mod ma llimitaw il-kompetizzjoni.

817 Għaldaqstant, it-tieni parti għandha tiġi miċħuda.

C – *Fuq it-tielet parti*

818 Ir-rikorrenti jqisu li ebda ammont addizzjonali ma kien imissu ġie impost fuqhom, u lanqas fir-rigward tal-ftehimiet konklużi ma' Arrow (ara l-punt 73 iktar 'il fuq), peress li l-ksur allegat ma jikkorrispondi għall-ebda wieħed mill-eżempji li fir-rigward tagħhom il-Linji gwida tal-2006 jirrakkomandaw l-applikazzjoni ta' ammont addizzjonali (dawn l-eżempji huma l-"ftehimiet orizzontali ta' ffissar ta' prezzijiet, ta' tqassim tas-suq u ta' limitazzjoni tal-produzzjoni") u sa fejn ebda effett dissważiv imsaħħaħ ma huwa meħtieġ fir-rigward ta' ksur li l-bidu tiegħu jmur lura għal iktar minn għaxar snin u li ma kienx is-suġġett ta' reċidiva.

819 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

820 Għandu jitfakkar, qabel kollox, li l-punt 25 tal-Linji gwida tal-2006, li jipprevedi l-inklużjoni ta' dritt ta' dħul fl-ammont bażiku tal-multa, jipprovdi dan li ġej:

"[I]ndipendentement mit-tul tal-parteċipazzjoni ta' impriża fil-ksur, il-Kummissjoni ser tinkludi fl-ammont bażiku somma ta' bejn 15 % u 25 % tal-valur tal-bejgħ [...], sabiex tiddisswadi lill-impriżi preċiżament milli jipparteċipaw fi ftehimiet orizzontali dwar l-iffissar tal-prezzijiet, it-tqassim tas-suq u l-limitazzjoni tal-produzzjoni. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapplika tali ammont addizzjonali fil-każ ta' ksur ieħor. Sabiex tiddeċiedi il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'każ partikolari, il-Kummissjoni ser tieħu inkunsiderazzjoni numru ta' fatturi, b'mod partikolari dawk identifikati fil-punt 22 [jiġifieri, in-natura tal-ksur, is-sehem tas-suq akkumulat tal-partijiet ikkonċernati kollha, il-portata ġeografika tal-ksur, u jekk il-ksur kienx implementat jew le]."

821 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma setgħetx tinkludi tali dritt ta' dħul fl-ammont tal-multa li kienet imposta fuqhom, għal finijiet ta' dissważjoni, peress li l-ksur allegat ma kien jikkorrispondi għall-ebda wieħed mill-eżempji li fir-rigward tagħhom il-Linji gwida tal-2006 jirrakkomandaw l-applikazzjoni ta' ammont addizzjonali, u sa fejn il-ksur, li jmur lura għal iktar minn għaxar snin, ma kien is-suġġett ta' ebda reċidiva.

822 Madankollu, għandu jitfakkar li l-funzjoni ta' sorveljanza mogħtija lill-Kummissjoni mid-dritt tal-Unjoni, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, tinkludi l-kompitu li tinvestiga u li tissanzjona l-ksur individwali kif ukoll id-dmir li ssegwi politika ġenerali intiża li tapplika fil-qasam tal-kompetizzjoni l-prinċipji stabbiliti fit-Trattat u li tiggwida f'dan is-sens l-aġir tal-impriżi. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-multi ikollhom natura dissważiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, Pilkington Group *et* vs Il-Kummissjoni, T-27/09, EU:T:2014:1094, punt 302 u l-ġurisprudenza ċċitata).

823 Għalhekk, l-effett dissważiv tal-ammont tal-multa ma huwiex intiż biss li jwaqqaf lill-impriża inkwistjoni milli tkun reċidiva. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiddeċiedi dwar il-livell tal-multi bl-intenzjoni li ssaħħaħ l-effett dissważiv tagħhom b'mod ġenerali, b'mod partikolari meta ksur ta' tip partikolari jkun għadu relattivament frekwenti jew meta jkun ta' natura li jkollu jitqies li huwa ksur gravi (ara s-sentenza Pilkington Group *et* vs Il-Kummissjoni, punt 824 iktar 'il fuq, EU:T:2014:1094, punt 303 u l-ġurisprudenza ċċitata).

824 Barra minn hekk, kif issostni l-Kummissjoni, f'dan il-każ, il-ftehimiet kontenzjużi jikkostitwixxu b'mod ċar ftehimiet ta' tqassim tas-suq jew ta' limitazzjoni tal-produzzjoni, li huma previsti b'mod espliċitu fil-punt 25 tal-Linji gwida tal-2006 (punt 822 iktar 'il fuq). Fi kwalunkwe każ, l-istess punt tal-imsemmija linji gwida jawtorizza lill-Kummissjoni, konformement mal-ġurisprudenza, tapplika tali ammont addizzjonali sabiex tiżgura n-natura dissważiva tal-multa fir-rigward ta' tipi oħra ta' ksur.

825 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ma marritx lil hinn mill-marġni ta' diskrezzjoni tagħha fil-qasam tal-multi u lanqas ma kisret il-Linji gwida tal-2006 tagħha meta applikat ammont addizzjonali ta' 10 % tal-valur tal-bejgħ annwali għall-ewwel ksur imwettaq ma' Arrow, sabiex tiżgura li l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti jkollu natura suffiċjentement dissważiva (premessa 1340 tad-deċiżjoni kkontestata).

826 Għaldaqstant, it-tielet parti għandha tiġi miċħuda wkoll.

D – *Fuq ir-raba' parti*

827 Ir-rikorrenti jqisu, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni żbaljat meta rrifjutat li tagħti lil Lundbeck il-benefiċċju taċ-ċirkustanza attenwanti li tirriżulta mill-eżistenza ta' dubju raġonevoli għall-impriża dwar in-natura li jikkostitwixxi ksur tal-aġir restrittiv. L-argument tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens li ċ-ċirkustanza attenwanti marbuta mad-dubju raġonevoli dwar l-eżistenza tal-ksur ma kinitx għadha

inkluża fil-Linji gwida tal-2006 (premessa 1343 tad-deċiżjoni kkontestata) ma jikkostitwixxix raġuni valida sabiex ma tiġix applikata peress li kemm dawn il-linji gwida u kemm il-Qorti Ġenerali jirrikonoxxu li l-lista taċ-ċirkustanzi attenwanti ma hijiex eżawrjenti. Barra minn hekk, mill-komunikazzjonijiet tal-KFST mal-Kummissjoni jirriżulta b'mod ċar li f'għajnejn din tal-aħħar il-kriterju legali applikabbli għall-ftehimiet kontenzjużi ma kienx ċar f'dak iż-żmien, b'tali mod li lanqas ma seta' jkun ċar għal Lundbeck.

828 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jallegaw li kienu ġew imċaħħda inġustament mill-benefiċċju taċ-ċirkustanza attenwanti marbuta mal-fatt li l-ksur allegat twettaq minħabba negliġenza, meta huma kienu kkonkludew il-ftehimiet kontenzjużi *in bona fide*, bl-intenzjoni li jipprekludu l-vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom mill-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi, billi llimitaw il-portata ta' dawn il-ftehimiet għall-prodotti biss li kienu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' dawn il-privattivi, u billi bl-ebda mod ma pprovaw iżommuhom sigrieti, kif kienu jagħmlu li kieku kellhom l-intenzjoni li jiksru d-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

829 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

830 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat, kif jagħmlu r-rikorrenti, li l-fatt li l-eżistenza ta' dubju raġonevoli fir-rigward tal-eżistenza ta' ksur ma għadhiex inkluża espliċitament fost iċ-ċirkustanzi attenwanti msemmija espliċitament fil-Linji gwida tal-2006 ma huwiex suffiċjenti sabiex il-Kummissjoni twarrab awtomatikament l-applikazzjoni tagħha bħala ċirkustanza attenwanti. Fil-fatt, f'dan ir-rigward il-ġurisprudenza speċifikat li, fl-assenza ta' indikazzjoni ta' natura imperattiva fil-Linji gwida fir-rigward taċ-ċirkustanzi attenwanti li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, il-Kummissjoni żammet ċertu marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni, b'mod globali, tal-importanza ta' eventwali tnaqqis tal-ammont tal-multi minħabba ċirkustanzi attenwanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2004, Dalmine vs Il-Kummissjoni, punt 381 iktar 'il fuq, EU:T:2004:220, punt 326 u l-ġurisprudenza ċċitata).

831 Madankollu, il-fatt li deċiżjoni tal-Kummissjoni tirrappreżenta l-ewwel każ ta' applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni f'settur partikolari tal-ekonomija ma jistax jiġi kklassifikat bħala ċirkustanza attenwanti jekk l-awtur tal-ksur kien jaf jew ma setax ma jkunx jaf li l-aġir tiegħu seta' jimplika restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq u seta' jikkawża problemi fid-dawl tad-dritt tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2011, World Wide Tobacco España vs Il-Kummissjoni, T-37/05, EU:T:2011:76, punt 160).

832 Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma setgħux ma jkunux jafu li l-ftehimiet kontenzjużi setgħu jiksru l-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, dawn il-ftehimiet kienu intiżi li jeskludu lill-kompetituri potenzjali mis-suq matul it-tul tagħhom, bi ħlas, li huwa ksur gravi msemmi espliċitament fl-Artikolu 101(1) TFUE.

833 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Lundbeck kienet taf bin-natura potenzjalment illegali tal-imsemmija ftehimiet (ara l-punt 778 iktar 'il fuq).

834 Barra minn hekk, fir-rigward tal-komunikazzjonijiet tal-KFST, invokati mir-rikorrenti, għandu jitfakkar li impriża li tkun kisret l-Artikolu 101 TFUE ma tistax tevita li tkun is-suġġett ta' multa meta l-imsemmi ksur ikun ikkawżat minn żball min-naħa ta' din l-impriża fir-rigward tal-legalità tal-aġir tagħha minħabba l-kontenut ta' opinjoni legali ta' avukat jew minħabba l-kontenut ta' deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni (sentenza Schenker & Co. *et*, punt 749 iktar 'il fuq, EU:C:2013:404, punt 43). Barra minn hekk, f'dan il-każ, dawn il-komunikazzjonijiet mhux tali ma jixħtux dubju fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 TFUE għall-ftehimiet kontenzjużi, iżda jippreċiżaw li l-ftehimiet kontenzjużi setgħu jinfluwenzaw il-kompetizzjoni jekk jirriżulta li Lundbeck kienet ħallset lill-kompetituri sabiex iżommu 'l bogħod mis-suq.

835 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li seta' kien hemm dubju raġonevoli, fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi, dwar ir-relazzjoni bejn l-elementi li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-istabbiliment tal-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan f'dan il-każ, f'kuntest fejn ir-rikorrenti kellhom privattivi ta' proċess li setgħu joġġezzjonaw għad-dħul tal-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, xorta jibqa' l-fatt li ma seta' jkun hemm l-ebda dubju, f'dak il-mument, dwar il-fatt li ftehimiet li, bħal f'dan il-każ, kellhom l-għan li jħallsu lill-kompetituri potenzjali sabiex iżommu 'l bogħod mis-suq matul perijodu determinat ma setgħux ikunu konformi mal-Artikolu 101(1) TFUE, sa fejn bl-ebda mod ma kienu jippermettu li jiġi ffaċilitat id-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq, lanqas wara l-iskadenza tagħhom, u sa fejn ma kinux verament jippermettu li tinstab soluzzjoni għat-tilwima bażika fil-qasam tal-privattivi bejn il-partijiet (punti 476 u 498 iktar 'il fuq).

836 Barra minn hekk, kif ġie stabbilit fil-kuntest tas-sitt motiv iktar 'il fuq, il-ftehimiet kontenzjużi, bl-eċċezzjoni tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, kienu jinkludu restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, b'tali mod li, anki li kieku l-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi, propost mir-rikorrenti, kien il-kriterju legali rilevanti sabiex tiġi evalwata l-legalità ta' dawn il-ftehimiet fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE, il-ftehimiet kontenzjużi ma kinux ikunu konformi ma' dan il-kriterju u kienu għalhekk jikkostitwixxu wkoll restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fir-rigward tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, għandu jiġi osservat li dan jagħmel parti, flimkien mal-ftehim GUK għaż-ŻEE, mill-istess ksur uniku u kontinwu mwettaq minn Lundbeck u minn Merck (GUK). Issa, kif ġie osservat iktar 'il fuq, il-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod suffiċjenti li l-ftehim GUK għaż-ŻEE kien jinkludi restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck.

837 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-ksur inkwistjoni f'dan il-każ twettaq b'negliġenza, punt dan li jikkostitwixxi wkoll ċirkustanza attenwanti li tiġġustifika tnaqqis tal-ammont tal-multa.

838 Il-punt 29 tal-Linji gwida tal-2006 jispeċifika li l-ammont bażiku tal-multa jista' jitnaqqas meta l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti, b'mod partikolari, pereżempju, meta l-impriża kkonċernata tipprova li l-ksur twettaq b'negliġenza.

839 F'dan il-każ, madankollu, għandu jitfakkar li l-ftehimiet kontenzjużi ġew konklużi mir-rikorrenti intenzjonalment, u li dawn kienu jagħmlu parti minn strateġija maħsuba intiża li tevita d-dħul potenzjalment immedjat ta' prodotti mediċinali ġeneriċi fis-suq (punti 126 u 529 iktar 'il fuq).

840 Fil-fatt, l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat għal darba oħra fuq il-premessa li l-ftehimiet kontenzjużi kienu biss ipprekludew l-aċċess għas-suq tal-prodotti mediċinali ġeneriċi li kienu potenzjalment jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-privattivi tagħhom. Issa, kif intwera fil-kuntest tas-sitt motiv iktar 'il fuq, dan ma huwiex il-każ. Fi kwalunkwe każ, kien hemm inċertezza dwar il-kwistjoni ta' jekk il-privattivi ta' Lundbeck kinux validi jew jekk kinux is-suġġett ta' vjolazzjoni mill-prodotti li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kellhom l-intenzjoni li jikkummerċjalizzaw fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi (ara t-tieni motiv iktar 'il fuq), inċertezza li ġiet eliminata permezz ta' dawn il-ftehimiet. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-ksur twettaq b'negliġenza f'dan il-każ u li l-Kummissjoni kien imissha tathom il-benefiċċju ta' din iċ-ċirkustanza attenwanti.

841 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li l-ksur twettaq b'negliġenza f'dan il-każ, il-Kummissjoni xorta waħda ma kinitx obbligata tagħti tnaqqis tal-ammont tal-multa lir-rikorrenti. Fil-fatt, kif tikkonferma l-formulazzjoni tal-punt 29 tal-Linji gwida tal-2006, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Għaldaqstant, għalkemm iċ-ċirkustanzi elenkati fil-Linji gwida huma ċertament fost dawk li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni f'każ partikolari, din tal-aħħar ma hijiex obbligata, fil-każ li impriża tressaq elementi ta' natura li jindikaw il-preżenza ta' waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi, tagħti tnaqqis addizzjonali minħabba dan b'mod awtomatiku, mingħajr ma twettaq analiżi globali. Fil-fatt, in-natura adegwata ta'

eventwali tnaqqis tal-ammont tal-multa minħabba ċirkustanzi attenwanti għandha tiġi evalwata minn perspettiva globali billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Caffaro vs Il-Kummissjoni, C-447/11 P, EU:C:2013:797, punt 103).

842 Issa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ u tal-fatt, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni t-tul tal-proċedura sabiex tagħti tnaqqis ta' 10 % tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali tqis, bl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha taħt l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, konformement mal-Artikolu 261 TFUE (punt 795 iktar 'il fuq), li ma hemmx lok li jingħata l-benefiċċju ta' ċirkustanzi attenwanti f'dan il-każ, u li l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi kkonfermat.

843 Fir-rigward, b'mod partikolari tal-ftehim GUK għar-Renju Unit, għandu jiġi enfasizzat li, minkejja li fil-kuntest tas-sitt motiv ġie osservat li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet suffiċjentement, fid-deċiżjoni kkontestata, li dan il-ftehim kien jinkludi restrizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-privattivi ta' Lundbeck, tali lment tqies li huwa ineffettiv, għar-raġunijiet esposti fil-punti 540 u 571 sa 578 iktar 'il fuq. Għaldaqstant, ma hemmx lok li l-Qorti Ġenerali tagħti tnaqqis tal-ammont tal-multa lir-rikorrenti fuq il-bażi ta' dan il-punt.

844 Għaldaqstant, ir-raba' parti għandha tiġi miċħuda kif ukoll l-għaxar motiv fl-intier tiegħu.

845 Peress li ebda wieħed mill-motivi invokati mir-rikorrenti insostenn tat-talba tagħhom għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma huwa fondat jew effettiv u peress li l-eżami tal-argumenti mressqa insostenn tat-talba tagħhom għall-bidla fl-ammont tal-multa ma żvelax elementi inadegwati fil-kalkolu tal-ammont tagħha mwettaq mill-Kummissjoni, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

846 Skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

847 Konformement mal-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura u mat-talbiet tal-Kummissjoni f'dan is-sens, għandu jiġi deċiż li l-intervenjenti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) H. Lundbeck A/S u Lundbeck Ltd għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

3) Il-European Federation of Pharmaceutical Industries and Associations (EFPIA) għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Berardis Czúcz Popescu

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Settembru 2016.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 2

I – Kumpanniji inkwistjoni fil-kawża ineżami 2

II – Il-prodott ikkonċernat u l-privattivi li jikkonċernawh 3

III – Il-ftehimiet kontenzjużi 4

A – Il-ftehimiet ma' Merck (GUK) 4

B – Il-ftehimiet ma' Arrow 6

C – Il-ftehim ma' Alpharma 8

D – Il-ftehim ma' Ranbaxy 10

IV – Passi meħuda mill-Kummissjoni fis-settur farmaċewtiku u l-proċedura amministrattiva 11

V – Id-deċiżjoni kkontestata 12

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet 15

Id-dritt 16

I – Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żbalji ta' liġi u ta' evalwazzjoni mwettqa sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tqis li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi u Lundbeck kienu minn tal-inqas kompetituri potenzjali fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi 16

A – Analiżi dwar il-kompetizzjoni potenzjali fid-deċiżjoni kkontestata 16

B – Il-prinċipji u l-ġurisprudenza applikabbli 18

1. Fuq il-kunċett ta' kompetizzjoni potenzjali 18

2. Fuq l-oneru tal-prova 19

3. Fuq il-portata tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali 21

C – Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-argument li l-introduzzjoni ta' prodotti mediċinali li jikkostitwixxu vjolazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' terzi ma tikkostitwixxix l-espressjoni ta' kompetizzjoni potenzjali taħt l-Artikolu 101 TFUE .. 21

D – Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-argument li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq evalwazzjonijiet suġġettivi sabiex ikkonkludiet li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi kienu kompetituri reali jew potenzjali ta' Lundbeck 24

E – Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq l-argument li l-kontestazzjoni ta' privattiva valida ma tikkostitwixxix possibbiltà reali u konkreta ta' dħul fis-suq 26

F – Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq l-argument li l-assenza ta' ATS tipprekludi l-eżistenza ta' kompetizzjoni reali jew potenzjali 30

G – Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq l-argument li l-impriżi ta' prodotti mediċinali ġeneriċi ma setgħux jużaw proċessi oħra u/jew produtturi ta' IFA oħra matul it-tul tal-ftehimiet kontenzjużi 32

H – Fuq is-sitt parti, ibbażata fuq l-argument li ma kienx hemm kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Merck (GUK) fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi 36

1. Is-sitwazzjoni fir-Renju Unit 37

2. Is-sitwazzjoni fiż-ŻEE 40

I – Fuq is-seba' parti, ibbażata fuq l-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Arrow fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi 41

1. Fuq is-sitwazzjoni fir-Renju Unit 42

2. Fuq is-sitwazzjoni fid-Danimarka 45

J – Fuq it-tmien parti, ibbażata fuq l-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Alpharma fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi 45

K – Fuq id-disa' parti, ibbażata fuq l-assenza ta' kompetizzjoni potenzjali bejn Lundbeck u Ranbaxy fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehimiet kontenzjużi 48

II – Fuq it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt motivi, ibbażati, essenzjalment fuq ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE 53

A – Analiżi dwar l-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fid-deċiżjoni kkontestata 53

B – Il-prinċipji u l-ġurisprudenza applikabbli 54

C – Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt u fuq nuqqas ta' motivazzjoni mwettqa fl-evalwazzjoni tar-rwol tat-trasferimenti ta' valur fil-ftehimiet kontenzjużi 55

1. Fuq l-ewwel parti 56

2. Fuq it-tieni parti 64

3. Fuq it-tielet parti 66

D – Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi fl-applikazzjoni tal-prinċipji dwar l-għan restrittiv tal-kompetizzjoni 68

1. Fuq l-ewwel parti 68

2. Fuq it-tieni parti 72

3. Fuq it-tielet parti 72

4. Fuq ir-raba' parti 75

E – Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq nuqqas ta' motivazzjoni mwettqa fil-kuntest taċ-ċaħda tal-kriterju tal-kamp ta' applikazzjoni tal-privattiva bħala standard essenzjali għall-evalwazzjoni tal-ftehimiet bonarji fil-qasam tal-privattivi fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE 77

1. Fuq l-ewwel parti 77

2. Fuq it-tieni parti 81

F – Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti, fuq ksur tal-obbligu ta' diliġenza u fuq nuqqas ta' motivazzjoni mwettqa sa fejn l-azzjonijiet ta' Lundbeck ġew ikklassifikati bħala strateġija globali ostili għad-dħul tal-prodotti mediċinali ġeneriċi u bħala rilevanti sabiex il-ftehimiet kontenzjużi jiġu evalwati fid-dawl tal-Artikolu 101(1) TFUE 83

G – Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti mwettaq sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi li l-ftehimiet kontenzjużi kien fihom restrizzjonijiet li jmorru lil hinn minn dawk inerenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-privattivi ta' Lundbeck 86

1. Il-ftehim GUK għar-Renju Unit 87

2. Il-ftehim GUK għaż-ŻEE 92

3. Il-ftehim Arrow UK 95

4. Il-ftehim Arrow Daniż 99

5. Il-ftehim Alpharma 101

6. Il-ftehim Ranbaxy 105

III – Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni mwettaq sa fejn il-benefiċċji f'termini ta' effikaċità tal-ftehimiet kontenzjużi ma ġewx evalwati b'mod korrett 107

IV – Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża 110

A – Fuq l-ewwel parti 111

B – Fuq it-tieni parti 114

V – Fuq id-disa' motiv, ibbażat, sussidjarjament, fuq l-argument li l-impożizzjoni ta' multi fuq Lundbeck hija vvizzjata minn żball manifest ta' liġi 116

A – Fuq l-ewwel parti 116

B – Fuq it-tieni parti 119

VI – Fuq l-għaxar motiv, ibbażat, b'mod iktar sussidjarju, fuq żbalji manifesti ta' liġi u ta' fatt fil-kalkolu tal-ammont tal-multi 120

A – Fuq l-ewwel parti 121

B – Fuq it-tieni parti 124

C – Fuq it-tielet parti 124

D – Fuq ir-raba' parti 125

Fuq l-ispejjeż 128